

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 255

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

26 ta' Settembru 2009

Werrej

#### II Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja

##### DEĊIŻJONIJIET

##### tal-Parlament Ewropew

2009/628/KE, Euratom:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 Taqsima I – Parlament Ewropew** 1

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima I – Parlament Ewropew ..... 3

2009/629/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima II – Il-Kunsill** ..... 18

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima II – Il-Kunsill ..... 19

2009/630/KE, Euratom:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III – Kummissjoni** ... 24

Prezz: 34 EUR

(Ikompri fil-paġna ta' wara)

# MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2009/631/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2007 ..... 27

2009/632/KE, Euratom:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 ..... 30

2009/633/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Programm tas-Saħħa Pubblika għas-sena finanzjarja 2007 ..... 33

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III - Kummissjoni u Aġenziji Eżekuttivi ..... 36

2009/634/KE, Euratom:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III – Kummissjoni ..... 71

2009/635/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima IV – Qorti tal-Ġustizzja ..... 74

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima IV – Qorti tal-Ġustizzja ..... 75

2009/636/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima V – Qorti tal-Awdituri ..... 78

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima V – Qorti tal-Awdituri ..... 79

2009/637/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima VI - Kumitat Ekonomiku u Soċjali ..... 81

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima VI - Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ..... 82



2009/644/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007 ..... 116

2009/645/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007 ..... 117

Riżoluzzjoni tal-Parlament ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007..... 118

2009/646/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007 ..... 121

2009/647/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 ..... 122

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007..... 123

2009/648/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 ..... 125

2009/649/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 ..... 126

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 ..... 128

2009/650/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 ..... 131

2009/651/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007 133

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007 ..... 134

2009/652/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007 ..... 136

2009/653/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2007 ..... 137

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi għas-sena finanzjarja 2007 ..... 138

2009/654/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi għas-sena finanzjarja 2007 ... 140

2009/655/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali għas-sena finanzjarja 2007 .... 141

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2007 ..... 142

2009/656/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali għas-sena finanzjarja 2007 ..... 144

2009/657/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 ..... 145

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 ..... 146

2009/658/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 ..... 148

2009/659/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007 ..... 149

Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007 ..... 150

2009/660/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007 ..... 152

2009/661/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerk u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 ..... 153

Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerk u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 ..... 154

2009/662/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerk u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 ..... 156

2009/663/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007 ..... 157

Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007 ..... 158

2009/664/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007 ..... 161

2009/665/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2007 ..... 162

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2007 ..... 163

2009/666/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2007 ..... 166

2009/667/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007 ..... 167

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007 ..... 168

2009/668/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007 ..... 171

2009/669/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007 ..... 172

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà għas-sena finanzjarja 2007 ..... 173

2009/670/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007 ..... 175

2009/671/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007 ..... 176

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007 ..... 177

2009/672/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007 ..... 179

2009/673/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007 ..... 180

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007..... 181

2009/674/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007 ..... 184

2009/675/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007 ..... 185

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni ta' kwittanza rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007..... 186

2009/676/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007 ..... 189

2009/677/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 ..... 190

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jiffurmaw parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007..... 191

2009/678/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 194

2009/679/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 ..... 195

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 ..... 196

2009/680/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 ..... 197

2009/681/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007 ..... 198

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007 ..... 199

2009/682/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007 ..... 201

2009/683/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007 ..... 202

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007 ..... 203

2009/684/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007 ..... 205

- ★ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE ..... 206



## II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

## DEĊIŻJONIJIET

## TAL-PARLAMENT EWROPEW

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena  
finanzjarja 2007 Taqsima I – Parlament Ewropew**

(2009/628/KE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 – Volum I (SEC(2008) 2359 - C6-0416/2008) <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport dwar l-amministrazzjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima I - Parlament Ewropew <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Awditur Intern għall-2007,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10) u 275 tat-Trattat KE kif ukoll l-Artikolu 179a tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(6)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 148, 13.6.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(6)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 147(1) tar-Regolament Finanzjarju skont liema artikolu kull Istituzzjoni Komunitarja għandha tiegħu l-passi kollha xierqa biex twettaq l-osservazzjonijiet li jakkompanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-linji gwida għall-proċedura tal-baġit tal-2007 – Taqsimiet II, IV, V, VI, VII, VIII (A) u VIII (B) u dwar l-abbozz preliminari tal-estimi tal-Parlament Ewropew (Taqsimi I) għall-proċedura tal-baġit tal-2007 <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 71 u 74(3) u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0184/2009),
- A. billi l-verifika tal-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li, fir-rigward tan-nefqa amministrattiva tal-2007, l-Istituzzjonijiet kollha implimentaw b'mod sodisfaċenti s-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju u t-tranżazzjonijiet ittestjati kienu ħielsa minn żbalji materjali <sup>(3)</sup>,
- B. billi, fit-3 ta' Ġunju 2008, is-Segretarju Ġenerali ċċertifika li għandu assigurazzjoni raġjonevoli li l-baġit tal-Parlament Ewropew ġie implimentat b'konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja soda u li l-qafas ta' kontroll li ġie applikat jagħti l-garanziji meħtieġa tal-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet sottostanti;
1. Jagħti l-kwittanza lill-President tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> PE 349.540/Bur/ann/def.

<sup>(2)</sup> ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 311.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, punt 11.6.

## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

### li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima I – Parlament Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 – Volum I (SEC(2008)2359 - C6-0416/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport dwar l-amministrazzjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima I - Parlament Ewropew <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Awditur Intern għall-2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(5)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10) u 275 tat-Trattat KE kif ukoll l-Artikolu 179a tat-Trattat Euratom,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(6)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew <sup>(7)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 147(1) tar-Regolament Finanzjarju skont liema artikolu kull Istituzzjoni Komunitarja għandha tiegħu l-passi kollha xierqa biex twettaq l-osservazzjonijiet li jakkompanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-linji gwida għall-proċedura tal-baġit tal-2007 – Taqsimiet II, IV, V, VI, VII, VIII (A) u VIII (B) u dwar l-abbozz preliminari tal-estimi tal-Parlament Ewropew (Taqsima I) għall-proċedura tal-baġit tal-2007 <sup>(8)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 71 u 74(3) u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0184/2009),
- A. billi l-verifika tal-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li, fir-rigward tan-nefqa amministrattiva tal-2007, l-istituzzjonijiet kollha implimentaw b'mod sodisfaċenti s-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju u t-tranżazzjonijiet ittestjati kienu ħielsa minn żbalji materjali <sup>(9)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 148, 13.6.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(6)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(7)</sup> PE 349.540/Bur/ann/def.

<sup>(8)</sup> ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 311.

<sup>(9)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, punt 11.6.

- B. billi, fit-3 ta' Ġunju 2008, is-Segretarju Ġenerali ċċertifika li għandu assigurazzjoni raġjonevoli li l-baġit tal-Parlament Ewropew ġie implimentat b'konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja soda u li l-qafas ta' kontroll li ġie applikat jagħti l-garanziji meħtieġa tal-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet sottostanti,

### Tibdil importanti fil-ġestjoni tal-Baġit tal-Parlament fil-leġislatura parlamentari 2004-2009

1. Ifakkar li din il-kwittanza hi l-aħħar waħda tal-leġislatura parlamentari 2004-2009, li matulha saru numru sew ta' bidliet fil-ġestjoni baġitarja tal-UE b'mod ġenerali, u fil-ġestjoni tal-Parlament b'mod partikolari;
2. Ifakkar li matul din il-leġislatura parlamentari, ir-Regolament Finanzjarju ġdid kien implimentat b'mod sħiħ u revedut mill-ġdid fl-2008, u dan wassal għal bidliet kbar fil-ġestjoni baġitarja, partikolarment billi għamel aktar stretti r-regoli tal-akkwist u tejjeb l-istruttura tas-sistema ta' kontroll tal-proċeduri finanzjarji, waqt li żied ir-responsabilità tal-uffiċjali li jawtorizzaw u d-decentralizza l-kontroll finanzjarju; jinnota li dawn il-bidliet ħtieġu staff kwalifikat u xogħol amministrattiv addizzjonali, u huma rikonoxxuti mid-Direttorati Ġenerali tal-Parlament li kienu effettivi biex tissaħħaħ l-amministrazzjoni finanzjarja soda;
3. Jinnota, madankollu, li r-Regolament Finanzjarju jista' jeħtieġ reviżjoni aktar bir-reqqa minħabba li wħud mill-proċeduri qed joħolqu wisq ostakli fl-applikazzjoni mis-servizzi tal-Parlament; jiddispijaċih li dan wassal għal żieda fl-eċċezzjonijiet (kif imniżżla fl-annessi għar-Rapporti Annwali dwar l-Attivitajiet);
4. Ifakkar li r-Regolament Finanzjarju l-ġdid, li jitlob żieda sostanzjali ta' persunal speċjalizzat, daħal fis-seħħ fl-istess żmien meta kienu riveduti r-Regolamenti u r-Regoli tal-Persunal applikabbli għal impjegati oħra <sup>(1)</sup>, u qed ipoġġi numru ta' diffikultajiet fuq l-amministrazzjoni tal-Parlament;
5. Ifakkar li fl-2004, 10 Stati Membri ġodda u, fl-2007, il-Bulgarija u r-Rumanija nġhaqdu mal-UE, u din hija r-raġuni ewlenija li wasslet għal żieda fil-persunal minn 4 662 fl-1 ta' Jannar 2004 (il-kategoriji kollha) għal 6 101 fl-31 ta' Diċembru 2008; għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-amministrazzjoni tal-Parlament biex titratta b'effiċjenza din iż-żieda kbira ta' persunal; jinnota wkoll, li kważi kull kariga addizzjonali kienet relatata mal-impatt tat-tkabbir, u li iż-żieda netta ta' persunal mhux relatat mat-tkabbir hija biss ta' 1.2 %;
6. Jinnota li fl-2007, instab li 99.9 % tal-ħlasijiet mill-allowance tal-assistenza parlamentari kienu ġustifikati b'mod regolari, u li iż-żieda f'din ir-rata kienet attribwibbli għal proċeduri mtejbja adottati mill-Bureau fir-rigward ta' dokumentazzjoni ta' appoġġ, kif ukoll l-isforzi konsiderevoli mill-amministrazzjoni u żieda fis-sensibilizzazzjoni fost il-Membri;
7. Jenfasizza l-fatt li għall-ewwel darba mill-ħolqien tal-Parlament, l-Istati Membri rnexxielhom jaqblu dwar Statut Ewropew għall-Membri tiegħu; dan l-Istatut se jippermetti remunerazzjoni u assigurazzjoni ugwali għall-Membri kollha, se jtemm id-diskrepanzi sostanzjali fis-salarji nazzjonali tagħhom, u se jintroduċi sistema trasparenti għat-tipi kollha ta' allowances u ta' remunerazzjoni;
8. Ifakkar li l-adozzjoni ta' Statut għall-Assistenti kienet waħda mill-prijoritajiet enfasizzata fir-risoluzzjoni dwar il-linji gwida baġitarji għall-2007; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, l-adozzjoni tal-Kunsill, fid-19 ta' Diċembru 2008, tal-proposta tal-Kummissjoni (COM(2008) 786) kif emendata mill-Parlament <sup>(2)</sup>; id-dħul fis-seħħ tagħha f' Lulju 2009 għandu jippermetti żieda kbira fit-trasparenza fl-użu ta' dawn il-fondi u għandu jggarantixxi rispett sħiħ għad-drittijiet soċjali u tal-impjegat tal-assistenti;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 723/2004 tas-22 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet ta' Impjegat tal-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 55, 27.2.2009, p. 1.

**Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja <sup>(1)</sup>**

9. Jinnota li fl-2007, il-Parlament kellu dħul li jammonta għal EUR 144 449 007 (EUR 126 126 604 fl-2006);

**Kontijiet definittivi 2007 (f'EUR)**

10. Jinnota ċ-ċifri li fuq il-bażi tagħhom ingħalqu l-kontijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2007, jiġifieri:

<b>(a) Approprjazzjonijiet disponibbli</b>	
approprjazzjonijiet għall-2007:	1 397 460 174
trasferimenti mhux awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2006:	4 817 000
trasferimenti awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2006:	188 746 822,24
approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat għall-2007:	42 522 400,66
trasferimenti li jikkorrispondu għad-dħul assenjat mis-sena finanzjarja 2006:	34 640 774,58
Total:	1 668 187 171,48
<b>(b) L-użu ta' approprjazzjonijiet fis-sena finanzjarja 2007:</b>	
impenji:	1 594 372 252,26
ħlasijiet li saru:	1 329 131 440,46
ħlasijiet pendenti u approprjazzjonijiet mhux ta' impenn li ġejjin minn dħul assenjat:	263 564 514,64
approprjazzjonijiet trasferiti inklużi dawk li ġejjin minn dħul assenjat:	263 564 514,64
approprjazzjonijiet kanċellati:	31 691 180,38
<b>(c) Dħul Baġitarju</b>	
li wasal fl-2007:	144 449 007,32
<b>(d) Il-Karta tal-bilanċ totali fil-31 ta' Diċembru 2007:</b>	
	1 788 830 683

11. Jinnota li l-approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit inizjali tal-Parlament għall-2007 kienu jammontaw għal EUR 1 397 460 174, u dan jirrapreżenta żieda ta' 6 % fuq il-baġit tal-2006 (EUR 1 321 600 000), u jinnota wkoll li ma kienx ippreżentat baġit ta' emenda fl-2007;
12. Jirrimarka li aktar milli jirritorna flus li ma ntefqux lill-Istati Membri, il-Parlament iddeċieda - bħal fis-sin ta' qabel - li jagħmel trasferimenti "ta' kklerjar" ta' tmiem is-sena mid-diversi linji tal-baġit li jammontaw għal EUR 25 000 000 (2006: EUR 37 246 425) maħsuba biex jinxtara bini fi Vjenna għat-twaqqif ta' Dar l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Kummissjoni; madankollu, jinnota li fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2005 <sup>(2)</sup>, il-Parlament talab li fl-interess taċ-ċarezza baġitarja l-ispiża tal-bini tiddaħħal fil-baġit minflok tiġi ffinanzjata permezz ta' trasferimenti "ta' kklerjar";
13. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li r-Rapport dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja - kif mitlub fir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti - sar gwida ċara u trasparenti għall-ġestjoni finanzjarja tal-Parlament matul is-sena finanzjarja li għaliha jkun qed jirreferi;

**Il-kontijiet tal-Parlament**

14. Jinnota li fiċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet definittivi, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Parlament ta l-assigurazzjoni raġjonevoli tiegħu li l-kontijiet jippreżentaw stampa ġusta u reali tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Parlament fl-aspetti materjali kollha; jinnota wkoll l-osservazzjoni tiegħu dwar il-fatt li l-ebda kwistjoni li titlob riserva ma tressqet għall-attenzjoni tiegħu;

<sup>(1)</sup> Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja - Taqsima I tal-Baġit tal-UE - Sena Finanzjarja 2007 (ĠU C 148, 13.6.2008, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 187, 15.7.2008, p. 3.

15. Ifakkar fid-deċiżjoni meħuda mill-President tiegħu dwar l-adozzjoni tal-kontijiet għas-sena finanzjarja 2007;
16. Josserva li r-riżultat ekonomiku tas-sena finanzjarja 2007 kien riżultat negattiv ta' EUR 209 985 279, spjegat prinċipalment minn żieda f'obbligi ta' EUR 256 095 000 li jikkorrispondu għal riserva għall-pensjonijiet primarji ta' ċerta kategorija ta' Membri ffinanzjata direttament mill-Parlament skont l-Anness III tar-Regoli dwar in-nefqa u l-allowances tal-Membri;
17. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali biex jindika x'se tkun ir-riserva probabbli għall-pensjonijiet għall-Membri meta l-istatut tal-Membri jidħol fis-seħħ, u kif din ir-riserva se tkun ittrata għall-finijiet ta' kontabilità fil-karta tal-bilanċ tal-Parlament;
18. Jinnota li l-annessi għall-karta tal-bilanċ tivvaluta l-bini li huwa propjeta' tal-Parlament għal EUR 1 015 159 978 wara deprezzament kontra nefqa totali tal-akkwist ta' EUR 1 650 945 693; jitlob lis-Segretarju Ġenerali biex jipprovi ħarsa ġenerali tal-valur attwali tas-suq ta' kull bini tal-Parlament Ewropew imqabbel mal-prezz ta' xiri tiegħu;

#### **Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mis-Segretarju Ġenerali**

19. Jilqa' b'sodisfazzjon l-istqarrija tas-Segretarju Ġenerali tat-3 ta' Ġunju 2008 fil-kapaċità tiegħu ta' Uffiċjal Prinċipali ta' Awtorizzazzjoni permezz ta' Delega, fir-rigward tar-rapporti tal-attivitajiet annwali tal-uffiċjali ta' awtorizzazzjoni għall-2007, li fiha ċertifika li hu għandu assigurazzjoni raġjonevoli li l-baġit tal-Parlament kien implimentat f' konformita' mal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja soda u li l-qafas ta' kontroll li għie applikat jagħti l-garanziji meħtieġa tal-legalità u r-regularità tal-operazzjonijiet sottostanti;
20. Jinnota, madankollu, l-osservazzjoni tiegħu, li tinsab fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, li l-qafas regolatorju li jmexxi l-allowances parlamentari, kif ukoll l-infiq tal-assistenza parlamentari, sar tant kumpless li jippreżenta nuqqasijiet serji biex ikun applikat fil-prattika, u li għal din ir-raġuni hu ħa l-inizjattiva li jwaqqaf sistema ġdida li għandha tidħol fis-seħħ sa Lulju 2009;

#### **Rapporti tal-attivitajiet mis-Segretarju Ġenerali**

21. Josserva b'sodisfazzjon li d-Diretturi Ġenerali kollha kienu f'pożizzjoni li jagħtu dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni bla riserva dwar l-implimentazzjoni tal-baġit mis-servizzi tagħhom fl-2007;
22. Hu konxju li r-rapporti tal-attivitajiet huma għodda ta' tmexxija interna li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jagħtu lis-Segretarju Ġenerali idea ġenerali ċara tal-ħidma tal-amministrazzjoni, u b'mod partikulari ta' kwalunkwe nuqqas;
23. Jirrimarka li r-rapport tal-attività ta' kull Direttorat Ġenerali jinkludi bħala anness lista ta' eċċezzjonijiet, li telenka d-derogi mir-Regolament Finanzjarju u mir-regoli dipendenti; jesprimi tħassib li l-ammont totali ta' dawn l-eċċezzjonijiet jeċċedi l-ammont annwali medju ta' viżas miżmuma u miksuba qabel l-2003 taħt ir-Regolament Finanzjarju ta' qabel ir-riforma, meta t-tranżazzjonijiet kollha kellhom jiġu approvati mill-Kontrollur Finanzjarju;

#### **Ir-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-2007**

24. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri sabet li, fir-rigward tan-nefqa amministrattiva tal-2007, l-istituzzjonijiet kollha implimentaw b'mod sodisfaċenti s-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju u t-tranżazzjonijiet ittestjati kienu ħielsa minn żbalji materjali;

25. Jinnota r-riżultati speċifiċi dwar il-Parlament li hemm fir-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għall-2007, kif ukoll ir-risposti tal-Parlament, dwar il-fattur multiplikatur applikabbli għas-salarji tal-persunal wara l-adozzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal riveduti tal-1 ta' Mejju 2004 u l-ħlasijiet fl-2007 fuq approprjazzjonijiet trasferiti mill-2006 fir-rigward ta' "high-speed broadcast cameras" li kellhom jiġu installati fil-bini D5 fl-2008;
26. Barra min hekk, jinnota wkoll it-taqsimha tar-rapport annwali dwar is-segwitu għall-osservazzjonijiet minn rapporti preċedenti fir-rigward ta' ħlas lura b'rata fissa għal spejjeż ta' akkomodazzjoni li jsiru minn uffiċjali fuq missjoni, dokumenti ta' appoġġ' dwar l-użu tal-allowance tal-assistenza parlamentari u fir-rigward tal-iskema addizzjonali u volontarja tal-pensjoni, il-ħtieġa li jkunu stabbiliti regoli ċari li jiddefinixxu l-obbligi u r-responsabilitajiet tal-Parlament u tal-membri fl-iskema fil-każ ta' defiċit;
27. Jinnota r-risposti mogħtija mill-Parlament fil-proċedura kontradittorja mal-Qorti tal-Awdituri;

### **Segwitu mis-Segretarju Ġenerali għall-aħħar riżoluzzjoni ta' kwittanza**

28. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjonijiet tal-Bureau tal-10 ta' Marzu 2008 u tas-7 ta' Lulju 2008 dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni għall-Istatut tal-Membri u għall-assistenza parlamentari tal-Membri, li jir-rappreżentaw segwitu dirett għar-rakkomandazzjonijiet tal-kwittanza tal-2006; barra minn hekk, jilqa' b'sodisfazzjon ukoll l-impenn tal-President tiegħu fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet;
29. Ifakkar li skont l-Artikolu 147(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra huma obbligati li jieħdu l-passi kollha xierqa biex jaġixxu fir-rigward tal-osservazzjonijiet li jakkompanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament;
30. Għalhekk, jifraħ lis-Segretarju Ġenerali li ressaq ir-rapporti mitluba mill-amministrazzjoni fl-aħħar riżoluzzjoni ta' kwittanza fil-ħin qabel il-bidu tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2007;
31. Jinnota l-konklużjoni tas-Sevizz Legali tad-29 ta' April 2008 (SJ 775/06), fir-rigward tal-paragrafi tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-22 ta' April 2008 dwar il-kwittanza tas-sena finanzjarja tal-2006 dwar il-fond volontarju tal-pensjoni, kif ġej: "Il-Bureau għandu s-setgħat u r-responsabilitajiet tiegħu, li huma stipulati fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament. Hi r-responsabilità tal-Bureau li jiddeċiedi, għalhekk, jekk jixtieqx li jitbiegħed mill-fehma espressa fl-assemblea plenarja fir-riżoluzzjoni tagħha tat-22 ta' April 2008 jew li jimxi magħha"; madankollu, jikkunsidra li din il-konklużjoni, ibbażata fuq ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, mhix kompletament kompatibbli mat-tifsira ċara tal-Artikolu 147(1) tar-Regolament Finanzjarju li hu bbażat fuq l-Artikolu 276 tat-Trattat KE;

### **Smigħ tal-Awditur Intern**

32. Jinnota li l-laqgħa tal-kumitat kompetenti mal-Awditur Intern li saret fl-20 ta' Jannar 2009, u li kienet laqgħa miftuħa trażmessa bil-*web-stream* u li fiha l-Awditur Intern ippreżenta r-rapport annwali tiegħu, l-Awditur Intern spjega li fl-2007 adotta jew ħareġ f'abbozz 18-il rapport dwar temi li jinkludu:
  - spejjeż tal-missjonijiet tal-persunal,
  - governanza tal-IT,
  - fondi mislufin, ġestjoni tal-inventarji u tal-baġit f'ċerti uffiċji tal-informazzjoni,
  - partiti politiċi fil-livell Ewropew,
  - intitolamenti individwali għall-membri tal-persunal,



- segwitu għar-reviżjoni tal-Qafas ta' Kontroll Intern,
  - allowance għall-assistenza parlamentari;
33. Jinnota li fost l-aktar konklużjonijiet sinifikanti li ħarġu fir-rapport annwali tal-Awditur Intern kien hemm dawn li ġejjin:
- li l-istruttura ta' governanza tal-IT fil-Parlament, kif ivverifikata, ma tatx assigurazzjoni li qed isiru l-għażliet korretti tal-IT fit-terminu ta' żmien medju, jew li kien hemm fis-seħħ proċess adegwat ta' ppjanar strateġiku tal-IT;
  - li l-attivitajiet tal-kontroll fil-qasam tal-intitolamenti individwali għall-membri tal-istaff għandhom jissaħħu b'mod sinifikanti, għandu jkun hemm titjib fil-kwalità tad-dejta fis-sistemi rilevanti tal-ġestjoni tal-IT, u l-proċeduri u l-gwida meħtieġa biex jiġu appoġġjati l-attivitajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll għandhom ikunu dokumentati b'mod xieraq;
  - li l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ppreżentati mill-partiti politiċi Ewropej mhux dejjem kienu suffiċjenti biex jappoġġjaw it-talbiet tagħhom għal kontributi finanzjarji jew biex jippermettu li d-dipartiment tal-awtorizzazzjonijiet jivverifika l-eliġibilità tat-talba għall-ħlas;
34. Jinnota u jappoġġja l-fehmiet espressi mill-Awditur Intern fir-rigward ta':
- l-importanza li, flivell ċentrali, jitwaqqaf kodiċi istituzzjonali ta' kondotta li jirregola r-relazzjonijiet mal-konsulenti esterni (li l-linji-gwida għal dan ġew adottati mis-Segretarju Ġenerali f'Lulju 2008);
  - l-importanza li jiġi żgurat li tibda taħdem sistema effettiva ta' ġestjoni tar-riskju flivell ċentrali, bi proċeduri miftiehma biex jiġu identifikati u evalwati r-riskji, biex jiġu fformulati u rrapportati r-reażjonijiet għal dawk ir-riskji, u biex tingħata assigurazzjoni lill-korpi ta' sorveljanza u tat-teħid tad-deċiżjonijiet li l-ġestjoni tar-riskji hija effettiva u li r-reażjonijiet kollha għar-riskji, inklużi l-kontrolli interni, huma xierqa;

### Il-kuntratti u l-akkwisti

35. Ifakkar li l-Parlament jippubblika t-tagħrif ġenerali dwar il-kuntratti li jingħataw fil-websajt tiegħu permezz tal-"quick links" <sup>(1)</sup> u li, skont it-termini tar-Regolament Finanzjarju, jippubblika (i) tagħrif speċifiku dwar il-kuntratti b'valur ogħla minn EUR 60 000 fil-Ġurnal Uffiċjali, u (ii) lista tal-kuntratti b'valur ta' bejn EUR 25 000 u EUR 60 000 fil-websajt tiegħu; jilqa' b'sodisfazzjon il-livell għoli ta' trasparenza miksuba permezz ta' dan kollu, iżda jirrakkomanda li, għall-finijiet ta' aċċessibilità eħfef, il-websejt tal-Parlament għandha tinkludi lista komprensiva tal-kuntratti kollha;
36. Jinnota li r-rapport annwali tal-amministrazzjoni lill-awtorità baġitarja dwar il-kuntratti fih it-tagħrif li ġej dwar il-kuntratti mogħtijin matul l-2007:

	Il-kuntratti mogħtijin	
	2007	2006
Kuntratti b'valur daqs jew ogħla minn EUR 25 000	EUR 331,5 m (249 kuntratt)	EUR 327,5 m (238 kuntratt)
Kuntratti b'valur daqs jew ogħla minn EUR 50 000	EUR 326,5 m (133 kuntratt)	EUR 322,3 m (112-il kuntratt)
Kuntratti b'valur bejn EUR 25 000 u EUR 60 000	EUR 5,2 m (116-il kuntratt)	EUR 5,2 m (126 kuntratt)

<sup>(1)</sup> <http://www.europarl.europa.eu/parliament/expert/staticDisplay.do?id=62&language=EN>



37. Jilqa' b'sodisfazzjon l-informazzjoni li l-proporzjon ta' kuntratti konklużi permezz tal-proċedura miftuħa żdied mill-2006 għall-2007 f'termini tal-ammont totali kif ukoll bħala persentaġġ tal-għadd globali tal-kuntratti, kif ġej:

Tip ta' proċedura	2007		2006	
	Valur (f'EUR)	Persentaġġ	Valur (f'EUR)	Persentaġġ
Miftuħa	162 124 519	49 %	123 936 713	38 %
Ristretta	59 593 905	18 %	12 438 031	4 %
Negozjata	109 763 269	33 %	191 162 868	58 %
<b>Total</b>	<b>331 481 693</b>	<b>100 %</b>	<b>327 537 612</b>	<b>100 %</b>

38. Jinnota li l-amministrazzjoni issa ħolqot id-database tal-esklużjoni mitluba bl-Artikolu 95 tar-Regolament Finanzjarju, u li attwalment qed tistenna struzzjonijiet mill-Kummissjoni dwar kif tikkordinaha mal-arranġamenti mmexxija mill-Kummissjoni fid-dawl tar-Regolament <sup>(1)</sup> u d-Deċiżjoni adottati minn din tal-aħħar fis-17 ta' Diċembru 2008;
39. Jinnota li, minkejja l-emendi għar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli tiegħu dwar l-akkwist għadhom ikkumplikati wisq għall-istituzzjonijiet iż-żgħar, speċjalment fir-rigward ta' sejħiet għall-offerti għal kuntratti ta' ammonti relattivament żgħar; jistieden lill-Kummissjoni biex - meta tkun qed ttwettaq il-ħidma preliminari tagħha qabel ma tfassal kwalunkwe proposta futura biex jiġi emendat ir-Regolament Finanzjarju - tikkonsulta b'mod estensiv mas-Segretarjati Ġenerali u l-amministrazzjonijiet tal-istituzzjonijiet l-oħrajn sabiex tiżgura li l-preokkupazzjonijiet tagħhom jitjesu b'mod sħiħ fl-abbozz final;

### Il-ġestjoni tal-amministrazzjoni tal-Parlament

#### DĠ Presidenza

40. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tad-DĠ Presidenza għal titjib kontinwu fil-ġestjoni finanzjarji permezz ta' eżami fil-fond tal-aspetti varji tal-implimentazzjoni tal-baġit u l-proċeduri assoċjati; jinnota b'mod partikulari l-isforzi mwettqa fil-qasam tat-trawwin ta' kuxjenza fost l-persunal dwar l-operazzjonijiet baġitarji;
41. Ifakkar fit-talba tiegħu, li ġiet ifformulata l-ewwel darba fil-kwintanza għas-sena finanzjarja 2004, li tinholq il-kariga ta' amministratur tar-riskji, li għandu jkollu esperjenza professjonali estensiva fil-qasam, li jkun indipendenti u awtonomu fit-teħid tad-deċiżjonijiet, li jkollu għarfien wiesa' tal-istruttura u l-governanza tal-organizzazzjoni, u li jkollu l-awtorità, minħabba li l-opinjoni tiegħu għandha mnejn tmur kontra deċiżjonijiet politiċi u amministrattivi;
42. Jikkunsidra li huwa essenzjali li dan l-amministratur tar-riskji jitqiegħed fi struttura amministrattiva li tkun tista' tiggarrantixxi konformità sħiħa ma' dawn il-kriterji;
43. Jenfasizza li l-qasam tas-sigurtà huwa settur sensittiv ħafna f'kwalunkwe Parlament, u huwa b'mod partikolari aktar sensittiv f'Parlament multinazzjonali b'viziibilità kbira u li jkollu żjarat bla waqfien mill-Kapijiet tal-Istat u tal-gvern minn kull naħa tad-dinja; jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jippreżenta lill-kumitat kompetenti stampa tas-sitwazzjoni attwali f'dan il-qasam; f'dan ir-rigward ifakkar dwar l-importanza ta' proċeduri ta' komunikazzjoni ċari fil-każ ta' ksur serju tas-sigurtà fil-Parlament;
44. Ifakkar fid-deċiżjoni tal-Bureau tad-29 ta' Novembru 2006 li tapprova l-istrateġija tal-kontinwità tal-ħidma u tal-ġestjoni tal-kriżi kif proposta mis-Segretarju Ġenerali; jissottolinea n-neċessità assoluta li fl-aħħar jitqiegħdu fil-prattika regoli ċari li jiddefinixxu l-katina tal-kmand u l-istruttura tal-ġestjoni tal-kriżi fi ħdan l-amministrazzjoni tal-Parlament, u jistenna li d-DĠ Presidenza jagħmel kull sforz f'din id-direzzjoni;
45. Jesprimi l-preokkupazzjoni tiegħu dwar l-għadd dejjem ikbar ta' każijiet ta' kriminalità żgħira fil-bini tal-Parlament, l-aktar fir-rigward ta' serq ta' oġġetti personali bħalma huma briefcases, kompjuters portabbli, mowbaljs, eċċ.; jappoġġja kull sforz imwettaq mill-amministrazzjoni sabiex tinkiseb sigurtà aħjar fil-bini tal-Parlament;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE/Euratom) Nru 1302/2008 tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar id-database ta' kontroll tal-esklużjoni (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 12).

46. Jinnota li fl-2005, il-Parlament xtara 6 “body scanners” wara analiżi tar-riskju għas-sigurtà u fuq il-parir ta’ konsulent estern; jinnota li wara li nixxraw dawn il-“body scanners”, il-Parlament invota kontra l-użu ta’ scanners bħal dawn fl-ajruporti; għalhekk, jitlob lis-Segretarju Ġenerali biex jara x’possibilità hemm li dawn jinbiegħu; jitlob lill-amministrazzjoni tiegħu sabiex fil-ġejjieni, qabel ma tagħmel xiri simili, tinforma lill-Membri u tinvolvihom fil-proċess tat-teħid ta’ deċiżjoni;

*DĠ Politiki Interni u DĠ Politiki Esterni*

47. Jinnota li fl-2007 d-Dipartimenti tal-Politika fid-DĠ IPOL u d-DĠ EXPO kienu operattivi b’mod sħiħ b’baġit globali ta’ EUR 6 519 600; jinnota b’sodisfazzjon li l-kompitu primarju tagħhom li jipprovdu assistenza għall-ħidma tal-korpi parlamentari kompli jitjeb; jilqa’ b’sodisfazzjon l-approċċ tad-dipartimenti tal-politika fejn il-kwalità hija l-għan ewlieni meta jkun hemm bżonn ta’ esperti esterni, u jistieden lil dawn id-dipartimenti biex jikkunsidraw bir-reqqa liema mudell ta’ kuntratt jista’ jrendi l-ogħla kwalità ta’ parir għall-kumitati li jitolbu tali konsulenza;

*DĠ Komunikazzjoni*

48. Jinnota t-talbiet li kulma jmur qed jiżdiedu magħmulin lid-DĠ Komunikazzjoni fil-qasam tal-proġetti awdjoviżivi kif ukoll l-implimentazzjoni taċ-ċentru tal-viżitaturi, li issa dieħla fil-fażi finali tagħha; jinnota f’dan ir-rigward li hemm proċeduri twal u peżanti marbutin mat-tħejjiet għaċ-ċentru l-għdid tal-viżitaturi, li rriżultaw fi 13-il proċedura għall-għoti tal-kuntratti u 20 kuntratt separat;
49. Jitlob lis-Segretarju-Ġenerali jimla l-postijiet l-ġodda kkontemplati għall-2009 fit-tim tal-proġett għaċ-ċentru tal-viżitaturi kemm jista’ jkun malajr ħalli jiżgura li ċ-ċentru tal-viżitaturi jkun jista’ jiftaħ il-bibien tiegħu għall-pubbliku fil-bidu tal-2010;
50. Jilqa’ b’sodisfazzjon ix-xogħol magħmul mid-DĠ Komunikazzjoni fit-tħejjia tat-tnedija tal-proġett tal-WEB-TV, li wara xi diffikultajiet fil-fażi tal-bidu tal-għoti tal-kuntratti issa għaddej bil-verżjoni tal-provi; jieħu nota tal-fatt li l-fażi tal-provi saret matul il-perjodu Settembru 2008 sa Marzu 2009, u kampanja ta’ kuxjenza pubblika tnediet f’Marzu 2009 biex tinforma u tiġbed liċ-ċittadini; jinnota d-diffikultajiet marbutin mal-ewwel Web-TV fid-dinja mniedi f’20 ilsen;
51. Jilqa’ b’sodisfazzjon it-trasparenza li l-Web-TV ta lix-xogħol tal-Parlament, hekk kif il-laqgħat tal-kumitati, is-smiġh u l-attivitajiet l-oħrajn qed ikunu mxandrin fuq il-web u ċ-ċittadini li huma interessati jstgħu jsegu b’mod dirett is-suġġett ta’ interess ewlieni;
52. Jieħu nota tal-adozzjoni unanima min-naħa tal-Bureau tal-“Istrateġija u l-Pjan t’Azzjoni għall-Elezzjonijiet Ewropej 2009” tat-22 ta’ Ottubru 2007, li daħal fl-ewwel fażi tal-implimentazzjoni tiegħu fl-2008 u se jilħaq il-quċċata eżatt qabel l-elezzjonijiet Ewropej;
53. Jilqa’ b’sodisfazzjon l-involvement tal-Parlament, li kulma jmur qed jiżdied, fil-ħajja soċjali u kulturali Ewropea, kif jidher mill-attivitajiet bħalma huma l-Lux Prize, il-premju tal-Parlament Ewropew għall-ġurnaliżmu, il-premju għaċ-ċittadini, il-premju Ewropew għaż-żgħażgħ Charlemagne, AGORA u l-Ġranet tal-Mezzi tax-Xandir taż-Żgħażgħ, li kollha kemm huma ġew immedija fl-2007, flimkien mal-attivitajiet tradizzjonali;
54. Jinnota s-sodisfazzjoni tal-utenti tal-infrastruttura awdjoviżiva l-għdida fil-bini JAN ta’ Brussell, li kien ikkreat bejn l-2006 u l-2008 biex jipprovi tagħmir modern lill-mezzi tax-xandir u lis-servizzi in-house;
55. Jilqa’ b’sodisfazzjon it-titjib fil-ġestjoni tal-uffiċji tal-informazzjoni, fejn b’mod partikolari jidher li l-ġestjoni finanzjarja ttejbet skont it-tagħrif mogħti mill-Awditur Intern matul is-smiġh tal-kumitat kompetenti tal-20 ta’ Jannar 2009; jenfasizza l-importanza tal-mission statement il-għdid tal-uffiċji tal-informazzjoni tal-Parlament, li jtejjeb il-viżibilità tagħhom u l-aċċessibilità għaċ-ċittadini;
56. Jiddispijaċih li d-deċiżjonijiet dwar il-pożizzjonijiet importanti fid-DĠ Komunikazzjoni ħadu ħafna ħin, u ħallew pożizzjonijiet ta’ ġestjoni mhux mimlijin u li dan jirriżulta f’aktar xogħol għall-managers ġa maħturin;

*DĠ Persunal*

57. Jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni mid-DĠ Persunal ta' "Streamline", li jippermetti żieda kunsiderevoli fl-effiċjenza u jista' jintuża faċilment mill-membri kollha tal-persunal;
58. Jilqa' b'sodisfazzjon l-eżerċizzju tal-iscreening magħmul mid-DĠ Persunal; jistieden lid-DĠ Persunal jisokta jaħdem fuq l-iscreening u jieħu approċċ jixbah lil dak tal-Kummissjoni li qed iwassal għal titjib maġġuri fl-allokazzjoni u l-effiċjenza tal-persunal;
59. Jinnota li d-dispożizzjonijiet tranżitorji li jdaħħlu l-fattur tal-multiplikazzjoni (Anness XIII għar-Regolamenti tal-Persunal) imdaħħlin mir-riforma huma singolarment opaki u saħansitra jikkontradixxu lillhom infushom <sup>(1)</sup> għax jagħtu lok għal interpretazzjonijiet diverġenti bejn l-Istituzzjonijiet varji u għal bosta każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja; jenfasizza l-importanza tal-kjarezza u s-sempliċità fl-abbozzar tat-testi legali; jinsisti li l-perjodu tranżitorju bejn l-iskala tas-salarji l-qadima ta' qabel l-2004 u l-iskala l-ġdida ta' wara r-riforma għandu jinżamm sal-minimu (id-dokument spjegattiv tal-Kummissjoni maħruġ qabel ir-riforma kien ikkontempla t-tmiem tal-perjodu tranżitorju sal-2006), u jistenna b'interess l-eżitu tal-analiżi li għandha ssir f'dan is-sens mill-grupp ta' ħidma maħluq mis-Segretarju-Ġenerali;
60. Ifakkar li - fl-istess waqt li kienet għaddeja żjeda sinifikanti fil-għadd ta' persunal tal-finanzi/tal-baġit meħtieġ bħala konsegwenza tar-Regolament Finanzjarju rivedut - il-potenzjal tal-istituzzjoni li tiġbed persunal finanzjarju kkwalifikat tnaqqas meta fl-2004 ir-Regolamenti tal-Persunal ġew riveduti sostanzjalment, inkluża riduzzjoni kunsiderevoli tal-livell tas-salarji u l-benefiċċji l-oħrajn imħallsin lill-uffiċjali l-ġodda mar-reklutaġġ;
61. Josserva li mill-anqas Direttorat-Ġenerali wieħed jenfasizza, fir-rapport tal-attività tiegħu, l-utilità tal-kontrolli ex-post biex jinstabu l-iżbalji jew id-dgħufijiet għal korrezzjoni futura; jinnota li mhux id-Direttorati-Ġenerali kollha bħalissa għandhom kontrollur ex-post;
62. Jitlob valutazzjoni minn korp indipendenti estern tal-impatti globali tar-riforma tal-2004 għar-Regolamenti tal-Persunal, li tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji tar-riforma u b'mod partikolari tidentifika l-konsegwenzi mhux intenzjonati li għandhom impatt negattiv fuq kif jaħdmu l-istituzzjonijiet; jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex fl-istess waqt jikkummissjona studju dwar il-livell ta' sodisfazzjon fost il-persunal;
63. Jinnota l-ħarsa ġenerali pprovduta mis-Segretarju Ġenerali tan-numru ta' applikanti għall-postijiet vakanti <sup>1</sup> fuq mil-livell ta' Kap tal-Unità; huwa mħasseb dwar il-fatt li għall-biċċa l-kbira ta' dawn il-postijiet in-numru ta' kandidati kien limitat (1 jew 2); jitlob li jittieħdu miżuri xierqa biex ikun hemm żieda fin-numru ta' kandidati interni għal postijiet bħal dawn;

*DĠ Infrastruttura u Loġistika*

64. Jiddispaċih li, wara li xtara l-binjiet SDM, WIC, u IP3 fi Strażburgu, instab li kien hemm asbestos fl-ammonti ħafna akbar minn kemm kien inizjalment indikat mill-espert Franċiż; jinnota li ttieħdet deċiżjoni ħalli jitneħħa dak l-asbestos fl-interess tal-ħarsien għal perjodu ta' żmien twil għal dawk li jkunu qed jaħdmu u jżuru dal-binjiet;
65. Jitlob lill-President u lis-Segretarju-Ġenerali jiżguraw li x-xogħlijiet ta' tneħħija tal-asbestos isiru skont il-protokoll tal-intervent u skont ir-rapporti esperti mehmużin mar-risposta tal-kwestjonarju tal-kwittanza u taħt is-supervizzjoni kostanti tal-esperti ħalli jiġi żgurat livell ottimali ta' ħarsien għall-persuni kollha għaddejnin minn dal-binjiet jew li jkunu qed jaħdmu fihom waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet;
66. Jinnota li l-istimi finali tal-sps għall-estensjoni taċ-ċentru tal-isports fi Brussell se jkunu ddeterminati wara l-konklużjoni tal-proċedura negozjata kurrenti; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jissottometti lill-Bureau u lill-Kumitat dwar il-Baġits l-istimi tal-ispejjeż definittivi qabel ma tittieħed id-deċiżjon finali li jinbdew dawn ix-xogħlijiet; jinnota li x-xogħol li sar s'issa mhuwiex konsistenti mal-interessi la tal-Membri u lanqas taċ-ċittadini li jħallsu t-taxxi;

(<sup>1</sup>) Ir-risposta tal-Parlament għall-paragrafu 11.7 tar-rapport annwali tal-Qorti.

*DĠ Traduzzjoni u DĠ Interpretazzjoni u Konferenzi*

67. Jinnota bi preokkupazzjoni d-dikjarazzjoni tad-DĠ Traduzzjoni fir-rapport tal-attività tiegħu li l-kodiċi ta' kondotta dwar il-multilingwiżmu qiegħed jiġi rrispettat biss f'60 % tal-każijiet, u li n-nuqqas ta' konformità mal-kodiċi huwa gravi b'mod inaċċettabbli f'ċerti kumitati; jikkunsidra li kwalunkwe pass lil hinn mill-multilingwiżmu jagħmel ħsara serja lid-demokrazija u lit-twettiq normali tad-dmirijiet tal-Membri, u jistieden lis-Segretarju Ġenerali jiżgura li l-kodiċi jiġi applikat sewwa;
68. Jappoġġja l-proposta tas-Segretarju Ġenerali li jdaħħal miżuri li jqajmu l-kuxjenza fost l-utenti tas-servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni, inklużi l-kumitati, id-delegazzjonijiet u l-gruppi politiċi, u jissuġġerixxi li l-proposti futuri għandhom jinkludu l-ħruġ ta' kontijiet virtwali lill-utenti;
69. Jinnota li fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Novembru 2008, il-Bureau adotta kodiċi ta' kondotta sostanzjalment rivedut;
70. Jifraħ lid-DĠ Traduzzjoni kif ukoll lid-DĠ Interpretazzjoni u Konferenzi għall-isforzi tagħhom biex jaħdmu mingħajr diffikultà meta l-ilsna uffiċjali żdiedu minn 11 fl-2004 għal 23 fl-2009;
71. Jinnota li l-kondizzjonijiet tax-xogħol għall-interpreti ddeterorjaw f'din il-leġiżlatura minħabba l-pressjoni tax-xogħol li kulma jmur tiżdied u minħabba l-interpretazzjoni żejda tar-regoli li jirregolaw il-missjonijiet; jistieden lid-DĠ Interpretazzjoni u Konferenzi jindaga urġentement din il-kwestjoni sabiex iżid il-motivazzjoni tal-interpreti; jinnota li dawn il-problemi normalment jikkonċernaw il-kombinazzjonijiet tal-ilsna ewlenin, li għandhom skeda ta' żmien ħafna aktar peżanti minħabba l-livell ta' rikjesta għas-servizzi tagħhom;
72. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali biex jipprovi ħarsa ġenerali għas-sena 2007, u, jekk possibbli, għas-sena 2008, tal-laqgħat li ġew imħassra fi stadju tant tard li ma setgħux jiġu skedati mill-ġdid interpreti u persunal ta' assistenza, inklużi l-ispejjeż totali involuti u min ġarr dawn l-ispejjeż;

*DĠ Finanzi*

73. Jinnota x-xogħol tal-grupp ta' ħidma għas-simplifikazzjoni; jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex iressaq rapport qasir lill-kumitat kompetenti tiegħu dwar ir-riżultat ta' dan il-grupp ta' ħidma; jistenna li qabel jiġu previsti xi bidliet fir-regoli finanzjarji, dak il-kumitat jintalab jagħti opinjoni formali;
74. Jinsisti li r-regoli implimentattivi għall-Istatut tal-Membri għandhom ikunu ċari u faċli li wieħed ikun konformi magħhom;
75. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jistabbilixxi servizz, li jrid ikun disponibbli għall-Membri kollha sa minn Lulju 2009, biex jagħtihom parir dwar l-applikazzjoni korretta tal-Istatut tal-Membri l-ġdid u tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont dan l-istatut, u t-trattament xieraq tal-kuntratti tal-assistenti;
76. Jikkunsidra li, sabiex iwettqu d-dmirijiet parlamentari tagħhom, il-Membri għandhom ikunu intitolati jużaw il-mezz tat-trasport li l-iżjed ikun adattat għall-aġenda tal-ħidma parlamentari tagħhom, l-iżjed li jkun konvenjenti, l-iktar mgħaġġel u l-inqas għali għall-Parlament;
77. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali biex jagħmel ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa disponibbli għall-implimentazzjoni mgħaġġla tal-Istatut tal-Assistenti l-ġdid;
78. Jitlob għal korp indipendenti biex jagħmel analiżi globali tal-immaniġġjar finanzjarju sod, tal-effettività u tal-effiċjenza tal-kuntratti ma' fornituri tas-servizz esterni f'oqsma bħal ma huma l-IT, is-sigurtà, il-bars, ir-ristoranti, il-canteens, l-uffiċċju tal-ivvjaġġar, iż-żamma tal-indafa fil-bini, b'attenzjoni partikolari għal:

— il-metodu tal-għażla,

— l-iktar tip ta' kuntratt xieraq,

- in-nuqqas possibbli tal-kontroll tal-immaniġġjar permezz ta' esternalizzazzjoni eċċessiva,
  - it-trasparenza tal-mekkaniżmi ta' drittijiet/kontijiet,
  - id-dipendenza fuq il-kummissjoni bħala fattur fir-remunerazzjoni,
  - il-problema ta' monopolji fl-għoti tas-servizzi f'ċertu oqsma,
  - ġustifikazzjoni għall-pagamenti mill-baġit Parlamentari;
79. Jirrakkomanda li l-Awditur Intern tal-Parlament jikkunsidra l-oqsma u l-kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq meta jittratta l-analiżi tar-riskju li fuqha se jiġu bbażati l-programmi ta' ħidma futuri tiegħu;

#### *DĠ Innovazzjoni u Appoġġ Teknoloġiku*

80. Ifakkar li, skont is-smiġh quddiem il-kumitat kompetenti tal-Awditur Intern tal-20 ta' Jannar 2009, fl-2007 kien hemm problemi kbar dwar l-istat tal-governanza tal-IT fil-Parlament, li kien jeħtieġ tibdiliet importanti fl-istrutturi, it-tradizzjonijiet u l-immaniġġjar tal-politika tal-IT tal-istituzzjoni; jikkunsidra li għandhom jiġu introdotti b'akbar urġenza r-reqwiżiti ewlenin kollha għall-governanza tal-IT modern u għodod ta' ppjanar li jressqu s-settur tal-IT tal-Parlament aktar viċin tas-COBIT (Objettivi ta' Kontroll għall-Infommazzjoni u t-Teknoloġija relatata);
81. Jenfasizza li dan l-objettiv jeħtieġ analiżi fil-fond tal-bżonnijiet u l-istrateġiji tal-Parlament sabiex ir-reqwiżiti politiċi jsiru konformi mal-istrumenti tal-IT, billi wieħed iżomm f'moħħu l-ambjent globali li kull ma jmur qed isir iżjed u iżjed diġitalizzat, fejn l-orjentazzjoni politika għandha tkun il-forza li tmexxihom lejn l-għan aħħari u l-istrumenti tal-IT għandhom jappoġġjaw għal kollox dawn l-għanijiet; jikkunsidra li dan l-approċċ se jkun biss possibbli meta jitwaqqfu l-istrutturi tal-governanza tal-IT; għalhekk jistieden lill-Bureau sabiex jieħu d-deċiżjonijiet ix-xierqa;

#### **Allowance għall-assistenza Parlamentari**

82. Jilqa' s-suċċess tas-Segretarju Ġenerali - bħala tweġiba għar-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti, ir-rapporti mill-Qorti tal-Awdituri u l-Awditur Intern - għall-fatt li akkwista d-dokumenti ta' appoġġ neċessarji biex jirregolarizza kważi t-talbiet kollha (99.9 % bl-ammont) għall-perjodu 2004-2007; jieħu nota tas-simplifikazzjoni tal-proċedura tat-talbiet introdotta fit-13 ta' Diċembru 2006 li biha l-fatturi u d-dikjarazzjonijiet tal-miżati maħruġa mill-aġenti li jħallsu u l-fornituri tas-servizz m'għadhomx meħtieġa li jiġu ppreżentati lill-Membri imma jridu jinżammu minnhom; minflok, il-Membri huma issa meħtieġa li jippreżentaw kopji tad-"dikjarazzjonijiet tal-ispiża" u "dikjarazzjonijiet tal-ammonti ffatturati" maħruġa mill-aġenti li jħallsu u l-fornituri tas-servizz;
83. Ifakkar fil-Paragrafi 59 u 61 tar-riżoluzzjoni ta' kwittanza tiegħu fir-rigward tas-sena finanzjarja 2006 <sup>(1)</sup>; jitlob lis-Segretarju Ġenerali biex jipprovdi lill-Membri li jkunu kkonformaw mar-regoli dwar l-użu tal-allowance għall-assistenza parlamentari b'ittra mill-amministrazzjoni li tgħid dan;
84. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tas-Segretarju Ġenerali waqt is-smiġh tal-kumitat kompetenti tal-20 ta' Jannar 2009 biex jipprovdi lill-Membri, sa minn Lulju 2009, b'mill-inqas aġent ta' ħlas uffiċjali wieħed għal kull Stat Membru ingaġġjat mill-Parlament biex jimmaniġġja l-kuntratti u l-kwistjonijiet relatati kollha dwar l-assistenti lokali tal-membri, billi wieħed iżomm f'moħħu l-għażliet l-oħra previsti fir-regoli implimentattivi;
85. Jistieden lill-Bureau biex jiggarantixxi li l-assistenti lokali jingħataw aċċess tal-Parlament fit-tliet postijiet tax-xogħol;

<sup>(1)</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2008 flimkien ma' osservazzjonijiet li jiffurmaw parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006 Taq-sima I - Parlament Ewropew (ĠU L 88, 31.3.2009, p. 3).

**Gruppi politiċi (reviżjoni ta' kontijiet u proċeduri - punt 4 0 0 0 tal-baġit)**

86. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-kontijiet tal-gruppi politiċi huma ppubblikati fil-websajt tal-Parlament <sup>(1)</sup> flimkien mar-regoli finanzjarji interni tagħhom; jinnota madankollu n-natura differenti ħafna tar-regoli finanzjarji interni mfassla mill-gruppi politiċi varji;
87. Jinnota li fl-2007 l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-punt 4 0 0 0 tal-baġit intużaw kif ġej:

(f'EUR)

Total disponibbli skont il-baġit 2007		75 211 947				
Membri Indipendenti		673 575				
Ammonti disponibbli għall-gruppi		74 538 372				
Grupp	Appropriazzjonijiet allokati mill-baġit tal-Parlament	Riżorsi proprji tal-gruppi u appropriazzjonijiet trasferiti	Nefqa fl-2007	Rata ta' utilizzazzjoni tal-appropriazzjonijiet disponibbli	Limitu massimu ta' trasferimenti (*)	Ammonti trasferiti għas-sena 2008
PPE	18 197 622	9 449 345	18 572 670	67,18 %	9 098 811	9 074 297
PSE	14 165 895	7 265 776	14 827 524	69,19 %	7 082 948	6 604 146
ALDE	6 703 291	3 560 145	7 461 720	72,70 %	3 351 646	2 801 716
Verts/ALE	2 690 396	1 434 335	3 167 057	76,78 %	1 345 198	957 674
GUE/NGL	2 740 154	994 094	2 835 166	75,92 %	1 370 077	899 083
UEN	2 797 063	541 496	2 436 330	72,98 %	1 398 532	902 230
IND/DEM	1 502 292	1 044 042	1 821 789	71,55 %	751 146	724 546
ITS	1 441 708	10 718	1 130 306	77,82 %	720 854	(**)
NI	538 048	135 527	450 827	66,93 %	269 024	117 207
<b>Total</b>	<b>50 776 469</b>	<b>24 435 478</b>	<b>52 703 387</b>	<b>70,07 %</b>	<b>25 388 234</b>	<b>22 508 559</b>

(\*) f' konformità mal-Artikolu 2.1.6 tar-Regoli dwar l-użu tal-appropriazzjonijiet mill-Punt baġitarju 4 0 0 0

(\*\*) Il-Grupp xolja fl-14 ta' Novembru 2007 u sussegwentement ħallas lura l-appropriazzjonijiet li ma kinux intnefqu lill-PE.

88. Jinnota li fl-2007 l-kontijiet ta' żewġ gruppi politiċi rċewew opinjoni motivata mill-awdituri esterni tagħhom;
89. Jinnota li matul il-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Lulju 2008, waqt li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar it-tmiem tas-sena finanzjarja 2007 għall-gruppi politiċi, il-Bureau, mingħajr dibattitu
- innota u approva d-dokumenti mressqa mill-gruppi u l-kontijiet konsolidati finali tal-Membri indipendenti;
  - iippermetta lill-Grupp PPE-DE li jinkludi fil-kontijiet tiegħu għall-2007 spiża relatata ma' ċertu nfiq tal-istaff għas-snin 2005-2007, li kien ġie ffatturat internament mill-Parlament wara l-31 ta' Janar 2008;
  - ippospona d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kontijiet finali tal-ex Grupp ITS;
90. Jinnota wkoll li l-kontijiet tal-ex-Grupp ITS, xolt fl-14 ta' Novembru 2007, imressqa għand iċ-chairman tal-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju fl-4 ta' Novembru 2008, kienu akkumpanjati minn ċertifikat tal-awditur (i) b'opinjoni motivata meħmuża magħhom dwar evidenza ta' kontrolli interni mhux adegwati kif ġie attestat mill-ħlas tar-remunerazzjoni għal membru tal-istaff mingħajr ma kien sostnut b' kuntratt u (ii) li jirreferi għal proċedimenti dixiplinarji kontra ħaddiem li m'għadux jaħdem hemm;
91. Jinnota li, f'April 2008, il-Grupp ITS ħallas lura lill-Parlament il-bilanċ li kien għad baqa' mis-sussidji tiegħu, li kien jammonta għal EUR 317 310,23;

(1) [http://www.europarl.europa.eu/groups/accounts\\_en.htm](http://www.europarl.europa.eu/groups/accounts_en.htm)



**Partiti Politiċi Ewropej**

92. Jinnota li waqt il-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Lulju 2008, huwa u jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għeluq tas-sena finanzjarja 2007 għall-partiti politiċi, il-Bureau, filwaqt li ħa deċiżjoni mingħajr dibattitu, approva r-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi rispettivi tal-attivitatijiet u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-partiti politiċi li jirċievu sussidju mill-baġit tal-Parlament;

93. Jinnota li fl-2007 l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-punt 4 0 2 0 tal-baġit intużaw kif ġej:

(EUR)

L-eżekuzzjoni tal-baġit tal-2007 kif miftiehem				
Partit	Riżorsi proprji	Sussidji totali mill-PE	Dħul totali	Sussidji bħala % ta' nfiq eleggibbli (massimu 75 %)
PPE	1 150 174,16	3 156 413,79	4 306 587,95	75,00 %
PSE	1 033 792,85	2 992 217,56	4 026 010,41	75,00 %
ELDR	382 797,45	1 022 343,98	1 405 141,43	74,00 %
EPPG	243 733,02	631 750,00	875 483,02	74,05 %
GE	179 599,61	524 251,22	703 850,83	75,00 %
PDE	52 861,45	152 610,87	205 472,32	75,00 %
AEN	53 496,02	159 137,64	212 633,66	74,84 %
ADIE	82 775,00	239 410,00	322 185,00	74,46 %
EFA	81 354,87	215 197,63	296 552,50	75,00 %
EUD	73 951,00	226 279,50	300 230,50	75,00 %
<b>Total</b>	<b>3 334 535,43</b>	<b>9 319 612,19</b>	<b>12 654 147,62</b>	<b>74,81 %</b>

94. Jinnota li fir-rapporti kollha, l-awdituri ċertifikaw bla riżervi li l-kontijiet imressqa kienu konformi mad-dispożizzjonijiet statutorji ewlenin tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003 <sup>(1)</sup> u li ppreżentaw stampa vera u li tirrifletti s-sitwazzjoni tal-partiti politiċi lejn tmiem is-sena finanzjarja 2007; josserva li l-evalwazzjoni mill-Awditur Intern tal-Parlament tal-konformità mar-regoli rilevanti kienet bejn wieħed u ieħor iżjed kritika;

95. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jippubblika l-kontijiet u r-rapporti tal-awdituri dwar partiti politiċi ssussidjati fuq il-websajt tal-Parlament;

96. Jitlob li l-komitati kompetenti tiegħu jkun infurmat dwar is-segwitu għar-rapport mill-Awditur Intern ippubblikat f'Awgust 2007 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kontributi għall-partiti politiċi fil-livell Ewropew (imsemmi fil-paragrafu 55 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-22 ta' April 2008 dwar il-kwittanza tas-sena finanzjarja tal-2006);

97. Jinnota li, kif ġara fl-2005 u l-2006, l-implimentazzjoni tal-baġit minn żewġ partiti (AEN u PDE) kienet inqas sew mill-baġit proviżorju, u li l-uffiċjal li jawtorizza kien ingħata struzzjonijiet biex jirkupra fl-2007:

— EUR 81 294,07 mill-AEN;

— EUR 269 153,40 mill-PDE; u

— EUR 49 819 mill-ADIE;

98. Ifakkar li waqt il-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2008, il-Bureau ħa nota tal-kodiċi ta' kondotta propost għall-kampanji elettorali mill-partiti politiċi fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom (ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1).

99. Ifakkar li, f'konformita' mar-Regolament (KE) Nru 1524/2007 <sup>(1)</sup>, applikazzjonijiet għall-iffinanzjar minn naħa tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-baġit tal-Parlament Ewropew kienu tqiesu għall-ewwel darba matul l-2008; jagħti istruzzjonijiet lill-kumitat kompetenti tiegħu biex jikkunsidra l-utilizzazzjoni ta' dawk il-fondi fil-kwittanza tiegħu fir-rigward tas-sena finanzjarja 2008;

### Fond ta' pensjoni volontarja

100. Jieħu nota tal-fatt li fir-Rebbiegħa 2008, is-sħubija totali tal-iskema kienet 1 113, inklużi 478 MEP attiv (61 % tan-numru totali tal-MEPs), 493 pensjonant (li minnhom 56 kienu nies dipendenti fuq membri mejtin) u 142 membru differit;
101. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2007, l-assi tal-fond kienu EUR 214 887 336; jinnota li r-redditu fuq l-investimenti fl-2007 kien ta' 1,2 %;
102. Jinnota - f'relazzjoni mal-kontijiet tal-ASBL li jimmaniġġja l-fond tal-pensjoni volontarja tal-Membri - id-dikjarazzjoni tal-awditur indipendenti li, mingħajr ma jikkwalifikaw l-opinjoni tagħhom, l-assi tal-ASBL kienu fil-verità b'defiċit ta' EUR 30 917 229 fil-31 ta' Diċembru 2007 (2006: EUR 26 637 836);
103. Jinnota wkoll id-dikjarazzjoni tal-awditur estern li r-responsabilità finali għall-ħlas ta' benefiċċji taqax f'idejn il-Parlament Ewropew, kif previst mill-Artikolu 27 tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew adottat mill-Parlament, li jipprevedi li "drittijiet akkwistati għandhom jinżammu fis-sħuħija tagħhom";
104. Huwa tal-opinjoni li din l-interpretazzjoni ma taqbilx għal kollox mal-kunċett oriġinali tal-fond volontarju ta' pensjoni bħala entità awtonoma barra mill-istrutturi tal-istituzzjoni; jistieden lis-Servizz Legali tiegħu biex jagħti l-opinjoni tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tal-istatut il-ġdid dwar il-kwistjoni jekk ir-responsabilità finanzjarja aħħarija għall-fond volontarju ta' pensjoni taqax f'idejn il-fond u l-membri tiegħu jew f'idejn il-Parlament, billi wieħed iżomm ċar f'moħħu l-interessi taċ-ċittadini Ewropej li jħallsu t-taxxi;
105. Jinnota l-intenzjoni li jinneozja konvenzjoni bejn il-Parlament u l-fond; jinnota li taħt l-ebda ċirkostanzi l-Parlament, fis-sitwazzjoni ekonomika prevalenti, mhuwa se jipprovdi flus żejda mill-baġit biex ikopri d-defiċit tal-fond, kif għamel fil-passat, u li jekk ikollu jggarantixxi d-drittijiet għall-pensjoni, il-Parlament għandu jkollu kontroll sħiħ fuq il-fond u l-politiki ta' investiment tiegħu;
106. Ifakkar fil-konklużjonijiet ta' valutazzjoni attwarja indipendenti <sup>(2)</sup> tal-iskema ta' pensjoni volontarja kkummissjonata mill-Parlament li (i) id-dħul tal-cash flow ikun biżżejjed biex jiġi ffinanzjat il-ħlas tal-pensjoni sal-2015 u li wara dik is-sena ikun meħtieġ li jiġu rrealizzati l-assi sabiex jitħallsu l-pensjonijiet dovuti; u (ii) sakemm l-ipotesi użati mill-attwarju tal-iskema jkunu pruvati bħala korretti, il-fond isir żejded fid-data ta' tmiem; jinnota li s-Segretarju Ġenerali kkummissjona studju attwarju aġġornat li jeżamina l-pożizzjoni wara l-kriżi finanzjarja/bankarja reċenti;
107. Jilqa' b'sodisfazzjon l-informazzjoni li, kif isostnu r-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti, il-Membri tal-fond issa jħallsu l-kontribut tagħhom ta' terz tal-ammont mir-riżorsi proprji tagħhom, iżjed milli mill-allowance tal-ispiża ġenerali;
108. Madankollu, jinnota li għar-raġunijiet ta' skema ta' pensjoni primarja taħt l-Anness III għar-Regoli dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri, il-kontributi tal-Membri kkonċernati jkomplu jinġabru mill-allowance tal-ispiża ġenerali;

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1524/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) 2004/2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi flivell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 5).

<sup>(2)</sup> Rapport finali: Analiżi tar-responsabilitajiet u l-assi Novembru 2007 - AON Consulting Belgium NV/SA



109. Jinnota li waqt il-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2007, il-Bureau ddeċieda li ma jikkonformax ma' rakkomandazzjoni mill-Ombudsman Ewropew (ilment 655/2006/(SAB)ID) li l-Parlament għandu jagħti aċċess għal-lista tal-membri tal-iskema ta' pensjoni volontarja, għalkemm kien hemm l-opinjoni pożittiva tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tal-Infurmazzjoni; jistieden lill-Bureau jerġa' jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u jippubblika l-lista b'konformità mal-parir tas-Servizz Legali tal-Parlament u bi qbil mal-politika ta' trasparenza tal-Unjoni sabiex il-benefiċjarji kollha tal-iffinanzjar Ewropew isiru pubbliċi;

#### **Ambjent**

110. Ifakkar li fis-27 ta' Novembru 2007 l-President u s-Segretarju Ġenerali ffirmaw ftehim għall-iċċertifikar ambjentali tal-bini tal-Parlament, u li b'mod parallel is-Segretarju Ġenerali beda l-proċeduri meħtieġa għall-Parlament biex ikun irreġistrat fil-lista ta' entitajiet li jieħdu sehem fl-iskema EMAS (Skema ta' Eco-management u Verifika) fil-Belġju, Franza u l-Lussemburgu;
111. Jinnota li issal-Parlament għandu ċertifikazzjoni EMAS għat-tliet postijiet tax-xogħol, u li huwa l-uniku istituzzjoni tal-UE b'rikonoxximent iċċertifikat tal-politika ambjentali;
112. Jinnota li fit-18 ta' Ġunju 2007, il-Bureau qabel fuq tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> ta' 30 % sal-2020 bħala l-ewwel għan u bħala l-għan ewlieni għas-sistema tal-immaniġġjar ambjentali, b'konformità mad-deċizzjoni tal-Parlament tal-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2005;
113. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali biex jinforma lill-kumitati kompetenti tiegħu, fil-ħin għall-kwittanza tal-sena d-dieħla, ta' kull segwitu li sar b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2005 fir-rigward ta' miżuri ambjentali, inklużi figuri preċiżi dwar tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> sa dak iż-żmien;

#### **Każ li jikkonċerna l-Uffiċċju tal-Flus tal-Membri**

114. Jinnota li fl-2007 ġie solvut il-każ dwar id-differenza ta' BEF 4 136 125 bejn il-kontijiet tal-kontanti u l-kontijiet ġenerali stabbilita fl-1982; jinnota wkoll li kienet ukoll ġiet sussegwiment solvuta l-kwistjoni tal-kontijiet ta' garanzija fir-rigward tal-amministratur ta' flus mogħtija bil-quddiem għas-servizz pubbliku (imprest) u l-uffiċjal assistent tal-kontijiet fil-kariga dak iż-żmien.
-

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima II – Il-Kunsill**

(2009/629/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0417/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fl-2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li ġew verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 190/2003 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni li tikkonċerna r-rimborż ta' spejjeż ta' vvaġġar ta' delegati ta' Membri tal-Kunsill <sup>(6)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda <sup>(7)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0150/2009),
1. Jipposponi d-deċiżjoni li jagħti kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(6)</sup> Deċiżjoni bbażata fuq ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 (ĠU L 230, 28.8.2002, p. 7).

<sup>(7)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima II – Il-Kunsill**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0417/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fl-2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li ġew verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 190/2003 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni li tikkonċerna r-rimborż ta' spejjeż ta' vvaġġar ta' delegati ta' Membri tal-Kunsill <sup>(6)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda <sup>(7)</sup> (IIA),
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0150/2009),
- A. billi l-Kunsill jirrifjuta li jipprovdil lill-Parlament id-dokument sħiħ tiegħu tal-eżekuzzjoni tal-baġit u r-rapport ta' attività annwali sħiħ tiegħu u pprovdilu biss ir-rapport ta' attività annwali tal-Awditur Intern tiegħu,
- B. billi l-Kunsill jirrifjuta li jkollu kwalunkwe laqgħa uffiċjali mal-Parlament dwar il-kwittanza tiegħu,
- C. billi l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Kolonja tat-3 u l-4 ta' Ġunju 1999 jipprevedu li jingħataw kapaciċtajiet operattivi lill-Kunsill fil-qasam ta' politika komuni Ewropea msaħħa ta' sigurtà u difiża (CESDP),

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(6)</sup> Deċiżjoni bbażata fuq ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 (ĠU L 230, 28.8.2002, p. 7).

<sup>(7)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

- D. billi fid-Deċiżjoni Nru 190/2003 tiegħu, il-Kunsill jagħmilha ċara ħafna li jimplementa approprjazzjonijiet fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari li "Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni [...], megħjun mill-Viċi Segretarju Ġenerali, huwa responsabbli b'mod sħiħ biex jamministra l-appropriazzjonijiet fit-Taqsima II - Il-Kunsill - tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, u biex jieħu l-passi kollha meħteġa biex jiżgura l-ġestjoni soda tagħhom. Huwa jimplementa l-appropriazzjonijiet b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej",
- E. billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/197/PESK <sup>(1)</sup> tat-23 ta' Frar 2004 stabilixxiet mekkaniżmu għall-amministrazzjoni tal-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet tal-UE li għandhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża, msejjaħ ATHENA, u din id-Deċiżjoni, flimkien mad-Deċiżjoni 2004/582/KE tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqa' fil-Kunsill tat-28 ta' April 2004 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet mogħtija lil ATHENA <sup>(2)</sup>, toħloq mekkaniżmu għall-amministrazzjoni tal-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet tal-UE li għandhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża, tagħtiha privileġġi u immunitajiet u tagħti setgħa operattiva lill-Kunsill,
- F. billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/178/PESK tat-28 ta' Frar 2000 dwar ir-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali fil-qasam militari meta jiġu ssekondati lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill matul il-perjodu interim <sup>(3)</sup> u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/80/PESK tat-22 ta' Jannar 2001 fuq l-istabbiliment tal-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea <sup>(4)</sup> jispeċifikaw li n-nefqa li tirriżulta mis-sekondar ta' esperti militari trid tit-ħallas mill-baġit tal-Kunsill,
- G. billi r-rapport annwali tal-Kunsill dwar l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tas-PESK, ippreżentat lill-Parlament fl-applikazzjoni tal-punt 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali, huwa limitat fl-ambitu tiegħu għad-deskrizzjoni tal-attivitajiet tas-PESK, bħall-pożizzjonijiet komuni, l-azzjonijiet konġunti u d-deċiżjonijiet implimentattivi,
1. Jinnota li fl-2007 l-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu total ta' EUR 650 000 000 f'approprjazzjonijiet għall-impenji (2006: EUR 626 000 000), b'rata ta' użu ta' 81,89 %, inqas mill-2006 (91,79 %) u taħt il-medja tal-istituzzjonijiet l-oħra (93,82 %);
  2. Jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu mfissra fir-riżoluzzjoni tal-25 ta' April 2002 dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2000 li "l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma għamlux skrutinju, fil-passat, tal-implimentazzjoni tat-taqsimiet rispettivi tagħhom tal-baġit; jikkunsidra li minħabba n-natura dejjem aktar operattiva tan-nefqa, iffinanzjata mill-baġit amministrattiv tal-Kunsill, fl-oqsma tal-affarijiet barranin, il-politika tas-sigurtà u tad-difiża u l-ġustizzja u l-intern, l-ambitu ta' dan l-arranġament għandu jiġi ċċarat bil-ħsieb li ssir distinzjoni bejn in-nefqa amministrattiva tradizzjonali u l-operazzjonijiet f'dawn l-oqsma ġodda ta' politika" <sup>(5)</sup>;
  3. Jirrifjuta s-suġġeriment tal-Kunsill li l-fatt li l-Parlament u l-Kunsill ma għamlux skrutinju, fil-passat, tal-implimentazzjoni tat-taqsimiet rispettivi tagħhom tal-baġit kien ir-riżultat ta' "Gentlemen's Agreement"; jikkunsidra li minħabba n-natura dejjem aktar operattiva tan-nefqa, in-nefqa tal-Kunsill għandu jsirilha skrutinju bl-istess mod bħal dik tal-istituzzjonijiet l-oħra bħala parti mill-proċedura ta' kwittanza prevista fl-Artikolu 276 tat-Trattat;
  4. Itenni l-pożizzjoni tiegħu murija fil-paragrafu 3 tar-riżoluzzjoni tiegħu tal-22 ta' April 2008 dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2006, li tgħid: "Jiddispijaci li, għall-kuntrarju ta' istituzzjonijiet oħra, il-Kunsill ma jissottomettix rapport ta' attività annwali lill-Parlament, filwaqt li jikkwota l-Gentlemen's Agreement tal-1970 [...] u n-nuqqas ta' kwalunkwe rekwiżit korrispondenti fir-Regolament Finanzjarju; jistieden lill-Kunsill biex jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni li ma jipubblikax u ma jgħaddix lill-Parlament rapport ta' attività sabiex juri aktar responsabbiltà lejn il-pubbliku ġenerali u ma' min iħallas it-taxxa" <sup>(6)</sup>; ifakkar li din id-dikjarazzjoni hija għal kollox konsistenti mal-paragrafi 44 u 45 tar-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2008 dwar trasparenza fi kwistjonijiet finanzjarji <sup>(7)</sup>; jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu li ma jipubblikax ir-rapport tal-attività annwali tiegħu fuq il-websajt tiegħu;

<sup>(1)</sup> ĠU L 63, 28.2.2004, p. 68.

<sup>(2)</sup> ĠU L 261, 6.8.2004, p. 125.

<sup>(3)</sup> ĠU L 57, 2.3.2000, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 27, 30.1.2001, p. 7.

<sup>(5)</sup> ĠU L 158, 17.6.2002, p. 66.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 20.

<sup>(7)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2008)0051.

5. Itenni l-pożizzjoni tiegħu espressa fil-paragrafu 12 tar-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2005, kif ġej: "Jitlob li jkun hemm trasparenza massima fil-qasam tal-Politika Komuni tal-Affarijiet Barranin u tas-Sigurtà (PESK); jitlob lill-Kunsill biex jiżgura, f' konformità mal-punt 42 tal-Ftehim Interistituzzjonali [...], li l-ebda spiża tas-PESK li topera ma tkun tidher fil-baġit tal-Kunsill; iżomm id-dritt li, fejn ikun il-każ, jieħu l-passi meħtieġa jekk ikun hemm ksur tal-ftehim" <sup>(1)</sup>;
6. Jitlob li l-Kunsill jindika n-natura eżatta tan-nefqu, artikolu b'artikolu, partita b'partita, fit-Titolu 3 tiegħu (Infiq li jirriżulta mit-twettiq tal-istituzzjoni tal-missjonijiet speċifiċi tagħha), biex il-Parlament ikun jista' jivverifika li ma kien hemm ebda nefqa ta' natura operazzjonali fl-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Kunsill, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali;
7. Itenni l-pożizzjoni tiegħu espressa fil-paragrafu 58 tar-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2007 dwar ir-rapport annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tas-PESK, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea — 2005 <sup>(2)</sup>, kif ġej: "Jemmen li evalwazzjoni ġenwina tal-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-UE s'issa kienet imxekkla min-nuqqas ta' informazzjoni pro-attiva min-naħa tal-Kunsill, [...]; jikkunsidra li, bl-iffirmar ta' ftehim interistituzzjonali ġdida, issa wasal iż-żmien li jiġu implimentati kemm il-kliem u kemm l-ispirtu ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li issa ġew ifformalizzati b'mod ċar";
8. Jikkunsidra li l-ippjanar ta' operazzjoni mill-Persunal tal-PESK fis-Segretarjat tal-Kunsill, it-tnejja għaliha u l-kontroll tagħha huma partijiet bażiċi u fundamentali tal-operazzjoni, u li dawn l-attivitajiet jiżvolġu ruħhom fit-twettiq tal-politika u l-operazzjonijiet, minflok bħala parti tal-ħidma normali tas-segretarjat fil-Kunsill;
9. Huwa sorpriż li parti sostanzjali (sa 60 %) tal-linja baġitarja 2 2 0 2 ġiet ittrasferita mill-interpretazzjoni għall-vjaġġi tal-PESK/ESDP; jinnota li fl-2006 dan l-ammont kien EUR 12 672 984, u jitlob li jkun infurmat bl-ammont għall-istess linja baġitarja għall-2007; jitlob, għall-benefiċċju ta' aktar trasparenza, li tinħoloq linja baġitarja xierqa għal dawn l-iskopijiet;
10. Jitlob li jkun hemm trasparenza fir-rigward tal-infiq fuq il-Koordinatur tal-UE ta' Kontra t-Terroriżmu u l-infiq li jsir minnu;
11. Jitlob lill-Kunsill biex jipprovdih b'evalwazzjoni ex-post tal-azzjonijiet individwali tal-ESDP;
12. Jerġa' jikkonferma l-pożizzjoni li kien ħa fil-paragrafu 47 tar-risoluzzjoni tiegħu hawn fuq imsemmija tat-23 ta' Mejju 2007, kif ġej: "Jenfasizza d-diżappunt tiegħu [...] li l-Kunsill illimita ruħu li sempliċiment jinforma lill-Parlament u jippreżenta lista deskrittiva tal-attivitajiet tal-PESK li saru s-sena preċedenti, li huma msemmiya mill-Kunsill innifsu fil-preamboli għar-rapporti annwali, minflok ma jikkonsulta b'mod reali lill-Parlament fil-bidu ta' kull sena dwar l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi li għandhom isiru dik is-sena, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji, kif previst fl-Artikolu 28 tat-Trattat tal-UE u sussegwentement jirrapporta lill-Parlament jekk – u fil-każ, kif – ġie meġus il-kontribut tal-Parlament, u jisħaq li din il-prattika, tikkostitwixxi ksur de facto tas-sustanza tal-Artikolu 21";
13. Jinnota li l-Kunsill adotta deċiżjoni li twaqqaf kwalunkwe ħlasijiet residwi marbuta ma' ġranet ta' kumpens mal-irtirar u li tibda tħaddem sistema obbligatorja li għandha l-għan li tillikwida b'mod sħiħ, sal-2009, l-istokks kollha li baqa' tal-liv annwali li ma jkunx ittieħed; jinkoraġġixxi lill-Kunsill biex jirrispetta din l-iskadenza li impona hu stess;
14. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li sistema integrata ġdida għall-ġestjoni u għall-kontroll finanzjarju (SAP), li ilha taħdem mill-1 ta' Jannar 2008, ġiet żviluppata fuq bażi interistituzzjonali mill-Kunsill, mill-Qorti tal-Awdituri u mill-Qorti tal-Ġustizzja, u b'hekk issarrfet f'iffrankar baġitarju sostanzjali u anke gwadanji fl-effiċjenza għat-tliet istituzzjonijiet involuti;
15. Jiddispijaċih li, skont ir-rapport ta' attività annwali tal-awditur intern tal-Kunsill, il-Kunsill ma kienx kapaċi jimla l-impjegji vakanti fis-servizz ta' verifika interna tiegħu;
16. Jieħu kont tal-fatt li, skont l-istess rapport ta' attività annwali, l-awditur intern irrakkomanda l-eliminazzjoni totali tal-*comptes hors budget*; jirrikjedi mill-Kunsill li jelimina kompletament u immedjatament il-kontijiet kollha bħal dawn;

<sup>(1)</sup> ĠU L 187, 15.7.2008, p. 21.

<sup>(2)</sup> ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 309.

17. Jitlob lill-Kunsill biex isolvi l-problema li tikkonċerna l-*“vérification des factures”*, kif ġie rakkomandat mill-awditur intern tal-Kunsill;
18. Jikkunsidra li t-talba ripetuta tal-Parlament, li s'issa dejjem ġiet miċħuda, għal aktar trasparenza u skrutinju parlamentari aktar mill-qrib tan-nefqa tal-Kunsill relatata mas-PESK/CFDP għandha tiġi enfasizzata b'emendi baġitarji li jkollhom l-għan li jpoġġu friżerva ċerti linji baġitarji rilevanti fil-baġit tal-Kunsill għall-2010;
19. Ifakkar li fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2008 dwar ir-Rapport Speċjali Nru 8/2007 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT <sup>(1)</sup>, il-Parlament stieden lill-Kunsill sabiex jadotta konklużjonijiet formali dwar is-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri; jiddispjaċih li l-Kunsill għadu ma aġixxi fuq it-talba tiegħu; jitlob lill-Kunsill sabiex jagħti informazzjoni lill-Kumitat kompetenti tal-Parlament dwar ir-raġunijiet li għalihom ma adottax konklużjonijiet formali, u dwar is-segwitu għal dan ir-Rapport Speċjali;
20. Jitlob lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabiex tagħti attenzjoni speċjali fir-rapport annwali li jmiss għall-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Kunsill;

### **Raġunijiet għall-posponiment tad-deċiżjoni dwar il-kwittanza**

21. Jindika li r-raġunijiet għall-posponiment huma dawn li ġejjin:
  - (a) il-Kunsill ma laqa' ebda stedina biex jiltaqa' uffiċjalment mal-kumitat kompetenti tal-Parlament jew mar-rapporteur tiegħu biex jiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-eżekuzzjoni tal-baġit għall-2007;
  - (b) la l-kumitat kompetenti u lanqas ir-rapporteur tiegħu ma rċevew tweġiba komprensiva bil-miktub qabel il-votazzjoni fil-kumitat fuq l-abbozz tar-rapport fis-16 ta' Marzu 2009, li tipprovi lill-Parlament b'informazzjoni u dokumenti mitluba mill-Kunsill fl-anness tal-ittra tat-18 ta' Frar 2009 iffirmata mir-rapporteur u l-koordinaturi tal-kumitat kompetenti tiegħu;
  - (c) il-Parlament ma rċevix dokumenti fundamentali mill-Kunsill, bħal, pereżempju, ir-rapport tal-attività annwali u l-lista sħiħa tat-trasferimenti tal-baġit;
  - (d) dan in-nuqqas ta' trasparenza u disponibilità għal djalogu uffiċjali u formali min-naħa tal-Kunsill jagħmel impossibbli li tingħatha kwittanza fejjieda u b'mod partikulari ma jħallix lill-Parlament il-possibilità li jivverifika li ma kien hemm ebda nefqa ta' natura operazzjonali fl-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Kunsill, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali;

### **Azzjonijiet oħra li għandhom jittieħdu u dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament**

22. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rppreżentant Għoli għall-PESK biex, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Mejju 2009, jipprovi lill-kumitat kompetenti tal-Parlament bi tweġibiet kompensivi bil-miktub għal dawn il-mistoqsijiet:
  - A. fir-rigward tal-*“comptes hors budget”* tagħha (cf. rakkomandazzjonijiet tal-awditur intern R.2 tal-2007):
    - Kemm kellu kontijiet *“hors budget”* il-Kunsill fl-2007?
    - Fejn kienu stabbiliti dawn il-kontijiet u għal liema raġuni?
    - X'bażi legali intużat għal dawn il-kontijiet? X'inhu l-ammont ta' kull kont?
    - Lista tat-tranżazzjonijiet kollha ta' kull wieħed minn dawn il-kontijiet għas-sena finanzjarja 2007, kif ukoll il-lista tal-uffiċjali awtorizzanti b'delega skont il-linji tal-baġit.

<sup>(1)</sup> P6\_TA(2008)0581, paragrafu 21.



- B. fir-rigward tal-*“vérification des factures”* (cf. rakkomandazzjonijiet tal-awditur intern R.1 tal-2007):
- Għal liema raġuni l-awditur intern wasal għall-konklużjoni li verifika ex-ante ma kenitx taħdem b'mod sodisfaċenti?
  - Il-linji tal-baġit huma kollha suġġetti għal kontrolli ex-ante u/jew ex post?
  - Kemm il-fattura ġiet iċċekkjata, x'kien il-persentaġġ ta' fatturi li ttieħed kampjun tagħhom u x'kien il-persentaġġ ta' dawn li kellhom l-iżbalji?
  - Il-Kunsill ħejja xi pjan ta' azzjoni biex isolvi din il-problema u, jekk iva, meta se jiġi implimentat?
- C. fir-rigward tal-linja tal-baġit 2 2 0 2 (interpretazzjonijiet tal-ispejjeż):
- X'kienu r-raġunijiet li ġiet rdoppjata (mill-2006 sal-2007) il-linja tal-baġit 2 2 0 2 ddedikata għall-interpretazzjoni?
  - Għaliex il-Kunsill għandu bżonn jittrasferixxi flus minn din il-linja tal-baġit għall-ispejjeż ta' vjaġġar tad-delegati?
  - Għaliex il-Kunsill uża EUR 12 672 000 mill-interpretazzjoni għall-ispejjeż ta' vjaġġar tad-delegati fl-2006?
  - Għaliex ma żiedx bl-istess ammont il-linja tal-baġit speċifika fl-2007?
  - X'inhu l-ammont speċifiku li l-Kunsill ittrasferixxa għas-sena 2007 minn din il-linja tal-baġit għall-linja 2 2 0 0, jew għal xi linja oħra tal-baġit?
- D. fir-rigward tal-linja tal-baġit 2 2 0 0 (spejjeż ta' vvaġġar tad-delegati):
- Parti mill-bażi legali għal din il-linja tal-baġit hija d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 190/2003 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/ir-Rappreżentant Għoli għas-PESK, li ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
  - Għall-finijiet tat-trasparenza, jistal-Kunsill iqiegħed id-Deċiżjonijiet kollha tiegħu fuq il-websajt u fir-reġistru ta' referenzi tiegħu?
- E. fir-rigward il-linja tal-baġit 3 0 0 2 (konsulenti speċjali fil-qasam tal-ESDP/PESK):
- Liema ammont ittrasferixxa l-Kunsill għal din il-linja tal-baġit għas-sena 2007 u għal kemm-il konsulent speċjali?
23. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rppreżentant Għoli għas-PESK biex jagħti lill-komitati kompetenti tal-Parlament sal-15 ta' Mejju 2009:
- il-lista sħiħa ta' trasferimenti tal-baġit rigward il-baġit 2007 tal-Kunsill;
  - ir-rapport tal-attività annwali tiegħu għas-sena 2007;
  - il-lista ta' assoċjazzjonijiet li rċevew flus għas-sena finanzjarja 2007 u jispeċifika l-ammonti li rċeviet kull assoċjazzjoni (linja tal-baġit 2 2 3 7 - spejjeż operazzjonali oħra).

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena  
finanzjarja 2007, Taqsima III – Kummissjoni**

(2009/630/KE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 – Volum I (SEC(2008) 2359 – C6-0415/2008) <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza 2006 (COM(2008) 629, COM(2008) 628) u d-dokumenti ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġa ma' dawn ir-rapporti (SEC(2008) 2579, SEC(2008) 2580),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Sinteżi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2007" (COM(2008) 338),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007 (COM(2008) 499) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2361),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar it-tweġibiet tal-Istati Membri għar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2006 (COM(2008) 112),
- wara li kkunsidra l-Green Paper dwar l-inizjattiva Ewropea favur it-trasparenza adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006 (COM(2006) 194),
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-mudell ta' verifika waħda (*single audit*) (u l-proposta relatata ma' qafas ta' kontroll intern Komunitarju) <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ir-roadmap għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2005) 252),
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2006) 009), ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas integrat tal-kontroll intern (COM(2007) 86) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2007) 311),
- wara li kkunsidra l-ewwel rapport ta' nofs is-sena dwar it-tabella tal-progress tal-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat, ippubblikat fid-19 ta' Lulju 2006 (SEC(2006) 1009), konformi mat-talba magħmula mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu maħruġa mad-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2004,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 6/2007 tal-Qorti tal-Awdituri dwar it-taqsiriet annwali tal-Istati Membri; id-"dikjarazzjonijiet nazzjonali" tal-Istati Membri; u x-xogħol tal-verifika fuq il-fondi tal-UE mill-korpi nazzjonali tal-verifika <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (COM(2008) 97),

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU C 216, 14.9.2007, p. 3.



- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni s-Sinjura Hübner u s-Sur Špidla lill-Kummissjoni fejn ippreżentaw rapport intermedjarju dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (SEC(2008) 2756) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2755),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2008) 110) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 259),
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet <sup>(1)</sup> u r-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi pprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar interpretazzjoni komuni tal-idea tar-riskju tollerabbli ta' żbalji (COM(2008) 866) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan il-komunikazzjoni (SEC(2008) 3054),
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni għall-esekuzzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007 (5587/2009-C6-0055/2009),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE, kif ukoll l-Artikoli 179a u 180b tat-Trattat Euratom,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 246 u l-Artikoli li jsegwu tat-Trattat KE fir-rigward tal-Qorti tal-Awdituri,
  - wara li kkunsidra l-istandards internazzjonali tal-verifika u l-istandards internazzjonali tal-kontabilità, b'mod partikolari dawk applikabbli għas-settur pubbliku,
  - wara li kkunsidra r-Reviżjoni Internazzjonali minn Esperti fil-Qasam mill-Qorti tal-Awdituri,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jstipula r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, b'mod partikolari t-Titolu V, Kapitlu 3, li jittratta pensjonijiet tal-irtirar u tal-invaldità flimkien ma' Anness XII, li jstipula d-dispożizzjonijiet għal Artikolu 83a tar-Regolamenti tal-Persunal,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 70 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati interessati l-oħra (A6-0168/2009),
- A. billi, skont l-Artikolu 274 tat-Trattat KE, il-Kummissjoni timplimenta l-baġit taħt ir-responsabilità tagħha stess, b'konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda,
1. Jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hi parti integrali tad-deċizzjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsimha III - Kummissjoni u Aġenziji Esekuttivi;

<sup>(1)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(3)</sup> ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investment, u lill-parlamenti u l-istruzzjonijiet nazzjonali u reġjonali ta' verifika tal-Istati Membri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

---

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/631/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 – Volum I (SEC(2008) 2359 – C6-0415/2008) <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza 2006 (COM(2008) 629, COM(2008) 628) u d-dokumenti ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġa ma' dawn ir-rapporti (SEC(2008) 2579, SEC(2008) 2580),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Sinteżi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2007" (COM(2008) 338),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007 (COM(2008) 499) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2361),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar it-tweġibiet tal-Istati Membri għar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2006 (COM(2008) 112),
- wara li kkunsidra l-Green Paper dwar l-inizjattiva Ewropea favur it-trasparenza, adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006 (COM(2006) 194),
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-mudell ta' verifika waħda (*single audit*) (u l-proposta relatata ma' qafas ta' kontroll intern Komunitarju) <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ir-roadmap għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2005) 252),
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2006) 9), ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas integrat tal-kontroll intern (COM(2007) 86) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2007) 311),
- wara li kkunsidra l-ewwel rapport ta' nofs is-sena dwar it-tabella tal-progress tal-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat, ippubblikat fid-19 ta' Lulju 2006 (SEC(2006) 1009), konformi mat-talba magħmula mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu maħruġa mad-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2004,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 6/2007 tal-Qorti tal-Awdituri dwar it-taqsiriet annwali tal-Istati Membri; id-"dikjarazzjonijiet nazzjonali" tal-Istati Membri; u x-xogħol tal-verifika fuq il-fondi tal-UE mill-korpi nazzjonali tal-verifika <sup>(5)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 32.<sup>(4)</sup> ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU C 216, 14.9.2007, p. 3.

- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (COM(2008) 97),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni s-Sinjura Hübner u s-Sur Špidla lill-Kummissjoni fejn ippreżentaw rapport intermedjarju dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (SEC(2008) 2756) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2755),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2008) 110) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 259),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Esekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar interpretazzjoni komuni tal-idea ta' riskju tollerabbli ta' żbalji (COM(2008) 866) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 3054),
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-aġenziji esekuttivi għall-esekuzzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007 (5589/2009 – C6-0056/2009),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE kif ukoll l-Artikoli 179a u 180b tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 246 u l-Artikoli li jsegwu tat-Trattat KE, fir-rigward tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra l-istandards internazzjonali tal-verifika u l-istandards internazzjonali tal-kontabilità, b'mod partikolari dawk applikabbli għas-settur pubbliku,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-Aġenziji Esekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar ir-regolamentazzjoni finanzjarja standard għall-aġenziji esekuttivi bl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji esekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 66(1) u (2) tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/56/KE tal-14 ta' Jannar 2005 li tistabbilixxi l-Aġenzija Esekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali għat-tmexxija tal-azzjoni Komunitarja fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura bl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 70 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati interessati l-oħra (A6-0168/2009),

<sup>(1)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 71.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

<sup>(6)</sup> ĠU L 24, 27.1.2005, p. 35.

- A. billi, skont l-Artikolu 274 tat-Trattat KE, il-Kummissjoni timplimenta l-baġit taħt ir-responsabilità tagħha stess, skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda,
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Esekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Esekuttiva għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hi parti integrali tad-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III - Kummissjoni u Aġenziji Esekuttivi;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, id-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III - Kummissjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali ta' dawn id-deċiżjonijiet, lid-Direttur tal-Aġenzija Esekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

---

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Esekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/632/KE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 – Volum I (SEC(2008)2359 – C6-0415/2008) <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Esekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza 2006 (COM(2008) 629, COM(2008) 628) u d-dokumenti ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġa ma' dawn ir-rapporti (SEC(2008) 2579, SEC(2008) 2580),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Sinteżi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2007" (COM(2008) 338),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007 (COM(2008) 499) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2361),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar it-tweġibiet tal-Istati Membri għar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2006 (COM(2008) 112),
- wara li kkunsidra l-Green Paper dwar l-inizjattiva Ewropea favur it-trasparenza, adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006 (COM(2006) 194),
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-mudell ta' verifika waħda (*single audit*) (u l-proposta relatata ma' qafas ta' kontroll intern Komunitarju) <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-pjan direzzjonali għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2005) 252),
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2006) 9), ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas integrat tal-kontroll intern (COM(2007) 086) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2007) 311),
- wara li kkunsidra l-ewwel rapport ta' nofs is-sena dwar it-tabella tal-progress tal-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat, ippubblikat fid-19 ta' Lulju 2006 (SEC(2006)1009), konformi mat-talba magħmula mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu maħruġa mad-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2004,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 6/2007 tal-Qorti tal-Awdituri dwar it-taqsiriet annwali tal-Istati Membri; id-"dikjarazzjonijiet nazzjonali" tal-Istati Membri; u x-xogħol tal-verifika fuq il-fondi tal-UE mill-korpi nazzjonali tal-verifika <sup>(5)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 29.

<sup>(4)</sup> ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU C 216, 14.9.2007, p. 3.

- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (COM(2008) 097),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni s-Sinjura Hübner u s-Sur Špidla lill-Kummissjoni fejn ippreżentaw rapport intermedjarju dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (SEC(2008) 2756) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2755),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2008) 110) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 259),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Esekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi pprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar interpretazzjoni komuni tal-kunċett ta' riskju tollerabbli ta' żbalji (COM(2008) 866) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 3054),
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-aġenziji esekuttivi għall-esekuzzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007 (5589/2009 – C6-0056/2009),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE kif ukoll l-Artikoli 179a u 180b tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 246 u l-Artikoli li jsegwu tat-Trattat KE, fir-rigward tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra l-istandards internazzjonali tal-verifika u l-istandards internazzjonali tal-kontabilità, b'mod partikolari dawk applikabbli għas-settur pubbliku,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE, Euratom) Nru. 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-Aġenziji Esekuttivi inkarigati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar ir-regolamentazzjoni finanzjarja standard għall-aġenziji esekuttivi li jsegwi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji esekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 66(1) u (2) tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2004/20/KE tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi aġenzija esekuttiva, l-Aġenzija Esekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti, biex timmaniġġja l-azzjoni tal-Komunità fis-settur tal-enerġija bl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2007/372/KE tal-Kummissjoni tal-31 ta' Mejju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2004/20/KE sabiex tittrasforma l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti f'Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni <sup>(7)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 79.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

<sup>(6)</sup> ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85.

<sup>(7)</sup> ĠU L 140, 1.6.2007, p. 52.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 70 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati interessati l-oħra (A6-0168/2009),
- A. billi, skont l-Artikolu 274 tat-Trattat KE, il-Kummissjoni timplimenta l-baġit taħt ir-responsabilità tagħha stess, skont il-prinċipju ta'amministrazzjoni finanzjarja soda,
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Esekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Esekuttiva għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hi parti integrali tad-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III - Kummissjoni u Aġenziji Esekuttivi;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, id-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III – Kummissjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali ta' dawn id-deċiżjonijiet, lid-Direttur tal-Aġenzija Esekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE



**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Programm tas-Saħħa Pubblika għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/633/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 – Volum I (SEC(2008) 2359 – C6-0415/2008) <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Esekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar is-segwitu tad-deċiżjonijiet ta' kwittanza 2006 (COM(2008) 629, COM(2008) 628) u d-dokumenti ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġa ma' dawn ir-rapporti (SEC(2008) 2579, SEC(2008) 2580),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Sinteżi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2007" (COM(2008) 338),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007 (COM(2008) 499) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2361),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar it-tweġibiet tal-Istati Membri għar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2006 (COM(2008) 112),
- wara li kkunsidra l-Green Paper dwar l-inizjattiva Ewropea favur it-trasparenza, adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006 (COM(2006) 194),
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-mudell ta' verifika waħda (*single audit*) (u l-proposta relatata ma' qafas ta' kontroll intern Komunitarju) <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-roadmap għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2005) 252),
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2006) 9), ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas integrat tal-kontroll intern (COM(2007) 86) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2007) 311),
- wara li kkunsidra l-ewwel rapport ta' nofs is-sena dwar it-tabella tal-progress għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat, ippubblikat fid-19 ta' Lulju 2006 (SEC(2006) 1009), konformi mat-talba magħmula mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu maħruġa mad-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2004,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 6/2007 tal-Qorti tal-Awdituri dwar it-taqsiriet annwali tal-Istati Membri; id-"dikjarazzjonijiet nazzjonali" tal-Istati Membri; u x-xogħol tal-verifika fuq il-fondi tal-UE mill-korpi nazzjonali tal-verifika <sup>(5)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 81.

<sup>(4)</sup> ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU C 216, 14.9.2007, p. 3.

- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (COM(2008) 97),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni, is-Sinjura Hübner u s-Sur Špidla lill-Kummissjoni fejn ippreżentaw rapport intermedjarju dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (SEC(2008) 2756) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2755),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2008) 110) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 259),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Esekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-twegġibiet tal-Aġenzija <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar interpretazzjoni komuni tal-idea tar-riskju tollerabbli ta' żbalji (COM(2008) 866) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 3054),
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-aġenziji esekuttivi għall-esekuzzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007 (5589/2009 – C6-0056/2009),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE kif ukoll l-Artikoli 179a u 180b tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 246 u l-Artikoli li jsegwu tat-Trattat KE, fir-rigward tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra l-istandards internazzjonali tal-verifika u l-istandards internazzjonali tal-kontabilità, b'mod partikolari dawk applikabbli għas-settur pubbliku,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-Aġenzija Esekuttiva li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar ir-regolament finanzjarju standard għall-aġenziji esekuttivi bl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji esekuttivi fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 66(1) u (2) tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2004/858/KE tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2004 li tistannilixxi aġenzija esekuttiva bl-isem Aġenzija Esekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika għat-tmexxija tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 tal-Kunsill <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 70 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati interessati l-oħra (A6-0168/2009),

(1) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 86.

(2) ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(4) ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

(5) ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

(6) ĠU L 369, 16.12.2004, p. 73.

- A. billi, skont l-Artikolu 274 tat-Trattat KE, il-Kummissjoni timplimenta l-baġit taħt ir-responsabilità tagħha stess, skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda,
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Esekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Esekuttiva għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hi parti integrali tad-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III - Kummissjoni u Aġenziji Esekuttivi;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, id-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III – Kummissjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali ta' dawn id-deċiżjonijiet, lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva tas-Saħħa u tal-Konsumatur (l-eks Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

---

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III - Kummissjoni u Aġenziji Esekuttivi**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 – Volum I (SEC(2008) 2359 – C6-0415/2008) <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar is-segwitu tad-deċiżjonijiet ta' kwittanza 2006 (COM(2008) 629, COM(2008) 628) u d-dokumenti ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġa ma' dawn ir-rapporti (SEC(2008) 2579, SEC(2008) 2580),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Sinteżi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2007" (COM(2008) 338),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007 (COM(2008) 499) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2361),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar it-tweġibiet tal-Istati Membri għar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2006 (COM(2008) 112),
- wara li kkunsidra l-Green Paper dwar l-inizjattiva Ewropea favur it-trasparenza, adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006 (COM(2006) 194),
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-mudell ta' verifika waħda (*single audit*) (u l-proposta relatata ma' qafas ta' kontroll intern Komunitarju) <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ir-roadmap għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2005) 252),
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2006) 9), ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas integrat tal-kontroll intern (COM(2007) 86) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2007) 311),
- wara li kkunsidra l-ewwel rapport ta' nofs is-sena dwar it-tabella tal-progress tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat, ippubblikat fid-19 ta' Lulju 2006 (SEC(2006) 1009), konformi mat-talba magħmula mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu maħruġa mad-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2004,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 6/2007 tal-Qorti tal-Awdituri dwar it-taqsiriet annwali tal-Istati Membri; id-"dikjarazzjonijiet nazżjonali" tal-Istati Membri; u x-xogħol tal-verifika fuq il-fondi tal-UE mill-korpi nazżjonali tal-verifika <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (COM(2008) 97),

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 216, 14.9.2007, p. 3.

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni s-Sinjura Hübner u s-Sur Špidla lill-Kummissjoni fejn ippreżentaw rapport intermedjarju dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (SEC(2008) 2756) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2755),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2008) 110) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 259),
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mat-twegġibiet tal-istituzzjonijiet <sup>(1)</sup> u r-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar interpretazzjoni komuni tal-idea tar-riskju ta' żbalji (COM(2008) 866) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 3054),
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni għall-esekuzzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007 (5587/2009 – C6-0055/2009),
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-aġenziji esekuttivi għall-esekuzzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007 (5589/2009 – C6-0056/2009),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE kif ukoll l-Artikoli 179a u 180b tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 246 u l-Artikoli li jsegwu tat-Trattat KE, fir-rigward tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra l-istandards internazzjonali tal-verifika u l-istandards internazzjonali tal-kontabilità, b'mod partikolari dawk applikabbli għas-settur pubbliku,
- wara li kkunsidra r-Reviżjoni Internazzjonali minn Esperti fil-Qasam mill-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jstipula r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, b'mod partikolari Titolu V, Kapitlu 3, li jittratta persjonijiet tal-irtirar u tal-invalidità flimkien ma' Anness XII, li jstipula d-dispożizzjonijiet għal Artikolu 83a tar-Regolamenti tal-Persunal,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jstipula l-istatut għall-aġenziji esekuttivi fdati b'ċerti kompiti li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija tal-programmi Komunitarji <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) u (3) tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 70 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati interessati l-oħra (A6-0168/2009),

<sup>(1)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(3)</sup> ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

- A. billi skont l-Artikolu 274 tat-Trattat KE il-Kummissjoni timplimenta l-baġit Komunitarju taħt ir-responsabilità tagħha stess u jrid ikun implimentat, skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda, bil-koperazzjoni tal-Istati Membri,
- B. billi l-Kummissjoni jeħtieġ li tagħmel minn kollox sabiex tappoġġja bis-sħiħ l-inizjattivi maħsuba biex itejbu l-kwalità tal-amministrazzjoni finanzjarja sabiex tinkiseb dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (DAS) pożittiva tal-Qorti tal-Awdituri,
- C. billi Artikolu 184 tar-Regolament Finanzjarju (KE, Euratom) Nru 1605/2002 jipprovdni għal revizzjoni tar-Regolament Finanzjarju kull meta jkun meħtieġ, u mill-inqas kull tliet snin, u billi l-perjodu attwali ta' tliet snin jiskadi fl-1 ta' Jannar 2010; billi l-istess Artikolu jstipula li l-Parlament jista' jitlob għall-proċedura ta' konċiljazzjoni jekk tixtieq li din tintuża,
- D. billi s-setgħa politika tal-Komunitajiet Ewropej fuq l-aġenziji mhux esekuttivi - li hija kondizzjoni għall-inklużjoni tal-kontijiet ta' dawn fil-parametri tal-konsolidazzjoni tal-kontijiet tal-Komunitajiet Ewropej - jidher li qed tikber minn sena għal sena, u billi posthom fl-organigramma ta' entitajiet operazzjonali tal-Komunità qed tiġi gradwalment oskurata,
- E. billi l-implimentazzjoni ta' ċerti politiki tal-Unjoni hija karatterizzata mill-“ġestjoni bi sħab” tal-baġit Komunitarju bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li tirrappreżenta madwar 80 % tal-ispejjeż Komunitarji amministrati mill-Istati Membri,
- F. billi, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2007 <sup>(1)</sup> dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2005, huwa qies li kull Stat Membru għandu jkun f'pożizzjoni li jassumi r-responsabilità tal-amministrazzjoni tal-fondi Komunitarji riċevuti, kemm permezz ta' dikjarazzjoni ta' amministrazzjoni nazzjonali waħdanija, jew permezz ta' diversi dikjarazzjonijiet f'qafas nazzjonali,
- G. billi, fir-rapport annwali tagħha għas-sena finanzjarja 2007, il-Qorti tal-Awdituri enfasizzat, fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-progress dwar it-twaqqif ta' qafas ta' kontroll intern integrat, li “l-ispejjeż tal-UE huma tali li r-riskju prinċipali ta' żbalji jinsab fil-livell tal-benefiċjarju finali!” (punt 1.47),
- H. billi l-preżentazzjoni mill-Istati Membri tat-taqsiriet annwali tal-verifiki u d-dikjarazzjonijiet disponibbli fil-qasam tal-ġestjoni konġunta, bl-applikazzjoni tal-punt 44 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja <sup>(2)</sup> soda (IIA), għandha tkun l-ewwel pass lejn id-dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' amministrazzjoni u tikkontribwixxi b'mod ċar għat-titjib tal-amministrazzjoni tal-baġit Komunitarju bil-għan komuni fundamentali li tinkiseb DAS pożittiva għan-nefqa kollha tal-Unjoni,
- I. billi l-kunċett ta' riskju tollerabbli ta' żbalji ddaħħal fil-livell tal-Unjoni Ewropea mill-Qorti tal-Awdituri fl-Opinjoni tagħha Nru 2/2004 dwar il-mudell ta' “kontroll waħdieni” <sup>(3)</sup>, u l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li “kull sistema ta' kontroll hija kompromess bejn l-ispiża tat-twertiq tal-kontrolli skont il-livell definit ta' intensità, minn naħa, u l-benefiċċji li dawn il-proċeduri jstgħu jipproduċu, min-naħa l-oħra. Fil-kuntest Komunitarju, il-benefiċċji huma t-tnaqqis tar-riskju ta' ħela ta' fondi u l-limitazzjoni tar-riskju ta' żbalji għal livell aċċettabbli”,
- J. billi, fir-rapport annwali 2007 tagħha, il-Qorti tal-Awdituri tikkunsidra li “l-ispejjeż tal-kontroll huma kwistjoni importanti, kemm għall-baġit tal-Unjoni u kif ukoll għall-Istati Membri jew benefiċjarji” u li “l-bilanċ bejn l-ispiża u r-riskju residwali għal ċerti oqsma ta' nfiq għandu tant importanza illi għandu jkun approvat fil-livell politiku (jiġifieri mill-awtoritajiet tal-baġit/kwittanza) fisem iċ-ċittadini tal-Unjoni” (punti 1.52 b) u c)) u li fil-punt 2.42 c), tar-rapport annwali 2007 tagħha, il-Qorti tal-Awdituri tirrikkmanda li titkompla l-elaborazzjoni tal-kunċett ta' riskju tollerabbli,
- K. billi l-Kunsill Ecofin tat-8 ta' Novembru 2005 qies fil-punt 5 tal-konklużjonijiet tiegħu li t-twaqqif ta' kontroll intern integrat, kif ukoll is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-kontroll kienu ta' importanza kapitali u talab “lill-Kummissjoni biex tevalwa l-ispiża tal-kontrolli skont is-settur tal-ispejjeż”,

<sup>(1)</sup> ĠU L 187, 15.7.2008, p. 25.

<sup>(2)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>(3)</sup> L-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-mudell ta' verifika waħsa (single audit), u proposta marbuta ma' qafas ta' kontroll intern Komunitarju, ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.



- L. billi l-Presidenza Slovena tal-Kunsill f'Ġunju 2008 ħasset "bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2005, [...] li għandu jintlaħaq fehim komuni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-riskji residwali li jistgħu jkunu tollerati fl-attivitajiet bażiċi, filwaqt li jitqiesu l-ispiża u l-vantaġġi tal-kontrolli fil-qafas tal-politiki differenti u tal-ammont korrispondenti tal-ispejjeż" <sup>(1)</sup>,
- M. billi, waqt li d-djalogu bejn l-awditur estern (il-Qorti tal-Awdituri) u l-korp li qiegħed jiġi verifikat (il-Kummissjoni) huwa meħtieġ, mhuwiex kontestabbli li, fl-applikazzjoni tal-istandards internazzjonali tal-verifika li għandhom jibqgħu fil-qafas ġenerali tal-kontroll baġitarju, għandu jkun l-awditur li jevalwa r-riskji fu li fuqhom huwa jibbaża d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għażla tal-proċeduri għall-verifika,
- N. billi, bl-istess mod, l-ispiża ta' kontroll tiddependi b'mod definit fuq il-livell ta' żball tollerabbli, iżda wkoll fuq il-kumplessità tal-organizzazzjoni tal-entità li qiegħda tiġi verifikata u fuq il-kwalità tal-kontroll intern tagħha,
- O. billi, fl-applikazzjoni tal-istandards internazzjonali tal-verifika, l-awditur estern jagħżel il-metodi xierqa biex jagħżel l-elementi ta' kontroll sabiex jingħaqdu l-elementi konvinċenti li jippermetti li jintlaħqu l-obbjettivi tat-testijiet ta' verifika tiegħu; billi, bl-istess mod, jekk l-għażla tal-metodi tiddependi miċ-ċirkostanzi, dan jiddependi fuq kollox mir-riskju ta' verifika u mill-għan ta' effikaċja tal-kontrolli; billi, fl-aħħar nett, l-awditur estern għandu jiżgura li l-metodi użati jipprovdu elementi konvinċenti suffiċjenti u xierqa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-verifika,
- P. billi, fil-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura (DG EAC) armonizza l-programmi ta' azzjoni, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni tal-metodu ta' verifika waħdiena tal-kontijiet; billi, f'dak il-kuntest, id-dikjarazzjonijiet ex ante u ex post tal-Istati Membri jikkostitwixxu fatturi ġodda u addizzjonali fis-superviżjoni u l-kontroll tas-sistemi,
- Q. billi l-proċedura annwali għall-kwittanza tippermetti lill-Parlament biex ikollu relazzjoni diretta mar-responsabbli prinċipali ta' din l-amministrazzjoni u, u fid-dawl tar-riżultati tal-verifika tal-Qorti tal-Awdituri, jiżgura liċ-ċittadini b'titjib tal-amministrazzjoni tan-nefqa tal-Unjoni biex b'hekk tinħoloq il-bażi għal deċiżjoni aktar soda,
- R. billi l-Artikolu 83 tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 jistipula li pensjonijiet jithallu mill-baġit u li l-Istati Membri jridu jiggerantixxu b'mod konġunt il-ħlas ta' benefiċċji bħal dawn skont l-iskala mħejjija għall-finanzjament ta' din it-tip ta' nefqa; billi l-persunal iħallu lura 10,25 % mis-salarji tagħhom għall-baġit ġenerali bħala kontribut lejn il-finanzjament tal-iskema tal-pensjonijiet,
- S. billi l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 jistipula garanzija konġunta tal- Istati Membri, li jfisser li din il-garanzija tista' tiġi fis-seħħ jekk ikun hemm nuqqas ta' Stat Membru wieħed jew aktar, iżda ma tippermettix li wieħed jista' jikkonkludi direttament li l-Komunitajiet m'għandhomx dritt kontra l-Istati Membri li daħlu għal dak l-impenn,
- T. billi l-2007 kienet l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp,
- U. billi l-2007 kienet is-Sena Ewropea ta' Opportunitajiet Indaqs Għal Kulħadd, li tat attenzjoni speċjali għal forum multipli ta' diskriminazzjonijiet li n-nisa ħafna drabi jiffaċċjaw,
- V. billi minħabba disparitajiet persistenti bejn in-nisa u l-irġiel, l-użu tar-riżorsi baġitarji għandu effetti differenti fuq iż-żewġ sessi,
- W. billi l-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja li jmiss għandu jjiehu kont tar-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-kwittanza 2007 u jappoġġja l-proposti ta' riforma sabiex isaħħaħ ir-responsabilità tal-Istati Membri biex ikunu solvuti b'mod definit il-problemi identifikati għall-bosta snin mill-Qorti tal-Awdituri,

<sup>(1)</sup> Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, nota tal-presidenza lid-delegazzjonijiet – "An improved sound financial management of EU funds 10284/08 FIN 217", 3.6.2008 (hija disponibbli l-verżjoni Ingliża biss).



- X. billi l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament, b'koperazzjoni mal-Qorti tal-Awdituri, għandhom jistabilixxu għalihom infushom bħala għan komuni li jiksbu DAS pożittiv,

#### KONKLUŻJONIJIET PRINĊIPALI

1. Jilqa' il-progress li kompla jsir mill-Kummissjoni u minn xi Stati Membri sabiex ikun hemm użu aktar effiċjenti mill-fondi tal-UE u l-ambjent ta' kontroll in ġenerali, li huwa rifless fit-titjib li sar fid-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni (DAS) tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;
2. Jilqa' l-progress konsiderevoli li sar fil-verifki li saru tas-7 Programm ta' Qafas mill-familja ta' riċerka tal-Kummissjoni meta mqabbel ma' Programmi ta' Qafas ta' qabel; jerġa' jisħaq li l-amministrazzjoni tal-fondi tal-Politika Agrikola Komuni (CAP) marret aktar għall-aħjar, b'mod partikulari minħabba s-Sistema ta' Kontroll Amministrattiv Integrat (IASC); jiddispaċih ħafna li fl-2007 l-Greċja kienet għadha mhix qed tissodisfa l-obbligi tagħha fl-implimentazzjon tal-IACS;
3. Jinnota li l-2007 kienet l-ewwel sena tal-għeluq tal-programmi pluriannwali 2000-2006 u li ġew irku-prati bosta fondi;
4. Jinnota t-titjib konsiderevoli fil-qasam tal-amministrazzjoni finanzjarja tal-Iżvilupp tar-Riċerka u t-Teknoloġija (RTD) fejn ir-rata ta' żbalji tnaqqset b'aktar minn 50 % fi żmien 3 snin; jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-isforzi ta' simplifikazzjoni tagħha sabiex jitjeb l-użu tal-programmi mill-benefiċjarju aħħari;
5. Jinnota b'mod pożittiv l-isforzi li saru mill-Kummissjoni fil-qasam ta' fondi allinjati għall-Politika għall-Koeżjoni fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni sabiex jissaħħaħ l-irwol ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni skont il-ġestjoni konġunta ta' azzjonijiet strutturali li għiet adottata fil-kuntest tal-kwittanza 2006; jittama li l-ewwel riżultati tal-pjan ta' azzjoni u l-isforzi ta' simplifikazzjoni jibdeu jidhru fir-Rapporti Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-2008;
6. Għadu inkwetat dwar in-nuqqas ta' kapaċità tal-EU fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet; jikkunsidra li l-Unjoni tiflew mill-orjentazzjoni politika tagħha, il-viżibilità tagħha u r-responsabbiltà tagħha meta tuża fondi fiduċjarji internazzjonali li jkunu jistgħu jiġu amministrati mill-Kummissjoni kieku din irrispettat ir-rapporti tal-kwittanza tal-2005 u l-2006 u ħolqot strument post-kriżi tagħha; huwa mħasseb ħafna dwar in-nuqqas ta' kontroll fuq il-fondi Komunitarji użati minn ċerti aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti u r-retiċenza min-naħa ta' dawn l-aġenziji li jsewgu każijiet ta' frodi meta dawn jirrigwardaw fondi tal-Komunità;

#### KWISTJONIJIET ORIZZONTALI

##### Dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni

7. Jinnota t-titjib f'partijiet individwali tad-DAS, jiddispaċih madankollu li, għar-raba' sena konsekuttiva, id-DAS ipprovdut mill-Qorti tal-Awdituri fir-rapport annwali 2007 tagħha tinkludi opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-attivitajiet bażiċi tal-kontijiet; jinnota li l-Qorti tikkunsidra li f'bosta oqsma ta' spejjeż (agrikoltura u riżorsi naturali, koeżjoni, riċerka, enerġija u trasport, għajjuna barranija, żvilupp, tkabbir, edukazzjoni u ċittadinanza), il-ħlasijiet għadhom affettwati b'mod sinifikanti minn żbalji, għalkemm f'livelli differenti;
8. Għandu pjaċir jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri, id-dħul, l-ispejjeż amministrattivi u dawk marbuta mal-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji u spejjeż rigward il-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agrikoltura (EAGF), ma fihomx żbalji sinifikanti;
9. Jinnota li, b'mod partikolari fil-livell tas-sistemi ta' kontroll, is-sitwazzjoni qed titjeb iżda b'mod insuffiċjenti u bil-mod wisq;

*Affidabilità tal-kontijiet*

10. Għandu pjaċir jinnota d-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li skont din il-kontijiet annwali tal-Komunitajiet Ewropej jippreżentaw b'mod preċiż, fl-aspetti sinifikanti kollha tagħhom, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Komunitajiet Ewropej fil-31 ta' Diċembru 2007, kif ukoll ir-riżultati tal-attivitajiet u l-flussi tat-Teżor għas-sena finanzjarja magħluqa f'din id-data (Kapitlu 1, DAS, punt VII); jitlob madankollu lill-Kummissjoni sabiex tagħti l-attenzjoni meħtieġa għall-kummenti li għamlet l-Qorti ewropea tal-Awdituri sabiex isir titjib fil-kompletezza u l-eżattezza tad-dejta bażika ta' kontabilità;
11. Jikkunsidra li mhux normali li l-kontijiet annwali juru assi netti ta' EUR 58 600 000 000 u jistaqsi jekk l-ammonti li jridu jintalbu mill-Istati Membri għandhomx jiddaħħlu bħala assi, għaladarba EUR 33 500 000 000 li huma smati bħala pensjonijiet tal-persunal huwa ċar li huma impenji; jitlob aktar dettalji dwar in-noti annessi rigward ammonti oħrajn li jridu jintalbu mill-Istati Membri li jammontaw għal EUR 27 900 000 000; jinnota l-ispegazzjonijiet mogħtija mill-Uffiċċjal tal-Kontijiet tal-Kummissjoni li ġew imħarsal-istandards internazzjonali tal-kontabilità applikabbli għas-settur pubbliku; jipproponi li tingħata konsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit fond għall-pensjonijiet tal-Komunità sabiex jiġu esternalizzati dawn l-impenji finanzjarji vis-à-vis l-persunal;
12. Ma jifhimx għaliex l-attivi riċevuti mill-Komunitajiet Ewropej u marbuta mal-programm GALILEO ma tqajmox fil-kontijiet annwali għaliex, skont ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri, il-ftehim ġie ffirmati fl-aħħar tal-2007 bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea, il-intrapriża komuni GALILEO u l-Awtorità ta' Monitoraġġ tal-GNSS (sistemi globali ta' navigazzjoni bis-satelliti) maħluqa fl-2004 u inkarigata fl-1 ta' Janar 2007 biex tkompli bl-attivitajiet tal-intrapriża komuni GALILEO li kien hemm qabel; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposta rigward il-proġetti maġġuri Ewropej (Galileo jew TENs) li jeh-teġu finanzjament akbar mill-perpsettivi finanzjarji u sabiex jiġu kkontrollati;
13. Jitlob li tiġi studjata l-possibiltà li jiġu stabbiliti fil-kontijiet annwali, dispożizzjonijiet għal xogħlijiet kbar ta' manutenzjoni jew ta' konverżjoni tal-patrimonju immobbli tal-Komunitajiet Ewropej minħabba n-nuqqas tal-ammortizzament tal-immobbli b'komponenti speċifiċi u għal indikazzjoni tal-elementi prinċipali ta' assi fissi korporattivi li jridu jiġu sostitwiti f'intervalli regolari; hu tal-fehma li dawn id-dispożizzjonijiet għal xogħlijiet kbar ta' manutenzjoni jew konverżjoni għandhom ikunu sostnuti minn aktar programmi pluriannwali ta' manutenzjoni li għandhom l-għan li jżommu l-bini fi stat tajjeb ta' funzjonament mingħajr ma jtawlu t-tul tal-ħajja tagħhom;
14. Jitlob li jkun verifikat sew li, fin-nuqqas ta' rabtiet ta' kapital, il-livell ta' poter politiku tal-Komunitajiet Ewropej fl-aġenziji inklużi fil-perimetru ta' konsolidazzjoni tal-kontijiet ikun konformi mal-esiġenzi tal-istandards internazzjonali tal-kontijiet tas-settur pubbliku;
15. Juri t-tħassib u d-dubji tiegħu dwar il-possibiltà li jiġu maħtura uffiċjali anzjani "non category" - sakemm ma jkunx speċifikat b'mod espliċitu fl-organigrammi tal-persunal - fl-aħħar skala tal-Grad AD16 taħt kwalunkwe ċirkostanza, u jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara l-possibilitajiet skont it-Regolamenti tal-Persunal rigward din is-sitwazzjoni baġitarja speċifika;

*Legalità tal-attivitajiet bażiċi*

16. Jinnota b'sodisfazzjoni li l-oqsma fejn il-Kummissjoni implimentat sistemi ta' kontroll u monitoraġġ xierqa (id-dħul, l-impenji u l-ħlasijiet relatati mal-ispejjeż amministrattivi u oħrajn, kif ukoll mal-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji) ma għandhomx żbalji sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-legalità u r-regolarità tal-attivitajiet bażiċi (Kapitlu 1, DAS, punt IX);
17. Sadanittant, jiddeplora l-fatt li f'oqsma importanti ħafna tal-amministrazzjoni tal-baġit Komunitarju (spejjeż għall-agrikoltura minbarra l-EAGF), il-koeżjoni, ir-riċerka, l-enerġija u t-trasport, l-azzjonijiet barranin, l-edukazzjoni u l-kultura), il-Qorti tal-Awdituri ssib għal darb'oħra li obbligi legali kumplikati jew mhux preċiżi, minn naħa, għandhom għadd kbir ta' żbalji fil-livell tal-benefiċjarju finali u, min-naħa l-oħra, jaffettwaw l-effikaċja parzjali tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll, u li din il-kumplessità tinfluwenza l-fatt li jkun impossibbli li tinkiseb dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pożittiva mill-Qorti tal-Awdituri (Kapitlu 1, DAS, punti X u XI); b'riżultat ta' dan, jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel analiżi biex tiddetermina kemm huma mifruxa l-problemi u liema soluzzjonijiet jistgħu jkunu provduti; jenfasizza għalhekk il-bżonn tas-simplifikazzjoni tar-regoli u r-regolamenti bażiċi sabiex tinkiseb assigurazzjoni pożittiva mill-Qorti tal-Awdituri (DAS)

18. Jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ aktar il-monitoraġġ li hija teżerċita fuq il-kontrolli delegati lill-Istati Membri u biex tagħtihom direzzjonijiet ċari dwar il-mod kif jipprevjenu, jidentifikaw u jikkorreġu l-iżbalji u tinsisti magħhom li, sakemm is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri jibqgħu insuffiċjenti, tuża l-mezzi kollha tagħha biex iġġiegħel lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom u jagħmlu t-titjib meħtieġ, b'mod partikulari bl-applikazzjoni ta' sospensjoni ta' pagamenti u korrezzjonijiet finanzjarji;

#### **Amministrazzjoni tal-baġit – korrezzjonijiet finanzjarji**

19. Jinnota l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri tiddikjara li, meta mqabbel mal-bidu tal-programmazzjoni preċedenti, l-użu ta' krediti ta' impenn tjejb b'mod definit fl-2007, li hija l-ewwel sena tal-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni 2007-2013;
20. Jikkunsidra madankollu li fir-rigward ta' ġestjoni koġunta jew deċentralizzata, il-Kummissjoni għandha tapplika bis-sħiħ ir-Regolament Finanzjarju (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u tassumi r-responsabilità finali tagħha fl-implimentazzjoni tal-baġit u jenfasizza l-ħtieġa li tkompli bil-korrezzjonijiet finanzjarji kulmeta jinstabu irregolaritajiet mhux ikkorreġuti mill-Istati Membri, mingħajr ma tistenna t-tmiem taċ-ċiklu pluriannwali;

#### **Irkuprar**

21. Jinnota bi tħassib il-problemi tal-irkuprar ta' fondi Komunitarji mħallsa b'mod irregolari u l-kwalità ħażina tad-dejta pprovduta dwar il-mekkaniżmi ta' korrezzjoni applikati fil-livell tal-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqşam mal-politika ta' koeżjoni, kultant kontradittorji u mhux kompleti, u fir-rigward tal-agrikoltura, il-Qorti tal-Awdituri tiddubbita l-affidabilità tal-informazzjoni pprovduta (punti 3.26 u 5.44 tar-rapport annwali 2007);
22. Jindika wkoll l-importanza tad-deċiżjonijiet u l-miżuri finali ta' korrezzjoni li jkollhom l-għan li jiġu esklużi mill-finanzjament Komunitarju l-ispejjeż li ma sarux b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, u jġedded it-talba tiegħu li tiġi speċifikata l-linja tal-baġit eżatta u s-sena għal liema jirreferi l-irkuprar individwali, kif inhi l-prattika standard fis-settur tar-riżorsi naturali fl-agrikoltura;
23. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipproċedi għal titjib fl-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi pluriannwali tal-irkuprar, inkluż fil-livell tal-Istati Membri, u għal konsolidazzjoni tad-dejta dwar l-irkuprar u l-korrezzjonijiet finanzjarji, b'mod partikulari fl-oqsma koperti mill-Fondi Strutturali, sabiex tipprovidi ċifri affidabbli u komparabbli bejn l-oqsma politiċi differenti u l-metodi ta' ġestjoni ta' fondi; jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport lill-Parlament fin-notamenti għall-kontijiet annwali biex ikollu stampa ġenerali;
24. Minħabba l-persistenza tal-problemi marbuta mal-irkupru, jitlob evalwazzjoni tas-sistema;

#### **Sospensjoni tal-ħlasijiet**

25. Jappoġġja bis-sħiħ lill-Kummissjoni fl-applikazzjoni rigoruża tal-leġiżlazzjoni fir-rigward ta' sospensjoni ta' ħlasijiet u jfaħħar l-azzjonijiet meħuda sabiex ma jiġux trasferiti fondi sakemm il-Kummissjoni ma jkollhiex garanzija assoluta dwar l-affidabilità tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri benefiċjarju tal-fondi kkonċernati;

#### **Taqsiriet annwali tal-verifiki, dikjarazzjonijiet disponibbli fil-qasam tal-ġestjoni koġunta u dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' amministrazzjoni**

26. Ifaħħar il-fatt li t-taqsiriet annwali tal-awditjar tal-Istati Membri kienu disponibbli mill-2008, kif ukoll l-evalwazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippreżentati fir-Rapporti Annwali ta' Attività 2007 tad-direttorati ġenerali kkonċernati mill-Fondi Strutturali u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tnedi sforzi sabiex dawn it-taqsiriet annwali jkunu jistgħu jiġu ppubblikati flimkien mar-reazzjoni tal-Kummissjoni; huwa tal-fehma li t-taqsiriet annwali tal-Istati Membri huma dokumenti pubbliċi u għalhekk għandhom jingħataw ukoll lill-kumitat kompetenti tal-Parlament waqt il-proċedura ta' kwittanza;

27. Josserva bi tħassib li minħabba d-diskrepanza osservata fil-livell tal-preżentazzjoni tagħhom u n-nuqqas ta' valur miżjud, il-Qorti tal-Awdituri tikkunsidra li dawn it-taqsiriet għadhom ma jippreżentawx evalwazzjoni affidabbli tal-funzjonament u l-effikaċja tas-sistemi ta' kontroll; jilqa' b'sodisfazzjoni l-linja gwida tal-Kummissjoni bl-iskop li tiggarrantixxi titjib fil-kwalità tat-taqsiriet annwali għall-2008 u jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb aktar il-gwida li tingħata lill-Istati Membri biex ifasslu t-taqsiriet annwali; huwa tal-fehma li taqsiriet annwali validi jnaqqsu n-numru ta' spezzjonijiet fuq il-post;
28. Jistieden lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward sabiex tanalaizza t-taqsiriet li rċeviet fl-2009 bl-iskop li jiġu ottimizzati il-valur miżjud tagħhom f'dik li hi assigurazzjoni li jipprovdu rigward l-operat tas-sistemi ta' kontroll interni li jużaw l-Istati Membri; jitlob ukoll lill-Kummissjoni sabiex tinkludi analiżi tat-taqsiriet annwali li jissottomettu l-Istati Membri fir-rapport annwali skont l-Artikolu 86(4) tar-Regolament Finanzjarju (KE, Euratom) Nru 1605/2002, u tuża bħala livell ta' referenza d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali rigward dixxiplina baġatarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda (IIA);
29. Jiddeplora li l-Kummissjoni ma segwitx it-talba magħmula fir-Riżoluzzjoni tat-22 ta' April 2008 dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(1)</sup> biex tfassal u tgħaddi lill-Parlament u lill-Kunsill dokument li janalizza, fuq il-bażi tat-taqsiriet annwali riċevuti, il-punti sodi u l-punti dgħajfa tas-sistemi nazzjonali ta' kull Stat Membru fir-rigward tal-amministrazzjoni u kontroll tal-fondi Komunitarji, kif ukoll ir-riżultati tal-verifiki magħmula; jiddeplora wkoll li s'issa għadu ma rċevix informazzjoni dettaljata min-naħa tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni u l-analiżi komparattiva tal-ewwel taqsiriet annwali ppreżentati; jikkunsidra li huwa importanti li jingħata rendikont tal-kwalità tat-taqsiriet annwali sabiex tiżgura l-valur miżjud tal-proċess, b'mod partikolari permezz tal-identifikazzjoni tal-problemi komuni, is-soluzzjonijiet possibbli u l-aħjar prattiki;
30. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta regolament din l-evalwazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva tat-taqsiriet annwali fir-rapporti ta' attività u tara li din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-partijiet kollha konċernati, kif ukoll għall-pubbliku, tul il-proċedura ta' kwittanza; jistenna li jirċievi l-ewwel minn fost dawn l-evalwazzjonijiet sa Settembru 2009 u jitlob li din l-analiżi tat-taqsiriet nazzjonali, minbarra li tiġi ppreżentata uffiċjalment lill-Parlament, għandha tkun ukoll iċċirkulata fost il-kumitati nazzjonali kompetenti tal-kontijiet pubbliċi kollha;
31. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tagħmel wara tliet snin evalwazzjoni komprensiva li tanalizza l-valur miżjud tat-taqsiriet annwali rigward amministrazzjoni finanzjarja soda tal-fondi komunitarji fl-Istati Membri, kif ukoll dwar il-livell ta' indipendenza tal-awdituri li pparteċipaw fiha;
32. Jikkunsidra li t-taqsiriet annwali li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kull sena flimkien ma sommarju tal-kontrolli tal-kontijiet u d-dikjarazzjonijiet disponibbli, bl-applikazzjoni tal-punt 44 tal-IIA, għandhom ikunu l-ewwel pass lejn it-twaqqif tad-dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' amministrazzjoni fl-Istati Membri kollha; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiddikjara x'għamlet rigward dan b'kunsiderazzjoni għar-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza ta' qabel u sabiex tnedi b'urġenza kull sforz possibbli biex ittejjeb it-taqsiriet annwali sabiex ikollhom l-istess piż politiku bħad-dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' amministrazzjoni; huwa tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tuża l-inizjattiva leġiżlattiva tagħha biex tippromovi deċiżjoni tal-Kunsill li tagħmel id-dikjarazzjonijiet nazzjonali obbligatorji;
33. Jinnota bi pjaċir li xi Stati Membri (id-Danimarka, l-Olanda, l-Iżvezja, ir-Renju Unit, l-) ħadu l-inizjattiva biex japprovaw l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni nazzjonali dwar l-amministrazzjoni tal-fondi Komunitarji, iżda jiddispijaċih il-fatt li, minkejja dawn l-inizjattivi, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħra jopponu dan, u jiddeplora l-fatt li, il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza,, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja is-Slovakja, u il-Finlandja, għadhom mhumiex jieħdu passi biex jiżviluppaw sistema effettiva ta' dikjarazzjonijiet nazzjonali;
34. Jitlob, skont l-Artikolu 248(3) tat-Trattat KE, sabiex, għall-kontroll tal-ġestjoni konġunta, issir enfasi fuq il-koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' kontroll u l-Qorti tal-Awdituri Ewropea; jipproponi li għandu jiġi studjat il-ħruġ mill-istituzzjonijiet nazzjonali ta' kontroll bħala awdituri esterni indipendenti u fir-rispett tal-istandards internazzjonali ta' verifika, ta' ċertifikazzjoni nazzjonali ta' verifika għall-amministrazzjoni tal-fondi Komunitarji li tingħata lill-gvernijiet tal-Istati Membri bil-ħsieb li din tiġi ppreżentata fil-proċess ta' kwittanza skont proċedura interistituzzjonali xierqa li għandha titwaqqaf;

(1) ĠU L 88, 31.3.2009, p. 25.

**Sistemi ta' kontroll**

*Il-pjan ta' azzjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat*

35. Jinnota b'sodisfazzjon il-progress globali miksub bit-twettiq tal-pjan ta' azzjoni, kif ukoll il-fatt li l-parti l-kbira tal-azzjonijiet ġew implimentati u li l-maġġoranza tan-nuqqasijiet elenkati fil-pjan ta' azzjoni ġew solvuti;
36. Juri t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-kritika ripetuta tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kwalità insuffiċjenti ta' kontrolli fl-Istati Membri; jinnota bi tħassib l-ilmenti tal-benefiċjarji u tal-entitajiet nazzjonali ta' kontrolli dwar in-numru ta' kontrolli u l-ispiża tagħhom;
37. Jinnota wkoll bi tħassib il-kritika tal-benefiċjarji dwar l-għadd ta' manwali, noti ta' gwida, dokumenti ta' ħidma u regoli ta' parteċipazzjoni applikabbli għas-sussidji; jitlob konsolidazzjoni ta' dawn id-dokumenti u diskussjoni mal-Parlament sabiex jiġu simplifikati dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni;
38. Jinsisti li s-sistemi ta' kontroll huma riflessjoni tal-kumplessità tar-regolamenti u r-regoli ta' livelli varji, li kultant jidħlu f'xulxin, iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni biex tgħaġġel l-eżerċizzju tas-simplifikazzjoni filwaqt li tinvolvi b'mod sħiħ lill-Parlament; jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jagħmlu l-istess sforzi;
39. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-kundizzjonijiet għall-użu tal-metodu standard sabiex tinkiseb aktar affidabilità fl-interess tal-benefiċjarji; jikkunsidra inaċċettabbli li terġa' tiġi diskussa ex post l-għażla tar-rati;
40. Jiddeplora li l-Azzjoni Nru 4 tal-Pjan ta' Azzjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat għat-tnejja ta' inizjattiva interistituzzjonali dwar il-prinċipji bażiċi li għandhom jitqiesu fir-rigward tar-riskji aċċettabbli fl-attivitatiet bażiċi ser tiġi implimentata tard;
41. Ifakkar ukoll fl-importanza, f'dan il-kuntest, tal-Azzjoni 10 tal-pjan ta' azzjoni msemmi hawn fuq, li timmira biex titwettaq "analiżi tal-ispiża tal-kontrolli", billi "jeħtieġ li jintlaħaq bilanċ xieraq bejn l-ispejjeż u l-vantaġġi tal-kontrolli";
42. Jistenna wkoll li r-rapport annwali ta' attivita' tad-direttorati ġenerali jergħu jinkludu informazzjoni dwar il-kwalità tal-kontrolli fl-Istati Membri u t-titjib tagħha u jitlob mill-Kummissjoni klassifikazzjoni tal-aġenziji kollha ta' hłas u tal-organi ta' ċertifikazzjoni;
43. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta regolarment evalwazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern integrat u jitlob li r-rapport annwali ta' attivita' u r-rapport ta' sinteżi jkopru aħjar is-sistemi tas-servizzi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fil-ġestjoni konġunta, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità teknika u l-konsiderazzjonijiet etiċi, pereżempju fir-rigward tal-livell ta' indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali ta' verifika;
44. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel evalwazzjoni aktar kompleta u eżawrjenti tal-ispiża tar-riżorsi dedikati għas-sistemi ta' kontroll skont il-qasam tal-ispiża, u dan għall-oqsma kollha tal-ispejjeż tal-Unjoni, hekk kif mitlub mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-kwittanza fis-snin preċedenti u skont il-kunċett ta' "ksib tar-riżultati";
45. Jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex tagħmel studju abbażi tat-taqsiriet annwali riċevuti li janalizza l-punti sodi u l-punti dgħajfa tas-sistemi nazzjonali ta' kull Stat Membru fil-qasam ta' amministrazzjoni u kontroll tal-fondi Komunitarji, flimkien ma' stima tal-ispiża tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll tal-fondi Komunitarji; ifakkar lill-Kummissjoni fl-inpenn tagħha li ttejjeb il-kwalità tat-taqsiriet annwali tal-Istati Membri biex isiru strumenti ta' utilità li jnaqqsu r-riskju żbalji fis-snin li ġejjin; jitlob lill-Kummissjoni biex twettaq dak li wiegħdet;
46. Jikkunsidra li din l-analiżi komparattiva għandha tingħata lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri fi tmien l-2009, bidu tal-2010, u għandha sservi ta' bażi għal djalogu interistituzzjonali dwar ir-riskju tollerabbli ta' żbalji;



47. Jikkunsidra li, għalkemm “livell ta’ riskju aċċettabbli” hija idea fundamentali f’qafas ta’ kontroll intern integrat li għandu jkun ikkunsidrat mill-Qorti tal-Awdituri meta tkun ser tagħti d-DAS tagħha, skont l-Opinjoni Nru 4/2006 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-abbozz ta’ Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(1)</sup>, għad irid jiġi definit il-mod kif dan il-livell ta’ riskju tollerabbli jrid jiġi determinat;

*Riskju tollerabbli ta’ żbalji*

48. Jilqa’ l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar interpretazzjoni komuni tal-idea ta’ riskju ta’ żball tollerabbli bħala bażi metodoloġika soda għall-analiżi ekonomika tal-livell ta’ riskju aċċettabbli u jistenna li l-Kummissjoni ttejjem dan ix-xogħol waqt ix-xogħol ta’ preparazzjoni għall-proposta tagħha dwar il-livell ta’ riskju aċċettabbli skont it-taqsimha baġitarja; jirrikonoxxi, f’dan il-kuntest, l-importanza ta’ din il-Komunikazzjoni bħala l-ewwel bażi ta’ riflessjoni ta’ opinjoni stretta-ment ekonomika dwar il-“livell ta’ riskju aċċettabbli” għal żewġ oqsma ta’ nfiq tal-Unjoni, jiġifieri l-Fondi Strutturali u l-EAFRD; jitlob madankollu li dan id-djalogu bejn l-awditur estern u l-korp li qed jiġi verifikat jibqa’ konformi mal-istandards internazzjonali tal-verifika li jeżiġu li l-awditur estern jevalwa r-riskji fuqhom u li fuq il-bażi tagħhom huwa jieħu d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għażliet tal-proċeduri ta’ verifika;
49. Jiddeplora li l-Kummissjoni tikxef fil-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq il-problemi li nstabu sabiex tinkiseb informazzjoni affidabbli biżżejjed min-naħa tal-Istati Membri u jaħseb li din l-evalwazzjoni hija ta’ dannu għall-immagna tal-Unjoni;
50. Għandu dubji dwar l-affidabilità tad-dejta pprovduta mill-Istati Membri u jitlob lill-Kummissjoni sabiex mill-ġdid tiġbor statistika u bl-għajjnuna teknika tal-Qorti tal-Awdituri, tagħmel analiżi tagħha fid-dettall malli jibda jidher l-impatt tar-regoli għall-2007-2013 u tippreżenta din l-analiżi lill-Parlament u lill-Kunsill qabel tmiem l-2011;
51. Jikkunsidra li d-determinazzjoni ta’ livell ta’ riskju tollerabbli hija importanti ħafna u ta’ kumplessità kbira; jikkunsidra li l-livell ta’ riskju tollerabbli għandu jkun marbut mill-qirb ma studju dettaljat dwar il-bilanċ bejn l-ispiża u l-effiċjenza tas-sistemi ta’ kontroll tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri għal kull wieħed mill-oqsma tal-ispejjeż Komunitarji;
52. Jistieden lill-Kummissjoni, minħabba l-ħtieġa urġenti biex titkompla l-analiżi tal-ispiża u l-vantaġġi tal-kontrolli, sabiex bl-appoġġ tekniku tal-Qorti tal-Awdituri, tagħmel analiżi fil-fond fil-qasam tar-riċerka, tar-relazzjonijiet esterni u tal-ispiża amministrattiva u tissottometti r-rapport tagħha qabel tmiem is-sena 2010;
53. Jikkunsidra li l-ammonti tal-fondi Ewropej mitlufa minħabba żbalji għandhom ukoll jiġu kkunsidrati waqt id-determinazzjoni tar-rata tollerabbli ta’ żbalji;
54. Jikkunsidra li huwa xieraq li joħorġu proposti konkreti fir-rigward tat-titjib tal-amministrazzjoni u l-kontroll tal-ispejjeż Komunitarji, jiġifieri ċerta armonizzazzjoni ta’ ċerti aspetti, u jipproponi li l-Parlament jagħti lill-Kummissjoni, matul il-proċedura baġitarja li jmiss, ir-riżorsi meħtieġa għat-twettiq tal-istudju;
55. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta mingħajr dewmien il-proposti tagħha biex tilħaq l-għan ta’ DAS pożittiva;

**Trasparenza**

56. Ifakkar fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda reġistrazzjoni volontarja għal-lobbyists u li tevalwa s-sistema wara sena; jaf il-bażi legali għal reġistrazzjoni mandatorja prevista mit-Trattat ta’ Liżbona; ifakkar li r-reġistru attwali tal-Parlament huwa diġà mandatorju u li reġistru komuni eventwali jkun defacto mandatorju, ladarba r-reġistrazzjoni hi, fiż-żewġ każi, prerekwiżit biex jinkiseb aċċess għall-Parlament;
57. Jiddispaċiħ li t-talba tiegħu għal kodiċi ġdid ta’ kondotta għall-membri tal-Kummissjoni sabiex titjeb u tiġi ċċarata r-responsabilità politika individwali u kollettiva tagħhom rigward id-deċiżjonijiet tagħhom u l-implementazzjoni tal-politiki tagħhom mis-servizzi tagħhom, għadha ma ġietx implimentata;

<sup>(1)</sup> ĠU C 273, 9.11.2006, p. 2.

58. Jerġa' jfakkar fir-responsabilità tal-Kummissjoni li tiżgura li l-informazzjoni li tingħata dwar il-benefiċjarji u l-finanzjamenti Komunitarji tkun sħiħa, faċli biex tiġi kkonsultata u mqabbla, u jiddispijaċi li dan l-għan għadu ma ġiex milħuq;
59. Jerġa' jfakkar fl-importanza tat-trasparenza u l-pubbliċità sħiħa dwar il-persunal tal-kabinet tal-Membri tal-Kummissjoni li ma ġiex reklutat skont ir-Regolamenti tal-Persunal;
60. Jinnota li l-pubblikazzjoni ta' benefiċjarji ta' fondi Ewropej hija obligatorja mis-sena baġitarja 2007; jinnota b'dispijaċir li l-Parlament m'għandux stampa globali tal-pubblikazzjoni u lanqas tad-dettalji tal-benefiċjarji u tal-proġetti tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa l-utilità tad-dejta ppubbli-kata mill-Istati Membri fid-dawl tal-għanijiet politiċi ddikjarati;
61. Huwa sorpriż dwar il-fatt li l-Kummissjoni offriet kontribuzzjoni ta' 1 500 000 miljun euro għal fitness centre tal-Parlament mill-kontijiet bankarji barra l-baġit tal-eks Economat (COM(2008) 692) ma jaqbilx ma' dan it-tip ta' tentativ biex tinkiseb l-approvazzjoni tal-Parlament biex jintużaw flus; ifakkar fil-paragrafu 6 tar-Riżoluzzjoni tiegħu fuq imsemmija tal-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2005, u l-paragrafi 6 u 7 tar-Riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2006 dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2004 <sup>(1)</sup>; jitlob lill-Kummissjoni biex iddaħħal il-flus li jiġu mill-kontijiet bankarji ta' barra l-baġit mill-eks Economat, fil-baġit regolari qabel tagħmel propositi għall-użu tagħhom;
62. ifakkar lill-Kummissjoni li bażi ta' dejta kompleta, li tkun disponibbli faċilment u miftuħa għal pubbliku kollu, dwar il-benefiċjarji aħħarin kollha tal-finanzjamenti Komunitarji għandha tkun lesta qabel l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss;

#### **Ir-Regolament Finanzjarju**

63. Jinnota b'sodisfazzjoni li s-simplifikazzjoni li saret matul l-aħħar reviżjoni tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 uriet l-effetti mixtieqa tagħha għas-akkwisti pubbliċi;
64. Jinnota madankollu li l-miżuri meħuda għas-sussidji wrew biss effikaċja parzjali; jitlob li l-Kummissjoni tippreżentalu sal-1 ta' Jannar 2010 propositi għal Regolament Finanzjarju, rivedut u kompletament ikkonsolidat, b'kapitli speċifiċi għal programmi ta' nefqa individwali li jiġbru flimkien, f'sors wieħed u komprensiv, ir-rekwiżiti kollha li benefiċjarju ta' programm irid jissodisfa, kif ukoll simplifikazzjonijiet oħrajn għall-għoti u l-kontroll ta' sussidji; jitlob, skont l-Artikolu 184 tar-Regolament (CE, Euratom) Nru 1605/2002, rikors għall-proċedura ta' konċiljazzjoni għar-reviżjoni ta' kull tliet snin li jmiss ta' dan ir-Regolament (CE, Euratom) Nru 1605/2002;
65. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipparteċipa fi stadju bikri f'konsultazzjonijiet mal-istituzzjonijiet l-oħrajn li jaqgħu taħt ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002,

#### **Uffiċċju għall-ġlieda kontra l-frodi (OLAF)**

66. Jinnota bi tħassib il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-OLAF; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-OLAF jingħata aċċess immedjat għall-bażijiet tad-dejta tagħha jekk dan ikun meħtieġ għal xi investigazzjoni, sabiex ikunu jistgħu jinbdeu u jitmexxew investigazzjonijiet mingħajr dewmien;
67. Jitlob ukoll biex jiġi żgurat li l-pajjiżi terzi benefiċjarji joffru lill-OLAF kull assistenza meħtieġa matul kontrolli u verifiki fuq il-post, kif ukoll kull informazzjoni pertinenti dwar is-segwitu tal-investigazzjonijiet magħmula; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-kuntratti futuri jistipulaw li l-awtoritajiet tal-pajjiżi konċernati jridu jikkoperaw bis-sħiħ mal-OLAF;
68. Jinsab imħasseb ħafna għall-fatt li 6,7 % biss mill-każijiet kollha ta' "segwitu ġudizzjarju" tal-OLAF wasslu għal proċedimenti ġudizzjarji; huwa konxju li fl-2007, 60 % tal-każijiet kollha tal-OLAF kellhom rakkomandazzjonijiet ta' "segwitu ġudizzjarju"; jikkunsidra li din hi sitwazzjoni intollerabbli u li ddgħajef l-istat tad-dritt u l-fiducia taċ-ċittadini u li minnha jistgħu jibbenefikaw biss dawk li jikkommettu frodi; għalhekk iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tuża s-setgħat kollha mogħtija lilha mit-Trattati sabiex tiżgura koperazzjoni effettiva fost l-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda kontra l-frodi fil-Komunità;

<sup>(1)</sup> ĠU L 340, 6.12.2006, p. 5.



69. Jinnota bi tħassib li bejn l-2006 u l-2008, 37 biss minn 222 investigazzjoni interna wasslu għal proċedimenti dixxiplinarji u li minn dawn is-37 investigazzjoni, tnejn biss kellhom konsegwenzi reali, filwaqt li tieta twaqqfu minħabba nuqqas ta' provi u t-32 l-oħra – jiġifieri 87 % – s'issa għadhom ma taw ebda riżultat; jistieden lill-Kummissjoni sabiex timpenja ruħha biex tittratta l-każijiet dixxiplinari b'istess forza bħal f'każijiet esterni u biex tikseb riżultati f'dawk il-każijiet li għadhom ma wasslux għal segwitu dixxiplinari effettiv;
70. Jistieden għal darba oħra lill-Kummissjoni biex timplimenta mekkaniżmu għal skambji ta' informazzjoni bejn l-OLAF u l-Istati Membri dwar is-segwitu li jingħata għall-investigazzjonijiet tal-Komunità kontra l-frodi; b'mod partikolari, jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali jinfurmaw lill-OLAF permezz ta' rapporti ta' progress dwar ir-riżultati tal-azzjoni ġudizzjarja li ssir fil-ġlieda kontra l-frodi fil-Komunità, wara li jintbagħtu l-fajls tal-OLAF;

## KWISTJONIJET SETTORJALI

### Riżorsi proprji

71. Jinnota li skont informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni (ara t-tweġiba tal-Mistoqjja bil-Miktub E-5221/08), f'Settembru-Ottubru 2008, għall-ewwel darba s-27 Stat Membru kollha inkludew informazzjoni dwar l-allokazzjoni tas-servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (Fisim) fid-dejta dwar il-kontijiet nazzjonali tagħhom; abbażi ta' din id-dejta, iż-żieda fid-dħul gross nazzjonali (GNI) tal-UE-27 b'riżultat tal-allokazzjoni tal-FISIM jammonta għal EUR 149 200 000 000 biljun fl-2007 (jiġifieri 1,2 % tad-DGN tal-UE-27); dan l-approċċ statistiku ġdid għalhekk iservi biex iżid il-GNI b'ammont sostanzjalment ikbar mill-volum tal-baġit kollu tal-Unjoni Ewropea;
72. Ifakkar fil-paragrafu 93 tar-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza mogħtija lill-Kummissjoni għas-sena finanzjarja-2005 li fiha huwa semma li s-servizzi allokatati ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (FISIM) se jkunu inklużi awtomatikament fid-deċiżjoni futura dwar ir-riżorsi proprji għall-fini tar-riżorsi proprji tal-GNI tal-Komunità, minħabba li l-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006) 99) ma għamlet ebda restrizzjoni;
73. Jinnota li l-Kunsill, meta adotta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(1)</sup>, lanqas ma daħħal riserva restrittiva rigward l-FISIM abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni (COM(2006) 99); jistenna għalhekk, li meta d-deċiżjoni ġdida dwar ir-riżorsi proprji tidħol fis-seħħ, id-dejta tal-GNI, inkluż tal-FISIM, jiddaħħlu b'mod retroattiv bid-data tal-1 ta' Jannar 2007 fil-kalkolu tar-riżorsi proprji tal-Komunità, u li, abbażi ta' dan, il-ħlasijiet magħmula s'issa u dawk li baqa' jsiru mill-Istati Membri jergħu jiġu kkalkulati mill-ġdid;

### Agrikoltura u riżorsi naturali

74. Jinnota bi tħassib li l-Qorti tal-Awdituri kkonkludiet li l-attivitajiet bażiċi għall-ispejjeż iddikjarati għal dan il-grupp ta' politiki huma, fit-totalità tagħhom, affettwati minn livell sinifikanti ta' żbalji rigward il-legalità u/jew ir-regolarità (punti 5.12 u 5.13 tar-rapport annwali 2007) u jinnota wkoll il-problemi msemmija mill-Qorti tal-Awdituri fil-livell tal-benefiċjarji finali u l-fatt li madwar 20 % tal-ħlasijiet ikkontollati f'dan il-livell regħhu nstabu żbaljati; madankollu jinnota l-frekwenza ta' żbalji li qiegħda tonqos u l-impatt finanzjarju limitat ta' dawn l-iżbalji (0,83 % tan-nefqa konċernata);
75. Jaqbel mal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri li n-nefqa fuq l-iżvilupp rurali u b'mod partikolari n-nefqa fuq miżuri agroambientali huma suġġetti għal aktar żbalji u li l-kontrolli għal darba oħra kienu meqjusa bħala mhux suffiċjenti minħabba r-regoli kumplessi u n-nuqqas ta' preċiżjoni tad-definizzjonijiet li jirrigwardaw regoli ta' eleġibilità f'parti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u da jaffettwa b'mod negattiv il-kwalità tal-kontrolli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissimplifika, tirrinforza u ssaħħaħ il-kontroll tar-regolamentazzjoni;

<sup>(1)</sup> ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

76. Jinnota madankollu li l-Qorti tal-Awdituri kkonkludiet li s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll għadha effikaċi biex tillimita r-riskju ta' nefqiet irregolari sakemm is-sistema hija implimentata korrettament u sakemm id-dejta reġistrata hija eżatta u affidabbli fir-rigward tal-ħlasijiet taħt l-iskema ta' ħlas uniku bbażati fuq id-drittijiet allokatu (punti 5.20 u 5.21 tar-rapport annwali 2007);
77. Fl-istess ħin jinsab imħasseb minħabba l-kritika tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-iżbalji fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet regolatorji, kif ukoll minħabba dikjarazzjoni li l-effetti akkumulati ta' dawn l-iżbalji kollha tul bosta snin ser ikunu kbar jekk ma jiġux ikkorreġuti u jitlob lill-Kummissjoni biex mill-aktar fis tieħu l-miżuri xierqa, li mill-inqas jikkonsistu f'li tiġi simplifikata l-politika u li jiġu żgurati sistemi ta' kontroll aktar konsistenti u aktar ċari, sabiex dawn l-iżbalji jkun kkorreġuti u jinforma lill-Parlament sa tmiem l-2009 bil-miżuri meħuda;
78. Jikkunsidra mhux aċċettabbli l-eżistenza ta' problemi fl-applikazzjoni tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-Greċja, imsemmija għal darb'oħra mill-Qorti, u jappoġġja lill-Kummissjoni fl-intenzjoni tagħha mħabbra quddiem il-kumitat parlamentari kompetenti li tapplika b'mod rigoruż il-leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam ta' sospensjoni ta' ħlasijiet jekk il-gvern Grieg ma jsovlux il-problemi attwali fiż-żmien mogħti; jitlob is-sospensjoni tal-pagamenti jekk l-awtoritajiet Griegi ma humiex kapaċi jagħtu prova li l-problemi huma solvuti sal-31 ta' Diċembru 2009;
79. Jinnota bi tħassib id-dgħjufijiet kbar li l-Qorti tal-Awdituri sabet fis-sistema ta' kontroll ta' bosta Stati Membri li jaffettwaw l-iżvilupp rurali minħabba li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiddefinixxi b'mod mhux preċiż ċerti kundizzjonijiet ta' eliġibiltà u minħabba li r-regoli ta' sikwit huma kumplessi, li jwassal għal effett negattiv fuq il-kwalità tal-kontrolli;
80. Jiddeplora b'mod partikolari l-fatt, f'dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni u l-kontroll tal-iskema ta' ħlas uniku, li f'bosta mill-Istati Membri "anzjani" il-Qorti tal-Awdituri tikxef nuqqasijiet li jaffettwaw is-sistemi ta' kontroll f'dan il-qasam (fl-Olanda, fil-Portugall, fir-Renju Unit, fi Franza u fi Spanja; punt 5.26 tar-rapport annwali 2007) kif ukoll ċertu numru ta' nuqqasijiet sistematiċi fir-rigward tal-kontrolli dwar l-eliġibiltà ta' għajnuniet "superfiċjali" fil-Greċja, fl-Italja, fi Spanja, fir-Renju Unit, fi Franza u fl-Olanda (ara l-Annessi 5.1.1 u 5.1.2 tar-rapport annwali 2007); jinnota li t-tweġibiet tal-Kummissjoni li jikkontestaw il-mod kif il-Qorti tal-Awdituri tiddekrivi din is-sitwazzjoni;
81. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex bil-koperazzjoni mal-Kummissjoni jintensifikaw il-kontrolli tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett tal-kundizzjonijiet ta' eliġibiltà mill-benefiċjarji; jistieden lill-Kummissjoni biex tiċċara u tissimplifika kemm jista' jkun dawn il-kundizzjonijiet;
82. Jiddeplora l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri fl-2007 għal darba oħra sabet l-istess limitazzjonijiet inerenti għas-sistema ta' approvazzjoni (clearance), bħall-karattru retroattiv u pluriannwali tal-approvazzjoni ta' konformità, u l-fatt li ma tista' tiġi stabbilita ebda korrelazzjoni valida bejn l-irkupri u l-ammont reali tal-ħlasijiet irregolari (punt 5.47 tar-rapport annwali 2007);
83. Jikkunsidra li wara bosta snin bl-istess kritika serja min-naħa tal-Qorti tal-Awdituri fuq l-istess problema, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri ta' riforma għas-sistema b'mod li jkun possibbli li jsiru rab-tiet ċari u validi bejn l-irkupri u l-ammont reali tal-ħlasijiet irregolari u sabiex kemm jista' jkun jiġi żgurat li l-ispejjeż tal-korrezzjonijiet finanzjarji jintlaħqu mill-benefiċjarji finali u mhux mill-kontribwenti, u li korrezzjonijiet standard ikunu applikati għal dawk l-Istati Membri li jonqsu milli jilħqu l-obbligi tagħhom;

#### **Sussidji għas-sajd**

84. Jilqa' l-informazzjoni mogħtija minn Stati Membri magħżula dwar ismijiet ta' benefiċjarji, l-ismijiet tal-operazzjonijiet konċernati u l-ammonti ta' finanzjament pubbliku (tal-Komunità u nazzjonali) u l-links għas-sit elettroniku tal-Kummissjoni li fih sorsi ta' informazzjoni tal-Istati Membri;

85. Jitlob, madankollu, lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-Istati Membri kollha jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 53(b) u l-Artikolu 53b (2) (d) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u r-rekwiżiti tal-Artikolu 31(2d) tar-Regolament (KE) Nru 498/2007 <sup>(1)</sup>;
86. Jilqa' l-proposta ta' regolament tal-Kunsill li tistabilixxi skema ta' kontroll tal-Komunità sabiex tiżgura r-rispett tar-regoli tal-politika komuni għas-sajd (COM(2008) 721) bl-iskop li tagħmel legalment possibbli li tiġi sospiża jew titnaqqas l-ghajjnuna finanzjarja lill-Istati Membri li jonqsu milli jimplementaw ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (PCP) b'mod xieraq;
87. Jitlob, madankollu, li l-Kummissjoni għandha wkoll tipproponi li l-Istati Membri li jonqsu milli jimplementaw b'mod xieraq ir-regoli tal-PCP jiġu esklużi milli jibbenefikaw minn ftehim ta' Sħubija fil-Qasam tas-Sajd;
88. Jitlob lill-Kummissjoni biex tintroduċi regolament tal-Komunità li jeskludi mill-benefiċju ta' għajjnuna komunitarja mill-Fond Ewropew għas-Sajd u/jew mill-ftehim kollu ta' sħubija fis-settur tas-sajd, is-sidien tal-bastimenti li jinstabu ħatja ta' ksur serju skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1447/1999 <sup>(2)</sup>;
89. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-ghajjnuna Komunitarja ma tintużax biex jiġu modernizzati partijiet mill-flotta karatterizzati minn kapaċità żejda;
90. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-impenji tagħha fl-ambitu tal-Istrateġija tal-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli approvata mill-Kunsill Ewropew f'Göteborg f'Ġunju 2001 u riveduta mill-Kunsill Ewropew fi Vienna f'Ġunju 2006, biex tneħħi sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u biex sal-2008 tressaq pjan direzzjonali għar-riforma, settur b'settur, ta' dawn is-sussidji bl-għan li telminahom;

### Koeżjoni

91. Jinnota bi tħassib kbir li skont l-istima tal-Qorti tal-Awdituri mill-inqas 11 % tal-ammont kollu ta' rimborżi relatati ma' proġetti li għandhom x'jaqsmu ma' politiki strutturali ma kellhomx isiru;
92. jinnota li l-Kummissjoni ma tikkontestax dan il-livell ta' 11 %;
93. Jinnota li l-għadd ta' kontrolli magħmula mill-Qorti tal-Awdituri jidhru ftit meta mqabbla mal-għadd ta' ħlasijiet lil benefiċjarji finali li saru (pereżempju, fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni l-Qorti tal-Awdituri vverifikat 180 ħlas intermedjarju skont il-punt 6.21 tar-rapport annwali 2007, minn fost diversi mijiet ta' eluf ta' ħlasijiet lil benefiċjarji finali), iżda jagħraf li dan il-metodu ta' verifika huwa konsistenti mal-istandards internazzjonali tal-verifika fid-dawl tal-opinjoni ppreżentata fir-rapport tar-Reviżjoni ta' Esperti Internazzjonali fil-Qasam tal-Qorti tal-Awdituri u li sar minn grupp ta' awdituri tal-finanzi u r-rendiment mill-aqwa istituzzjonijiet ta' verifika mill-Awstrija, il-Kanada, in-Norveġja u l-Portugall;
94. Filwaqt li japprezza t-titjib fl-evalwazzjoni globali tas-sistema ta' monitoraġġ u kontroll fir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri, jiddeplora l-fatt li, minkejja l-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni, is-sistemi ta' amministrazzjoni u kontroll, kemm fil-livell tal-Istati Membri u kemm fil-livell tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni, għadhom mhumiex effikaċi biżżejjed biex jillimitaw ir-riskji ta' żbalji, u jitlob lill-Kummissjoni biex fil-bidu tal-2010 tagħti rendikont lill-Parlament tal-azzjonijiet li għandhom jkunu saru fl-2009 u dwar l-impatt inizjali tal-azzjonijiet skont il-pjan ta' azzjoni msemmi hawn fuq;
95. Jinnota bi tħassib kbir li l-assorbiment tal-fondi reġjonali u ta' koeżjoni laħaq livelli baxxi li huma baxxi wisq, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli l-proċedura ta' reviżjoni u tissimplifika regolamenti eżistenti mingħajr dewmien;

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 498/2007 tas-26 ta' Marzu 2007 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 120, 10.5.2007, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1447/1999 tal-24 ta' Ġunju 1999 li jstabilixxi lista tat-tip ta' mġiba li tikser b'mod gravi r-regoli tal-politika komuni tas-sajd (ĠU L 167, 2.7.1999, p. 5).

96. Ifakkar ukoll lill-Kummissjoni fir-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri biex jiġu sfruttati kemm jista' jkun possibbli u mingħajr dannu għall-fondi impenjati, il-possibiltajiet ta' simplifikazzjoni prevista fir-regolamentazzjoni applikabbli għall-infiq u jitlobha tagħmel eżerċizzju ta' riflessjoni fuq il-miżuri ġodda ta' simplifikazzjoni li jistgħu jiġu adottati, hekk li tiġi inkluża l-kompjuterizzazzjoni tas-sistema; f'dan ir-rigward, jilqa' t-twaqqif mill-Kummissjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Simplifikazzjoni u jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta proposti konkreti għas-simplifikazzjoni għall-perjodu 2007-2013 bbażati fuq ir-riżultati tax-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Simplifikazzjoni;
97. Jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex tagħmel stima tal-impatti pożittivi tal-politika ta' koeżjoni skont kull Stat Membru u tippreżentalu rapport dwar il-valur miżjud ta' din fil-livell tal-Unjoni;
98. Jinnota b'inkwjet li fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali tas-snin 2000 sal-2006, 95,47 % tal-korrezzjonijiet finanzjarji jikkonċernaw lil Spanja (59,07 %), l-Italja (31,97 %) u r-Renju Unit (4,43 %); jinnota li 22-il Stat Membru huma responsabbli għal 4,53 % tal-korrezzjonijiet finanzjarji; jitlob lill-Kummissjoni biex tadatta t-talbiet tagħha ta' kontroll skont il-frekwenza u s-serjetà tal-iżbalji fl-Istati Membri l-aktar konċernati; Jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex tinfirmah bir-reazzjoni tagħha fir-rigward ta' dawn il-livelli għoljin ħafna ta' żbalji f'dawn it-tliet Stati Membri;
99. Jinnota bi tħassib li taħt il-Fond ta' Koeżjoni 2000 sa 2006, 95,92 % tal-korrezzjonijiet finanzjarji kkonċernaw lill-Greċja (53,06 %) u Spanja (42,86 %); jinnota li 23-il Stat Membru huma responsabbli għal 4,08 % tal-korrezzjonijiet finanzjarji; jitlob lill-Kummissjoni biex tadatta t-talbiet tagħha għal kontrolli skont il-frekwenza u s-serjetà tal-iżbalji fl-Istati Membri l-aktar konċernati; jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex tinfirmah bir-reazzjoni tagħha fir-rigward ta' dawn il-livelli għoljin ta' żbalji f'dan iż-żewġ Stati Membri;
100. Jinnota bi tħassib li l-Fond Soċjali 2000-2006, 84,28 % tal-korrezzjonijiet finanzjarji kkonċernaw lil Spanja (46,42 %) u l-Italja (37,86 %); jitlob lill-Kummissjoni biex tadatta t-talbiet tagħha għal kontrolli skont il-frekwenza u s-serjetà tal-iżbalji fl-Istati Membri l-aktar konċernati; jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex tinfirmah bir-reazzjoni tagħha fir-rigward ta' dawn il-livelli għoljin ta' żbalji f'dan iż-żewġ Stati Membri;
101. Japprezza r-rapporti regolari ta' kull tliet xhur li l-Kummissjoni pprovdiet matul l-2008 dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji mix-xogħol ta' verifika tagħha jew tal-Qorti tal-Awdituri; jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tapplika korrezzjonijiet finanzjarji skont ir-regoli attwali biex b'hekk tneħħi kwalunkwe spejjeż irregolari ddikjarati qabel u tapplika proċeduri rigorużi ta' għeluq għall-programmi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjunali u l-Fond għall-Koeżjoni Soċjali għall-perjodu 2000-2006 biex b'hekk, meta jingħalqu l-kontijiet, ħafna spejjeż bħal dawn ikunu ġew eliminati minn dawn il-programmi; jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex tkompli tagħti informazzjoni dettaljata dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji applikati u, ladarba jkun inbdiet il-proċedura tal-għeluq, tipprovdiet stima tal-livell tal-iżball residwali fil-programmi magħluqa b'dan il-mod;
102. Jitlob li l-Kummissjoni tkompli tidentifika, fl-rapport annwali ta' attività, il-problemi ta' kontroll f'ġestjoni konġunta fl-Istati Membri, inkluż fil-livell ta' awtoritajiet ta' ħlas, sabiex jiġu identifikati d-dgħjufijiet konkreti skont l-Istat Membru u skont il-programm u li r-riservi jkunu direttament marbuta ma' dawn il-problemi; jitlobha sabiex tagħmel klassifikazzjoni annwali tal-Istati Membri għal kull fond Ewropew u sabiex tgħaddih lill-Parlament bir-rata ta' żbalji stabbilita u jitlob lill-Qorti tal-Awdituri biex tistabbilixxi l-istess lista skont il-verifiki tagħha;
103. Jitlob lill-Kummissjoni, bħala responsabbli finali għall-amministrazzjoni finanzjarja soda tal-fondi Komunitarji, li meta Stat Membru ma jgħibx il-garanziji mitluba, għandhom jiġu applikati b'mod strett ir-regoli Komunitarji fil-qasam ta' sospensjoni ta' ħlasijiet;
104. Jinnota li r-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għas-sena 2007 għadu ma' jkoprix għajr proġetti tal-2000-2006, minħabba li s-sena finanzjarja 2007 essenzjalment kienet fażi preparatorja għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-2007-2013; jenfasizza, għaldaqstant, li l-effett tar-regoli l-ġodda stipulati għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, li huma aktar sempliċi u aktar stretti minn dawk li kienu fis-seħħ sal-2006, għadu ma jstax jiġi evalwat;

105. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni għadha waħda mill-politiki ewlenin tal-UE; jenfasizza l-irwol importanti tagħha fir-rispons tal-UE għall-kriżi finanzjarja u l-post ewlieni li tokkupa fil-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku; jilqa' b'sodisfazzjon, għaldaqstant, l-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni bl-għan li jiffaċilitaw u jħaffu l-pass tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' koeżjoni;
106. Jinnota li dawn il-proċeduri ta' simplifikazzjoni huma strumentali biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fl-ivell nazzjonali, reġjonali u lokali; jenfasizza, madankollu, l-importanza li jiġi żgurat li dawn il-proċeduri ta' simplifikazzjoni jikkontribwixxu għal tnaqqis fir-rata ta' żbalji fil-ġejjieni;
107. Japprova l-pożizzjoni ddikjarata tal-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji, jiġifieri li l-irregolaritajiet aktarx jiġu identifikati u kkoreġuti permezz tas-sistema korrettiva plurijennali; jinnota li l-Kummissjoni kontinwament tivverifika d-dejta pprovduta mill-Istati Membri għall-kompletezza u l-eżattezza u li sar progress ta' veru biex tkun ipprovduta evidenza affidabbli għall-korrezzjonijiet magħmula mill-Istati Membri;
108. Jieħu nota tal-livell ta' żbalji li sabet l-ECA u r-rimarki dwar id-differenza fl-interpretazzjoni mill-ECA u l-Kummissjoni rigward l-ammont li ma kellux isir rimbors għalih (b'mod speċjali d-differenza ta' interpretazzjoni rigward ir-regoli rigward l-eleġibilità tal-infiq); jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar kjarifika u jitlob li l-interpretazzjoni tar-regoli dwar l-applikazzjoni għal korrezzjonijiet finanzjarji tiġi armonizzata; jitlob ukoll lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan, biex jipprovdut malajr kemm jista' jkun dikjarazzjonijiet nazzjonali annwali dwar l-infiq fil-ġestjoni konġunta.
109. Jesprimi ċertu sodisfazzjon għat-titjib statistiku li jidher li hemm fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri iżda jiddispaċih għall-fatt li ħafna minn dawn għadhom esposti għar-riskju ta' irregolarità fir-rimborżi; jikkunsidra li hemm ħtieġa għal aktar titjib fl-effikaċja tal-kontroll tal-ewwel livell fil-livell nazzjonali u sub-nazzjonali; jenfasizza f'dan ir-rigward l-irwol importanti ta' kontroll tal-Kummissjoni;
110. Jenfasizza l-punt li l-livell ta' żbalji msemmija fir-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mhux bilfors jirreferi għall-frodi u għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jagħmlu distinzjoni ċara ta' dan fid-dokumenti ġejjiena;
111. Jiddeplora l-iżbalji l-iktar frekwenti li huma relatati mal-Fond Soċjali Ewropew, jiġifieri n-nuqqas li tiġi provduta l-evidenza, għal proġett in kwistjoni, għall-ispejjeż amministrattivi u ħlasijiet ġenerali tal-persunal, kif ukoll għal stimi ogħla milli dovut ta' dawn l-ispejjeż u ħlasijiet; għaldaqstant, jappoġġja bis-siħ ir-regoli ġodda fit-termini tal-qafas regolatorju applikabbli għall-perjodu 2007-2013, li jissimplifikaw il-proċeduri u jippermettu dikjarazzjoni tal-ispejjeż ġenerali fuq bażi ta' rata fissa, bħala proporzjon tal-ispejjeż diretti; barra minn dan, jitlob lill-Istati Membri biex isaħħu l-attivitajiet ta' informazzjoni tagħhom għall-benefiċjarji u sabiex itejbu kontrolli tal-ġestjoni ta' rutina sabiex jitnaqqsu l-iżbalji;

### **Politiki interni**

112. Jiddispaċih li, skont il-Qorti tal-Awdituri, filwaqt li l-Kummissjoni tmexxi direttament l-azzjonijiet relatati mal-politiki interni, għadhom jippersistu l-istess problemi tas-snin ta' qabel (żbalji fir-rimborżi tal-ispejjeż, komplikazzjonijiet fl-applikazzjoni tar-regoli u nuqqas ta' mekkaniżmu effikaċi ta' sanzjonijiet) u jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tissimplifika u tippreċiża aktar ir-regoli ta' proporzjonalità applikabbli għall-programmi bi spejjeż maqsuma;

### *Riċerka*

113. Jilqa' l-iżviluppi fil-qasam tal-RDT li wassolu għal tnaqqis minn 8,03 % fl-2006 għal 2,39 % fl-2007 għar-rata annwali tal-iżbalji; dan l-akkwist kbir huwa suċċess għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-kwittanza tal-2005 mill-Familja ta' Riċerka tal-Kummissjoni b'koperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-Qorti tal-Awdituri;
114. Jinnota li fl-2007 s-sistema ta' ċertifikati ta' verifika naqset ir-rata ta' żbalji minn 4,06 % għall-proġetti magħmula taħt il-Fames Programm ta' Qafas. li mhumiex soġġetti għas-sistema ta' ċertifikazzjoni ta' verifika, għal 2,5 % għall-proġetti magħmula taħt is-Sitt Programm ta' Qafas;



115. Ifaħħar id-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni (SEC(2008) 3054), li stabbilixxa l-ewwel analiżi tal-ispejjeż tal-kontroll għal, fost spejjeż oħra, id-Direzzjoni Ġenerali tar-Riċerka u d-Direzzjoni Ġenerali tas-Soċjetà tal-Infommazzjoni u l-Midja, bil-għan li jerġa jtnieda d-dibattitu interistituzzjonali sabiex jintlaħaq ftehim komuni dwar ir-riskji tollerabbli ta' żbalji fil-qasam tal-politika Ewropea tar-riċerka;
116. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tisfrutta l-possibilitajiet ta' rimborż kif iffissati mis-7 Programm ta' Qafas, b'mod partikolari biex tkompli tanalizza kemm huma xierqa r-regoli ta' dan il-programm għall-proċeduri ta' remunerazzjoni standard, u biex tinforma lill-kumitat parlamentari kompetenti fil-qafas tal-eżami f'nofs it-terminu dwar il-kontribut tagħha għas-simplifikazzjoni tar-regoli għal benefiċjarji u għat-titjib indispensabbli għas-sistema;
117. Jinsab imħasseb dwar ir-regoli tas-7 Programm ta' Qafas li jiddevjaw mill-metodi komuni rikonoxxuta fil-livell nazzjonali u internazzjonali u metodi ta' kontabilità u ta' kalkolazzjoni ċertifikati u li ma jaċċettawx ir-riżultati tal-awtoritajiet ta' verifika nazzjonali li jikkonċernaw ir-rati medja fis-siegħa ta' ċentri ċertifikati b'mod nazzjonali; iħares ir-regoli tas-7 Programm ta' Qafas li jikkontradixxu b'mod ċar il-kontabilità moderna u l-istandards ta' kalkolazzjoni tal-industrija Ewropew fit-talba għall-ħlas individwali tal-persuni li huma involuti b'mod attiv fi programm ta' riċerka speċifika; jitlob lill-Kummissjoni biex tibda proċedura biex tagħmel ir-regoli tas-7 Programm ta' Qafas kompatibbli mal-prattiki tan-negozju ġenerali li jippermettu kalkoli u talba tal-ħlas tar-rati medja fis-siegħa għal kull ċentru tal-ispejjeż u ma jitolbux ħlas individwali mingħand persuni li huma involuti b'mod attiv fi programm ta' riċerka speċifika;
118. Fir-rigward ta' huwa mħasseb dwar iċ-ċertifikati li għadhom ma ġewx approvati dwar il-metodoloġija (CoM u CoMAv) huwa kkonċernat dwar ċertifikati li għadhom ma ġewx approvati u jagħti parir lill-Kummissjoni li toħloq l-kriterji komprensibbli neċessarji għall-approvazzjoni taċ-ċertifikati dwar il-metodoloġija għall-ispejjeż ġenerali, kif ukoll dawk tal-persunal; jemmen li l-benefiċjarji għandhom jitħallew jużaw l-ispejjeż medji tal-persunal u biex japplikaw metodoloġija stabbilita għall-kalkolu tal-ispejjeż ġenerali; jitlob li l-approvazzjoni (jew rifjut) taċ-ċertifikati ssir fi żmien xieraq biex tiżgura li l-fondi previsti għar-riċerka jkunu jistgħu jintużaw, jitlob lill-Kummissjoni biex taċċetta tali rati medja fis-siegħa għal kull ċentru tal-ispejjeż mingħajr ċertifikazzjoni dar il-metodoloġija tal-anqas jekk huma vverifikati u ċertifikati permezz ta' awtorita nazzjonali;
119. Ifakkar li bil-għan li jiġu simplifikati l-proċeduri amministrattivi u t-talbiet għal sussidji, huwa kien talab għal punt wieħed ta' kuntatt għal benefiċjarji li jkollu l-kompetenza li jiddeċiedi kwistjonijiet dwar il-qasam tar-riċerka;
120. Jitlob lill-Kummissjoni, bħala kundizzjoni għaċ-ċertezza legali, biex ma terġax tikkalkula d-dikjarazzjonijiet finanzjarja tal-proġetti magħmula taħt is-Sitt Programm ta' Qafas li diġà ġew approvati u aċċettati mill-Kummissjoni, bl-applikazzjoni ta' interpretazzjonijiet ġodda għal kriterji ta' eliġibiltà għall-spejjeż stabbiliti fil-Kundizzjonijiet Ġenerali (Anness II) tal-kuntratt mudell tas-Sitt Programm ta' Qafas;
121. Jinnota li l-proċedura maqsuma f'żewġ stadji għas-7 Programm ta' Qafas ta' riċerka u żvilupp qed tiġi applikata f'ċerti oqsma; jitlob lill-Kummissjoni biex tikkonsulta mal-organizzazzjonijiet ta' riċerka dwar il-possibiltà ta' estensjoni ta' din l-esperjenza għal tipi oħra ta' proġetti fejn dan jista' jirriżulta fi tnaqqis konsiderevoli fl-ispejjeż ta' preparazzjoni tal-applikazzjonijiet inizjali tal-proġetti;
122. Jinnota li fil-qasam tar-riċerka l-Kummissjoni mmultiplikata l-organi ta' riċerka, il-mudelli ta' koperazzjoni u l-mekkaniżmi ta' tmexxija; ifakkar li dan huwa dovut għaż-żieda konsiderevoli ta' fondi li huma disponibbli skont il-perspettiva finanzjarja għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-2007-2013; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex tevalwa l-problemi possibbli ta' trasparenza fir-rigward tal-awtorità baġitarja u d-differenza tat-trattament ta' benefiċjarji skont dawn il-mudelli; jitlob li d-Direttur Ġenerali fir-rapport annwali tiegħu tal-attività jiddedika kapitlu għal kull wieħed minn dawn l-organi, mudelli u mekkaniżmi, sabiex jagħti informazzjoni dwar l-użu tal-fondi u r-riżultati mixtieqa b'dawn il-mudelli ta' koperazzjoni pubblika-privata;
123. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri, li filwaqt li jiġi kkunsidrat li l-istrateġija ta' verifika tal-Kummissjoni tkopri l-infiq ta' programm ta' qafas fuq perjodu ta' erba' snin mentri l-Qorti tal-Awdituri trid tagħmel rapport fuq bażi annwali, tippreżenta tabelli plurianwali hekk li l-impatt finanzjarji tal-iżbalji ddikjarati mix-xogħol ta' verifika tagħha jkun ippreżentat b'mod li jaqbel mal-metodoloġija ta' kontroll tal-Kummissjoni;

*L-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza alimentari*

124. Jikkunsidra bħala sodisfaċenti r-rati tal-implimentazzjoni ġenerali tal-linji baġitarji għall-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel;
125. Jenfasizza r-rata ġenerali ta' 94,6 % ta' implimentazzjoni tal-baġit fil-qasam tal-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel, li tirrapreżenta riżultat korrett meta wieħed jikkunsidra li l-2007 kienet l-ewwel sena tal-qafas finanzjarju l-ġdid 2007-2013 u kienet karatterizzata bl-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' programmi ġodda fil-qasam tal-politika ambjentali;
126. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rata ta' implimentazzjoni tal-Fond tat-Tabakk tal-Komunità li tammonta għal 100 %; huwa għaldaqstant konvint mill-effikaċja tal-implimentazzjoni ta' dan l-istrument li jiggarantixxi appoġġ finanzjarju għal proġetti maħsuba sabiex, partikolarment permezz tal-mezzi tal-informazzjoni u l-edukazzjoni, itejbu l-kuxjenza pubblika dwar il-ħsara li jikkawża l-konsum tat-tabakk;
127. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aktar għajnuna għall-applikanti fil-kuntest ta' programmi multiannual, speċjalment billi tipprovdihom taħriġ speċifiku u tfassallhom linji gwida li huma sempliċi biex jintużaw;
128. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi biex is-sejriet għall-offerti jkunu ffukati aħjar u biex tingħata aktar għajnuna lill-applikanti, b'mod speċjali fil-programmi dwar is-saħħa pubblika, sabiex tiġi evitata s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-proġetti li jkun jidher ċar li ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament jew ikunu ta' kwalità fqira, iżda jikkunsidra li għad jeħtieġ li jittieħdu miżuri ġodda sabiex tinkiseb sitwazzjoni sodisfaċenti;
129. Jinnota li parti mill-programm ta' azzjoni fil-qasam tas-saħħa hija implimentata mill-Aġenzija Esekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC); ifakkar lill-Kummissjoni f'dan il-kuntest sabiex tuża fondi operattivi tal-programm b'mod aktar effettiv rigward spiża għax dawn jintużaw ukoll għal xogħlijiet amministrattivi;
130. Jinnota li l-konformità mad-dispożizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 m'għandix twassal għal dewmien bla bżonn bien jingħataw l-għotjiet jew biex jint-għażlu l-proġetti li se jiġu ffinanzjati u jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb il-proċeduri amministrattivi li għandhom impatt fuq l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas;

*Is-suq intern u l-ħarsien tal-konsumatur*

131. Jilqa' l-kummenti fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri, li jipprovi evalwazzjoni ġusta tal-politika għas-suq intern, tal-politika doganali u tal-politika għall-ħarsien tal-konsumatur;
132. Jitlob lill-Istati Membri biex ikomplu jtejbju s-sistemi ta' kontroll intern tagħhom biex jevitaw it-tqegħid ta' prodotti mhux awtorizzati fis-suq Komunitarju; barra min hekk, jistieden lill-Kummissjoni biex isse-gwi kwalunkwe nuqqasijiet misjuba fil-qasam tal-ħarsien tal-konsumatur fl-2007;
133. Jilqa' l-osservazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li s-sistemi tal-kontroll tad-dwana u tal-kontabilità qed jaħdmu sew; jenfasizza li anke jekk il-kontrolli tad-dwana huma l-ewwelnett ir-responsabilità tal-Istati Membri, huma biss l-operaturi ekonomiċi affidabbli li għandhom jimmaniġġjaw il-qasam tad-dwana sabiex jiġi evitat ir-riskju tal-importazzjoni ta' prodotti fis-suq intern mingħajr ħlas ta' dazji jew valutazzjoni tad-dwana;
134. Jilqa' b' sodisfazzjoni kbir l-isforzi magħmula biex tintlaħaq rata ta' implimentazzjoni ta' 86 % għal-linja baġitarja 12 02 01 (implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern); jinnota li skont il-Kummissjoni r-raġuni li approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ma ntużawx hija li xi kuntratti ta' studju ġew iffirmati tard fis-sena u li ma kienx hemm approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet, kif previst, fl-2007;
135. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li rata ta' implimentazzjoni ta' 55 % għal-linja baġitarja 14 04 02 (Dwana 2007) mhijiex suffiċjenti u jitlob għalhekk ippanar baġitarju aħjar; jinnota li skont il-Kummissjoni l-parti ewlenija ta' din il-linja baġitarja hija marbuta ma' kuntratti tal-IT fuq żmien twil, bi prodotti u servizzi mogħtija "skont it-talba", fattur li jagħmilha diffiċli li l-istima u l-ippjanar tal-ħtiġijiet finanzjarji jkunu preċiżi; jirrikonoxxi, madankollu, ir-riżultati pożittivi għall-baġit 2008, b'rata ta' implimentazzjoni ogħla minn 97 % għall-approprjazzjonijiet tal-ħlasijiet;



136. Jinnota li r-rata ta' implimentazzjoni ta' 77 % għal-linja baġitarja 17 02 02 (programm għall-ħarsien tal-konsumatur) hija aktar baxxa milli fis-snin ta' qabel; barra minn hekk jinnota li, skont il-Kummissjoni, ir-raġunijiet għal dan huma t-trasferiment ta' krediti mhux dissoċjati mill-Aġenzija Esekuttiva għas-Saħħa u għall-Konsumaturi lura lill-programm għall-ħarsien tal-konsumatur u minħabba li xi impenji saru tard matul is-sena 2007, bir-riżultat li l-ħlasijiet pjanati għall-2007 ma sarux; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-ippjanar baġitarju f'dan il-qasam;

*Trasport u turiżmu*

137. Jinnota li fil-baġit tal-2007, kif kien finalment adottat u emendat f'dik is-sena, kien previst total ta' EUR 1 322 667 000 għal politika għat-trasport permezz ta' approprjazzjonijiet għal impenji u EUR 743 111 000 bħala approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet; jinnota wkoll li minn dawn l-ammonti:
- EUR 933 578 000 kienu f'approprjazzjonijiet għall-impenji u EUR 369 665 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-proġetti tan-Netzwerks Trans-Ewropej għat-Trasport (TEN-T),
  - EUR 15 348 000 f'approprjazzjoni ta' impenji u EUR 14 500 000 f'approprjazzjoniet għall-ħlasijiet għas-sikurezza tat-trasport,
  - EUR 56 890 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenji u EUR 10 425 000 f'approprjazzjoniet għall-ħlas għall-Programm Marco Polo,
  - EUR 113 631 000 f'approprjazzjoniet ta' impenji u EUR 114 716 000 f'approprjazzjoniet għall-ħlasijiet għall-aġenziji tat-trasport u għall-Awtorità ta' Monitoraġġ tal-GNSS,
  - EUR 6 000 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenji u EUR 6 578 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għas-sigurtà tat-trasport, inkluż il-proġett pilota dwar is-sigurtà tan-netwerk tat-toroq trans-Ewropej;
138. Jilqa' b'sodisfazzjon li nżammu rati għolja ta' utilizzazzjoni tal-approprjazzjonijiet għal impenji u l-ħlasijiet għall-proġetti tat-TEN-T li t-tnejn jilhqgħu kważi l-100 %, u jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw finanzjament xieraq, sa mill-baġits nazzjonali, biex jiġi ssodisfat dan l-impenn tal-Komunità;
139. Jinnota bi tħassib ir-rata baxxa ta' utilizzazzjoni ta' approprjazzjonijiet għal impenji għas-sigurtà tat-trasport (55,95 %) u għall-Awtorità ta' Monitoraġġ tal-GNSS (33,24 % taħt it-Titolu 3), li għalihom parti kbira mis-somma vvutata fl-2007, mill-attiv tas-sena 2006, tmexxiet għall-2008, jinnota bi tħassib l-użu baxx ta' utilizzazzjoni ta' approprjazzjonijiet għal ħlasijiet għas-suq intern u għall-ottimizzazzjoni tas-sistemi tat-trasport (47,48 %), għad-drittijiet tal-passiġġiera (58,96 %) minħabba d-dewmien fl-iffirmar tal-kuntratti, kif ukoll għall-Awtorità ta' Monitoraġġ tal-GNSS (33,24 % taħt it-Titolu 3);
140. Jinnota b'sodisfazzjon li bħala riżultat tar-reazzjonijiet għar-Rapport Speċjali Nru 6/2005 tal-Qorti tal-Awdituri dwar in-Netzwerk Transewropew għat-Trasport (TEN-T) <sup>(1)</sup>, ir-rata massima tal-ġajjnuna finanzjarja għal proġetti transkonfinali ttellgħet għal 30 % u l-limitu minimu għall-fondi leħaq EUR 1 500 000; jinnota wkoll li l-proċedura ta' evalwazzjoni għall-għażla tal-proġetti ttejjeb, bħal ma ttejjeb il-monitoraġġ tal-proġetti, iżda jiddispijaċi li l-istruttura għad-deskrizzjoni tax-xogħol ma ġietx armonizzata u l-monitoraġġ tekniku u finanzjarju ma ġiex standardizzat;
141. Jinnota b'sodisfazzjon li l-analiżi tal-Qorti tal-Awdituri tal-istandards tal-kontroll intern b'rabta diretta mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi turi li d-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport jikkonforma mar-rekwiżiti bażiċi;

<sup>(1)</sup> ĠU C 94, 21.4.2006, p. 1.

*Kultura u edukazzjoni*

142. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri fir-rapport annwali 2007 tagħha tagħmel dikjarazzjoni dwar ir-rata ta' żbalji indikata fil-qasam tal-politika għall-edukazzjoni u l-kultura, (punt 9.11 u Anness 9.1, rata ta' żbalji bejn 2 % u 5 %), iżda ma tagħtix spjegazzjoni dwar kif jaħdmu l-aġenziji nazzjonali differenti, u lanqas l-aġenziji esekuttivi, u lanqas ukoll dwar il-kwalità ta' xogħolhom u l-ħtieġa ta' din l-organizzazzjoni;
143. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri sabiex fir-rapport annwali tagħha li jmiss tanalizza f'aktar dettalji l-kwistjoni tal-effikaċja u ż-żamma tal-aġenziji differenti fil-qasam politiku tal-edukazzjoni u l-kultura;
144. Jinnota li, fil-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura armonizza l-programmi ta' azzjoni u introduċa l-approċċ ta' verifika interna waħda (single internal audit); f'dan il-kuntest, jikkunsidra li d-dikjarazzjonijiet ex ante u ex post tal-Istati Membri jikkostitwixxu fatturi ġodda fis-superviżjoni u l-kontroll intern tas-sistemi;
145. Madankollu jiddispijaċih bin-nuqqasijiet misjuba mill-Qorti tal-Awdituri fil-proċedura ta' dikjarazzjoni preliminari, kif ukoll id-dikjarazzjoni li din il-proċedura ma tipprovdix għajr assigurazzjoni limitata rigward il-kwalità tal-amministrazzjoni tal-infiq in kwistjoni (punt 9.16 tar-rapport annwali 2007); jinnota madankollu li d-dikjarazzjoni preliminari mhix għajr element wieħed tal-evidenza li l-Qorti tal-Awdituri takkwista waqt li jkun qed isir l-awditjar tagħha sabiex tasal għal opinjoni;
146. Jieħu nota tal-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li l-metodi segwiti mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiksbu bażi għad-dikjarazzjoni preliminari ta' assigurazzjoni huma differenti u li l-livell ta' informazzjoni mogħtija rigward il-proċeduri użati minn dawn l-awtoritajiet ivarja ħafna; jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għal eżerċizzju ta' armonizzazzjoni ta' dawn id-dikjarazzjonijiet u biex iżżomm lill-Parlament u lill-Qorti tal-Awdituri aġġornati b'dan l-eżerċizzju;
147. Jinnota wkoll il-fatt li d-dikjarazzjonijiet annwali ta' assigurazzjoni a posteriori għall-2007 kellhom jiġu pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri sat-30 ta' April 2008; jistenna l-evalwazzjoni li għandha ssir mill-Qorti tal-Awdituri fil-qafas tal-verifika DAS 2008;
148. Jikkritika l-fatt li ċerti awtoritajiet u aġenziji nazzjonali ma jirrispettawx l-obbligi tagħhom, hekk li l-Kummissjoni jkollha tibghatlihom ittri uffiċjali biex tfakkarhom u jappoġġja bis-sħiħ lill-Kummissjoni għas-sospensjoni ta' ħlasijiet tas-sussidji fil-każijiet fejn ir-rapporti finali kienu neqsin;
149. Iħeġġeġ lill-aġenziji nazzjonali u lill-awtoritajiet nazzjonali biex jirrispettaw ir-regoli tal-implimentazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni għar-responsabilitajiet rispettivi tagħhom; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li d-DĠ Edukazzjoni u Kultura ma qiesx li hemm bżonn iżomm ir-riżerva tiegħu għall-mekkaniżmi ta' kontroll tal-aġenziji nazzjonali, u jappoġġja t-tkomplija ta' kontrolli stretti tal-verifika;
150. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li n-numru ta' ħlasijiet li jsiru tard fil-qasam tal-edukazzjoni u l-kultura qiegħed jonqos, u jistenna li l-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqashom aktar;
151. Jesprimi t-tama tiegħu li s-sistema ta' kontroll stabbilita mid-DĠ COMM fl-aħħar tal-2007 se tfisser li mhux se jkun meħtieġ li tiddaħħal riżerva għall-immaniġġjar tal-baġit tagħha fil-ġejjieni, bħal ma kien il-każ għas-sena finanzjarja 2007;
152. Jitlob aktar informazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-ħolqien ta' strutturi amministrattivi fl-Istati Membri biex tingħata għajnnuna fl-attivitatiet ta' ġemellaġġi ta' bliet, speċjalment fir-rigward tal-ħtieġa ta' strutturi bħal dawn, l-ispejjeż involuti u l-iskop tagħhom;
153. Jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina modi kif il-Programm taż-Żgħażaġħ ikun jista' jilħaq gruppi ġodda ta' żgħażaġħ, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn ambjenti żvantaġġjati; għal dan il-għan jissuġġerixxi li l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ, inkluż il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, iżidu l-isforzi biex jindirizzaw gruppi bħal dawn, itejbu l-kwalità tal-informazzjoni u l-kriterji tal-finanzjament u jxerdu aktar l-informazzjoni dwar il-programm innifsu fost iż-żgħażaġħ;

*Il-libertajiet ċivili, il-ġustizzja u l-affarijiet interni*

154. Jinnota l-livell baxx ta' implimentazzjoni tal-ħlasijiet tal-baġit għall-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja meta mqabbla mal-2006 (60.41 % fl-2007 u 86.26 % fl-2006); jagħraf li din is-sitwazzjoni hi dovuta għall-adozzjoni f'Mejju u f'Ġunju 2007 tal-Fondi li ġew inklużi fil-qafas tas-Solidarjetà u l-Immaniġġjar tal-Flussi tal-Migrazzjoni u minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi oħra (bħal pereżempju: il-Programmi tal-Ġustizzja Ċivili, tal-Prevenzjoni tad-Droga u tal-Infurmazzjoni pubblika); jenfasizza t-tnaqqis relattiv fil-livell ta' implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet tal-impenji meta mqabbel mal-2006 (90.29 % mqabbla mal-94.47 % fl-2006); jistieden lid-Direttorat Ġenerali għal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja biex jipprova jgħolli l-livell ta' implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' impenji u ta' ħlasijiet fl-2008;
155. Jinnota li skont l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri l-kontrolli ta' superviżjoni li twettqu mill-Kummissjoni għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati II kienet effikaċi parzjalment; jieu nota xierqa tat-tweġibiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward;
156. Jiddispaċiħ li d-deskrizzjonijiet tas-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll tal-Istati Membri għall-Fond tal-Fruntieri Esterni ma nġhatawx lill-Kummissjoni ħlief fl-aħħar tliet xhur tal-2007, u l-Kummissjoni ma setgħetx tevalwa s-sistemi tal-Istati Membri għal tmiem l-2007;

*Id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi*

157. Ifakkar lill-Kummissjoni li permezz tal-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija prinċipju fundamentali tal-UE u huwa objettiv li għandu relevanza fl-attivitajiet u fil-politiki kollha varji tal-Komunità;
158. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra kif suppost l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala għan prijoritarju kontinwu waqt l-ippjanar tal-baġit, bi qbil mal-prinċipju ta' "gender budgeting" - l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi differenti fl-ibbaġitjar <sup>(1)</sup> - kif kien talab fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2003, u jiddeplora d-dewmien li ħa l-istudju ta' fattibilità tal-Kummissjoni dwar is-suġġett;
159. Juri dispaċiħ għall-fatt li r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-Baġit 2007 ma jagħtix informazzjoni dwar jekk il-baġit ikkontribwixxiex b'suċċess għall-promozzjoni tal-ugwaljanza fost l-irġiel u n-nisa;
160. Jissuġġerixxi li l-Qorti tal-Awdituri tinkludi d-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-rapporti annwali u r-rapporti speċjali tagħha, b'mod partikolari informazzjoni rilevanti dwar il-politiki tal-integrazzjoni relatati mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa u dwar id-disponibilità ta' dejta speċifika skont is-sessi differenti.

**Azzjonijiet barranin**

161. Jinnota bi tħassib kbir l-istess kritika tas-snin preċedenti min-naħa tal-Qorti tal-Awdituri, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħlasijiet fil-livell tal-benefiċjarju finali;
162. Jinnota li l-għajjnuna barranija bilkemm ġiet koperta fl-aħħar reviżjoni tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u jitlob li jiġi rivedut it-Titolu IV "Azzjoni Barranija" tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 sabiex dan jiġi adattat aħjar għall-kundizzjonijiet speċjali tas-swieq u sussidji f'dan il-qasam;
163. Jiddeplora bis-sħiħ li l-Kummissjoni naqset milli toħloq strument tassew Ewropew għall-implimentazzjoni tat-ġestjoni tal-kriżi hekk kif kienet mitluba tagħmel fil-kwintanzi tal-2005 u 2006; jinsisti li dan għandu jsir b'urġenza u jerġa' jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq il-possibilità li tmexxi hija stess il-fondi fiduċjarji ta' multidonaturi (multi donor trust funds) jekk ikun hemm bżonn meta hija tipparteċipa f'dawn il-fondi;

(1) ĠU C 74 E, 24.3.2004, p. 746.

164. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura trasparenza finanzjarja sħiħ fl-ghajjnuna barranija, konformi mal-Artikolu 53 sa 56 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u li tirrispetta l-impenn tagħha fir-rigward tal-Parlament li kull organizzazzjoni internazzjonali li tirċievi fondi Komunitarji tkun obbligata tgħaddi lill-Qorti tal-Awdituri u lill-awditur intern tal-Kummissjoni r-riżultati tal-awditjar inter u estern kollu li jkun sar fir-rigward tal-użu ta' dawn il-fondi Komunitarji; jitlob ukoll li jiġi żgurat l-aċċess għall-OLAF għad-dejta fil-każ ta' suspett ta' frodi;
165. Jieħu nota tal-fatt li fuq il-bażi ta' ċertu numru ta' ipoteżi ("l-aħjar stimuli") l-ispiża totali tal-kontrolli effettwati mid-DĠ ECHO għet stmata għal EUR 25 000 000 għas-sena 2007 li huwa ekwivalenti għal 3,2 % tal-baġit totali tal-ghajjnuna umanitarja għal din is-sena; jiddeplora n-nuqqas ta' mekkaniżmu għall-geżjoni tar-riskji mid-Direttorat Ġenerali għall-Għajjnuna Umanitarja (ECHO) u jitlob li dawn il-mekkaniżmi jiġu integrati fil-kontroll;
166. Jinnota li, skont l-informazzjoni riċevuta mill-Kummissjoni, din l-istima ma tkoprix ħlief parti mit-totalità tal-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet umanitarji ffinanzjati mid-Direttorat Ġenerali għall-Għajjnuna Umanitarja (ECHO) minħabba li l-ispejjeż tal-kontroll magħmula mill-organizzazzjonijiet umanitarji li huma inklużi fl-ispiża total tal-ftehim għal sussidju huma ffinanzjati wkoll mid-Direttorat Ġenerali għall-Għajjnuna Umanitarja (ECHO);
167. Jinnota li, billi l-ispiża tal-kontrolli hija magħmula minn 3 kategoriji kbar – l-ispiża tal-attivitajiet ta' kontroll mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-post u fid-delegazzjonijiet, l-ispejjeż tal-verifiki esterni mill-Kummissjoni u l-ispiża tal-verifika tal-ispejjeż ta' verifiki b'kuntratt mill-benefiċjarji – l-ispiża ta' kontrolli fir-rigward tal-fondi mmexxija mill-Uffiċċju ta' Koperazzjoni EuropeAid fl-2007 hija stmata mill-Kummissjoni li hija ta' madwar EUR 120 000 000;
168. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri fir-rapport annwali li jmiss biex tikkunsidra dan fil-kalkoli tagħha u tiddikjara li din żgura sew b'din l-istima, kif ukoll bl-effiċjnza fil-konfront tan-nefqa ta' dawn is-sistemi, filwaqt li tikkunsidra l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tal-azzjonijiet barranin tal-Unjoni;
169. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni tat lill-Kenja għajjnuna baġitarja eżatt wara l-elezzjonijiet tas-27 ta' Diċembru 2007 fejn tat l-impressjoni li ħadet sehem fid-dibattitu dwar il-leġittimità tar-riżultati tal-elezzjoni; ifakkar ir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2008 dwar is-sitwazzjoni fil-Kenja <sup>(1)</sup> u jistenna li l-Kummissjoni tikkunsidra dan;
170. Jinnota l-evalwazzjoni tal-Qorti li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll għar-relazzjonijiet esterni, it-tkabbir u l-ghajjnuna umanitarja huma parzjalment effettivi; jaċċetta li ħafna mill-iżbalji misjuba jikkonċernaw ħlas bil-quddiem u li dawn l-iżbalji jiġu kkoreġuti meta jsir il-ħlas finali; madankollu, jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel it-titjib meħtieġ fil-proċeduri ta' monitoraġġ u verifika tagħha, speċjalment fil-livell ta' organizzazzjonijiet responsabbli mill-implimentazzjoni, mingħajr ma dan iwassal għal piżijiet amministrattivi żejda għall-benefiċjarji aħħarin; jirrikonoxxi fl-istess ħin il-progress li sar mill-Kummissjoni u min-Nazzjonijiet Uniti s'issa;
171. Jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza rigward l-użu ta' fondi Komunitarji li jitqassmu permezz ta' organizzazzjonijiet tal-Ġnus Magħquda; jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex issib soluzzjoni u tiżgura li l-Qorti tal-Awdituri tirċievi l-informazzjoni kollha mitluba fil-waqt; jilqa' b'sodisfazzjon in-numru dejjem jikber ta' missjonijiet ta' verifika mwettqa mill-Kummissjoni fi ħdan il-ftehim ta' qafas finanzjarju u amministrattiv bejn il-Komunità Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti (FAFA); jistenna li dawn il-missjonijiet itejbu aktar il-viżibilità tal-kontribut tal-Komunità f'attivitajiet immexxija min-NU;
172. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb u biex tiddefinixxi b'mod iktar ċar il-kundizzjonijiet u l-indikaturi tal-prestazzjoni li jintużaw għall-iżburzar ta' għajjnuna baġitarja lill-pajjiżi terzi sabiex jiġu stabbiliti kriterji ta' evalwazzjoni ċari, mingħajr ambigwiżità u li jistgħu jitkejlu, u jekk ikun il-każ, bi skadenzi speċifiċi;

(1) ĠU C 41 E, 19.2.2009, p. 70.

173. Jieħu nota tal-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li passi urġenti huma meħtieġa sabiex jiġu kkoreġuti nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE fil-Bulgarija u sabiex il-monitoraġġ meħtieġ jiġi żgurat fit-Turkija; jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali biex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jikkonformaw mar-regolamenti applikabbli;
174. Jistenna bil-ħerqa li jara riżultati tanġibbli mill-applikazzjoni ta' termini ta' referenza ġodda għall-verifika tal-ispiża permezz ta' verifiki esterni mnedija mill-benefiċjarji jew mill-Kummissjoni;
175. Jinnota r-rapport speċjali Nru 5/2007 tal-Qorti dwar l-immaniġġjar tal-programm CARDS mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>; jenfasizza l-importanza ta' tmexxija strateġika msaħħa f'isem il-Kummissjoni biex ikun żgurat li, f'koperazzjoni mill-qrib u fi djalogu mal-Parlament, tingħata l-attenzjoni xierqa lill-għażla ta' oqsma fundamentali għall-interventi fil-qafas tal-istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal strateġija komprensiva sabiex il-pajjiżi benefiċjarji jkunu msieħba aktar fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġetti;
176. Jistenna li jinżamm regolarment infurmat dwar passi meħuda mill-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni tal-wegħdiet importanti li saru fil-konferenza internazzjonali tad-donaturi li saret fit-22 ta' Ottubru 2008, għal appoġġ għall-irkupru wara l-kunflitt u l-iżvilupp futur tal-Ġeorġja;
177. Jerġa' jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta regolarment lill-Parlament miżuri speċifiċi sabiex is-sjeda tal-UE tal-azzjonijiet esterni tagħha fil-kuntesti ġeografiċi tagħhom, skont il-prinċipji ta' effiċjenza, responsabilità u viżibilità;

#### **Organizzazzjonijiet mhux governattivi (OMG)**

178. Jinnota l-irwol tan-numru dejjem qed jikber ta' NGOs fl-amministrazzjoni tal-fondi tal-Komunità; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-effettività tal-għotjiet operattivi għas-sede tal-NGOs fi Brussell, u sabiex tappilka b'mod strett il-prinċipju ta' digressività tal-għotjiet operattivi stipulati fir-Regolament Finanzjarju;
179. Jitlob lill-Kummissjoni biex sal-aħħar tal-2009 tiġbor lista komprensiva tal-NGOs kollha li rċevew fondi mill-UE;

#### **Żvilupp**

180. Jinnota li għal darb'oħra l-Qorti tal-Awdituri kkonkludiet li d-Direttorat Ġenerali għall-Għajjnuna Umanitarja (ECHO) għandu jtejjeb l-istrateġija ta' verifika tiegħu billi jiggarantixxi kopertura aħjar tal-attivitajiet fil-livell tal-organi inkarigati mill-implimentazzjoni, u b'mod aktar partikolari, fuq il-post għall-kategoriji kollha ta' msieħba (punt 8.33 f, tar-rapport annwali 2007);
181. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni fl-oġġettiv tagħha li segwit sa mill-2007 li kull proġett issirlu talanqas żjara waħda minn espert, ħlief jekk ikun hemm diffikultajiet ta' sigurtà jew ta' aċċess, sabiex tkompli tiżgura li speċjalisti fl-għajjnuna umanitarja jkunu fuq il-post b'mod permanenti sabiex jiġi faċilitat u jitkabbar l-impatt tal-attivitajiet umanitarji ffinanzjati mill-Kummissjoni, ikun xi jkun il-pajjiż jew ir-reġjun;
182. Jikkunsidra li fil-qafas tal-implimentazzjoni stess tal-proġetti, il-Kummissjoni trid toqgħod attenta li d-dispożizzjonijiet miftiehma man-Nazzjonijiet Uniti f'April 2007 fil-qasam tar-rappurtaġġ ikunu applikati strettament u li r-rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati skont dawn id-dispożizzjonijiet;
183. Huwa konxju tarr-riskji ta' insuffiċjenza ta' kontroll fuq il-post fil-postijiet fejn l-aċċess huwa diffiċli jew in-newtralità tal-għajjnuna umanitarja mhijiex rispettata u li b'mod partikolari dawn ir-riskji sa ċertu punt huma marburta mal-għanijiet ta' appoġġ għall-ħtiġijiet umanitarji, u għal dawk li jissejħu l-"kriżijiet minsija";

<sup>(1)</sup> ĠU C 285, 27.11.2007, p. 1.



184. Jieħu nota wkoll li skont l-rapport annwali ta' attivita' tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja (ECHO) tal-2007, l-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni fl-Iraq saret esklussivament permezz tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar fis-setturi tal-protezzjoni u tal-ilma u tas-sanità għal ammont totali ta' EUR 7 800 000;
185. Jikkunsidra li għandha tiġi studjata kjarifika tal-istrutturi ta' intervent (Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF), il-Kummissjoni, il-Bank Ewropew tal-Investment eċċ) fil-qasam tal-iżvilupp u l-azzjonijiet esterni sabiex ikun hemm viżibiltà aħjar tal-azzjoni Komunitarja u verifika aħjar tal-fondi vvutati; jappella biex isir studju dwar l-ibbaġitar Komunitarju tal-EDF bl-iskop ta' dibattitu politiku dwar dan is-suġġett;
186. Jiġbed l-attenzjoni għall-impenn <sup>(1)</sup> li ħadet il-Kummissjoni biex tiżgura li, sal-2009, ammont ekwivalenti għal 20 % tal-assistenza allokata tagħha jiġi ddedikat għall-edukazzjoni primarja u sekondarja u għall-kura bażika tas-saħħa; jitlob lill-Kummissjoni biex ttiprovdi informazzjoni preċiża dwar il-miżuri li se jittieħdu sabiex jintlaħaq dan l-ammont ta' referenza permezz ta' proġetti, programmi u assistenza baġitarja; itlob għal aktar koerenza bejn il-Karti Strateġiċi Tematiċi, Nazzjonali u Reġjonali u fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, b'mod partikulari meta l-għajnuna tkun ipprovduta permezz ta' assistenza baġitarja;
187. Jenfasizza li għandha tingħata prijorità biex tingħata edukazzjoni lit-tfal ġejjin minn gruppi li diffiċli jintlaħqu f'pajjiżi b'indikaturi kritiċi tal-MDG, inklużi tfal b'diżabilità;
188. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità akbar għall-appoġġ għall-pajjiżi msieħba sabiex jissaħħaħ il-kontroll parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika ta' kontinwitet, b'mod partikulari meta l-għajnuna tingħata permezz tal-assistenza baġitarja u jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment dwar il-progress miksub;
189. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikulari fir-rigward tas-sostenibilità tal-interventi tal-Kummissjoni, b'mod partikolari għall-formulazzjoni ta' strateġija ta' ħruġ ċara li ma tikkompromettix ir-riżultati, u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni; jikkunsidra li l-evalwazzjoni aktar attenta tar-riżultati huwa tal-akbar importanza biex tiġi żgurata leġittimità demokratika fir-rigward tal-koperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE;
190. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni, fl-2007, tal-kodiċi ta' kondotta tal-UE dwar il-komplementarjetà u d-diviżjoni tax-xogħol fil-politika tal-iżvilupp immirata lejn it-tkabbir tal-koperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tirdoppja l-isforzi tagħha sabiex il-kodiċi ta' kondotta jiġi tabilħaqq implimentat, b'mod partikulari billi tipprova ssolvi l-problemi li baqa', fl-interess naturalment tal-pajjiżi msieħba;
191. Huwa tal-fehma li l-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u mal-awtoritajiet lokali qabel it-tfassil tad-Dokumenti tal-Istrateġija tal-Pajjiżi (CSPs) taħt id-DCI ma kinetx biżżejjed biex jiġi sodisfatt l-obbligu stabbilit skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 <sup>(2)</sup>, jiġifieri li "fil-prinċipju, id-dokumenti ta' strateġija għandhom ikunu bbażati fuq djalogu mal-pajjiż jew mar-reġjun imsieħeb li jinvolti s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet reġjonali u lokali"; jikkunsidra, f'dan ir-rigward, li l-involvement tal-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi msieħba huwa indispensabbli sabiex dawn iħossuhom parteċipi tabilħaqq f'dan il-proċess; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel kull sforz sabiex ittejjeb id-djalogu ma' dawn il-korpi fl-istadji differenti kollha tal-proċess tal-ipprogrammar;

### Strateġija ta' qabel is-sħubija

#### *Mekkaniżmu ta' koperazzjoni u verifika*

192. Jinnota li għall-ewwel darba wara s-sħubija tal-Istati Membri l-ġodda, il-Kummissjoni daħħlet Mekkaniżmu ta' Koperazzjoni u Verifika għar-Rumanija u l-Bulgarija biex ttiprovdi rimedju għan-"nuqqasijiet fil-qasam tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u biex jiġi ssorveljat il-progress f'dawn l-oqsma" (COM(2008) 63) u jixtieq jaf dwar l-effikaċja ta' dan il-mekkaniżmu, dwar il-pertinenza tiegħu u dwar l-affidabilità tal-informazzjoni mogħtija lill-awtorità ta' kwittanza;

<sup>(1)</sup> Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 5 tad-DCI, Anness għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2006 (COM(2006) 628).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

193. Jinnota li taħt l-awtorità tas-Segretarjat Ġenerali, bosta Direttorati Ġenerali u Uffiċċji tal-Kummissjoni huma responabbli biex imexxu dan il-mekkaniżmu; josserva li l-azzjoni konġunta ta' dawn is-servizzi hija nieqsa; jistenna titjib tal-koordinazzjoni u l-inklużjoni sistematika ta' awtoritajiet kompetenti tas-servizzi kollha kkonċernati tal-Kummissjoni fir-rapport ta' progress; jitaqsi x'inhuma t-tagħlimiet li l-Kummissjoni ħadet għall-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali;

*Fondi Ewropej fil-Bulgarija u r-Rumanija*

194. Jinnota li bejn l-2004 u l-2007 kien hemm EUR 650 000 000 għad-dispożizzjoni tal-Bulgarija fil-fond Phare; EUR 226 000 000 fil-fond Sapard, EUR 440 500 000 fil-fond ISPA; bejn l-2004 u l-2007 madwar EUR 1 346 500 000 kienu għad-dispożizzjoni tar-Rumanija fil-fond Phare; EUR 526 300 000 fil-fond Sapard, EUR 1 040 500 000 fil-fond ISPA;
195. Ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri diġà sabet, fir-rapport speċjali tagħha 4/2006 dwar il-proġetti ta' investiment fil-qafas ta' Phare fil-Bulgarija u r-Rumanija <sup>(1)</sup>, bosta problemi ta' ġestjoni ta' fondi Ewropej, fosthom irregolaritajiet fil-livell ta' sejħiet għal offerti u tal-eliġibiltà tal-ispejjeż, aljenazzjoni tal-beni ta' investiment, nuqqas ta' ħila amministrattiva u oħrajn;
196. Jinnota wkoll bi tħassib il-fatt li l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit ma ġiex infurmat biżżejjed fiż-żmien mogħti mill-membru tal-Kummissjoni inkarigat bit-tkabbir dwar il-firxa tan-nuqqasijiet;
197. Jinnota bi tħassib kbir li l-Kummissjoni ssuspendiet il-ħlas ta' EUR 200 000 000 ta' fondi agrikoli għar-Rumanija u li EUR 250 000 000 għal Phare, EUR 105 000 000 għal Sapard u EUR 115 000 000 għal ISPA ġew iffriżati mill-Kummissjoni fil-Bulgarija; Jinnota li t-telf finali tal-Bulgarija mill-programm Phare huwa ta' EUR 220 000 000;
198. Huwa konxju mill-fatt li s-sistemi dgħajfa ta' kontroll u l-problemi ta' amministrazzjoni li nstabu jip-preżentaw riskji għall-flus tal-kontribwenti Ewropej; jirrikonoxxi l-isforzi magħmula sadanittant sabiex jissolvew dawn il-problemi; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ikomplu jagħmlu l-isforzi kollha meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi Ewropej;
199. Jikkunsidra li jeħtieġ li l-Kummissjoni żżid l-għajnuna teknika tagħha għall-Istati Membri biex isaħħu l-ħiliet amministrattivi tagħhom; ifakkar li l-amministrazzjoni tajba tal-fondi Ewropej hija obbligu u dover għal kull Stat Membru u jappoġġja lill-Kummissjoni fis-sospensjoni temporanja ta' fondi jekk is-sistemi ta' amministrazzjoni fi Stat Membru ma jaħdmux dew;
200. Jinnota li għall-perjodu 2007 sal-2013, il-Bulgarija suppost tirċievi EUR 6 853 000 000 f'Fondi Strutturali u li r-Rumanija suppost tirċievi EUR 19 200 000 000; jitlob li flimkien mal-informazzjoni mogħtija fir-rapport annwali tal-attività u fir-rapporti dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni ikun hemm amministrazzjoni responsabbli u effettiva ta' dawn il-fondi sakemm tiġi ċċarata s-sitwazzjoni;
201. Hu tal-opinjoni li l-Kummissjoni ma trattatx bis-serjetà meħtieġa il-preparazzjoni tal-kapaċità ta' assorbiment tar-Rumanija u tal-Bulgarija għall-fondi fl-oqsma tal-Politika Agrikola u ta' Koeżjoni u li d-dikjarazzjonijiet u l-inizjattivi tal-Kummissjoni f'dan il-kuntest kienu jiżgwidaw mhux biss lill-Parlament imma wkoll lill-gvernijiet tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u kienu waħda mir-raġunijiet li wasslu għat-telf ta' fondi għal dawk l-Istati Membri;
202. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżommu infurmat dwar il-konsegwenzi prattiċi tal-isforzi fir-rigward ir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u biex fir-rapporti ta' progress iddaħħal kriterji li jikkwantifikaw il-progress f'dawn l-oqsma;
203. Jikkunsidra li l-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-użu abużiv tal-fondi Ewropej u fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, għandhom japplikaw il-prinċipju ta' tolleranza zero; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiggarrantixxi l-irkupru effettiv tal-ammonti li mhux suppost tħallsu;

<sup>(1)</sup> ĠU C 174, 26.7.2006, p. 1.



204. Jitlob ukoll lill-OLAF biex tgħaddilu r-riżultat tal-inkjesti tiegħu li qed isiru bħalissa fl-Istati Membri;
205. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-azzjonijiet u l-miżuri kollha meħuda reċentament mill-Bulgarija jeħtieġ li jkunu segwiti minn azzjonijiet korrettivi u strutturali kredibbli u minnriforma fundamentali tal-istrutturi kollha involuti fl-immaniġġjar tal-fondi tal-UE, li jassiguraw l-assorbiment korrett u fil-ħin tal-fondi u livell għoli ta' trasparenza; Jitlob f'dan il-kuntest lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u timmoniterja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-pjani ta' azzjoni differenti sottomessi lilha mill-Bulgarija, u biex iżżomm lill-Parlament informat b'dan; jitlob lill-Kummissjoni biex tibgħat rapport speċjali dwar il-qagħda attwali tal-immaniġġjar u l-kontroll tal-fondi kollha tal-UE fil-Bulgarija li jkopru l-perjodu sal-15 ta' Lulju 2009;
206. Fid-dawl tal-aħħar rapport dwar il-progress u l-ostakli fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, jitlob lill-Kummissjoni tagħtih rapport speċjali dwar il-qagħda attwali tal-immaniġġjar u l-kontroll tal-fondi kollha tal-UE fir-Rumanija u dwar il-miżuri meħuda u l-progress li sar fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni li jkopri l-perjodu sal-15 ta' Lulju 2009;
- It-Turkija, il-Kroazja, is-Serbja, l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo u l-pajjiżi l-oħrajn tal-Balkani tal-Punent*
207. Ifakkar fir-responsabilità tad-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali biex iħejju lil dawn il-pajjiżi għal użu korrett tal-fondi Ewropej; jitlob, minn naħa, li jiddaħħlu strateġiji kontra l-frodi f'dan il-proċess ta' qabel is-sħubija u, min-naħa l-oħra, jingħata taħriġ lill-amministrazzjonijiet ikkonċernati permezz ta' programm ta' skambju bejn il-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali;
208. Jistiedem lill-Kummissjoni biex ikollha rwol aktar attiv fir-rigward tas-sistemi eżistenti ta' kontroll tal-infiq fit-Turkija, il-Kroazja, is-Serbja, l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-pajjiżi l-oħrajn tal-Balkani tal-Punent fil-qafas tal-fażi ta' qabel is-sħubija u titlobha tipprovdi lill-Parlament, fir-rapport tagħha dwar il-progress f'dawn l-Istati, informazzjoni aktar dettaljata dwar din il-kwistjoni, b'mod partikolari analiżi dettaljata tar-raġunijiet ta' nuqqas ta' suċċess; jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi s-sistema tad-dwal tat-traffiku (dawl aħdar, isfar u aħmar) biex tindika l-progress li jkun sar fl-ilhqiq tad-diversi għanijiet ewlenin;
209. Jiddeplora l-każijiet ta' frodi u ta' amministrazzjoni ħażina tal-fondi Ewropej immaniġġjati min-Nazzjonijiet Uniti indikati fir-rigward tal-fondi li l-Unjoni ddedikat għar-rikostruzzjoni fil-Kosovo u n-nuqqas ta' segwitu min-Nazzjonijiet Uniti ta' dawn il-każi identifikati b'mod ċar; madankollu, jixtieq ukoll juri l-gratitudni tiegħu għall-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni u għall-persunal "Ewopew" u dak lokali tagħha għax-xogħol li għamlu b'risq il-poplu tal-Kosovo f'ċirkustanzi kultant diffiċli;
210. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri biex tagħmel rapport speċjali dwar l-effikaċja tas-sistemi ta' kontroll imwaqqfa mill-Kummissjoni għall-fondi Ewropej riċevuti mill-Kosovo, kif ukoll il-prestazzjoni tagħhom għall-prevenzjoni tal-frodi u biex tivverifika jekk dan il-finanzjament ġiex segwiex bis-sħiħ il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ftehim għall-programmi kkonċernati, inklużi r-regoli tal-istrument ta' assistenza ta' qabel is-sħubija <sup>(1)</sup> u r-Regolament (CE, Euratom) Nru 1605/2002;
211. Jipproponi li l-Kummissjoni titlob lill-gvern tal-Kosovo attestazzjoni ta' verifika tal-Qorti tal-Awdituri ta' dan il-pajjiż rigward il-fondi Ewropej, b'mod partikolari dawk inklużi fil-baġit;
212. Ifakkar li l-Forza tax-Xogħol għall-Investigazzjoni (*Investigation Task Force - ITF*) li ġiet stabbilita biex tinvestiga irregolaritajiet finanzjarji u frodi li jikkonċernaw fondi tal-UE fil-Kosovo temmet l-operazzjonijiet tagħha f'Awwissu 2008, li r-rapport finali tagħha identifika kondotta kriminali min-naħa ta', fost oħrajn, persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, u li nħarġu numru ta' mandati internazzjonali mingħajr ma nkisbu l-ebda riżultati f'dak ir-rigward min-Nazzjonijiet Uniti; Jitlob lill-Kummissjoni niex tagħmel pressjoni għall-esekuzzjoni ta' dawk il-mandati; jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport fuq is-segwitu legali għall-każijiet kollha skoperti; jitlob it-twaqqif ta' organizzazzjoni biex tkompli fejn hal-liet l-ITF fil-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolarità li jinvolvu l-Kummissjoni u l-OLAF;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

**Infiq amministrattiv**

213. Jinnota b'sodisfazzjon li l-verifika tal-Qorti tal-Awdituri ma żvelat ebda żball sinifikanti li jaffettwa l-legalità u r-regularità tal-infiq amministrattiv;

*Skejjel Ewropej*

214. Jistenna li l-Kummissjoni tiżgura li l-gvernijiet tal-Belġju u r-Renju Unit jimpenjaw ruħhom li jħarsu l-obbligi tagħhom skont il-ftehim intergovernattivi li diġà jeżistu – għall-Belġju, id-disponibilità l-aktar kmieni possibbli tar-raba' jew anki l-ħames skola Ewropea, għar-Renju Unit is-sekondar ta' għalliema biż-żejjed – u jistenna li l-politika tar-reġistrazzjoni attwali fir-rigward tal-iskejjel Berkendael/Laeken tiġi riveduta biex jiġu evitati ħinijiet tal-ivvjaġġjar twal u inaċċettabbli għat-tfal;

*L-effetti tad-deċentralizzazzjoni fuq il-persunal*

215. Jinnota b'sodisfazzjoni li l-Kummissjoni, fuq talba tal-Parlament, wettqet studju tar-riżorsi umani tal-personal tagħha fl-2007 (SEC(2007) 530) rigward l-attivitajiet amministrattivi tagħha;
216. Huwa diżappuntat bl-informazzjoni inadegwata mibgħuta fis-snin 2005 u 2006 mill-Kummissjoni dwar dan il-qasam tant importanti fil-livell baġitarju; jirrikonoxxi l-isforzi magħmula sadanittant fir-rigward tat-trasparenza fuq is-sit tal-Internet tagħha u r-rapport annwali fuq l-evalwazzjoni tal-persunal;
217. Juri t-tħassib tiegħu minħabba l-fatt li kważi 32 % tal-persunal tal-Kummissjoni huma jaħdmu fil-qasam tal-appoġġ amministrattiv u ta' kordinazzjoni; ifakkar li l-10 % tal-persunal fil-qasam baġitarju għadu mhux inkluż f'din l-istatistika, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ riżultati minn dawn iċ-ċifri u tagħmel ristrutturazzjoni tal-persunal tagħha sabiex tnaqqas għal 20 % il-persunal li jaħdem f'dawn is-setturi;
218. Jinnota li l-mobiltà tal-persunal inizjalment kien kunċett li jikkonċerna l-pożizzjonijiet sensitivi biss; huwa sorpriż li jara l-prattika attwali tal-Kummissjoni li tissottometti l-persunal tagħha wara 5 snin, l-aktar l-aktar 7 snin, għall-mobiltà; jibża' li din l-applikazzjoni tal-mobiltà tnaqqas l-effikaċja tal-Kummissjoni u tostakola l-akkumulazzjoni ta' esperjenza u kompetenzi fi ħdan il-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni biex tinformah kif ikun hemm limitu għall-mobiltà fir-rigward ta' pożizzjonijiet sensitivi;

*Kwistjonijiet marbuta mal-infrastrutturi tal-bini tal-Komunità*

219. Jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza tal-Kummissjoni fl-amministrazzjoni tal-61 bini li hija għandha fil-Brussell u fl-iżvilupp tal-proprjetà immobbli tagħha;
220. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinformah dwar kull proġett ġdid rigward il-proprjetà immobbli tagħha u dan mill-fażi preliminari sal-adozzjoni ta' dawn il-proġetti u biex tinforma regolarment lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu dwar l-inizjattivi u d-deċiżjonijiet ġodda kollha li jirrigwardaw proġetti ta' bini, inklużi x-xogħlijiet preparatorji u s-sejħiet għal offerti li għalihom qed jiġi propost il-ħolqien ta' kumitat ta' sejħiet tal-offerti li fih ikun hemm rappreżentanti tal-Parlament;
221. Jitlob lill-OLAF biex jinformah fil-każijiet ta' frodi indikati fil-qafas tal-politika tal-bini u biex jeżamina l-konflitti ta' interess possibbli;
222. Jitlob lill-Kummissjoni verifika tal-amministrazzjoni tal-bini, mhux biss tal-Kummissjoni, iżda tal-istituzzjonijiet kollha tal-Komunitajiet Ewropej billi tistudja l-idea ta' struttura komuni ta' amministrazzjoni tal-bini;

**Miżuri ta' segwitu għall-kwittanza**

223. Jiddeplora l-fatt li, fil-kontinwazzjoni annwali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>, il-Kummissjoni naqset milli tirrepeti kompletament id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KE dwar miżuri ta' segwitu fid-dawl tal-kwittanza, u ddikjarat biss li meta tingħata kwittanza l-Parlament jista' jenfasizza osservazzjonijiet li jikkunsidra importanti, u f'hafta każi jirrakkomanda azzjonijiet li għandha tiegħu l-Kummissjoni rigward dawn il-kwistjonijiet; jinnota li dan il-kumment hu pertinenti, iżda l-Kummissjoni tonqos milli tgħid li l-Artikolu 276 tat-Trattat tal-KE jirrekjedi li l-Kummissjoni tiegħu l-passi kollha meħtieġa biex tiegħu kull azzjoni possibbli biex jingħata segwitu għall-osservazzjonijiet li jkun hemm fid-deċizzjonijiet ta' kwittanza tal-Parlament rigward l-implimentazzjoni tal-infiq; ifakkar lill-Kummissjoni, għaldaqstant, li l-appelli magħmula fir-riżoluzzjoni tagħha għall-kwittanza mhumiex sempliċement rakkomandazzjonijiet li ma jorbtux, imma struzzjonijiet li l-Kummissjoni trid taġixxi fuqhom meta timplimenta l-baġit;

**KONKLUŻJONIJET DWAR IR-RAPPORTI SPEĊJALI TAL-QORTI TAL-AWDITURI****Parti I: Rapport speċjali Nru 6/2007 dwar l-effikaċja tal-assistenza teknika fil-qafas tar-rinfurzar tal-kapaċitajiet**

224. Jikkunsidra li assistenza teknika (TA) - u tipi oħra ta' għajjnuna esterna - li għadha pjuttost mogħtija minn donaturi ta' fondi, ħafna drabi huma ineffiċjenti u mhux sostenibbli, teħtieġ b'mod urġenti li tiġi riformata billi, fost affarijiet oħra, tippromwovi s-sjeda lokali, tikkoordina b'mod iktar effettiv ir-riżorsi bejn l-Istati Membri fil-livell tal-UE u internazzjonali, u tiżgura żmien suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-proġetti;
225. Jinnota f'dan il-kuntest l-approvazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni f'Lulju 2008 tal-Istrateġija ta' Sintra u l-Pjan ta' Hídma biex jintlaħqu miri ta' effettività ta' għajjnuna dwar Unitajiet ta' Koperazzjoni Teknika u Implimentazzjoni ta' Proġetti; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija għall-ewwel darba qabel tmiem Marzu 2009, u wara f'intervalli ta' sitt xhur;
226. Jinnota li l-informazzjoni dwar l-ammonti minfuqa fuq TA ġew mibgħuta tard mill-Kummissjoni lill-Qorti tal-Awdituri, u wara l-pubblikazzjoni tar-rapport speċjali tal-Qorti; huwa sorpriż li din l-informazzjoni ma kienet disponibbli matul il-preparazzjoni tar-rapport speċjali; jagħraf li d-definizzjoni tal-OECD tad-DAC hija wiesgħa u fil-prattika twassal għal differenzi fl-interpretazzjoni; jistenna li l-istrateġija adottata mill-Kummissjoni se twassal ukoll għal definizzjoni aktar operazzjonali ta' TA;
227. Jiddispjaċih li l-istrument ta' "ġemellaġġ" mhux disponibbli għall-pajjiżi tal-ACP, daww Ażjatiċi u Latini-Amerikani; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-bidliet leġislattivi neċessarji qabel tmiem il-mandat tal-Kummissjoni attwali, u jhegġegħ lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw l-użu wiesa' ta' dan l-istrument, addattat għall-ħtiġijiet partikolari, f'dawk il-pajjiżi, u li jemen-daw r-regolament dwar l-implimentazzjoni tal-għaxar EDF kif meħtieġ;
228. Jinnota b'dispjaċir l-fatt li l-klawżola ta' sospensjoni, li tippermetti proċedura ta' għoti ta' appalti iktar mgħaġġla, ftit li xejn tintuża mill-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni biex tuża din il-faċilità b'mod għaqli biex ittejjeb l-orarju tal-ħinijiet tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tat-TA;
229. isibha inaċċettabbli li xi kumpaniji jipproponu apposta esperti b'CVs tajbin biex jirbħu kuntratt, filwaqt li jkun jafu li l-espert mhux se jkun disponibbli biex jieħu x-xogħol assenjat; jaqbel mal-Qorti li l-kriterja tal-għażla użata mill-Kummissjoni għal TA mhumiex adegwati;

<sup>(1)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 9.

230. Jitlob għalhekk li l-Kummissjoni tikkunsidra iktar kriterja oħra (bħal daww proposti mill-Qorti tal-Awdituri), u mhux biss il-kriterju tas-CV tal-kap espert tat-tim; jissuġġerixxi li dan jista' jsir, pereżempju, billi tinholq database kompatibbli mar-rekwiżiti legali u li tkun tinkludi d-ditti li jonqsu milli jipprovdur l-espert propost u li għalhekk ma jitħallewx jipparteċipaw f'akkwist pubbliku għal perjodu speċifiku; jinnota li l-Kummissjoni adottat Regolament (KE, Euratom) Nru 1302/2008 tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar database ċentrali għall-esklużjonijiet <sup>(1)</sup> u Deċiżjoni 2008/969/KE, Euratom tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar is-Sistema ta' Twissija Bikrija għall-użu ta' uffiċjali awtorizzanti tal-Kummissjoni u tal-aġenziji esekuttivi <sup>(2)</sup>, iżda li dawn l-istrumenti għodda ma jagħmlu hiex possibbli li teskludi ditti għal din ir-raġuni; jinnota wkoll barra minn hekk li dawn l-aspetti huma parti mill-Pjan ta' Ħidma (Axis 3, Azzjonijiet 13-15), u jistieden lill-Kummissjoni biex tapplika l-azzjonijiet relatati immedjatament;
231. Jaqbel mal-Qorti tal-Awdituri li ma hemm l-ebda inkonsistenza fl-approċċ tal-Kummissjoni rigward l-użu ta' sistemi ta' mmaniġġjar ta' finanzi pubbliċi u s-sistemi ta' għoti ta' appalti għall-pajjiżi benefiċjarji, li kultant jikkuntraddixxi b'mod dirett l-impenji tal-Unjoni fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effettività tal-Għajjnuna, approvata fit-2 ta' Marzu 2005 <sup>(3)</sup>, iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni rapida ta' dawn l-impenji fuq il-bażi tad-djalogu strateġiku previst mill-qafas tal-Accra and Post Accra work stream u l-azzjonijiet tal-Pjan ta' Ħidma (Axis 1, b'mod partikolari l-Azzjoni 20);
232. Jitlob lill-Kummissjoni biex kemm jista' jkun possibbli, issegwi, l-inizjattivi tagħha rigward it-trasparenza u biex tieħu kont tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-19 ta' Frar 2008 dwar trasparenza fil-qasam finanzjarju <sup>(4)</sup>, u jirrakkomanda li titwaqqaf database biex tipprovdur dehra ġenerali tal-missjonijiet u r-riżultati tat-TA li jkunu jistgħu jintużaw għal xogħlijiet futuri tat-TA u biex jipprevjenu xogħol doppju;

**Parti II: Rapport Speċjali 1/2008 dwar il-proċeduri għall-eżaminazzjoni u l-evalwazzjoni ta' proġetti kbar ta' investiment għall-perjodi ta' programmazzjoni 1994-1999 u 2000-2006**

233. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bil-proċedura stretta tagħha ta' approvazzjoni rigward proġetti kbar, mandankollu jirrakkomanda li tirrazzjonalizza l-proċedura tagħha għat-teħid deċiżjonijiet hekk li din ikollha valur reali, u li b'hekk tevita t-trattament "eċċessivament amministrattiv" tal-proċedura, u sabiex tnaqqas it-tul tal-proċess għat-teħid ta' deċiżjonijiet għal limiti raġonevoli, u twaqqaf kemm jista' jkun malajr sezzjoni indipendenti għal proġetti kbar b'kompetenza orizzontali fid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Regionali (DG REGIO); jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-importanza tal-iffinanzjar tal-investimenti f'softwer, billi dan jgħin biex is-sistema tkun aktar trasparenti u aktar faċli biex tikkontrollaha; fl-istess ħin il-Kummissjoni m'għandhiex bħala konsegwenza ta' dan l-investiment, tnaqqas in-numru ta' kontrolli fuq il-post;
234. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdur informazzjoni sħiħa dwar l-applikazzjoni Prattika tar-Regoli n + 2 u n + 3 għal proġetti kbar, billi wħud mill-Istati Membri ppruvaw "iduru" mar-regoli tal-EDRF (aktar speċifikament, ir-regola n + 2) billi amalgamaw għadd ta' proġetti biex l-ammont totali ta' dawn waq' eżatt bi ftit taħt il-valuri limitu għal proġetti kbar, u wara stennew li l-Kummissjoni tiddeċiedi li tissospendi r-regola n + 2 għal każ in kwistjoni;
235. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li żvilupp "kultura ta' assenza ta' riskju" - u jixtieq jifhem kif dan l-iżvilupp seta' jseħħ, hekk li proġetti innovattivi u ta' kwalità għolja jitqiegħdu lura - li hija Prattika li tmur kompletament kontra l-isforzi tal-Komunità hekk kif imniżżlin fl-aġenda ta' Liżbona; jikkunsidra li li l-għajjnuna mogħtija għall-investimenti għall-infrastrutturi mhumiex problema iżda joffru lill-Istati Membri l-opportunità li jevitaw investimenti "riskjużi"-innovattivi;

<sup>(1)</sup> ĠU L 344, 20.12.2008, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU L 344, 20.12.2008, p. 125.

<sup>(3)</sup> Konkluzja u adottata fit-2 ta' Marzu 2005 fil-Forum ta' livell għoli f'Pariġi minn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u pajjiżi donaturi, fosthom l-Unjoni Ewropea, il-Bank Afrikan tal-Iżvilupp, il-Bank Ażjatiċu tal-Iżvilupp, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank Inter-Amerikan tal-Iżvilupp, il-Kumitat ta' Assistenza għall-Iżvilupp tal-OECD, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Bank Dinji.

<sup>(4)</sup> Testi adottati ta' din id-data, P6\_TA(2008)0051.

236. Jiddeplora li minflok it-taħriġ tal-kollaboraturi tal-Kummissjoni (DG REGIO) din tal-aħħar qed tiffinanzja grupp estern (JASPERS) li huwa parti mill-istruttura tal-Bank Ewropew għall-Investment u għalhekk ma jagħtix kont lill-Kummissjoni għax-xogħol tiegħu; jindika lil Stati Membri li, jekk jonqsu milli jipprovdu taħriġ u żvilupp għall-gruppi tagħhom ta' esperti, se jiġu dipendenti fuq gruppi ta' esperti barranin u esteri, fatt li jirriżulta fi spiżi indiretti kbar għall-pajjiż konċernat;
237. Jappoġġja l-inizjattiva li biha l-Kummissjoni Ewropea ħadet f'idejha l-evalwazzjoni ex-post ta' proġetti kbar u qed tiddetermina liema informazzjoni hija meħtieġa għal dan il-għan (dejta uniformi u li tista' titqabbel) li l-Istati Membri jridu jiġbru u jibgħatu fi żmien stipulat; huwa tal-fehma li ċentralizzazzjoni ta' kontroll bħal dan hija meħtieġa għaliex bħalissa ma teżisti l-ebda evidenza konkreta li proġetti kbar iffinanzjati mill-fondi Komunitarji twettqu b'suċċess u li l-Istati Membri użaw il-fondi li ngħatawlihom bl-aktar mod effettiv u produttiv possibbli;
238. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-preżent, informazzjoni dwar proġetti kbar tista' tinkiseb biss wara li dawn jiġu approvati mir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar Fondi Strutturali u l-Fondi ta' Koeżjoni; titlob, għaldaqstant, lill-Kummissjoni sabiex tippermetti li ċ-ċittadini jkun jafu l-qagħda ta' kull proġett kbir mis-sit tal-Internet tal-Kummissjoni;

### **Parti III: Rapport speċjali Nru 2/2008 dwar l-informazzjoni dwar it-tariffi li torbot**

239. Jinsisti mal-Kummissjoni sabiex din tagħmel minn kolloxx biex tirranġa b'urġenza l-problemi u d-dgħjufijiet mhux solvuti, għaliex dawn jistgħu jwasslu għal telf ta' dħul għall-Unjoni minn riżorsi proprji tradizzjonali;
240. Jieħu nota li skont it-tweġibiet tal-Kummissjoni l-kodiċi tad-dwana Komunitarju modernizzati (KDK modernizzati), adottat fl-2008 <sup>(1)</sup>, ser jagħmel obligatorja l-informazzjoni dwar tariffi li jorbtu għat-titolari tagħhom, ix-xogħol ta' aġġornament tat-teżawru se jkompli u l-interface tal-utenti huwa disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni;
241. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex il-konflitti li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tat-tariffi għandhom ikun solvuti fil-ħin stipolat mil-liġi Komunitarja u li ma jaqbiżx perjodu ta' ħames xhur; jitlob barra minn hekk lill-Kummissjoni, b'konsiderazzjoni għat-telf eventwali ta' riżorsi proprji, sabiex iżżid in-numru ta' persunal li jaħdmu fuq informazzjoni dwar tariffi li jorbtu u fuq il-klassifikazzjoni għal 4 persuni u biex tagħmel mod li dawn jagħmlu aktar analiżi ta' riskji, jikkontrollaw aktar strettament il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għas-sistema, il-każijiet eventwali ta' abbuż taż-“żmien ta' grazzja” u “is-suq” ta' informazzjoni dwar tariffi li jorbtu;
242. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinformah minn issa sat-tmiem is-sena 2009 dwar kull azzjoni u miżura meħuda fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u dwar l-implimentazzjoni tagħhom;

### **Parti IV: Rapport speċjali Nru 3/2008 dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: Fl-ema miżura huwa l-intervent tiegħu rapidu, effiċjenti u flessibbli?**

243. Jifraħ bl-evalwazzjoni ġeneralment pożittiva mogħtija mill-Qorti tal-Awdituri tar-riżultati miksuba mill-Kummissjoni fir-rigward tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea;
244. Jinnota li l-kritika dwar ir-“rapidità” ma tistax tkun attribwita esklussivament għall-ġestjoni tal-Fond mill-Kummissjoni, billi, ta' sikwit il-problemi huma marbuta ma' nuqqasijiet fl-amministrazzjoni mill-Istati Membri, bħall-kwalità tal-informazzjoni provduta minn min jagħmel it-talba;
245. Jinnota wkoll li fil-Pożizzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2006 <sup>(2)</sup>, il-Parlament laqgħa favorevolment il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (COM(2005) 108), li jstabbilixxi kriterji aktar sempliċi u aktar ċari għal attivazzjoni aktar rapida, u li l-Kunsill s'issa ma mexxiex 'il quddiem dan id-dossier;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jstabbilixxi kodiċi doganali (kodiċi doganali modernizzati) (ĠU L 145, 4.6.2008, p. 1);

<sup>(2)</sup> ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 331.



**Parti V: Rapport speċjali Nru 4/2008 dwar l-implimentazzjoni tal-kwoti tal-ħalib fl-Istati Membri li nqas mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004**

246. Jiddispijaci li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħmlu għadd kbir ta' spezzjonijiet li hemm ir-riskju li jkunu superfiċjali, u dan ma jippermettix li tiġi verifikata l-verità tal-bejgħ dirett iddikjarat; jilqa' r-Regolament tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup> (KE) Nru 228/2008 li jnaqqas ir-rata ta' spezzjoni għall-1 % għal produtturi li jipproduċu inqas minn 5 000 kg;
247. Jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha, fil-qafas tal-ġestjoni konġunta, tkompli tiegħu l-inizjattivi kollha meħtieġa biex tiżgura segwitu effettiv tal-implimentazzjoni u l-ġestjoni tajba tal-iskema tal-kwoti tal-ħalib;
248. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex ifasslu, fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskji, programm ta' kontroll għal kull perjodu ta' 12-il-xahar, u li jagħmlu kontrolli matul u wara l-kampanja ta' kwoti, iżda mhux aktar tard minn 18-il xahar wara t-tmiem tal-kampanja kkonċernata;
249. Jikkunsidra li, f'għieħ is-simplifikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri l-ġodda biex jaderixxu mal-prinċipju ġenerali li t-totalità tal-ħalib ikkummerċjalizzat għandha tkun irreġistrata;
250. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistieden lill-Istati Membri l-ġodda biex itejbu ż-żamma tad-databases tagħhom kif mitlub mill-Qorti tal-Awdituri fir-rapport tagħha, u biex jiġu evitati kontrolli mhux meħtieġa;
251. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tevalwa żviluppi fil-qasam tal-prodotti tal-ħalib, b'mod partikolari dak marbuta mas-suq tagħhom, mas-sitwazzjoni ta' produtturi, u mal-implikazzjonijiet għall-iżvilupp reġjonali, b'mod partikolari fir-rapporti ta' evalwazzjoni previsti għal qabel il-31 ta' Diċembru 2010 u qabel il-31 ta' Diċembru 2012 skont il-kundizzjonijiet tal-ftehim politiku dwar il-kontroll tal-istat tas-saħħa tal-politika tal-agrikoltura komuni li ntemmet f'Novembru 2008;
252. Jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti tal-Awdituri fil-qafas ta' dan il-"kiontroll tas-saħħa" u biex tikkunsidra l-aġġustamenti li x'aktarx jistgħu jinġiebu għall-CAP tal-ħalib u għall-iskema tal-kwoti tal-ħalib li b'mod partikolari għandhom ikunu diretti lejn:
- (a) miżuri ta' akkumpanjament u ta' tranżizzjoni li għandhom ikunu pjanati fil-livell tar-reġjuni li fihom il-produtturi ż-żgħar jibqgħu fil-maġġoranza;
  - (b) il-ħtieġa li l-produtturi tal-ħalib tal-Istati Membri l-ġodda jkunu żgurati qafas regolatorju stabbli u prospettivi ċari li jinkuraġġuwhom biex jagħmlu l-investimenti indispensabbli biex jiżguraw il-vijabilità tal-attività tagħhom.

**Parti VI: Rapport speċjali Nru 5/2008 dwar l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea – il-ksib tar-riżultati**

253. Jifraħ bir-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri u jagħti parir lill-Kummissjoni biex tiegħu nota tan-nuqqasijiet tagħha li ġew identifikati, kif ukoll biex tiegħu miżuri bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri;
254. Jitlob lill-Kummissjoni biex toħloq u timplimenta sistema ta' amministrazzjoni globali għall-aġenziji ta' "regolamentazzjoni" tal-Unjoni, ibbażata fuq kriterji espliċiti bħat-trasparenza, l-ekonomija, il-funzjonament tajjeb, l-effikaċja u l-iskambju reċiproku tal-prattiki li l-aktar jirnexxu; jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha tikkomunika b'mod attiv mal-aġenziji tal-Unjoni u tassisti lill-kumitat ta' tmexxija tagħhom fl-implimentazzjoni ta' ibbaġitjar u amministrazzjoni bbażati fuq l-attivitàjiet (ABB/ABM);
255. Jappella lill-Kummissjoni biex iddaħħal sistema ta' kontroll operazzjonali għall-aġenziji tal-Unjoni li tippermetti t-trasferiment intern tal-aħjar Prattiki u metodi u li tinkludi għadd ta' indikaturi, kemm ġenerali kif ukoll speċifiċi, għall-evalwazzjoni;

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 228/2008 tat-13 ta' Marzu 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2004 rigward l-intensità tal-kontrolli fuq il-kunsinni u l-bejgħ dirett tal-ħalib ĠU L 70, 14.3.2008, p. 7).



256. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa linji ta' kondotta għat-titjib tal-pjanifikazzjoni, il-kontroll, it-twettiq tar-rapporti u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-aġenziji u biex tqiegħed fil-prattika bis-sħiħ il-kunċett ta' kisba ta' riżultati stabbiliti mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u r-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-aġenziji <sup>(1)</sup>;

**Parti VII: Rapport speċjali Nru 6/2008 dwar l-għajnuna għar-rijabilitazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni wara t-tsunami u l-urugan Mitch**

257. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel il-konklużjonijiet kollha meħtieġa tal-esperjenzi li għaw wara l-urugan Mitch u t-tsunami, sabiex ittejjeb il-prestazzjonijiet futuri; tagħti parir lill-Kummissjoni biex ikollha rwol attiv fuq livell internazzjonali sabiex tindirizza d-dgħjufijiet sistematiċi tal-kapaċitajiet internazzjonali ta' sokkors;
258. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni partikolari għall-kwistjonijiet li ġejjin fl-ażżjonijiet futuri tagħha ta' rijabilitazzjoni: garanzija li l-finanzjament ikun bbażat fuq il-ħtiġijiet, garanzija li l-popolazzjonijiet milquta, inklużi l-fqar, in-nisa u t-tfal, ikunu fil-qalba tal-miżuri ta' għajnuna; garanzija li jkun hemm disponibbli informazzjoni dettaljata u eżatta dwar ir-riżultati tal-assistenza għall-kontribwenti tal-pajjiżi donaturi u l-pajjiżi milquta;
259. Jistieden lill-istituzzjonijiet superjuri ta' kontroll tal-finanzi pubbliċi u lill-Qorti tal-Awdituri biex jintensifikaw il-koperazzjoni dwar l-investigazzjoni, il-verifika u l-evalwazzjoni tal-użu tal-fondi għall-għajnuna għad-diżastri naturali;
260. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-lista tagħha ta' NGOs sabiex teskludi lil dawk li mhumx ta' fiduċja, u biex tiddefinixxi politika ta' akkwist li ma tħallix il-miżapproprijazzjoni tal-fondi minn dawn l-NGOs;
261. barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura biżżejjed viżibiltà għall-għajnuna tal-Unjoni, mingħajr ma tikkomprometti l-effikaċja globali u l-għanijiet ta' ugwaljanza;
262. Jistieden lin-NU, is-Salib l-Aħmar, in-Nofs Qamar l-Aħmar u lid-donaturi l-oħrajn kollha biex jiftieħmu dwar qafas dettaljat ta' kontroll u ta' verifika sabiex:
- (a) ikun intensifikat u jittejjeb il-kontroll globali tal-fondi miġbura,
  - (b) tiġi eliminata d-dupplikazzjoni jew il-frammentazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll u jitnaqqsu l-ispejjeż tagħhom;
263. jistenna li l-Kummissjoni mhux biss taċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, iżda li din tindika data fil-qrib għall-implimentazzjoni tagħhom;
264. Jikkunsidra wkoll li huwa essenzjali li f'każ ta' għajnuna umanitarja, il-Kummissjoni tara li jiġu rispettati l-kriterji ta' effikaċja tal-għajnuna, hekk kif inhuma garantiti mid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-effikaċja tal-għajnuna;
265. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistabilixxi data limitu realistika u konkreta għad-disponibiltà tal-fondi, sabiex tistimola l-pajjiżi benefiċjarji biex jimplimentaw il-proġetti aċċettati fi żmien speċifiku;
266. Jikkunsidra li, fil-każ ta' diżastru naturali, l-għajnuna umanitarja għandha tkun offruta mingħajr kundizzjonijiet politiċi; jaħseb madankollu li l-Kummissjoni għandha titlob lill-pajjiżi benefiċjarji:
- (a) li l-aċċess għall-vittmi ma jkunx limitat;
  - (b) li l-assistenza tkun eżentata minn taxxi, dazji tad-dwana u kull għamla oħra ta' taxxa fiskali;
  - (c) li ma jkunx hemm dewmien jew rifjut fl-allokazzjoni ta' viżi għall-persunal internazzjonali tal-aġenziji ta' għajnuna;
  - (d) li l-benefiċjarji ma jiġux mitluba jħallsu għall-oġġetti u s-servizzi mogħtija (jew fejn dan id-dħul se jkun injettat kollu fir-rikostruzzjoni).

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-regolament finanzjarju ta' qafas stipulat fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

267. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li titwaqqaf l-għajnuna f'każ ta' ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji msemmija hawn fuq;

#### **Parti VIII: Rapport speċjali Nru 7/2008 dwar "Enerġija Intelliġenti 2003-2006"**

268. Jilqa' x-xogħol serju tal-Qorti u s-sejbiet tagħha, li jinkludu ċertu ammont ta' tifħir iżda wkoll kritika rigward il-ġestjoni Kummissjoni u l-Aġenzija Esekuttiva tal-programm IEE għall-perjodu 2003- 2006; japprezza l-koperazzjoni mill-qrib bejn l-Aġenzija, il-Qorti tal-Awdituri u l-Parlament u l-fatt li din hija mmirata lejn il-futur;
269. Jikkonkludi mill-analiżi tal-Qorti tal-Awdituri li l-ispejjeż merfugħa mill-benefiċjarji (biex jippreparaw il-proposti u jirrapportaw) huma pjuttost għoljin u, minkejja li huwa jifhem li daww il-ispejjeż huma differenti minn spejjeż purament amministrattivi, jemmien li għandhom jitqiesu wkoll u mnaqqsa bi qbil mal-prinċipji ta' regolazzjoni aħjar;
270. Jikkunsidra li l-osservazzjonijiet tal-Qorti jistgħu jirriżultaw utli wkoll fil-każ ta' aġenziji esekuttivi oħra; jistenna bil-ħerqa biex jirċievi r-Rapport Speċjali li jmiss tal-Qorti tal-Awdituri dwar aġenziji esekuttivi;
271. Jinnota b'dispaċir li, fil-każ ta' proġetti jew studji relatati mal-programm, kif ukoll fil-każ ta' aġenziji għall-enerġija lokali, Stati Membri ġodda f'it li xejn kienu involuti; jaċċetta madankollu li din is-sitwazzjoni tista' tkun in parti spjegata mill-fatt li l-programm kien diġà beda qabel id-dħul tal-UE-10; jitlob li l-Kummissjoni tkompli attivament il-politika tagħha li tagħti prijorità lill-ħolqien ta' aġenziji għall-enerġija fl-Istati Membri li għandhom lura sabiex jaslu għal distribuzzjoni bbilanċjata tajjeb madwar l-UE kollha;

#### **Parti IX: Rapport speċjali Nru 8/2008 – Il-kundizzjonalità hija politika effikaċi?**

272. Jikkunsidra li l-oġġettivi tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 tal-Kunsill <sup>(1)</sup> għandhom ikunu żviluppati hekk li jkunu "SMART" (Speċifiċi, Miżurabbli, Jiġgħu jintlaħqu, Relevanti u Bil-ħinijiet) u organizzati f'ġerarkija loġika; jikkunsidra li fuq din il-bażi, Stati Membri għandhom jiddefinixxu rekwiżiti u standards verifikabbli fil-livell tal-irziezet;
273. Jikkunsidra li l-kundizzjonalità għandha tkun simplifikata billi tiġi limitata għall-elementi prinċipali ta' attivitajiet agrikoli fejn it-titjib jirriżulta meħtieġ u billi jiġu speċifikati r-riżultati mistennija, ir-rekwiżiti u l-istandards;
274. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel distinzjoni ċara bejn il-kondizzjonalità u l-agriambjent; jindika li l-elementi ta' politika ta' żvilupp rurali, bħall-obbligu li jiġu f'fissati standards verifikabbli mill-Kummissjoni, għandhom japplikaw ukoll għall-kondizzjonalità;
275. Jikkunsidra li sistema effettiva ta' kontroll u sanzjonijiet għandha tkun implimentata fl-Istati Membri hekk li tiżgura l-osservanza tal-leġiżlazzjoni mill-bdiewa; jippreċiża li bħala minimu, 1 % tal-irziezet li jirrispettaw kull obbligu għandhom isirulhom kontrolli, u li s-sistema ta' sanzjonijiet għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju li tnaqqis fil-ħlasijiet ikun proporzjonali għall-gravità tal-ksur, jew li jkun tiddependi minn dan;
276. Jitlob lill-Kummissjoni biex timplimenta sistema tajba ta' moniteragg biex tkejjel ir-rendiment billi tiddefinixxi indikaturi relevanti u livelli pertinenti ta' linja ta' referenza, hekk li l-Istati Membri jkunu mistiedna li jissottomettu dejta kompleta u ta' min joqgħod fuqha lill-Kummissjoni li mbagħad tanalizzahom iktar bir-reqqa;
277. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti sa mhux aktar tard mirr-reviżjoni tal-baġit u r-riforma li jmiss tal-CAP;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jstabilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ taħt il-politika agrikola komuni u li jstabilixxi skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1).

278. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex tirrapporta dwar konformità mal-obbligi marbuta mal-kundizzjonalità fir-rapport annwali tagħha (dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni);

**Parti X: Rapport Speċjali Nru 9/2008 — “L-effettività tal-appoġġ tal-UE fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja għall-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina”.**

279. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tagħmel analiżi sħiħa tar-raġunijiet għan-nuqqasijiet u r-riżultati fqar miksuba f'ċerti proġetti fil- Belarus, il-Moldova, u l-Ukraina, u biex ittejjeb l-ippjanar, l-immaniġġjar u l-kontroll tal-fondi tal-UE f'dawn il-pajjiżi;
280. Jinsisti li l-Kummissjoni għandha tkompli timmira fondi tal-UE għall-prijoritajiet speċifiċi tal-Moldova, il-Belarus u l-Ukraina, filwaqt li żżomm f'moħħha l-progress li sar fi proġetti ta' qabel;
281. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel il-proċeduri tal-iffinanzjar tal-UE iktar flessibbli sabiex jippermettu aġġustament ta' dossiers, referenzi indikativi u għanijiet għal kull proġett, u sabiex jirriflettu l-bidliet fis-sitwazzjoni ekonomika u politika fil-pajjiżi konċernati;
282. Jitlob li l-Kummissjoni tiżgura s-sostenibilità ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni billi tiddefinixxi b'mod ċar l-impenji li għandhom jassumu l-awtoritajiet pubbliċi benefiċjarji fi tmiem il-proġett;
283. Jiddeplora l-fatt li l-effettività tal-fondi tal-UE kienet insuffiċjenti f'ċerti każijiet fejn, minkejja li kien hemm nuqqasijiet fl-immaniġġjar tal-proġett, ingħataw għotjiet lill-istess kuntratturi għal proġetti ġodda; għalhekk ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi kriterji ċari għall-għażla ta' kuntratturi u biex tevita r-repetizzjoni ta' immaniġġjar mhux sodisfaċenti ta' fondi tal-Komunità;
284. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni ttejjeb il-komunikazzjoni tagħha mal-Gvernijiet tal-Ukraina, il-Moldova u l-Belarus, u li tiegħu l-passi meħtieġa biex tinkoraġġixxi u tappoġġja l-pajjiżi benefiċjarji biex jistabbilixxu u jeżerċitwa koordinazzjoni effettiva fost id-donaturi;
285. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tiffoka iktar fuq il-kwistjoni ta' prosekuzzjoni legali effettiva fil-għieda kontra l-kriminalità organizzata, u biex tistudja soluzzjonijiet ġodda biex tippromwovi ikbar parteċipazzjoni pubblika fil-politika kontra l-korruzzjoni billi tappoġġja organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fi kwistjonijiet relatati mal-ġudikatura u l-governanza tajba;

**Parti XI: Rapport speċjali Nru 11/2008 — dwar il-ġestjoni tal-għajjnuna tal-UE għall-attivitajiet ta' ħażna pubblika ta' ċereali**

286. Jaqbel mal-Qorti tal-Awdituri li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra il-lokazzjoni ġeografika tal-imħażen u b'mod partikolari l-kwalità tal-ammonti taċ-ċereali meta tissettja l-prezz minimu tal-bejgħ;
287. Biex ittejjeb il-proċess baġitjarju, jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel l-ispejjeż tal-attivitajiet mhux relatati direttament mal-intervent b'ħażna taċ-ċereali iktar trasparenti; għalhekk jissuġġerixxi li l-element ta' sussidju tal-programmi, bħall-għajjnuna għall-persuni l-aktar fil-bżonn jew għall-industrija bijoetanol, ikun direttament allokat għall-attivitajiet konċernati;
288. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jevalwaw l-ispejjeż ta' kontrolli fil-qasam tal-operazzjonijiet ta' ħażna pubblika taċ-ċereali; jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq iktar inċentivi għall-Istati Membri biex inaqqsu l-ispejjeż tal-ħażna u tal-kapital għall-interventi tagħhom u biex jagħmlu l-aħjar użu taż-żmien tal-bejgħ tal-istokks tagħhom;
289. Jaqbel mal-opinjoni tal-Qorti li l-Kummissjoni għandha ssaħħaħ l-analiżi tagħha tal-ispejjeż imħabbra mill-aġenziji li jħallsu billi ssegwi b'mod sistematiku kwalunkwe dejta jew tendenza stramba; jikkunsidra li spezzjonijiet fuq il-post għandhom jinkludu kontrolli tad-dejta użata u li l-Kummissjoni għandha tirrevedi l-ispejjeż standard tagħha għal operazzjonijiet mingħajr moviment biex tiżgura li ma jaqbūx l-ispejjeż reali;

290. Jappoġġja lill-Qorti tal-Awdituri fl-opinjoni tagħha li spezzjonijiet fuq il-post ta' dejta dwar informazzjoni dwar l-ispiża mibgħuta mill-aġenziji li jħallsu tal-Istati Membri jenfasizza madankollu l-bżonn li tiggaranrixxi li obbligi ta' kontroll huma effiċjenti meta mqabbla mal-ispiża;
  291. Jiddeplora l-fatt li ma hemm l-ebda riserva strateġika ta' ċereali fil-każ ta' nuqqas ta' ikel fil-livell Komunitarju; jinnota li Stati Membri għandhom permess li jżommu riservi strateġiċi ta' ċereali u li huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dawn ir-riservi; jinnota b'dispijaċir, madankollu, il-fatt li f'it Stati Membri jagħmlu użu minn din il-possibilità u jemmen li l-Kummissjoni għandha tesplora l-idea li tikkostitwixxi riserva strateġika tal-Komunità.
-

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-ghelug tal-kontijiet għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III – Kummissjoni**

(2009/634/KE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 – Volum I (SEC(2008) 2359 – C6-0415/2008) <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza 2006 (COM(2008) 629, COM(2008) 628) u d-dokumenti ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġa ma' dawn ir-rapporti (SEC(2008) 2579, SEC(2008) 2580),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Sinteżi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2007" (COM(2008) 338),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007 (COM(2008) 499) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2361),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar it-tweġibiet tal-Istati Membri għar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2006 (COM(2008) 112),
- wara li kkunsidra l-Green Paper dwar l-inizjattiva Ewropea favur it-trasparenza, adottata mill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006 (COM(2006) 194),
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-mudell ta' verifika waħda (*single audit*) (u l-proposta relatata ma' qafas ta' kontroll intern Komunitarju) <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ir-roadmap għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2005) 252),
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2006) 9), ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni lejn qafas integrat tal-kontroll intern (COM(2007) 86) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2007) 311),
- wara li kkunsidra l-ewwel rapport ta' nofs is-sena dwar it-tabella tal-progress għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat, ippubblikat fid-19 ta' Lulju 2006 (SEC(2006) 1009), konformi mat-talba magħmula mill-Parlament Ewropew fir-risoluzzjoni tiegħu maħruġa mad-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2004,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 6/2007 tal-Qorti tal-Awdituri dwar it-taqsiriet annwali tal-Istati Membri; id-"dikjarazzjonijiet nazżjonali" tal-Istati Membri; u x-xogħol ta' verifika fuq il-fondi tal-UE mill-korpi nazżjonali tal-verifika <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (COM(2008) 97),

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU C 107, 30.4.2004, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU C 216, 14.9.2007, p. 3.

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni is-Sinjura Hübner u s-Sur Špidla lill-Kummissjoni, fejn ippreżentaw rapport intermedjarju dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-funzjoni ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta tal-azzjonijiet strutturali (SEC(2008) 2756) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 2755),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal qafas ta' kontroll intern integrat (COM(2008) 110) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 259),
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007 flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet <sup>(1)</sup> u r-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar interpretazzjoni komuni tal-idea tar-riskju tollerabbli ta' żbalji (COM(2008) 866) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2008) 3054),
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni għall-esekuzzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007 (5587/2009 – C6-0055/2009),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE kif ukoll l-Artikoli 179a u 180b tat-Trattat Euratom,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 246 u l-Artikoli li jsegwu tat-Trattat KE, fir-rigward tal-Qorti tal-Awdituri,
  - wara li kkunsidra l-istandards internazzjonali tal-verifika u l-istandards internazzjonali tal-kontabilità, b'mod partikolari dawk applikabbli għas-settur pubbliku,
  - wara li kkunsidra r-Reviżjoni Internazzjonali minn Esperti fil-Qasam mill-Qorti tal-Awdituri,
  - billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jstipula r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema Oħr tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, b'mod partikolari Titolu V, Kapitolu 3, li jitratta persjonijiet tal-irtirar u tal-invalidità flimkien ma' Anness XII, li jstipula d-dispożizzjonijiet għal Artikolu 83a tar-Regolamenti għall-Persunal,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jstipula l-istatut għall-aġenziji esekuttivi li se jkunu fdati b'ċerti ħidmiet li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija tal-programmi Komunitarji <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) u (3) tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 70 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati interessati l-oħra (A6-0168/2009),
- A. billi, skont l-Artikolu 275 tat-Trattat KE, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tistabbilixxi l-kontijiet,
1. japprova l-għeluq tal-kontijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007;

<sup>(1)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(3)</sup> ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.



2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hi parti integrali tad-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III - Kummissjoni u Aġenziji Esekuttivi;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investment, kif ukoll lill-parlamenti u l-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali ta' verifika tal-Istati Membri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

---

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima IV – Qorti tal-Ġustizzja**

(2009/635/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0418/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fl-2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-twegġibiet tal-istituzzjonijiet li ġew verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 272(10) u l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat tal-KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0151/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lir-Registrar tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima IV – Qorti tal-Ġustizzja**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0418/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fl-2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li ġew verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 272(10) u l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat tal-KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0151/2009),
1. Jinnota li fl-2007 il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) kellha approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli li jammontaw għal total ta' EUR 275 miljun (2006: EUR 252 miljun <sup>(6)</sup>), b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 96,84 %, ogħla mis-sena l-oħra;
  2. Jinnota b'sodisfazzjon l-adozzjoni mill-ECJ f'Lulju 2007 ta' kodiċi ta' kondotta li japplika għall-Membri u l-ex Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Ewwel Istanza u t-Tribunal tas-Servizz Ċivili <sup>(7)</sup>, inkluż l-obbligu li titressaq dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji lill-President tal-ECJ; jenfasizza, madankollu, ir-rikjesta ripetuta tiegħu, fl-interess tat-trasparenza, anki fin-nuqqas ta' rekwiżiti legal fil-preżent, għall-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet konkreti, pereżempju fuq il-websajt tal-ECJ; jipproponi wkoll li jinħatar uffiċjal ta' sorveljanza indipendenti li jkollu l-kariga li kull sena jirrapporta pubblikament id-dikjarazzjonijiet li jirċievi sabiex jiġu żgurati sorveljanza u kontroll kredibbli;
  3. Jinnota li fl-2007, in-numru ta' uffiċjali u aġenti fis-servizz (membri ta' staff temporanju u aġenti kuntrattwali) żdied matul is-sena b'7.9 % għal total ta' 1 928, prinċipalment minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija;
  4. Jilqa' t-titjib fir-reklutaġġ ta' pesunal kwalifikat, kopert mir-Regolamenti tal-persunal fuq il-bażi ta' kompetizzjonijiet organizzati mill-EPSo, u wkoll fit-trattament ta' ċertu diffikultajiet rigward ċertu pożizzjonijiet (speċjalment interpreti u speċjalisti tal-IT);

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.<sup>(6)</sup> 2005: EUR 232.6 miljun.<sup>(7)</sup> ĠU C 223, 22.9.2007, p. 1.

5. Jinnota li f'punt 11.19 tar-Rapport Annwali tagħha għall-2007 il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA) għamlet il-kummenti li ġejjin: "id-deċiżjoni tal-kumitat amministrattiv tal-ECJ fir-rigward tar-reklutaġġ u l-impjieg ta' persunal kuntrattwali ma jstipulax xi proċedura ta' għażla għal 'staff kuntrattwali għal ħidmiet awżiljarji' [...]. B'konsegwenza, m'hemm l-ebda proċedura ta' għażla formali stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja għar-reklutaġġ ta' persunal taħt kuntratti fuq tul ta' żmien qasir biex dan jieħu post ċertu persuni li ma jkunux kapaċi jwettqu dmirijiethom";
6. Jappoġġja l-opinjoni tal-ECA li, minħabba n-nuqqas ta' proċeduri ta' għażla speċifiċi għal staff kuntrattwali għal ħidmiet awżiljarji "(inkluż, per eżempju, l-użu ta' kumitati ta' għażla) '[...] id-dispożizzjonijiet applikati fil-Qorti tal-Ġustizzja ma jiżgurawx li f'każijiet bħal dawn ir-rekwiżiti rilevanti stipulati fil-'Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej' huma segwiti għal kollox u li kull riskju ta' għażla mhux oġġettiva huwa evitat"; jitlob għalhekk li proċeduri ta' għażla xierqa jidħlu fis-seħħ għal din il-kategorija ta' staff kuntrattwali wkoll;
7. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li, mill-1 ta' Ottubru 2007, inħolqu żewġ unitajiet ta' amministrazzjoni separati (unità tal-verifika interna u unità tal-verifika) b'żewġ kapijiet tal-unità differenti, li ttejjem sitwazzjoni kkritikata fis-snin li għaddeu kemm mill-ECA kif ukoll mill-Parlament fejn il-kap tas-Servizz tal-Verifika Interna kien responsabbli għal verifika ex-ante tal-operazzjonijiet tal-uffiċjali li jawtorizzaw;
8. Jinnota b'sodisfazzjon li fit-12 ta' Diċembru 2007 l-kumitat amministrattiv tal-ECJ emenda l-karta tal-missjoni tal-awditur intern sabiex il-programm ta' ħidma annwali tal-unità tal-verifika interna jiġi adottat fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tar-riskji attwali li għalihom hija esposta l-organizzazzjoni;
9. Jinnota li proċedura ġdida għar-rimi ta' assi fissi ġiet introdotta, matul l-2007, fil-kuntest tat-tfassil ta' sistema integrata ġdida għall-immaniġġjar u l-kontroll finanzjarju (SAP) li ħadet post is-sistema tal-kontijiet u tal-immaniġġjar finanzjarju Sucre-Abac fl-1 ta' Jannar 2008; jilqa' l-fatt li s-sistema SAP l-ġdida ġiet żviluppata fuq bażi interistituzzjonali mill-Kunsill, mill-Qorti tal-Awdituri u mill-Qorti tal-Ġustizzja, u b'hekk issarrfet f'iffrankar baġitarju sostanzjali u anke gwadanji fl-effiċjenza għat-tliet istituzzjonijiet involuti;
10. Jilqa' wkoll il-koperazzjoni istituzzjonali mal-ECA fir-rigward tat-taħriġ, koperazzjoni li ħalliet il-frott;
11. Jilqa' t-tnaqqis fl-għadd ta' kuntratti nnegozjati, bħala proporzjon tal-għadd ta' kuntratti mogħtija, minn 34 % fl-2006 għal 32 % fl-2007 (b'valur ta' aktar minn EUR 60 000, wara l-emenda tar-Regoli ta' Implimentazzjoni <sup>(1)</sup> għar-Regolament Finanzjarju); iħeġġeġ lill-ECJ biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tkompli tnaqqas dan il-proporzjon;
12. Jinnota li fil-prattika l-2006 kienet it-tieni sena ta' attività ġudizzjarja tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili stabbilit reċentement wara li beda jopera f'Diċembru tal-2005, u li r-Regoli ta' Proċedura tiegħu daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2007;
13. Jilqa' b'sodisfazzjon għar-raba' sena konsekuttiva t-tnaqqis fiż-żmien li jittieħed għall-proċedimenti quddiem il-ECJ, kif ukoll żieda ta' kważi 10 % mill-2006 fin-numru ta' każijiet kompluti; madankollu jinnota bi tħassib li l-każijiet pendenti li għadhom lura żdiedu għat-tliet qrati, u b'mod partikolari għall-Qorti tal-Ewwel Istanza (+ 12 % minn 1 029 każ fl-2006 għal 1 154 fl-2007);
14. Jemmen li din iż-żieda sostanzjali fin-numru ta' każijiet pendenti quddiem il-Qorti tal-Ewwel Istanza hija mistennija li tikber fin-numru ta' każijiet ġodda introdotti u għall-kumplessità u d-diversità dejjem jikbru tal-azzjonijiet li jinġiebu quddiemha; jappoġġja għal kollox l-isforzi tal-ECJ biex tirrevedi l-organizzazzjoni interna u l-proċeduri ta' ħidma tagħha sabiex titjieb l-effiċjenza tagħha u jintlaħaq tnaqqis f'dawn il-każijiet li għadhom lura;
15. Jilqa' l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' rapport dwar it-tmexxija tal-baġit u tal-finanzi tal-ECJ għas-sena 2007 <sup>(2)</sup>, li jakkumpanja l-kontijiet tal-ECJ għall-2007 u jitkellem fost l-oħrajn dwar ir-rata ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet u joffri sommarju tat-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet li jkun saru matul is-sena finanzjarja 2007;

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 15, 21.1.2009, p. 1.

16. Ifaħħar lill-ECJ għall-prattika stabbilita taġġha li tinkludi kapitolu fir-rapport tal-attivitajiet taġġha li jistabbilixxi s-segwitu matul is-sena għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza preċedenti tal-Parlament u r-rapporti tal-ECA;
  17. Jinnota li, minkejja emendi għar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli dwar l-akkwisti għadhom ta' piż eċċessiv għall-istituzzjonijiet iżgħar, bħal ma hi l-ECJ, speċjalment rigward offerti għal kuntratti għal ammonti relattivament iżgħar; jistieden lill-Kummissjoni biex - meta tkun qed taġġmel xogħol preliminari ta' qabel it-tfassil ta' xi proposta futura taġġha għal amenda għar-Regolament Finanzjarju - tikkonsulta b'mod estensiv mar-Reġistratur tal-ECJ u l-amministrazzjoni tiegħu sabiex ikun iżgurat li affarijiet li jirrigwardawhom jiġu meqjusa b'mod sħiħ fl-abbozz finali.
-

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena  
finanzjarja 2007, Taqsima V – Qorti tal-Awdituri**

(2009/636/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0419/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport mill-Awditur Estern dwar il-Kontijiet tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(5)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(6)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0152/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 318, 12.12.2008, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(6)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.



**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima V – Qorti tal-Awdituri**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 – Volum I (C6-0419/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport mill-Awditur Estern dwar il-Kontijiet tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(5)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(6)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0152/2009),
1. Jinnota li fl-2007 l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA) kellha approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli li jammontaw għal total ta' EUR 122 miljun (2006: EUR 114-il miljun <sup>(7)</sup>), b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 90,21 %, taħt il-medja tal-istituzzjonijiet l-oħra 93,82 %;
  2. Ifakkar li, fir-rigward tas-sena finanzjarja 2007, il-kontijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ġew verifikati minn ditta esterna, PricewaterhouseCoopers (fis-snin preċedenti, mill-KPMG), li waslet għal dawn il-konklużjonijiet:
    - (a) fir-rigward tal-korrettezza tal-kontijiet għas-sena finanzjarja 2007, li “[f]l-opinjoni tagħna, dawn ir-rendikonti finanzjarji jagħtu stampa reali u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-31 ta' Diċembru 2007, kif ukoll tal-prestazzjoni finanzjarja tagħha u l-likwidità tagħha għas-sena li għalqet f'dik id-data, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 [dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi u r-Regoli tal-Kontabilità tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri”; u

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 318, 12.12.2008, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(6)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(7)</sup> 2005: EUR 107 500 000.

- (b) fir-rigward tal-użu tar-riżorsi finanzjarji assenjati lill-Qorti u ma' kemm huma xierqa l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ matul is-sena finanzjarja 2007, li "xejn ma ġibed l-attenzjoni tagħna biex iġieghna nemmu li fl-aspetti materjali kollha u abbażi tal-kriterji (identifikati), (a) ir-riżorsi assenjati lill-Qorti ma nużawx għall-għanijiet li għalihom kienu intiżi u (b) il-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ ma jagħtux il-garanziji meħtieġa biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet finanzjarji mar-regoli u r-regolamenti applikabbli";
3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li s-sistema integrata ġdida għall-immaniġġjar u l-kontroll finanzjarju (SAP), li ilha topera mill-1 ta' Jannar 2008, ġiet żviluppata fuq bażi interistituzzjonali mill-Kunsill, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Qorti tal-Ġustizzja, u b'hekk tirrappreżenta ffrankar baġitarju sostanzjali u anke gwardanji fl-effiċjenza għat-tliet istituzzjonijiet involuti;
  4. Jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-koperazzjoni produttiva interistituzzjonali mal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tat-taħriġ;
  5. Jinnota li r-rapport tal-2007 tal-Awditur Intern tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kien, fil-biċċa l-kbira, pożittiv u stabilixxa li l-proġett tal-bini K2 ġie mmaniġġjat b'mod effettiv u li l-K2 ingħata diversi xhur qabel ma kien ippanat u fil-limiti tal-pakkett baġitarju previst; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest, il-fatt li l-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-Awditur Intern ġew aċċettati u integrati fi pjanijiet ta' azzjoni korrettiva;
  6. Jinnota li, waqt l-2007, ingħaqdu żewġ Membri ġodda mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija; jinnota l-fatt li l-prinċipju organizzattiv oriġinali tal-funzjoni Ewropea tal-verifika - ċittadin wieħed minn kull Stat Membru - issa rriżulta f'organizzazzjoni mmexxija minn kulleġġ ta' 27 Membru; huwa konvint li din l-istruttura laqget il-limiti tagħha u li hemm bżonn ta' tisħiħ u riforma fil-fond fir-rigward tal-arranġamenti dwar il-verifiki esterni tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza li iktar ma tkun b'saħħitha l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, iktar tkun b'saħħitha l-awtorità ta' kwittanza u l-iskrutinju tal-eżekuttiv ikun aħjar; għaldaqstant, jistieden lill-Istati Membri biex jibdeu diskussjonijiet dwar riforma tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u biex jinkludu lill-Parlament f'dawn id-diskussjonijiet;
  7. Josserva li rapport ta' "reviżjoni inter pares" minn grupp internazzjonali ta' reviżjoni inter pares ġie pprovdut f'Diċembru 2008; jiddispaċih mill-fatt li r-rapport ma indirizza il-kwistjoni fundamentali dwar jekk l-istruttura attwali tal-funzjoni ta' verifika esterna tal-Unjoni hijiex adegwata;
  8. Jinnota, fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri, li, f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jikkomunikaw dikjarazzjoni dwar l-interessi finanzjarji u l-assi l-oħra tagħhom (inklużi ishma, bonds konvertibbli, ċertifikati ta' investiment, kif ukoll art u propjetà immobbli, flimkien mal-attivitajiet professjonali tal-konjuġi tagħhom) lill-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li jżommhom fir-rispett tal-kunfidenzjalità, u li dawn ma jiġux ippubblikati;
  9. Itenni t-talba tiegħu li, bħala kwistjoni ta' prinċipju u fl-interessi tat-trasparenza, il-Membri tal-istituzzjonijiet kollha għandhom jiġu rikjesti jippreżentaw dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji, li għandha tkun disponibbli fuq l-Internet permezz ta' reġistru pubbliku; ma jaqbilx li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tistenna, kif ġie suġġerit, sakemm ikun hemm format standardizzat disponibbli, applikabbli għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jipproponi li jinħatru uffiċjali indipendenti ta' monitoraġġ f'kull istituzzjoni li xogħolhom ikun li jirraportaw kull sena b'mod pubbliku dwar id-dikjarazzjonijiet li jkunu rċevew;
  10. F'dan il-kuntest, jitlob lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex fir-rapport ta' attività li jmiss tagħha, tinkludi kapitolu li jagħti rendikont dettaljat tas-segwitu mwettaq matul is-sena għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza preċedenti tal-Parlament, li jkun jinkludi l-ispjegazzjonijiet possibbli għalfejn ir-rakkomandazzjonijiet ma ġewx segwiti;
  11. Jinnota li, minkejja l-emendi għar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli tiegħu tal-akkwist għadhom eċċessivament onerużi għall-istituzzjonijiet iż-żgħar, bħall-EPDS, l-aktar f'dak li għandu x'jaqşam mas-sejħiet għall-offerti f'kuntratti relattivament żgħar; jistieden lill-Kummissjoni biex hi u tagħmel ix-xogħol preliminari tagħha qabel ma jinkitbu proposti futuri għal emendi għar-Regolament Finanzjarju, tikkonsulta b'mod estensiv mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u mas-Segretarjat tiegħu sabiex tiżgura li jittieħed kont sħiħ tal-preokkupazzjonijiet tagħhom fl-abbozz finali;

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima VI - Kumitat Ekonomiku u Soċjali**

(2009/637/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0420/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0155/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u biex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċizzjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima VI - Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0420/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0155/2009),
1. Jinnota li fl-2007 l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (EESC) kellu approprazzjonijiet ta' impenn disponibbli li jammontaw għal total ta' EUR 116 000 000 (2006: EUR 112 000 000), b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 91,64 %, taħt il-medja tal-istituzzjonijiet l-oħra (93,82 %);
  2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-firma f'Diċembru 2007 ta' Ftehim ta' Koperazzjoni Amministrattiva bejn l-EESC u l-Kumitat tar-Regiuni (CoR) għall-perjodu 2008 - 2014; huwa konvint li l-koperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet se tkun vantaġġjuża finanzjarjament għal dawk li jħallsu t-taxxa fl-Ewropa; jiddispjaċih madankollu li skont ir-rapport annwali ta' attività tal-EESC, negozjati dwar il-Ftehim ta' Koperazzjoni ġdid pparalizzaw jew naqqsu l-pass ta' xi inizjattivi ppjanati għall-Programm ta' Xogħol għall-2007;
  3. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn ċar taż-żewġ Kumitati għall-għan tal-armonizzazzjoni tal-istandards tal-kontroll interni tagħhom, ibbażati fuq l-aħjar prattiki, kif ukoll il-proċeduri finanzjarji rilevanti l-oħra kollha relatati mas-Servizzi Konġunti;
  4. Jinnota li l-Ftehim l-ġdid jżomm l-aktar oqsma importanti (infrastruttura, IT u telekomunikazzjonijiet, kif ukoll t-traduzzjoni, inkluża l-produzzjoni ta' dokumenti) fi ħdan ir-responsabilità tas-Servizzi Konġunti, waqt li numru limitat ta' servizzi huma diżassoċjati, bħas-servizzi interni, is-servizz soċjo-mediku, il-librerija u l-"prepress";

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

5. Jinsisti madankollu li din id-diżassoċjazzjoni għandha tkun newtrali għall-baġit u, għalhekk, iħeġġeġ liż-żewġ Kumitati biex iwettqu analiżi konġunta, bħala parti mir-reviżjoni ta' nofs iż-żmien, biex jinstab jekk iċ-ċaqliq ta' riżorsi jkunx ta' benefiċċju għat-tnejn; jistieden liż-żewġ Kumitati biex iżommu lill-Parlament infurmat dwar l-evalwazzjoni kmieni fl-2009 tal-ftehim ta' koperazzjoni ta' daqs żgħir fl-oqasma effettwati mid-diżassoċjazzjoni;
6. Jiġbed l-attenzjoni għar-rimarka magħmula mill-Qorti tal-Awdituri fil-paragrafu 11.10 tar-rapport annwali msemmi hawn fuq li tgħid li jekk l-EESC tkompli tappilka fattur ta' multiplikazzjoni akbar minn 1 fis-sentejn ta' wara l-promozzjoni, minflok ma taqleb il-bilanċ ta' aktar minn 1 fi grad ta' anzjanità, l-EESC tkun b'hekk qed tagħti lill-persunal tagħha vantaġġ finanzjarju li istituzzjonijiet oħrajn mhumiex jagħtu;
7. Jenfasizza li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Persunal rigward il-fattur ta' multiplikazzjoni għandhom jiġu interpretati u implimentati mill-istituzzjonijiet kollha bl-istess mod sabiex ikun żgurat trattament ugwali għall-persunal tagħhom; jistenna s-sentenza tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili rigward appell imressaq minn uffiċjal tal-Kummissjoni u jistenna li l-EESC jalinjaw il-prattika tagħhom (jekk meh-tieġ b'mod retroattiv) ma' din is-sentenza;
8. Jinnota b'sodisfazzjoni li żewġ sistemi finanzjarji ġodda (ABAC WF u SAP) bdew joperaw fl-2007 u b'mod ġenerali qed jiffunzjonaw b'mod effettiv; jilqa' wkoll il-fatt li l-EESC nediet iċ-ċertifikazzjoni tagħha tal-EMAS (Eco-Management and Audit Scheme);
9. Jilqa' l-inizjattiva tal-EESC għall-iżvilupp ta' sett ta' Indikaturi Ewlenin ta' Attività u Rendiment (KAPIs) fi ħdan is-segretarjat tagħha, li b'hekk iservu ta' għodda maniġerjali għas-servizzi kompetenti, kif ukoll biex tittejjeb it-trasparenza; iħeġġeġ lill-EESC sabiex tkompli tiżviluppa indikaturi ġodda u tuża dawk diġà eżis-tenti biex turi x-xejriet fiż-żmien medju, kif ukoll fit-tul (minn ħamsa sa għaxar snin);
10. Jinnota b'sodisfazzjon it-tnaqqis konsiderevoli fil-valur tal-kuntratti negozjati, bħala proporzjon tal-valur tal-kuntratti mogħtija, minn 7.5 % fl-2006 sa 2.5 % fl-2007, għalkemm l-għadd ta' kuntratti nnegozjati rdoppja ruħu; iħeġġeġ lill-EESC biex ikompli bl-isforzi tiegħu biex ikompli jnaqqas dan il-proporzjon;
11. Jilqa' b'sodisfazzjon f'dan il-kuntest il-ħolqien ta' Taqsima tal-Kuntratti fi ħdan is-Servizzi Konġunti, li tip-provdi assistenza lid-dipartimenti operattivi kollha fis-Servizzi Konġunti fil-qasam tal-akkwist pubbliku; jinnota li skont il-Ftehim l-għdid, is-servizz ta' verifika tas-Servizzi Konġunti ġie ttrasferit għas-servizzi proprji ta' kull Kumitat;
12. Jinnota li kuntrattur tal-bini li l-EESC u l-CoR għandhom relazzjonijiet kuntrattwali miegħu ġie arrestat f'Marzu 2007 fuq suspett ta' frodi; jinnota b'sodisfazzjon li saret verifika intensiva tal-kuntratti kollha li l-Kumitati kienu involuti fihom ma' dan il-kuntrattur sa mill-2000, u li r-rapport li nħareġ intbaġħat lill-OLAF;
13. Jikkunsidra li huwa kruċjali li l-kontrolli mwettqa, pereżempju, mill-uffiċjali li jawtorizzaw, verifikaturi u awdituri, ikunu stretti biżżejjed; jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza ta' numru adegwat ta' kontrolli mingħajr avviż fis-setturi kollha, apparti dawk il-ftit setturi strateġiċi li jippreżentaw riskju ogħla;
14. Jilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif ta' kumitat ta' verifika magħmul minn tliet membri tal-EESC, mgħejuna minn awditur estern u li r-responsabilitajiet tiegħu jinkludu, fost affarijiet oħra, il-verifika tal-indipendenza tal-awditur intern u l-evalwazzjoni tal-passi li ttieħdu b'risposta għar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' verifika interna;
15. Jinnota lil-qorti Belġjana ta' prim istanza sabet eks Membru tal-EESC ħati ta' talbiet frodulentu għal infiq ta' vvjaġġar (rimborż doppju); jilqa' f'dan ir-rigward, il-fatt li l-EESC ressaq appell kontra d-deċiżjoni li ma jingħarafx bħala parti ċivili;

16. Jinnota li, fil-25 ta' Settembru 2007, ġiet adottata reviżjoni ġenerali tar-regoli għar-rimbors tal-ispejjeż għall-ivvjaġġar u l-laqqgħat għall-Membri tal-EESC bil-għan li ttejjeb u tissimplifika l-proċeduri nvoluti, waqt li tiżgura t-trasparenza u t-trattament indaqs għall-Membri kollha u filwaqt li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi (bħal pereżempju biljetti elettroniċi, riservazzjonijiet ta' lukandi bl-Internet u konferenzi permezz tal-video); jikkunsidra li jeħtieġ li din il-kwistjoni tiġi verifikata fl-eżerċizzju ta' kwittanza li jmiss (sena finanzjarja 2008);
  17. Jinnota wkoll, fir-rigward tal-istatut finanzjarju tal-Membri l-ġodda, li l-Bureau tal-EESC, fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Novembru 2008, iddeċieda li jistabbilixxi grupp ad-hoc li jinkludi l-kwesturi li jistgħu jkunu responsabbli għat-tfassil ta' proposti għar-reviżjoni tal-istatut finanzjarju tal-Membri ġodda;
  18. Jinnota li l-Membri tal-EESC ma jiddikjarawx l-interessi finanzjarji tagħhom u lanqas ma jikxfu informazzjoni rilevanti għal affarijiet bħal attivitajiet professjonali li għandhom jiġu ddikjarati u okkupazzjonijiet jew attività b'remunerazzjoni; jissuġġerixxi li l-EESC jintroduċi dan l-obbligu għall-Membri tiegħu; jipproponi wkoll li jinħatar uffiċjal ta' sorveljanza indipendenti li jkollu l-kariga li kull sena jirrapporta pubblikament id-dikjarazzjonijiet li jirċievi sabiex jiġu żgurati sorveljanza u kontroll kredibbli;
  19. Ifaħħar lill-EESC għall-kwalità tar-rapport annwali tal-attività tiegħu; jitlob madankollu li fir-rapport ta' attività li jmiss tiegħu, jinkludi kapitolu li jagħti rendikont dettaljat tas-segwitu li jkun ingħata matul is-sena għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza preċedenti tal-Parlament, li jkun jinkludi spjegazzjonijiet eventwali għalfejn ma ġewx segwiti r-rakkomandazzjonijiet;
  20. Jinnota li, minkejja l-emendi għar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli tiegħu dwar l-akkwist pubbliku huma wisq ikkumplikati għal istituzzjonijiet żgħar, bħall-EESC, speċjalment fir-rigward tat-tenders għal kuntratti ta' ammonti relattivament żgħar; jistieden lill-Kummissjoni biex - meta tkun qed tagħmel xogħol preliminari ta' qabel it-tfassil ta' xi proposta futura tagħha għal emenda għar-Regolament Finanzjarju - tikkonsulta b'mod estensiv mas-Segretarju Ġenerali tal-EESC u l-amministrazzjoni tiegħu sabiex ikun żgurat li affarijiet li jirrigwardawhom jiġu meqjusa b'mod sħiħ fl-abbozz finali.
-



**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena  
finanzjarja 2007, Taqsima VII – Kumitat tar-Reġjuni**

(2009/638/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 – Volum I (C6–0421/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kumitat tar-Reġjuni lill-awtorità ta' kwittanza dwar verifiki interni mwettqa fl-2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li ġew verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 272(10) u l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat tal-KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup> , u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0153/2009),
1. Jagħti kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li tiffirma parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima VII – Kumitat tar-Regġuni**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 – Volum I (C6-0421/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kumitat tar-Regġuni lill-awtorità ta' kwittanza dwar verifiki interni mwettqa fl-2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li ġew verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 272(10) u l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat tal-KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0153/2009),
1. Jinnota li fl-2007 il-Kumitat tar-Regġuni (KtR) kellu approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli li jammon-taw għal total ta' EUR 68.6 miljun (2006: EUR 74.4 miljun), b'rata ta' użu ta' 96,22 %;
  2. Jirrimarka li l-Qorti tal-Awdituri indikat fir-Rapport Annwali tagħha li l-verifika ma tatx lok għal xi osservazzjonijiet sinifikanti fir-rigward tal-KtR;
  3. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar f'Diċembru 2007 ta' Ftehim ġdida ta' Koperazzjoni Amministrattiva bejn il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u s-CoR għall-perjodu mill-2008 sal-2014; huwa konvint li l-koperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet se tkun vantaġġjuża finanzjarjament għal dawk li jħallu t-taxxa fl-Ewropa; jilqa' wkoll il-fatt li s-CoR nieda ċ-ċertifikazzjoni EMAS (Eco-Management and Audit Scheme) tiegħu;
  4. Jinnota b'sodisfazzjon l-impenn ċar taż-żewġ Kumitati għall-għan tal-armonizzazzjoni tal-ambjent u tal-istandards tal-kontroll interni tagħhom, ibbażati fuq l-aħjar Prattiki, kif ukoll il-proċeduri finanzjarji rilevanti l-oħra kollha relatati mas-Servizzi Konġunti;
  5. Jinnota li l-Ftehim l-ġdid jżomm l-aktar oqsma importanti (infrastrutturi, IT u telekomunikazzjonijiet, kif ukoll t-traduzzjoni, inkluża l-produzzjoni ta' dokumenti) fi ħdan ir-responsabilità tas-Servizzi Konġunti, waqt li numru limitat ta' servizzi huma diżassoċjati, bħas-servizzi interni, is-servizz soċjo-mediku, il-librerija u l-"prepress";

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

6. Jinsisti madankollu li din id-diżassoċjazzjoni għandha tkun newtrali għall-baġit u, għalhekk, iħeġġeġ liż-żewġ Kumitati biex iwettqu analiżi konġunta, bħala parti mir-reviżjoni ta' nofs iż-żmien, biex jinstab jekk iċ-ċaqliq ta' riżorsi jkunx ta' benefiċċju għat-tnejn; jistieden liż-żewġ Kumitati biex iżommu lill-Parlament infurmat dwar l-evalwazzjoni kmieni fl-2009 tal-ftehim ta' koperazzjoni ta' daqs żgħir fl-oqasma effettwati mid-diżassoċjazzjoni;
7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim dwar il-livell tas-servizz konkluż bejn is-COR u d-Direttorat Ġenerali tal-Baġit tal-Kummissjoni, dwar l-implimentazzjoni tal-ABAC (applikazzjoni tal-finanzi u tal-kontabilità ġdida), li tnediet f'Janar 2007;
8. Jilqa' b'sodisfazzjon f'dan il-kuntest il-ħolqien ta' Taqsima tal-Kuntratti fi ħdan is-Servizzi Konġunti, li tipprovdi assistenza lid-dipartimenti operattivi kollha fis-Servizzi Konġunti fil-qasam tal-akkwist pubbliku; jinnota li skont il-Ftehim l-ġdid, is-servizz ta' verifika tas-Servizzi Konġunti ġie ttrasferit għas-servizzi proprji ta' kull Kumitat;
9. Jikkunsidra li huwa kruċjali li l-kontrolli li jitwettqu minn, per eżempju, l-uffiċjali li jawtorizzaw, il-verifikaturi u l-awdituri, ikunu rigorużi biżżejjed; jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza ta' numru adegwat ta' kontrolli mingħajr avviż fis-setturi kollha, b'addizzjoni għal dawk il-ftit setturi strateġiċi li jippreżentaw riskju ogħla;
10. Jinnota b'sodisfazzjon l-iżvilupp min-naħa tas-servizz tal-baġit tal-KtR ta' għodda ġdida ta' monitoraġġ analitiku tal-budget ("BudgetWatch"), li tipprovdi informazzjoni komprensiva fuq il-linji u s-sottolinji baġitarji kollha tal-KtR, inklużi l-appropriazzjonijiet disponibbli, iżviluppi ta' kull xahar ta' impenji u pagamenti reali magħmula għas-sena;
11. Jilqa' b'sodisfazzjon l-istabbiliment mill-KtR ta' lista ta' postijiet sensitivi, kif ukoll l-intenzjoni tas-COR sabiex fi ħdan l-unità tal-persunal, joħloq grupp dedikat għall-mobilità li għandu jgħin sabiex jiġi żviluppap approċċ b'viżjoni 'il quddiem għall-ippjanar tar-riżorsi umani;
12. Jinnota li s-Servizz ta' Verifika Interna wettaq tliet verifiki fl-2007 (dwar il-prestazzjoni tal-infiq tal-missjonijiet, dwar il-prestazzjoni ta' studji esterni u dwar l-adegwatezza ta' ċirkwiti finanzjarji), kif ukoll żewġ verifiki ta' segwitu (dwar trasferimenti tas-salarji b'koeffiċjent ta' korrezzjoni u dwar standards ta' kontroll interni);
13. Ifakkar li l-verifika interna dwar trasferimenti tas-salarji, li tlestiet fl-2006 u li inkludiet reviżjoni dettaljata tat-trasferimenti kollha eżistenti, żvelat li kien hemm dgħjufija fir-rigward tal-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet f'dan il-qasam (funzjonijiet ta' tnedija u verifika interna) u l-ambjent ta' kontroll kellu jin-għata prijorità akbar minħabba r-riskji kkonċernati; jinnota wkoll li fi Frar 2007 kien hemm segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Intern u t-tieni segwitu seħħ fl-2008, u li nstab li 16 minn 20 rakkomandazzjoni ġew implimentati b'mod sħiħ; iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tal-KtR biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa ta' kull rakkomandazzjoni ta' verifika;
14. Ifakkar li, wara investigazzjoni, fir-rigward ta' tmien trasferimenti, l-OLAF stabbilixxa li dawn ma kinux f'konformità mal-kundizzjonijiet statutorji u rakkomanda li jiġu rkuprati l-ammonti żejda mill-uffiċjali kkonċernati; jinnota b'sodisfazzjon li l-irkupri kollha tlestew kmieni fl-2007; ifakkar ukoll fir-rigward ta' sitt membri tal-persunal l-OLAF irrakkomanda l-ftuħ ta' proċeduri dixxiplinari, u għal ħamsa minnhom ressaq ukoll fajls lill-awtoritajiet Belġjani;
15. Josserva li, wara talba mill-awtoritajiet Belġjani, l-Awtorità tal-Ħatra tal-KtR nehiet l-immunità tal-uffiċjali kkonċernati fis-6 ta' Lulju 2007, u li sussegwentement dawn l-uffiċjali ġew intervistati mill-awtoritajiet; jinnota wkoll li fis-17 Novembru 2008, wara talba mill-Prosekutur Pubbliku, l-immunità ta' uffiċjali ieħor tnehiet mill-Awtorità tal-Ħatra tas-CoR;
16. Jinnota b'sodisfazzjon li tnediet inkjesta amministrattiva mis-Segretarju Ġenerali tal-KtR u saret minn ex-Viċi Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni; jiġbed l-attenzjoni li fi tnejn mill-ħames każijiet fejn il-fajls tressqu lill-awtoritajiet, l-Awtorità tal-Ħatra tal-KtR, fis-17 Janar 2008, iddeċidiet li tiftaħ proċeduri dixxiplinari quddiem il-Bord tad-Dixxiplina; jifhem li, skont ir-Regolamenti tal-Istaff, tista' tittieħed deċiżjoni finali f'dawn il-każijiet biss wara li tkun ġiet mogħtija sentenza finali mill-qorti Belġjana;

17. Jinnota li fit-tliet każijiet l-oħra, l-Awtorità tal-Ħatra se tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar il-ftuħ ta' proċeduri dixxiplinari hekk kif din tkun irċeviet l-informazzjoni neċessarja dwar is-segwitu li l-awtoritajiet Belġjani bi ħsiebhom jagħtu għal dawn il-fajls; jinnota wkoll li f'każ ulterjuri, li fih l-OLAF ma jkunx ressaq il-fajl lill-awtoritajiet Belġjani, l-Awtorità tal-Ħatra iddeċidiet, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-inkjesta amministrattiva, li tindirizza twissija lill-uffiċjal ikkonċernat; itenni t-talba tiegħu għall-prosekuzzjoni stretta tal-każijiet kollha fejn tista' tiġi pruvata imġiba qarrieqa;
  18. Jitlob lill-KtR biex jikkunsidra miżuri dixxiplinarji proporzjonati jekk l-eżitu tal-każijiet pendenti jitlobhom;
  19. Jinnota li l-Membri tal-KtR jew għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali, jew ikunu politikament responsabbli minn assemblea eletta; jinnota wkoll li f'dawk il-kapaċitajiet, il-Membri għandhom jiddikjaraw l-interessi finanzjarji tagħhom, jiżvelaw informazzjoni rilevanti dwar affarijiet bħal attivitajiet professjonali li għandhom ikunu dikjarati u karigi jew attivitajiet remunerati, f'konformità mad-dispożizzjonijiet prevalenti fil-korpi reġjonali u lokali; jissuġġerixxi li s-CoR jintroduċi dan l-obbligu għall-Membri tiegħu kollha; jipproponi wkoll li jinħatar uffiċjal ta' sorveljanza indipendenti li jkollu l-kariga li kull sena jirrapporta pubblikament id-dikjarazzjonijiet li jirċievi sabiex jiġu żgurati sorveljanza u kontroll kredibbli;
  20. Jitlob lis-COR biex fir-rapport ta' attività li jmiss (sena finanzjarja 2008) jinkludi kapitolu li jagħti rendikont dettaljat tas-segwitu matul is-sena għad-deċiżjonijiet preċedenti ta' kwittanza tal-Parlament, inklużi spjegazzjonijiet li jista' jkun hemm talli ma kienx hemm segwitu tar-rakkomandazzjonijiet, u mhux biss ta' referenza għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza;
  21. Jinnota li, minkejja emendi għar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli tiegħu dwar l-akkwist pubbliku għandhom goffi b'mod eċċessiv għal istituzzjonijiet żgħar bħalma huwa l-KtR, b'mod speċjali rigward sejħiet għall-offerti għal kuntratti għal ammonti relattivament żgħar; jistieden lill-Kummissjoni biex - meta tkun qed tagħmel xogħol preliminari ta' qabel it-tfassil ta' xi proposta futura tagħha għal amenda għar-Regolament Finanzjarju - tikkonsulta b'mod estensiv mas-Segretarju Ġenerali tas-CoR u l-amministrazzjoni tiegħu sabiex ikun żgurat li affarijiet li jirrigwardawhom jiġu meqjusa b'mod sħiħ fl-abbozz finali.
-

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena  
finanzjarja 2007 Taqsima VIII – l-Ombudsman Ewropew**

(2009/639/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0423/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Ombudsman Ewropew għall-awtorità tal-kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fl-2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li ġew verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0156/2009),
1. Japprova l-kwittanza għall-Ombudsman Ewropew fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-riżoluzzjoni formanti parti integranti minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President  
Hans-Gert PÖTTERING

Is-Segretarju Ġenerali  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar kwittanza fir-rigward tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima VIII – l-Ombudsman Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0423/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Ombudsman Ewropew għall-awtorità tal-kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fl-2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-twegġibiet tal-istituzzjonijiet li ġew verifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10), 274, 275 u 276 tat-Trattat KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0156/2009),
1. Jinnota li fl-2007 l-Ombudsman Ewropew (l-Ombudsman) kellu disponibbli approprijazzjonijiet ta' impenn li jammontaw għal total ta' 8,2 miljun EUR (2006: EUR 7,7 miljun <sup>(6)</sup>), b'rata ta' utilizzazzjoni ta' 90,48 %, taħt il-medja tal-istituzzjonijiet l-oħra (93,84 %);
  2. Jinnota li, matul il-perjodu 2003-2007, l-approprijazzjonijiet għall-impenji żdiedu b'mod kostanti minn EUR 4,4 miljun għal EUR 8,2 miljun (kważi + 86 %) u l-postijiet minn 31 għal 57 unità (+ 84 %), filwaqt li l-ilmenti żdiedu minn 2 436 għal 3 217 (+ 32 %) u l-inkjesti ġodda miftuħa minn 253 għal 308 (+ 22 %); jinnota wkoll li l-għadd ta' postijiet ma żdidx għat-tieni sena konsekuttiva;
  3. Jirrimarka li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri indikat fir-Rapport Annwali tagħha li l-verifika ma rriżultat febda osservazzjoni sinifikanti fir-rigward tal-Ombudsman;
  4. Jinnota illi skont ir-rapport tal-Awditur Intern Nru 08/03 magħmul lill-Istituzzjoni, ix-xogħol tal-Awditur Intern fl-2007 wera li "sakemm issir implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet miftiehma [...] il-ġestjoni interna tal-Istituzzjoni u s-sistemi ta' kontroll huma effettivi u jagħti assigurazzjoni raġonevoli li jistgħu jinkisbu l-oġettivi tagħha ta' kontroll fuq bażi konsistenti";

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(6)</sup> 2005: EUR 7,2 miljun.



5. Ifakkar li r-rapport tal-Awditur Intern lill-Istituzzjoni Nru 06/04, magħmul biex jivvaluta l-adegwatezza tal-ġestjoni u tal-proċeduri ta' kontroll biex jiġu stabbiliti d-drittijiet individwali tal-persunal "ma kixifx oqsma ta' riskju sinifikanti fil-ġestjoni u fil-proċeduri tal-kontroll, imma kkonferma li l-Istituzzjoni għandha tindirizza għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi"; ifakkar ukoll li b'konsegwenza ta' dan kollu kien ġie miftiehem pjan ta' azzjoni bejn l-Awditur Intern u l-istituzzjoni u li kien ġie ffissat it-30 ta' Settembru 2007 bħala skadenza għall-implimentazzjoni tiegħu; jilqa' l-konklużjonijiet tal-verifika ta' follow-up magħmula f'Diċembru 2007, skont liema konklużjonijiet kulma ġie miftiehem fil-pjan ta' azzjoni li jirrigwarda l-ġestjoni tad-drittijiet individwali kien ġie implimentat fis-sħiħ;
6. Jinnota li l-verifika ta' segiwtu tal-pjan ta' azzjoni miftiehem li jikkonċerna l-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku wriet li, filwaqt li sar xi progress, l-Ombudsman ma kienx għadu implimenta għal kollox iż-żewġ azzjonijiet li kien għad fadal mir-rapport tal-Verifika Interna Nru 06/03; jinkoraġġixxi lill-Ombudsman jipproċedi b'urġenza ħalli jlesti l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, kif issuġġerixxa l-Awditur Intern; jilqa' l-fatt li, abbażi ta' dawn is-sejbiet, l-Awditur Intern inkluda verifika tal-proċess ta' akkwist pubbliku fil-programm ta' xogħol 2008, u jistenna r-riżultanzi ta' din il-verifika ta' follow-up;
7. Jinnota l-informazzjoni mogħtija mill-Uffiċjal Prinċipali li Jawtorizza għad-Delegazzjonijiet fir-rapport ta' ħidma tal-2007 bir-riżultat li l-awto-valutazzjoni dwar l-effiċjenza tal-qafas ta' kontroll intern tas-servizzi tal-Ombudsman twettaq kmieni fl-2008 u li l-istampa globali li rriżultat minn dan l-eżerċizzju kienet ta' sodisfazzjoni ġenerali dwar il-livell tat-twettiq tal-istandards ta' kontroll intern (88 % meta mqabbla ma' 85 % fl-2006 u 74 % fl-2004);
8. Jinnota wkoll, madankollu, li ġie meqjus li kien hemm ħtieġa ta' titjib fl-effettività f'xi oqsma (l-identifikazzjoni ta' funzjonijiet sensitivi, it-titjib tal-ippjanar u l-ipprogrammar, l-indikaturi tar-rendiment); jinkoraġġixxi lill-Ombudsman jagħmel kull sforz biex itejjeb aktar l-effiċjenza tal-qafas ta' kontroll intern tal-istituzzjoni;
9. Jinnota b'sodisfazzjon li l-ftehim ta' qafas il-ġdid dwar il-kooperazzjoni ta' tul ta' żmien indefinit bejn l-Ombudsman u l-Parlament, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006, u beda jagħti l-frott fl-2007; jinnota wkoll li dan il-ftehim jirrigwarda l-għoti ta' ċerti servizzi amministrattivi, inklużi l-binjiet, l-IT, il-komunikazzjonijiet, il-pariri legali, is-servizzi mediċi, it-taħriġ, it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni;
10. Ifaħħar lill-Ombudsman talli ssokta fl-isforzi tiegħu li jiżviluppa r-rabtiet interistituzzjonali ma' korpi oħrajn (b'mod partikolari l-OPOCE, l-EAS u l-EPPO) u maċ-Ċentru tat-Traduzzjonijiet; jinnota li 70 % tal-nefqa operazzjonali tiegħu kienet diretta u minfuqa abbażi tal-koperazzjoni interistituzzjonali;
11. Jinnota b'sodisfazzjon l-implimentazzjoni b'suċċess minn Mejju 2007 tar-riorganizzazzjoni tad-Dipartiment Legali, li jiżgura monitoraġġ effettiv tal-immaniġġjar tar-rikjesti u t-thejjja tad-deċiżjoni, u li jinżamm il-momentum fihom;
12. Josserva li, skont ir-rapport annwali, l-Ombudsman għandu anqas diffikultajiet milli kellu fis-snin l-imghoddja dwar l-ingaġġ ta' avukati kkwalifikati u tibdil tal-persunal għoli;
13. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni mill-Ombudsman fl-14 ta' Diċembru 2007 tad-deċiżjoni dwar l-istqarrija annwali tal-interessi tal-Ombudsman; jinnota b'sodisfazzjon li din l-istqarrija tinsab ippubblikata fil-websajt tal-Ombudsman;
14. Jifraħ lill-Ombudsman talli fit-2 ta' Ġunju 2008 aderixxa għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni rigward l-istharrġiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) <sup>(1)</sup> fl-applikazzjoni tas-sistema stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 <sup>(2)</sup>; jinnota b'sodisfazzjon li dakinhar stess l-Ombudsman ħa deċiżjoni dwar il-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-investigazzjonijiet interni in relazzjoni għall-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali detrimentali għall-interessi tal-Komunitajiet;

<sup>(1)</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

<sup>(2)</sup> Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 rigward l-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

15. Jitlob li fir-rapport ta' attività li jmiss tiegħu (sena finanzjarja 2008), l-Ombudsman jinkludi kapitlu li jagħti rendikont dettaljat tas-segwitu li jkun sar matul is-sena għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza preċedenti tal-Parlament, li jkun jinkludi spjegazzjonijiet possibbli għalfejn ma ġewx segwiti r-rakkomandazzjonijiet;
  16. Jinnota li, minkejja l-emendi għar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli tiegħu dwar ix-xiri pubbliku għadhom kumplessi żżejjed għal istituzzjonijiet iżgħar, bħall-Ombudsman, speċjalment fir-rigward ta' sejħiet għal offerti għal kuntratti li jittrattaw ammonti relattivament żgħar; jistieden lill-Kummissjoni - meta twettaq ix-xogħol preliminari tagħha qabel ma tfassal kwalunkwe proposta futura għal emenda għar-Regolament Finanzjarju - biex tikkonsulta mal-Ombudsman u s-Segretarjat tiegħu sabiex ikun żgurat li jittieħed kont sħiħ tat-tħassib tagħhom fl-abbozz finali.
-

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena  
finanzjarja 2007, Taqsima IX – Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

(2009/640/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0424/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit rigward is-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ivverifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat tal-KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10) 274, 275 u 276 tat-Trattat tal-KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0154/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima IX - Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0424/2008) <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit rigward is-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ivverifikati <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat tal-KE <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10) 274, 275 u 276 tat-Trattat tal-KE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0154/2009),
1. Jinnota li fl-2007 l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) kellu approprjazzjonijiet għall-impenji disponibbli li jammontaw għal total ta' EUR 5 000 000 (2006: EUR 4,1 miljun <sup>(6)</sup>), li jirrappreżentaw żieda ta' kważi 20 % meta mqabbla mal-2006, b'rata ta' użu ta' 86,14 %, anqas mill-medja tal-istituzzjonijiet l-oħra (93,84 %);
  2. Jinnota ż-żieda fil-karigi permanenti minn 24 fl-2006 għal 29 fl-2007 (+ 21 %) allokatu għall-EDPS; jilqa' b'sodisfazzjon f'dan il-kuntest l-intenzjoni tal-EDPS li jirrestrinġi l-espansjoni kemm fil-ħidmiet kif ukoll fl-istaff, bl-użu ta' tkabbir ikkontrollat biex ikun żgurat li l-persunal il-ġdid ikun aċċettat bis-sħiħ u integrat u mħarreġ b'mod adegwat;
  3. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri indikat fir-rapport annwali tagħha li l-verifika ma tat lok għal ebda osservazzjonijiet sinifikanti fir-rigward tal-EDPS;
  4. Ifakkar li fis-7 ta' Diċembru 2006 l-Ftehim ta' Koperazzjoni Amministrattiva bejn is-Segretarji Ġenerali tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill, iffirmit flimkien mal-EDPS, ġie mġedded għal perjodu ulterjuri ta' tliet snin b'effett mis-16 ta' Jannar 2007;

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 16.3.2007.

<sup>(2)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(6)</sup> 2005: EUR 2 800 000.

5. Jinnota li, ibbażata fuq il-ftehim dwar il-koperazzjoni msemmija hawn fuq, il-ġestjoni amministrattiva tal-missjonijiet kollha tal-EDPS hija żgurata mill-Uffiċċju tal-Uffiċjal inkarigat mill-Pagi tal-Kummissjoni u l-istess regoli interni japplikaw għar-rimbors tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni li jsiru waqt missjoni għaż-żewġ kategoriji tiegħu, iż-żewġ Membri tiegħu u l-persunal tiegħu;
6. Ifakkar li, skont id-deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2006, l-EDPS iddeċida li jstabbilixxi struttura ta' kontroll intern konformi mal-attivitajiet u r-rekwiżiti tiegħu; jinnota li l-ewwel evalwazzjoni li saret mis-servizz tal-EDPS uriet il-funzjonalità u l-effiċjenza ta' din is-sistema ta' kontroll intern;
7. Jinnota b'sodisfazzjon li l-ewwel rapport ta' verifika maħruġ mis-Servizz Intern tal-Verifika (IAS) wasal f'Settembru 2007, u li identifika ċerti kwistjonijiet li jeħtieġu titjib; huwa sodisfatt mill-fatt li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-IAS miftiehma mill-EDPS ġiet stabbilita bħala prijorità għall-2008 u li, bħala konsegwenza, fil-bidu tal-2008 tfassal pjan ta' azzjoni; iħeġġeġ lill-EDPS biex timplimenta bis-sħiħ dan il-pjan ta' azzjoni;
8. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pubblikazzjoni annwali tal-EDPS u tal-Assistent EDPS ta' dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tagħhom, f'forma simili għal dik mimlija kull sena mill-Membri tal-Parlament, li fiha tagħrif rilevanti dwar affarijiet bħall-attivitajiet professjonali li għandhom jiġu ddikjarati u karigi jew attivitajiet bi ħlas;
9. Jifraħ lill-EDPS dwar id-deċiżjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2007 li jaderixxi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar investigazzjonijiet interni min-naħa tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) <sup>(1)</sup> fl-applikazzjoni tas-sistema stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 <sup>(2)</sup>;
10. Jirrikjedi li l-EDPS jinkludi fir-rapport ta' attività tiegħu li jmiss (sena finanzjarja 2008) kapitolu li jagħti analiżi dettaljata dwar is-segwitu li jkun sar matul is-sena għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza preċedenti tal-Parlament, inklużi spjegazzjonijiet possibbli għalfejn ir-rakkomandazzjonijiet ma jkunux ġew segwiti;
11. Jinnota li, minkejja l-emendi għar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli tiegħu tal-akkwist għadhom eċċessivament onerużi għall-istituzzjonijiet iż-żgħar, bħall-EPDS, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mas-sejthiet għall-offerti f'kuntratti relattivament żgħar; jistieden lill-Kummissjoni biex hi u tagħmel ix-xogħol preliminari tagħha qabel ma jinkitbu proposti futuri għal emendi għar-Regolament Finanzjarju, tikkonsulta b'mod estensiv mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u mas-Segretarjat tiegħu sabiex tiżgura li jittieħed kont sħiħ tal-preokkupazzjonijiet tagħhom fl-abbozz finali.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**dwar il-kwittanza rigward l-implimentazzjoni tal-baġit għas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/641/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu tad-deċiżjonijiet ta' kwittanza tal-2006 (COM(2008) 629 u l-anness tiegħu SEC(2008) 2579),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-kontijiet ta' dħul u nfiq għas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007 (COM(2008) 490 – C6-0296/2008),
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena 2007 (COM(2008) 224),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mis-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-10 ta' Frar 2009 (5042/2009 – C6-0057/2009, 5044/2009 – C6-0058/2009, 5045/2009 – C6-0059/2009),
- wara li kkunsidra r-Rapport ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq in-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 <sup>(3)</sup> u rivedut fil-Lussembrugu fil-25 ta' Ġunju 2005 <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji *extra-Ewropej* mal-Komunità Ewropea (id-'Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji *extra-Ewropej*) <sup>(5)</sup>, emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/249/KE tad-19 ta' Marzu 2007 <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehim Intern tal-20 ta' Diċembru 1995, bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-għajjnuna Komunitarja skont it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-Raba' Konvenzjoni ACP-KE <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehim Intern tat-18 ta' Settembru 2000, bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-għajjnuna Komunitarja skont il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmit f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000, u l-allokkazzjoni tal-assistenza finanzjarja lill-Pajjiżi u t-Territorji *Extra-Ewropej* li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat KE <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE,

<sup>(1)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 273.

<sup>(2)</sup> ĠU C 277, 31.10.2008, p. 243.

<sup>(3)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

<sup>(4)</sup> ĠU L 287, 28.10.2005, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1 u ĠU L 324, 7.12.2001, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 109, 26.4.2007, p. 33.

<sup>(7)</sup> ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.

<sup>(8)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.



- wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għal koperazzjoni fl-iffinanzjar tal-iżvilupp taħt ir-raba' Konvenzjoni ACP-KE <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 li japplika għad-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 70 u 71, it-tielet inċiż tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, u l-Anness V tagħhom,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0159/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investment, u lill-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali ta' verifika tal-Istati Membri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.

<sup>(2)</sup> ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu tad-deċiżjonijiet ta' kwittanza tal-2006 (COM(2008) 629 u l-anness tiegħu SEC(2008) 2579),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-kontijiet ta' dħul u nfiq għas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007 (COM(2008) 490 – C6-0296/2008),
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena 2007 (COM(2008) 224),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mis-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-10 ta' Frar 2009 (5042/2009 – C6-0057/2009, 5044/2009 – C6-0058/2009, 5045/2009 – C6-0059/2009),
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq in-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 <sup>(3)</sup> u rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji *extra-Ewropej* mal-Komunità Ewropea (id-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji *extra-Ewropej*) <sup>(5)</sup>, emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/249/KE tad-19 ta' Marzu 2007 <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehim Intern tal-20 ta' Diċembru 1995, bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-ghajjnuna Komunitarja skont it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-Raba' Konvenzjoni ACP-KE <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehim Intern tat-18 ta' Settembru 2000, bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-ghajjnuna Komunitarja skont il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha iffirmit f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000, u l-allokazzjoni tal-assistenza finanzjarja lill-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat KE <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE,

<sup>(1)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 273.

<sup>(2)</sup> ĠU C 277, 31.10.2008, p. 243.

<sup>(3)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

<sup>(4)</sup> ĠU L 287, 28.10.2005, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1 u ĠU L 324, 7.12.2001, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 109, 26.4.2007, p. 33.

<sup>(7)</sup> ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.

<sup>(8)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għal koperazzjoni fl-iffinanzjar tal-iżvilupp taħt ir-raba' Konvenzjoni ACP-KE <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 li japplika għad-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 70 u 71, it-tielet inċiż tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, u l-Anness V tagħhom,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0159/2009),
- A. billi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp huwa l-iktar strument finanzjarju importanti tal-Unjoni Ewropea għall-koperazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp mal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku;
- B. billi l-ammont totali tal-ghajjnuna li tgħaddi mill-EDF se tiżdied b'mod konsiderevoli fis-snin li ghejjin minħabba li l-ammont tal-ghajjnuna Komunitarja skont l-Għaxar EDF għall-perjodu mill-2008 sal-2013 għe stabbilit bħala EUR 21 966 000 000 (kreditu tal-operat għall-pajjiżi tal-AKP minbarra l-Pajjiżi u Territorji Barranin) li jirrappreżentaw żieda ta' 62 % mqabbla mal-allokazzjonijiet finanzjarji skont id-Disa' EDF,
- C. billi l-appoġġ mill-baġit huwa strument ta' ghajjnuna li jirrikjedi bidla paradigmatica fis-sorveljanza parlamentari li jkopri d-dħul kollu u r-riżultati tal-ħruġ,
- D. billi qiegħed ikun iddeterminat b'mod kontinwu biex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet ta' sorveljanza sabiex jintlaħqu l-obbligi bl-aktar mod effikaċi possibbli bħala awtorità ta' kwittanza,
1. Jaqbel mal-Kummissjoni li "l-amministrazzjonijiet dgħajfa" u "l-governanza dgħajfa" huma riskji sinifikanti f'ħafna pajjiżi benefiċjarji li jaffettwaw il-ġestjoni tajba tal-EDFs (it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-punti 1 sa 5 tar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mill-EDFs);
  2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, waqt "l-ipperfezzjonar" tal-istrateġija ta' kontroll tagħha (punti 1 sa 5 tar-Rapport Annwali), biex tidentifika l-punt li fih in-nuqqas ta' riżultati u l-ispejjeż jkun jeħtieġ bidla fil-politika;
  3. Huwa tal-opinjoni li l-istrateġija ta' implimentazzjoni għall-Għaxar EDF (EUR 21 966 miljun għall-perjodu mill-2008 sal-2013) għandha tiffoka fuq oqsma ta' importanza kruċjali sabiex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħti prijortà lill-proliferazzjoni u tevitaha;
  4. Jemmen li l-Kummissjoni, fl-isforz biex tagħti prijorità lill-attivitajiet ta' żvilupp tagħha u tikkonċentra fuq-hom, tista' tfittex opportunitajiet biex tagħti aktar assistenza lill-pajjiżi b'introjtu baxx;
  5. Jirrimarka li għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lis-sostenibilità tal-interventi tal-Kummissjoni inkluża l-formulazzjoni ta' strateġija ta' ħruġ ċara u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni; jikkunsidra li l-valutazzjoni mkabbra tar-riżultati tirrappreżenta fattur importanti ħafna biex tiġi żgurata l-leġittimità demokratika fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE;

### **Implimentazzjoni finanzjarja**

6. Jilqa' b'sodisfazzjon il-prestazzjoni tal-Kummissjoni fl-2007, u jinnota li l-pagamenti żdiedu bi 12 % u l-impenji żdiedu b'9 %, filwaqt li ż-żieda fl-impenji pendenti baqgħet ta' 2,8 %; jikkunsidra li r-rata ta' implimentazzjoni ta' 3,7 snin bħala waħda aċċettabbli meta wieħed jikkunsidra ż-żieda fl-effiċjenza;
7. Jilqa' l-impenn tal-finanzjament kollu disponibbli għad-Disa' EDF fl-2007; jistieden lill-Kummissjoni tif-formula rakkomandazzjonijiet applikabbli għall-partijiet mhux impenjati tat-Tmien EDF; jenfasizza madankollu li l-impenn malajr tal-fondi m'għandux jitwettaq għad-detriment tal-kwalità tal-proġetti;

<sup>(1)</sup> ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.

<sup>(2)</sup> ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

8. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup> li tiżgura li jiġi allokat limitu ta' referenza ta' 20 % tal-assistenza allokata tagħha skont l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) għall-edukazzjoni bażika u sekondarja u għas-saħħa bażika; jistidinha biex tirrapporta rigward l-EDFs b'rabta mal-parametru imsemmi;
9. Juri t-tħassib tiegħu għas-sejbiet li hemm fir-Rapport Speċjali Nru 10/2008 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Assistenza għall-Iżvilupp għas-Servizzi tas-Saħħa tal-KE fl-Afrika Sub-Sahara, li jindika li "Allokazzjonijiet finanzjarji għas-settur tas-saħħa fl-Afrika Sub-Sahara ma żdidux mill-2000 'l hawn bħala proporzjon tal-assistenza tal-iżvilupp totali minkejja l-impenni tal-Kummissjoni għall-MDGs u l-kriżi tas-saħħa fl-Afrika Sub-Sahara"; jistieden lill-Kummissjoni tipprijoritizza l-appoġġ għas-sistemi tas-saħħa u tidentifika l-aktar strumenti xierqa li bihom titwassal l-għajnuna f'dan il-qasam;

### **Il-ġestjoni finanzjarja tal-EDFs mill-Kummissjoni**

10. Jinnota b'sodisfazzjon li l-opinjoni tal-Qorti dwar ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007 msemmi hawn fuq jirrappreżenta "deskrizzjoni preċiża tal-kisbiet tal-oġġettivi għas-sena finanzjarja, il-qagħda finanzjarja u l-avvenimenti li kellhom influwenza sinifikanti fuq l-attivitàjiet li saru fl-2007" (punt 13 tar-Rapport Annwali tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp);
11. Jiddispijaċih, madankollu, li s-segwitu tal-Kummissjoni għall-osservazzjonijiet li saru mill-Qorti f'għadd ta' każijiet ma kien adegwat; jenfasizza li l-azzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti huwa element importanti tar-responsabilità għall-awtorità ta' kwittanza; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni "se tagħti tagħrif aktar dettaljat fil-ġejjieni" (punt 13 tar-Rapport Annwali tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp);

### **Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri**

#### *Affidabilità tal-kontijiet*

12. Jinnota li, skont l-Artikoli 1 u 103(3) tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 li japplika għad-Disa' Fond Ewropej għall-Iżvilupp, id-dikjarazzjoni ta' assurazzjoni ma testendix għar-riżorsi tad-Disa' EDF (EUR 2 200 000 000) li hi ġestita mill-EIB, u li l-EIB hu responsabbli għaliha (noti ta' qiegħ il-paġna 2 u 11 tar-Rapport Annwali tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp);
13. Jinnota li l-Qorti hi tal-opinjoni li l-kontijiet annwali finali tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' EDFs jippreżentaw tajjeb, fl-aspetti materjali kollha, il-qagħda finanzjarja tal-EDFs fil-31 ta' Diċembru 2007 (paragrafu VI, Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni);
14. Jinnota li l-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Kummissjoni ma wrietx il-validità tas-suppożizzjonijiet użati għall-estimi tal-provvediment għall-ispejjeż imġarrba u li dan jista' jwassal għal dikjarazzjoni aktar baxxa tal-infiq dovut, kif ukoll għal dikjarazzjoni aktar għolja tal-ammont ta' garanziji murija fin-noti għar-rendikonti finanzjarji (paragrafu VII, Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni);

#### *Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi*

15. Huwa jinnota li:
  - fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li huma l-bażi tad-dħul u l-impenni għas-sena finanzjarja huma, jekk jittieħdu f'daqqa, legali u regolari (paragrafu VIII, Dikjarazzjoni tal-Assigurazzjoni), filwaqt li l-Qorti tiġbed l-attenzjoni għar-riskju fiduċjarju għoli rigward l-appoġġ baġitarju li jirriżulta mill-"interpretazzjoni dinamika" tal-Kummissjoni dwar il-kriterji tal-eliġibilità (paragrafu X, Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni)

<sup>(1)</sup> Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni konċernanti l-Artikolu 5 DCI, Anness għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropej tal-24 ta' Ottubru 2006 (COM(2006) 628).

- il-verifika tal-Qorti kixfet “livell materjali ta’ żbalji” li jaffettwaw it-tranżazzjonijiet bażiċi tal-ħlas (paragrafu IX, Dikjarazzjoni tal-Assigurazzjoni)
- il-Qorti sabet li l-Kummissjoni daħħlet titjib rigward is-sistemi ta’ sorveljanza u kontroll tagħha u tid-dikjara li għad hemm lok għal titjib;

### **Kummenti fuq it-tagħrif ippreżentat mill-Qorti b’appoġġ għad-Dikjarazzjoni tal-Assigurazzjoni**

#### *L-ambitu tal-verifika*

16. Jinnota li l-osservazzjonijiet tal-Qorti rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi huma bbażati fuq:
  - (a) evalwazzjoni tas-sistemi ta’ sorveljanza u kontroll fis-servizzi ċentrali ta’ Europe Aid u f’frames Delegazzjonijiet li jkopru sitt pajjiżi;
  - (b) verifika ta’ 90 pagament u 15-il impenn legali individwali;
  - (c) għal dak li hu appoġġ għall-baġit, analiżi ta’ 30 pagament u 15-il impenn finanzjarju magħżula statistikament;
  - (d) analiżi ta’ 30 pagament magħżula statistikament awtorizzati mis-servizzi ċentrali tal-Europe Aid;
  - (e) analiżi ta’ 30 pagament magħżula statistikament diġà kkontrollati ex-post mis-servizzi ċentrali tal-Europe Aid;
  - (f) analiżi ta’ 30 impenn finanzjarju magħżula statistikament; u
  - (g) eżami tar-Rapport Annwali ta’ Attività u d-dikjarazzjoni mid-Direttur-Ġenerali tal-Europe Aid (punt 15 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs);

#### *Affidabilità tal-kontijiet*

17. Jiddispaċiħ li l-Kummissjoni għadha ma tistax tagħti tagħrif sħiħ dwar il-kontabilità minħabba diffikultajiet tekniċi; jinnota li skont it-tweġiba tal-Kummissjoni “l-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida tal-kontabilità mill-2009 se tegħleb il-limitazzjonijiet attwali” (punt 16 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs); jilqa’ b’sodisfazzjon l-introduzzjoni tas-sistema tal-ABAC-EDF fi Frar 2009;
18. Jinnota li r-rimarka rikorrenti tal-Qorti dwar il-validità tal-istrategġija statistika tal-Kummissjoni użata biex tikkalkula l-provvediment għall-ispejjeż imġarrba fil-perjodu tar-rappurtaġġ li matulu ma jkunux daħlu fatturi sa tmiem is-sena; jinnota wkoll li dan il-provvediment jammonta għal EUR 2 087 000 000 jew 83 % tal-passiv totali (punt 17 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs); jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tipperfezzjina u ttejjeb l-istrategġija tagħha;

#### *Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi*

19. Jinnota d-differenza ta’ opinjoni bejn il-Kummissjoni u l-Qorti rigward il-mument meta għandhom “jitfasslu” u “jiġu ffirmati” ftehimiet ta’ finanzjament (punt 19 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs); jiddispaċiħ għall-messaġġ xejn ċar lill-awtorità ta’ kwittanza, u jstieden lill-Kummissjoni biex tagħti kjarifika sabiex il-partijiet kollha - il-Kummissjoni u l-Istati AKP - jifhemu l-istess ħaġa bil-kelma “jitfasslu”;
20. Jinnota li l-Qorti, waqt li kienet qed tiċċekkja t-tranżazzjonijiet, ma setgħetx tikseb id-dokumentazzjoni relavanti mingħand il-korpi tan-NU fil-każ ta’ żewġ pagamenti (minn mostra ta’ ħdax-il pagament); jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, sabiex tiżgura konformità sħiħa mal-ftehim ta’ qafas finanzjarju u amministrattiv;

21. Jinnota li, fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifika tagħha (punti 32-47 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs), il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll ta' Europe Aid għall-EDFs huma biss "parzjalment effettivi" (punt 53 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs);
22. Jinnota wkoll li, mid-disa' elementi tas-sistema ta' kontroll interna fil-livell ċentrali, sitta huma effettivi, tnejn huma parzjalment effettivi u element wieħed - il-kwantità tal-missjonijiet ta' monitoraġġ - m'hu effettiv xejn, u li mill-ħames elementi tas-sistema ta' kontroll interna fil-livell ta' delegazzjonijiet, żewġ elementi huma effettivi u tlieta huma biss parzjalment effettivi (Tabella 3 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs);
23. Jinnota li l-Kummissjoni tqis li "minħabba r-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli għaliha, (...) waqqfet sistemi ta' kontroll li jagħtu assigurazzjoni raġonevoli" (punt 53 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs);
24. Jikkunsidra li r-risposti tal-Kummissjoni mhumiex sodisfaċenti fis-sens li donnha li ma tixtieqx tirrevedi l-arranġament li ħolqot, u jstieden lill-Kummissjoni sabiex tagħti tagħrif aktar preċiż dwar il-kunċett ta' "assigurazzjoni raġonevoli" u, b'mod partikulari, rigward il-proporzjon attwali bejn in-nefqa u l-benefiċċju tal-kontrolli u r-rata attwali ta' żbalji, kif ukoll analiżi li turi liema riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali huma meħtieġa għat-titjib tas-sistema ta' kontroll sabiex il-Qorti tkun tista' tagħti marka "effettiva" bħala evalwazzjoni globali;
25. Jinnota li l-Qorti enfasizzat l-inadegwatezza tal-kontrolli mwettqa mis-superviżuri jew l-awdituri, li tindika d-djgħufija fis-servizzi superviżorju u ta' kontrolli; stieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, sabiex issaħħa il-kontrolli tagħha u, b'mod partikulari, sabiex tintroduċi sistemi ta' reviżjoni ta' rapporti esterni ta' verifika sabiex tiġi ċekkjata l-kwalità tagħhom;

*Impenji u ħlasijiet tal-appoġġ baġitarju*

26. Jinnota li f'ħamsa mill-15-il impenn ta' appoġġ baġitarju analizzati, il-Qorti sabet
  - "nuqqasijiet serji fis-sorveljanza interna tal-baġit, fis-sistemi tal-kontabilità, fl-akkwist pubbliku u fil-miżuri kontra l-korruzzjoni",
  - li n-nuqqas ta' kapaċità li jingħataw kontijiet verifikati fil-ħin u n-nuqqas ta' effettività tal-kontroll estern huma "kwistjonijiet importanti preokkupanti",
  - li l-għoti ta' appoġġ baġitarju f'dawn il-kundizzjonijiet ifisser "riskju fiduċjarju għoli ħafna" (punt 26 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs);
27. Jenfasizza li l-Qorti hi tal-opinjoni li r-rekwiżiti tal-Ftehim ta' Cotonou - li l-ġestjoni tan-nefqa pubblika għandha tkun trasparenti, responsabbli u effettiva biżżejjed - ma ntlaħqux f'dawn il-ħames każijiet;
28. Ifakkar li "riskju fiduċjarju" ifisser li jkun hemm riskju li l-flus ta' dawk li jħallsu t-taxxa fl-Ewropa ma jintużawx għall-iskopijiet maħsuba, ma jiksbox valur għall-flus jew ma jingħatax kont tagħhom kif jixraq;
29. Jinnota wkoll li l-Kummissjoni "ma taqbilx mal-evalwazzjoni tal-Qorti" li l-impenji, skont il-Kummissjoni, saru wara evalwazzjoni ta' "progress pożittiv suffiċjenti fis-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja pubblika", li l-pajjiżi kkonċernati wara "komplew juru progress" u "baqgħu fit-triq it-tajba għal aktar appoġġ baġitarju" (punt 26 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs);
30. Jiddispaċiħ li t-tweġiba tal-Kummissjoni ma tirriflettix il-gravità tas-sejbiet tal-Qorti ("kwistjonijiet importanti preokkupanti", "riskju fiduċjarju għoli ħafna"); jikkunsidra li l-użu ta' espressjonijiet miftuħa li ma jkunux ibbażati fuq ir-riżultati, bħal "suffiċjenti", "progress" u "fit-triq it-tajba" f'dan il-kuntest serju mhumiex adegwati u jinhasu superfiċjali;
31. Jstieden lill-Kummissjoni tagħti l-evidenza li fuqha bbażat il-konklużjonijiet tagħha u biex tippreżentaha b'mod li jkun jidher ċar xi progress *ikun sar* (minn fejn sa fejn) u għaliex dan l-ammont ta' progress tqies bħala "suffiċjenti";



32. Jinnota li f'seba' mit-33 ftehimiet ta' finanzjament analizzati, il-Qorti sabet li l-provvedimenti tal-ftehimiet ta' finanzjament għall-appoġġ baġitarju ma kinux sħaħ jew ċari, billi ma kienx fihom il-kundizzjonijiet ġenerali għall-appoġġ baġitarju, iddefinew b'mod ambigwu l-metodu għall-kalkolu tal-ammonti għall-iżburżar jew irreferew għal impenji magħmula mill-gvern bla ma ddefinew data prospettiva u l-konsegwenzi meta dawn l-impenji ma jiġux sodisfati (punt 27 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs); jinnota wkoll li l-Kummissjoni "se (...) tfitte li tkompli ttejjeb il-kwalità tal-ftehimiet ta' finanzjament skont l-għaxar EDF";
33. Jinnota, rigward il-ħlasijiet ta' appoġġ baġitarju, li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma "affettwati b'livell materjali ta' żbalji" (punt 52(b) tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs) minħabba:
- il-kalkoli tal-ammonti għall-iżburżar ibbażati fuq konklużjoni pożittiva rigward il-progress fil-ġestjoni finanzjarja pubblika li ma tkunx konsistenti mal-evalwazzjoni bażika tas-sitwazzjoni,
  - l-użu ta' metodu ta' kalkolu mhux previst mill-ftehim ta' finanzjament,
  - il-ħlasijiet magħmula mingħajr rapporti aġġornati dwar il-ġestjoni finanzjarja pubblika li jkunu disponibbli (punt 28 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs);
34. Jinnota wkoll is-sejbiet li ġejjin mill-Qorti rigward sitta mit-30 pagament analizzati:
- in-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li turi b'mod strutturat u formalizzat jekk il-kundizzjonijiet tal-pagament marbuta mal-ġestjoni finanzjarja pubblika ġewx sodisfati,
  - l-evalwazzjoni tal-progress li tkun ottimista bla raġuni jew ibbażata fuq taġhrif qadim jew mhux xieraq,
  - il-konklużjonijiet li ma jkunux appoġġjati minn taġhrif bażiku,
  - l-affidabilità fuq avvenimenti futuri iktar milli fuq dawk li jkunu ġraw,
  - evalwazzjoni mhix preċiża tal-indikaturi (punt 29 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs);
35. Jinnota li skont it-tweġiba taġhha "l-Kummissjoni tibbilanċja l-progress li jkun sar, l-impenn politiku għal riformi u l-oqsma ta' tħassib li jkun baqa' sabiex tasal għal deċiżjoni infurmata" (tweġiba tal-Kummissjoni għal punt 29 tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs);
36. Huwa mħasseb dwar il-konklużjonijiet tal-Qorti, iżda huwa mħasseb aktar bir-risposti tal-Kummissjoni, li juru li l-Kummissjoni ma tridx taqsam l-informazzjoni li fuqhom tibbaża d-deċiżjonijiet taġhha dwar l-appoġġ baġitarju;

### **Sorveljanza Parlamentari effettiva**

37. Jemmen li d-deċiżjoni li l-appoġġ baġitarju jintuża bħala strument tal-ġhajjnuna għall-iżvilupp jagħmel parti mis-setgħat tal-eżekuttiv, u li l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju m'għandhomx jirrikjedu approvazzjoni parlamentari minn qabel;
38. Jinnota li l-valutazzjoni parlamentari tal-appoġġ baġitarju m'għandhiex tiffoka biss fuq ir-riskji iżda wkoll fuq il-benefiċċji, kif ukoll fuq ir-riskji u l-benefiċċji tal-ġhoti ta' ġhajjnuna alternattiva; jinnota barra minn hekk li l-istrateġiji tal-proġetti tradizzjonali użati għal diversi għexieren ta' snin ma ħallew ir-riżultati mistennija;
39. Jemmen li l-għan aħħari tas-sorveljanza parlamentari hu li l-*għajjnuna tkun effettiva*, li tisser użu *effettiv, ekonomiku, legali u regolari tal-ġhajjnuna għall-iżvilupp sostenibbli*, u jqis li s-sorveljanza tal-ġhajjnuna baġitarja hi parti mill-isforzi ġenerali tiegħu li jissorvelja l-effettività u r-riżultati tal-infiq ġenerali għall-iżvilupp;

40. Jiddispijaċi li m'għandux biżżejjed informazzjoni siewja, komprensiva u affidabbli biex iwettaq sorveljanza effettiva tar-riżultati tal-appoġġ baġitarju;
41. Jitlob biex tintemm is-sistema preċedenti ta' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (EDFs) konsekuttivi permezz tal-konsolidazzjoni sħiħa tal-iffinanzjar ta' koperazzjoni UE/ACP fil-baġit tal-UE biex tkun żgurata sorveljanza parlamentari tal-allokkazzjoni ta' riżorsi taħt l-EDFs;

#### **Rapport annwali dwar l-użu tal-appoġġ baġitarju**

42. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex theggi rapport annwali dwar l-użu tal-appoġġ baġitarju – u lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit biex ifassal rapport fuq l-inizjattiva tiegħu dwar dan ir-rapport annwali – li jkun jinkludi informazzjoni siewja, komprensiva, affidabbli, analitika u evalwattiva, u mhux biss deskrittiva, dwar:
  - l-appoġġ baġitarju ppjanat u dak li ntefaq,
  - il-kisba tar-riżultati mistennija kif stipulati permezz tal-oġġettivi tad-donaturi u permezz tal-istrateġiji tal-pajjiżi,
  - l-eżistenza u l-kwalità ta' kundizzjonijiet kumplimentari,
  - l-effettività tad-djalogu, l-istat ta' armonizzazzjoni tad-donaturi, il-bini ta' kapaciċitajiet kumplimentari li jkun twettaq, u l-effett ta' dan il-bini ta' kapaciċitajiet,
  - il-kisba ta' sistemi mtejba fil-pajjiżi,
  - l-istituzzjonijiet ta' responsabbilizzazzjoni, l-istituzzjonijiet ta' maniment tal-finanzi pubbliċi, l-istituzzjonijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni,
  - l-ammont u r-rata tal-infiq irregolari,
  - analiżi tat-tipoloġa tal-irregolaritajiet (sistematiki u non-sistematiki) li deheru permezz tal-kontrolli u l-verifiki,
  - l-azzjoni rimedjali li ttieħdet;
43. Jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni sabiex tidentifika, bl-akbar reqqa liema huma l-pajjiżi jew il-kwistjonijiet tal-implimentazzjoni tal-appoġġ baġitarju fejn tkun utli attenzjoni parlamentari partikolari biex titjeb ir-responsabbilizzazzjoni tad-donaturi;
44. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tintroduċi monitoraġġ annwali ta' dan ir-riskju;

#### **Valutazzjoni u maniment tar-riskji**

45. Jinnota li meta l-fondi jgħaddu minn sistemi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma dgħajfa jinħoloq riskju ta' ineffiċjenza u ħela, u li għaldaqstant tinħtieġ valutazzjoni komprensiva tar-riskju fiduċjarju qabel il-bidu tal-programmi ta' appoġġ baġitarju;
46. Ifakkar li l-Kummissjoni mhix tuża sistema fejn il-valutazzjoni tar-riskju tirriżulta flimitu minimu ċar ta' valuri li taħtu l-appoġġ baġitarju m'għandux jingħata, iżda pjuttost qed tuża sistema ta' "approċċ dinamiku" fejn il-grad ta' *diskrezzjoni* huwa ħafna ogħla;
47. Huwa tal-fehma li l-grad ogħla ta' *diskrezzjoni* f'deċiżjonijiet dwar l-appoġġ tal-baġit meħuda permezz tal-"approċċ dinamiku" irid ikun ibbilanċjat permezz ta' livell daqstant għoli ta' trasparenza; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni sabiex tagħmel disponibbli lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u lill-Kumitat għall-Iżvilupp, l-informazzjoni li fuqha qed tibbaża l-valutazzjonijiet tagħha;

48. Jistenna *b'mod partikolari* li jirċievi informazzjoni espliċita dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju u analiżijiet tar-riskju li tagħmel il-Kummissjoni tas-sistemi tal-gvern fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-fehma tagħha dwar is-sinjifikat tan-nuqqasijiet tas-sistemi mil-lat ta' ineffiċjenzi potenzjali u l-ħela tal-għajnuna, u stimi, kwantifikati kemm jista' jkun, ta' dawn il-fatturi, kif ukoll tagħrif dwar il-miżuri meħuda, jew li se jittehdha fil-ġejjieni, sabiex jiġu mmitigati r-riskji identifikati;

### Retorika jew realtà

49. Jinnota li l-Kummissarju responsabbli Louis Michel, fil-ktejjeb intitolat "Appoġġ baġitarju - Kwistjoni ta' fiduċja reċiproka" <sup>(1)</sup> jiddikjara li "l-unika soluzzjoni hi l-appoġġ baġitarju, u ammont ikbar minnu. Għal din ir-raġuni ddeċidejt li nżid il-proporzjon tal-appoġġ baġitarju minn 20 % tal-finanzjament għal 50 %";
50. Jistieden lill-Kummissarju biex jirrevedi dawn l-intenzjonijiet sakemm ir-retorika tkun inbidlet f'realtà u tkun disponibbli evidenza konklużiva li turi sa liema punt l-appoġġ baġitarju hu ta' valur aħjar għall-flus minn strumenti oħra tal-għajnuna, jew li kellu impatt fuq il-faqar tad-dħul;
51. Jinnota l-ittra u n-nota mill-Kummissarju Louis Michel lis-Sur Jacek Uczkiewicz, Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u b'kopja lis-Sur Herbert Bösch, Chairperson tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bid-data tad-9 Jannar 2009 (DR/amw/S(08)0418) li fiha l-Kummissarju jindika li:
- "hemm lok li l-Kummissjoni ttejjeb il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' appoġġ baġitarju konformi mal-osservazzjonijiet tal-QEA, permezz ta' approċċ aktar trasparenti, strutturat u formalizzat"; kif ukoll:
  - "hemm lok għal attenzjoni aktar sistematika lill-immaniġġjar tar-riskju u li jitqiesu miżuri jew kundizzjonijiet xierqa ta' salvagwardja" (paġna 9 tan-nota "Rispons għall-Proposta tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri" għall-Applikazzjoni ta' Rekwiżiti ta' Linja Bażi għat-Tmexxija Finanzjarja Pubblika għad-Determinazzjoni tal-Eleġibilità għall-Appoġġ Baġitarju" mehmuża mal-ittra);
52. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni aċċettat l-osservazzjonijiet tal-QEA, kif ukoll l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni, u jistenna bil-ħerqa li jkun infurmat dwar il-pjan dettaljat u dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-"approċċ imtejjeb" (ibidem paġna 1);

### Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

53. Jistieden lill-Qorti biex tinformah dwar il-kwalità tal-valutazzjoni u tal-immaniġġjar tar-riskju tal-Kummissjoni, u jixtieq jara aktar verifiki tal-prestazzjoni li jivvalutaw ir-riżultati tal-infiq għall-iżvilupp b'mod ġenerali u l-appoġġ baġitarju b'mod partikolari;

### Il-parlamenti ta' pajjiżi riċevituri

54. Jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu biex jistabbilixxi kuntatti diretti mal-kumitati magħżula tal-parlamenti tal-pajjiżi riċevituri sabiex jinkoraġġixxi u jappoġġa l-irwol tagħhom fl-iżgurar tal-effettività tal-għajnuna permezz ta' attivitajiet ta' sorveljanza parlamentari;
55. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprijoritizza l-appoġġ għall-pajjiżi msieħba sabiex jiġi żvilupp il-kontroll parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika, b'mod partikolari meta l-għajnuna tingħata permezz tal-assistenza baġitarja u jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment dwar il-progress miksub;
56. Huwa tal-fehma li l-involvement tal-parlamenti nazzjonali, tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi sħab huwa indispensabbli biex ikun hemm sjieda ġenwina tal-proċess; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel kull sforz biex ittejjeb id-djalogu ma' dawn l-entitajiet fl-istadji differenti kollha tal-proċess tal-ippogrammar;

<sup>(1)</sup> ISBN 978-92-79-10115-1 at [http://ec.europa.eu/commission\\_barroso/michel/Policy/key\\_documents/docs/NH8108406ENC\\_web.pdf](http://ec.europa.eu/commission_barroso/michel/Policy/key_documents/docs/NH8108406ENC_web.pdf)



66. Jaqbel kompletament mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti espressi fil-punti 55(a) sa (g) u 56(a) sa(f) tar-Rapport Annwali dwar l-EDFs; b'mod partikolari jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjoni stipulata fil-punt 56(a) li:

“il-konformità mal-Ftehim ta' Cotonou għandha titkejjel mar-rekwiżiti bażiċi, bħad-disponibilità ta' kontijiet ippubblikati u vverifikati fil-ħin, li għandhom ikunu ssodisfati qabel ma tingħata l-għajnuna baġitarja”

u fil-punt 56(d), li:

“Il-Europe Aid għandha tassigura, qabel il-bidu ta' programm ta' appoġġ baġitarju, li tkun saret valutazzjoni ċara u kompluta tal-immaniġġjar finanzjarju pubbliku u li l-pajjiż li jirċievi jkollu programm ta' riforma kredibbli u rilevanti biex jindirizza n-nuqqasijiet sinifikanti kollha fuq medda ta' żmien prevedibbli”;

jitlob għalhekk lill-Kummissjoni sabiex ma tagħtix appoġġ baġitarju jekk il-maniġment tal-infiq pubbliku ma jkunx trasparenti, responsabbli u effettiv, jew tal-anqas jekk dan ma jkunx se jsir hemm mal-implimentazzjoni fi żmien qasir ta' programm ta' riforma; jindika wkoll li l-għażla ta' arranġamenti ta' finanzjament għal settur speċifiku għandha tkun marbuta b'mod dirett mal-effiċjenza tagħhom f'dan il-qasam speċifiku ta' azzjoni;

67. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lill-implimentazzjoni rapida ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, li l-awtorità ta' kwittanza tathom importanza partikolari, peress li *limiti* ċari u miftiehma *għad-diskrezzjoni eżekuttiva* huma indispensabbli għal sorveljanza parlamentari sinifikattiva;

#### **Approċċ ġdid għal sitwazzjoni ġdida**

68. Jenfasizza li l-mod ta' kif il-pajjiż riċevitur juża l-fondi mogħtija bħala appoġġ baġitarju jinsab barra mill-kontroll dirett tal-Kummissjoni (u ta' donaturi oħra) peress li huwa d-dritt sovrani tal-pajjiż riċevitur ikkonċernat li jiġġestixxi l-baġit tiegħu skont ir-regoli speċifiċi tiegħu stess u skont il-proċeduri baġitarji nazzjonali;
69. Ifakkar li l-funzjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja, kontroll intern u verifika esterna tas-settur pubbliku f'xi pajjiżi riċevituri sikwit mhumiex affidabbli biżżejjed biex jiżguraw li l-fondi tad-donaturi huma ġestiti b'mod adegwat u użati għall-għanijiet maħsuba;
70. Jemmen li l-Kummissjoni, fid-dawl tal-attenzjoni dejjem akbar li tingħata lill-kwistjonijiet ta' responsabbilizzazzjoni u l-interess dejjem jiżdied fost iċ-ċittadini tal-pajjiżi donaturi li jaraw riżultati konkreti fl-għajnuna għall-iżvilupp, għandha kull interess li tkun taf ir-riskji li jinvolvi l-għoti ta' appoġġ baġitarju, u li taqşam dan l-għarfien mal-awtorità ta' kwittanza, li l-Kummissjoni hi responsabbli lejha;
71. Jemmen ukoll li l-Kummissjoni għandha tinforma lill-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi riċevituri dwar l-obbligi tagħha ta' responsabbilizzazzjoni, u jitlob lil dawk li jamministraw il-fondi downstream li jkunu soġġetti għal obbligi simili;

#### **Stqarrija ta' Żvelar tal-Pajjiżi**

72. Huwa tal-fehma, għalhekk, li l-għajnuna għall-iżvilupp b'mod ġenerali u l-appoġġ baġitarju b'mod partikolari għandhom ikunu marbuta ma' stqarrija ex-ante ta' żvelar, maħruġa mill-gvern tal-pajjiż riċevitur u ffirmata mill-Ministru tal-Finanzi, dwar ċerti kwistjonijiet li jaffettwaw il-governanza u l-istruttura ta' responsabbilizzazzjoni ta' pajjiż benefiċjarju;
73. Jemmen bis-sħiħ li l-valutazzjoni u l-fehim tal-pajjiż riċevitur stess tan-nuqqasijiet tal-kontroll jipprovdu motivazzjoni akbar għal titjib mill-verifiki u l-kontrolli imposti fuqu minn xi awtorità barranija;

74. Huwa tal-fehma li Stqarrija ta' Żvelar tal-Pajjiż ittejjeb it-trasparenza u r-responsabilità internazzjonali u tagħti informazzjoni prezzjuża lid-donaturi internazzjonali bil-ħsieb li jsir ġudizzju infurmat dwar it-trasparenza u l-affidabilità ġenerali tal-istruttura ta' governanza u responsabbilizzazzjoni fil-pajjiż benefiċjarju;
75. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkun minn ta' quddiem u tippreżenta din il-proposta lil donaturi oħra internazzjonali - b'mod partikolari l-Bank Dinji - bil-ħsieb li jiġi żviluppat u implimentat strument tali bi ftehim ma' donaturi oħra; jenfasizza li n-natura tal-penali għal stqarrija ta' żvelar deliberatament qarrieqa se teħtieġ attenzjoni partikolari;
76. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinfirmah dwar qafas taż-żmien possibbli għal dawn in-negozjati;

### **L-Integrazzjoni tal-baġit tal-EDF fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea**

77. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni li "terġa' tqajjem għal darb'oħra l-proposta tagħha biex tinkorpora b'mod sħiħ lill-EDF fil-baġit waqt id-diskussjonijiet dwar il-qafas finanzjarju li jmiss" <sup>(1)</sup>; jistieden lill-Kummissjoni biex iżżomm lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit kompletament infurmat dwar il-preparazzjoni ta' din l-inizjattiva;
78. Jerġa' jafferma l-appoġġ tiegħu għall-inkorporazzjoni tal-EDF fil-baġit ġenerali tal-UE, li jqis li tagħmel possibbli titjib fil-koerenza, fit-trasparenza u fl-effettività tal-EDF u li tissaħħaħ is-sistema ta' sorveljanza;

### **Sorveljanza parlamentari speċifika għall-istrument**

79. Huwa tal-fehma li r-rwol tiegħu fir-rigward tal-appoġġ baġitarju huwa li jżomm lill-Kummissjoni responsabbli għar-riżultati tal-infiq, u li l-appoġġ baġitarju huwa strument tal-ghajjnuna li jirrikjedi bidla tal-paradigma fil-mod ta' kif issir is-sorveljanza minn kontroll fuq l-inputs għall-iċċekkjar tar-riżultati skont l-indikaturi;
80. Jemmen li huwa obligat li jiżviluppa l-mod attwali tal-ħidma sabiex jinkiseb dan; huwa tal-fehma li sottokumitat dwar is-superviżjoni tal-appoġġ baġitarju stabbilit mill-Kumitat tiegħu għall-Kontroll tal-Baġit ikun għodda effiċjenti biex jiżgura li l-infiq tal-appoġġ f'ghajjnuna tgawdih il-popolazzjoni tal-pajjiż riċevitur u li l-kontribuzzjonijiet taċ-ċittadini għall-infiq f'ghajjnuna ma jiġux miżapproprijati;

### **Il-Faċilità ta' Investment**

81. Ifakkar li, fil-paragrafi 20 sa 24 tar-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' April 2008 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tas-Sitt, is-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(2)</sup> huwa esprima t-tħassib tiegħu li l-ġestjoni tal-Faċilità ta' Investment mill-Bank Ewropew għall-Investment (EIB) hi eskluża mill-kwittanza; ifakkar ukoll li riżorsi tal-EDF huma flus pubbliċi li kkontribwew għalihom iċ-ċittadini Ewropej li jħallsu taxxi u mhux is-swieq finanzjarji;
82. Jiddispaċiħ, kif għamlet il-Qorti fl-Opinjoni tagħha Nru 9/2007 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp <sup>(3)</sup>, dwar il-ħolqien ta' żewġ oqsma separati ta' ġestjoni, minħabba li dan jillimita l-ambitu tal-kwittanza, joħloq ħtiġijiet addizzjonali għal koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-EIB, u jagħmilha diffiċli li tinkiseb stampa kompluta tar-riżultati miksuba;
83. Jinnota li r-rapport annwali tal-EIB dwar il-Faċilità ta' Investment prinċipalment fih informazzjoni finanzjarja u fiit li xejn - jekk hemm - informazzjoni dwar ir-riżultati tal-programmi differenti li ġew iffanzjati;

<sup>(1)</sup> Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SEC(2008) 2579: Anness għar-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar is-segwitu tal-proċedura ta' Kwittanza 2006, p. 86.

<sup>(2)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 253.

<sup>(3)</sup> ĠU C 23, 28.1.2008, p. 3.



84. Jistieden lill-EIB biex jiffoka r-rappurtar tiegħu fuq ir-riżultati u biex jippreżenta informazzjoni kompluta, relevanti u oġġettiva dwar ir-riżultati, l-għanijiet stabbiliti, l-għanijiet milħuqa u r-raġunijiet għad-devjazzjoni possibbli, kif ukoll dwar l-evalwazzjonijiet imwettqa u sommarju tar-riżultati tal-evalwazzjoni;
85. Jenfasizza li l-EIB qiegħed jopera fil-pajjiżi ACP skont il-Ftehim ta' Cotonou, li l-għan ewlieni tiegħu hu li jinqered il-faqar u li jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, u li għalhekk irid jirrispetta dawn l-għanijiet fir-rigward ta' politika tas-self tiegħu lejn dawn il-pajjiżi;
86. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinfirmah dwar l-proċeduri speċifiċi li tkun stabbilit mal-EIB sabiex jikkoordinaw l-isforzi taż-żewġ istituzzjonijiet sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-iżvilupp tal-UE, kif ukoll tal-effiċjenza ta' dawn il-proċeduri;
87. Jinsab imħasseb dwar l-immaġni tal-EIB bħala l-inqas istituzzjoni trasparenti u responsabbli u li għandha l-inqas kontroll demokratiku fost il-korpi kollha fdati bl-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi;
88. Jistieden lill-EIB, fl-interessi tal-Unjoni Ewropea u l-valuri tagħha u bil-ħsieb li tittejjeb il-perċezzjoni pubblika tiegħu bħala istituzzjoni, biex jippreżenta *evidenza* li turi:
- kif isegwi l-ispirtu tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup> u l-Konvenzjoni ta' Aarhus tal-25 Ġunju 1998 dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali,
  - kif isegwi l-impenji tal-UE dwar l-iżvilupp dinji u l-istandards ta' banek multilaterali oħra tal-iżvilupp,
  - kif il-finanzjament tiegħu ta' proġetti li jirrikjedu ħafna kapital fis-settur tal-estrazzjoni jikkontribwixxu sabiex jittaffa l-faqar,
  - il-linji gwida li żviluppa għall-investment fis-setturi tal-enerġija, il-forestrija, it-trasport, l-ilma u l-immaniġġjar tal-iskart, u kif id-deċiżjoionijiet tiegħu dwar l-investimenti jsegwu bis-sħiħ lil dawn il-linji gwida,
  - li l-ftit esperti ambjentali full-time li jagħmlu parti mill-persunal tiegħu, li huma responsabbli għar-reviżjoni tal-portafoll tas-self kollu tiegħu u li jiżgurarw konformità mal-politiki relevanti, huma suffiċjenti,
  - l-effiċjenza tal-mekkaniżmu tal-ilmenti tiegħu għal ċittadini effettwati, li għandu jkollhom aċċess għalih ċittadini minn barra l-Unjoni Ewropea wkoll,
  - l-effiċjenza ta' miżuri meħuda biex jiġu miġġielda l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus,
  - il-kriterji tiegħu għal self lis-settur privat, lil hinn mill-istandards finanzjarji bażiċi u kemm hi komplut l-lista ta' benefiċjarji aħħara tas-self tiegħu lis-settur privat;
89. Jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Investment bil-għan li tiggarantixxi li din tissodisfa l-għan tagħha bħala għodda għall-żvilupp, u li tinforma lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fuq bażi regolari bis-sejbiet tagħha;
90. Jistieden lill-Kumitat tiegħu għall-Kontroll tal-Baġit biex isaħħaħ l-attivitajiet tiegħu tal-kontroll tal-attivitajiet finanzjarji tal-EIB, li jaqa' kompletament taħt ir-responsabilitajiet ta' dan il-kumitat skont ir-Regoli ta' Proċedura, Anness VI, Kapitolu V, punt 3.

(1) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**dwar l-għeluq tal-kontijiet tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej ta' Żvilupp għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/642/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu tad-deċiżjonijiet ta' kwittanza tal-2006 (COM(2008)0629 u l-anness tiegħu SEC(2008) 2579),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-kontijiet ta' dħul u nfiq għas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-lżvilupp għas-sena finanzjarja 2007 (COM(2008)0490 – C6-0296/2008),
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-lżvilupp għas-sena 2007 (COM(2008) 224),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mis-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-lżvilupp għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-10 ta' Frar 2009 (5042/2009 – C6-0057/2009, 5044/2009 – C6-0058/2009, 5045/2009 – C6-0059/2009),
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq in-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 <sup>(3)</sup> u rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji *extra-Ewropej* mal-Komunità Ewropea (id-'Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji *extra-Ewropej*) <sup>(5)</sup>, emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/249/KE tad-19 ta' Marzu 2007 <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehim Intern tal-20 ta' Diċembru 1995, bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-għajjnuna Komunitarja skont it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-Raba' Konvenzjoni ACP-KE <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehim Intern tat-18 ta' Settembru 2000, bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-għajjnuna Komunitarja skont il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmit f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000, u l-allokkazzjoni tal-assistenza finanzjarja lill-Pajjiżi u t-Territorji *Extra-Ewropej* li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat KE <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE,

<sup>(1)</sup> ĠU C 286, 10.11.2008, p. 273.

<sup>(2)</sup> ĠU C 277, 31.10.2008, p. 243.

<sup>(3)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

<sup>(4)</sup> ĠU L 287, 28.10.2005, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1 u ĠU L 324, 7.12.2001, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 109, 26.4.2007, p. 33.

<sup>(7)</sup> ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.

<sup>(8)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għal koperazzjoni fl-iffinanzjar tal-iżvilupp taħt ir-raba' Konvenzjoni ACP-KE <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 li japplika għad-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 70 u 71, it-tielet inċiż tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, u l-Anness V tagħhom,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0159/2009),
1. Jinnota l-kontijiet annwali finali tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp kif jidhru fit-tabella 1 tar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-ghelug tal-kontijiet tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej ta' Żvilupp għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Bank Ewropew tal-Investment, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.

<sup>(2)</sup> ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/643/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Eurojust <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari, l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA tat-28 ta' Frar 2002 li waqqfet il-Eurojust bil-għan li tissaħħa il-ġlieda kontra r-reati serji <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari, l-Artikolu 36 tagħha,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0161/2009),
1. Jagħti l-kwittanza tiegħu lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 57.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 142.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Eurojust <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari, l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA tat-28 ta' Frar 2002 li waqqfet il-Eurojust bil-għan li tissaħħaħ il-ġlieda kontra r-reati serji <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari, l-Artikolu 36 tagħha,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0161/2009),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min wieħed joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. billi fit-22 ta' April 2008 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u fir-riżoluzzjoni tiegħu flimkien mad-deċiżjoni ta' kwittanza, inter alia
- Jinnota li l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapport tagħha tas-sena 2006, li r-rata ta' carry over kienet ta' 33 % għal spiża amministrattiva u ta' 30 % għal spiża operattiva, b'numru kbir ta' trasferimenti ta' approprazzjonijiet bejn il-linji baġitarji u f'ħafna każijiet, li d-dokumentazzjoni supplimentari ma kienetx dettalljata biżżejjed u b'hekk il-prinċipju baġitarju tal-ispeċifikazzjoni ma kienx osservat kif xieraq;
  - Barra minn hekk jinnota s-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li r-regoli dwar l-akkwist ma kienx osservati b'mod strett, u li ma ġiex stabbilit reġistru tal-assi fissi, li jinkludi l-assi kollha u l-valur tagħhom, u lanqas ġie użat fis-sorveljanza tal-propjeta tal-Eurojust; jistieden lill-Eurojust biex jimplementa regoli stretti dwar l-akkwist, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda l-kuntratti ta' qafas;
  - Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-istqarrija fir-rapport annwali tal-Eurojust li kien għad hemm ħafna opportunitajiet biex tiġi żviluppata r-relazzjoni tal-Eurojust mal-OLAF, inkluż permezz ta' ftehim formali ta' kooperazzjoni,

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 57.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 142.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 234.

1. Jinnota li, għalkemm id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija pożittiva, l-osservazzjonijiet tiegħu jindikaw li għad fadal problemi strutturali fl-oqsma tal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwist u l-ippjanar tar-reklutaġġ;
2. Huwa sodisfatt bl-informazzjoni fir-rapport annwali tal-2007 tal-Eurojust li l-Eurojust introduċa l-ABAC (Accrual Based Accounting) fl-1 ta' Ottubru 2007;
3. Jinnota mir-rapport annwali tal-Eurojust tal-2007 li, minħabba t-tkabbir mgħaġġel tal-Eurojust u l-ħtieġa ta' kwartieri ġodda minħabba dan, l-Eurojust qed jikkopera mal-istat li qed jospita sabiex jakkwista spazju addizzjonali temporanju għall-uffiċini; jinnota, mir-rapport annwali tal-Eurojust għall-2007, li l-istat li qed jospita huwa impenjat sabiex jipprovdi kwartieri ġodda xierqa sal-2012;
4. Jitlob li l-Eurojust jinkludi informazzjoni dwar il-progress fin-negozjati rigward kwartieri ġodda, arranġamenti temporanji u implikazzjonijiet finanzjarji fir-rapport annwali tiegħu għall-2008;

#### **Livell għoli ta' carry-over ta' approprjazzjonijiet**

5. Jinnota l-fatt li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabet li, mill-EUR 18 000 000 li ġew approprjati fl-2007, kien hemm carry-over ta' EUR 5 200 000;
6. Jinsab imħasseb dwar il-konklużjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li dawn il-livelli għolja ta' carry-over imorru kontra l-prinċipju tal-annwalità u jissuġġerixxu nuqqasijiet fl-ipprogrammar u l-immonitorjar tal-attivitajiet tal-Eurojust;
7. Jinnota t-tweġiba tal-Eurojust li l-livell għoli ta' carry-over kienet dovuta għal nuqqas ta' persunal biex jimmaniġġja il-fondi u d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tas-sistema ġdida ta' akkwist; josserva li mill-147 kariga fl-organigramma tal-2007, imtlew biss 95;
8. Jinnota li l-Eurojust introduċa strateġija għat-tnaqqis ta' carry-over fl-2008;

#### **Punti ta' dgħjufija fil-proċeduri ta' akkwist**

9. Jirrikonoxxi li, wara rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fis-snin ta' qabel, l-Eurojust iċċentralizza l-immaniġġjar tal-proċeduri tiegħu tal-akkwist f'unità speċjalizzata;
10. Jiddeplora, madankollu, il-fatt li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabet punti ta' dgħjufija fil-proċeduri tal-akkwist, bħal fis-sentejn ta' qabel;
11. Huwa sorpriż rigward is-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-Eurojust estenda l-kuntratti eżistenti b'mod li jmur kontra r-regoli, għalkemm l-iskadenza tal-kuntratti kienet ilha magħrufa għal żmien twil;
12. Jappoġġja bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-uffiċjal għall-awtorizzazzjoni jimplimenta pjan effettiv għall-immaniġġjar tal-proċeduri ta' akkwist;
13. Jinnota li l-Eurojust iddefinixxa pjan ġenerali ta' akkwist għall-2008 u adotta deċiżjoni dwar l-organizzazzjoni tal-akkwist u ħidmiet relatati, u li l-kuntratti kollha msemmija mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għaddew mill-ġdid mill-proċess tas-sejħa għall-offerti b'konformità mar-regoli;

#### **Punti ta' dgħjufija fl-ippjanar ta' reklutaġġ**

14. Jinnota s-sejba tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-organigramma għall-2007 pprovdiet għal 147 kariga meta mqabbla ma' 112 fl-2006 u li, fl-aħħar tal-2006, 87 kariga biss kienu mtlew;
15. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabet li l-Eurojust ma rnexxilux jirrekluta s-60 membru tal-persunal meħtieġa biex jimlewi l-organigramma fl-2007, iżda li, fl-aħħar tal-2007, 95 kariga biss kienu mtlew;



16. Jaqbel mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li dan juri li hemm punti ta' dgħjufija fl-ippjanar tal-Eurojust rigward ir-reklutaġġ;
17. Jiddeplora l-fatt li, kif rikonoxxut mill-Eurojust, in-nuqqas konsiderevoli ta' persunal kellu impatt negattiv fuq l-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu;
18. Jinnota li l-Eurojust, skont it-tweġibiet tiegħu, immira li jimla l-karigi fl-organigramma tiegħu fl-2008;
19. Jinnota li 130 mill-175 post fl-organigramma tal-2008 mtlew sal-aħħar tal-2008; jilqa' l-fatt li l-Eurojust naqqas ir-rata ta' impjiegi battala minn 34 % fl-aħħar tal-2007 għal 25 % fl-aħħar tal-2008; iħeġġeġ lill-Eurojust biex jagħmel sforzi ulterjuri biex jimla l-postijiet tax-xogħol battala malajr kemm jista' jkun;
20. Jinnota, mir-rapport annwali tal-Eurojust għall-2007,
  - li fassal pjan ta' politika plurijennali rigward l-persunal, li jkopri l-perjodu 2007-2010,
  - li adotta politika ġdida ta' reklutaġġ li tiddekrivi l-qafas legali, il-prinċipji, il-proċedura tal-għażla, l-irwoli u l-attur involuti,
  - li kellu l-ħsieb jiffirma l-ftehim bejn l-aġenziji dwar is-suq tax-xogħol;

#### **Segwitu għall-eżerċizzju tal-kwittanza tal-2006**

21. Jitlob lill-Eurojust biex isegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA, b'mod partikulari fl-oqsma tal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwist u r-reklutaġġ, u biex jirrapporta fid-dettall dwar l-azzjoni meħuda fir-rapport annwali tiegħu tal-2008;
22. Huwa sodisfatt bil-konklużjoni tal-Arranġament Prattiku dwar arranġamenti ta' koperazzjoni bejn l-Eurojust u l-OLAF <sup>(1)</sup> fl-24 ta' Settembru 2008;
23. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(2)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 314, 9.12.2008, p. 3.

<sup>(2)</sup> Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/644/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Eurojust <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari, l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA tat-28 ta' Frar 2002 li waqqfet il-Eurojust bil-għan li tissaħħa il-għieda kontra r-reati serji <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari, l-Artikolu 36 tagħha,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0161/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Eurojust huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 57.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 142.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/645/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabilixxi proċeduri tal-Komunità għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u mill-veterinarji u li jstabilixxi Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari, l-Artikolu 68 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0162/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-Riżoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-Riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

(1) ĠU C 278, 31.10.2008, p. 10.

(2) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 27.

(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(4) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6–0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u mill-veterinarji u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari, l-Artikolu 68 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0162/2009),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ddikjarat li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari;
- B. billi fit-22 ta' April 2008 l-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u fir-Riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza, inter alia:
- innota d-dikjarazzjoni tal-QEA fir-rapport tagħha għall-2006 li rigward in-nefqa amministrattiva, l-użu tal-approprijazzjonijiet ta' impenn kien inqas minn 60 %;
  - innota li ammont konsiderevoli ta' approprjazzjonijiet baġitarji għall-2006 kienu trasferiti għall-2007 minħabba n-natura tal-proġetti trattati mill-Aġenzija;
  - innota li f'Diċembru 2006, il-Bord tal-Immaniġġjar tal-Aġenzija ddeċieda li jwettaq reviżjoni tas-sistema tal-iskala tal-miżati b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 10.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 27.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 175.

1. Jenfasizza li l-baġit tal-Aġenzija huwa ffinanzjat mill-baġit tal-UE u b'mod partikolari mill-miżati mħallsa mill-applikanti tal-industrija farmaċewtika biex tinkiseb jew tinżamm awtorizzazzjoni Komunitarja ta' kummerċjalizzazzjoni. Jinnota madanakollu li l-kontribuzzjoni ġenerali tal-KE żdiedet b'24.48 % bejn l-2006 u l-2007 u tirrappreżenta 24,13 % tad-dħul totali tal-2007; huwa konxju f'dan il-kuntest tal-kompiti ġodda assenjati li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għal użu pedjatriku <sup>(1)</sup> u żieda fil-linja baġitarja tal-mediċini orfni;
2. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Aġenzija biex tipprovdi iktar konsulenza xjentifika fi stadji bikrija tal-iżvilupp ta' mediċini ġodda kif ukoll l-introduzzjoni ta' miżuri li jħaffu l-evalwazzjoni ta' mediċini li huma ta' importanza kritika għas-saħħa pubblika u biex tħaffef l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programmi Telematiċi;
3. Jikkunsidra l-Aġenzija bħala sors ta' konsulenza xjentifika importanti, ta' rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza, tal-aħjar prassi għall-evalwazzjoni tal-mediċini u tas-supervizzjoni fl-Ewropa u jilqa' b'sodisfazzjon il-kontribuzzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għall-armonizzazzjoni ta' standards regolatorji flivell internazzjonali;
4. Jinkoraġġixxi lill-Aġenzija biex tkompli l-attività tagħha fil-qasam tal-Mediċini Orfni; jiskoraġġixxi, madanakollu, it-tnaqqis fil-kontribuzzjoni tal-Mediċini Orfni, prinċipalment minħabba bidla fil-politika dwar tnaqqis tal-ħlas ta' mediċini orfni li jirriżulta mill-flessibilità provduta mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar drittijiet pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni ta' Prodotti Mediċinali <sup>(2)</sup>, li minkejja dan, jirriżulta (jiġġenera) fi tnaqqis ta' 26,25 % fl-2007 meta mqabbel mal-2006;
5. Jenfasizza l-irwol tal-Aġenzija biex tissorvelja s-sikurezza tal-mediċini permezz tan-network ta' farmakoviġilanza; jitlob, madanakollu, li jkun hemm titjib kostanti tal-livell ta' viġilanza;

#### **Punti ta' dgħjufija fil-ġestjoni tal-baġit rigward il-programm Telematics**

6. Jinnota l-kritika tal-QEA li, bħal ma ġara fl-2006, il-livell għoli ta' trasferimenti għal nefqa amministrattiva prinċipalment kien dovut għall-programm Telematics; jinnota d-dikjarazzjoni tal-QEA li din is-sitwazzjoni kienet kontra l-prinċipju tal-annwalità u li l-Aġenzija għandha tiżgura ippjanar u sorveljanza aħjar tal-implimentazzjoni tal-programm;
7. Jinnota r-rakkomandazzjoni tal-QEA li l-Aġenzija għandha tikkunsidra li tuża sistema ta' approprjazzjonijiet divrenzjata għall-programm Telematics, sistema li kienet aktar adattata għall-immaniġġjar baġitarju ta' programmi bħal dawn;
8. Jistieden lill-Aġenzija biex timplimenta r-rakkomandazzjoni tal-QEA li tuża approprjazzjonijiet divrenzjati għall-programm Telematics fil-pront; jitlob li l-Aġenzija tirrapporta dwar l-azzjoni meħuda fir-rapport ta' attività annwali tagħha għall-2008;

#### **Punti ta' dgħjufija f il-proċeduri ta' akkwist**

9. Jiġbed l-attenzjoni għar-riżultat tal-QEA rigward il-proċeduri ta' akkwist, li juri li:
  - f'żewġ każijiet il-proċeduri magħżula ma kinux ġustifikati biżżejjed,
  - fi tliet każijiet il-metodi ta' evalwazzjoni għall-kriterji tal- prezz ma kinux biżżejjed,
  - f'każ wieħed ta' proċedura ta' akkwist konġunta ma' ħames aġenziji oħra, il-volum tas-servizzi li għandhom ikunu akkwistati ma kienx identifikat b'mod xieraq;

<sup>(1)</sup> ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1.

10. Jiġbed l-attenzjoni għar-risposti tal-Aġenzija li fil-fehma tagħha:
  - stabilixxiet formola għall-evalwazzjoni oġġettiva tal-prezz bħala kriterju tal-għoti b'effett mis-17 ta' Marzu 2008;
  - fil-każ tal-proċedura ta' akkwist konġunta, l-istima oriġinali kienet reġġet ġiet evalwata minħabba l-progress teknoloġiku li seħħ bejn id-definizzjoni ta' servizzi li għandhom ikunu provduti u t-tnidija tal-proċedura ta' akkwist;
11. Jitlob lill-Aġenzija biex tindirizza l-punti ta' dgħjufija fil-proċeduri ta' akkwist imsemmija hawn fuq u biex tirrapporta dwar l-azzjoni li tkun ittieħdet fir-rapport ta' attività annwali tagħha għall-2008;

#### **Progress biex tkun żgurata konformità mar-Regolament dwar id-drittijiet**

12. Jiġbed l-attenzjoni li l-QEA, fir-rapport annwali tagħha għall-2006, sabet li l-prassi tal-Aġenzija kienet qed tmur kontra r-Regolament dwar il-miżata għar-raġunijiet li ġejjin: il-klijenti tal-Aġenzija intbagħtilhom kont b'ammont maqsum f'żewġ partijiet, l-ispejjeż tal-Aġenzija u ammont li reġa' tħallas lura lir-rapporteurs tal-Istati Membri biex ikopri l-ispejjeż tagħhom stess; u r-rapporteur's tal-Istati Membri mada-nakollu, qatt ma pprovdew evidenza sħiħa tal-ispejjeż reali tagħhom;
13. Jinnota li l-QEA fir-rapport annwali tagħha għall-2007, segwiet dawn ir-riżultati u qalet li l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija waqqaf grupp biex jikkalkula l-ispiża li ressaq proposta biex ikun hemm għażla alternattiva għar-remunerazzjoni tar-rapporteurs fl-aħħar tal-2007.
14. Jinsisti, skont ir-rakkomandazzjoni tal-QEA, li l-Aġenzija tagħmel progress ulterjuri biex issolvi din il-kwistjoni u biex tirrapporta l-azzjoni ta' segwitu meħuda fir-rapport ta' attività annwali tagħha għall-2008,
15. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

(<sup>1</sup>) Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.



**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/646/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-twegġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u mill-veterinarji u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari, l-Artikolu 68 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0162/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

(1) ĠU C 278, 31.10.2008, p. 10.

(2) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 27.

(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(4) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/647/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 60 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0163/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 20.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

### li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ewropea <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 60 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0163/2009),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min wieħed joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. billi fit-22 ta' April 2008 l-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza *inter alia*:
- Innota l-insistenza tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-Aġenzija, b'koperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jagħmlu reviżjoni tal-iskemi tad-drittijiet attwali sabiex jiġi żgurat li l-ispejjeż għall-attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni jkunu ġġustifikati u koperti mid-drittijiet tagħha,
  - Stieden lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni biex jagħmlu reviżjoni tal-istruttura tad-drittijiet tal-Aġenzija sabiex l-ispejjeż u d-dħul tal-attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni jkunu bilanċjati,
  - innota t-tweġiba tal-Aġenzija li r-regolament tad-drittijiet u tal-ħlasijiet <sup>(7)</sup>, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2007, għandu jiġġenera dħul biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż tal-attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni,

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 20.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 201.

<sup>(7)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 593/2007 (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 3).

- stieden lill-Aġenzija biex timplimenta sistema ta' ġestjoni tal-klejms effettiva, possibbilment billi tinkludi interessi għall-ħlas li jkun sar tard;
1. Jinnota li l-Aġenzija kellha EUR 72 045 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mill-baġit tal-2007;
  2. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-organigramma tal-2007 kien jikkonsisti f'467 post temporanju, iżda l-appropriazzjonijiet baġitarja għan-nefqa tal-persunal ma koprewx l-ispejjeż reali tal-persunal għal dawn il-postijiet u li, b'konsegwenza ta' dan, l-Aġenzija qablet mal-Kummissjoni rigward it-tnaqqis tan-numru għal massimu ta' postijiet ta' 342, 333 post minnhom ġew mimlija sal-aħħar tas-sena;
  3. Jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li t-tnaqqis fil-persunal kien minħabba l-fatt li matul l-ewwel sentejn tal-implantazzjoni tar-regolamenti tad-drittijiet u tal-ħlasijiet, id-dħul ma kienx biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż imbassra; jinnota li l-Aġenzija tirreferi għall-politika tal-pjan tal-persunal 2008-10, li ġie miftiehem mal-Kummissjoni, f'liema pjan huwa rifless it-tnaqqis tal-persunal;
  4. Josserva li l-iżbilanċ bejn l-ispejjeż u d-dħul enfasizzat fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza preċedenti stimula l-bżonn biex jitnaqqas in-numru ta' staff ipplanat b'25 %, minn 467 sa massimu ta' 342;
  5. Jistenna li l-Aġenzija tinkludi informazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha għas-sena finanzjarja 2008 dwar kemm il-bilanċ bejn l-ispejjeż u d-dħul fir-rigward tal-attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jintlaħqu permezz tal-implimentazzjoni tal-regolament tad-drittijiet u tal-ħlasijiet il-ġodda;
  6. Jinnota li l-kritika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-impjegati tal-Aġenzija fl-2007 ma kinux riflissi fl-organigramma, li ma ġiex emendat kif xieraq;
  7. Jappoġġja bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-QEA li l-Aġenzija tivverifika bir-reqqa l-konsistenza tat-tbassir tal-infiq tagħha, li jiffurmaw il-bażi tad-deċiżjonijiet tal-awtorità baġitarja, b'mod partikolari rigward l-ispejjeż tal-persunal; jitlob lill-Aġenzija biex tiżgura li l-organigramma tikkorrispondi mas-sitwazzjoni attwali;
  8. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Aġenzija ma jaqblux mal-kalkoli tal-ammont ta' EUR 14 900 000 fi dħul assenjat li l-Aġenzija rċeviet fl-2007 biex jiġu koperti l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni tal-ġejjieni; jinnota l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri Ewropew li l-Aġenzija b'mod żbaljat inkludiet id-drittijiet intaxxati skont ir-regolamenti ta' qabel tad-drittijiet u l-ħlasijiet fil-kalkoli tagħha; jinnota li l-Aġenzija pprovdiet spjegazzjoni għall-kalkoli tagħha, li turi li hija kienet intitolata li tinkludi dawn id-drittijiet fil-kalkoli tagħha skont ir-regolament bażiku tagħha;
  9. Jinnota l-kritika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ta' diversi proċeduri ta' akkwist pubbliku vverifikati; jinnota li l-Qorti tal-Awdituri Ewropew sabet proċedura waħda, li fiha l-offerenti rċewew informazzjoni mhux kompluta dwar l-kriterji għall-għoti u l-evalwazzjoni tagħhom, li ma kinitx trasparenti; jinnota l-istqarrija tal-QEA li fi tliet każijiet il-proċedura ristretta ġiet applikata għalkemm kellu jkun hemm sejħa miftuħa għall-offerti billi l-valur totali tas-servizzi qabeż il-limitu;
  10. Jitlob li l-Aġenzija żżomm mal-wiegħda magħmula fit-tweġibiet tagħha biex iżżomm b'mod strett mar-regoli tal-akkwist pubbliku u biex tagħti attenzjoni partikolari lill-fornimentprovizjoni ta' informazzjoni lil dawk li potenzjalment jitfgħu offerta;
  11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-Aġenzija żżomm dixxiplina finanzjarja stretta fil-ġejjieni, u li taħdem dejjem fil-limiti tal-baġits miftehma;
  12. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE (1).

---

(1) Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/648/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-twegġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6–0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixi Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 60 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0163/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni kif huma annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 20.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/649/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp ġejjieni tal-Aġenzija Frontex u tas-Sistema Ewropea għas-Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jstabilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(6)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0166/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 7.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 34.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> Testi adottati, (P6\_TA(2008)0633).

<sup>(5)</sup> ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3. Jagħti iStruzzjonijiet lill-President tiegħu jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

---



**RIŻOLUZZJONJI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp ġejjieni tal-Aġenzija Frontex u tas-Sistema Ewropea għas-Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(6)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0166/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (QEA) stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom huma legali u regolari,
- B. billi fit-22 ta' April 2008 l-Parlament ikkonċeda lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea l-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(7)</sup> u, inter alia,
- innota l-osservazzjoni tal-QEA fir-rapport tagħha tal-2006 li għas-sena finanzjarja 2006 r-rata ta' allokkazzjoni ta' impenji kienet ta' 85 %; ir-rata ta' ammonti trasferiti għas-sena ta' wara kienet ta' aktar minn 70 % globalment u kważi 85 % għan-nefqa operazzjonali; it-trasferimenti tal-approprijazzjonijiet bejn kapitoli jew titoli matul is-sena qabżu l-limitu ta' 10 % previst fir-Regolament Finanzjarju; għalhekk, il-prinċipju baġitarju tal-ispeċifikazzjoni ma kienx ġie osservat strettament;
  - appella lill-Aġenzija biex ittejjeb l-immaniġġjar finanzjarju tagħha, speċjalment rigward iż-żieda fil-baġit tagħha għas-sena finanzjarji 2007 u 2008;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 7.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 34.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> Testi adottati, (P6\_TA(2008)0633).

<sup>(5)</sup> ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(7)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 226.

- C. Billi l-2007 kienet it-tieni sena sħiħa tal-funzjonament tal-Aġenzija,
1. Jinnota li l-baġit tal-Aġenzija għall-2007 (EUR 42 100 000) aktar minn irdoppja mqabbel mal-baġit għall-2006 (EUR 19 200 000);
  2. Jinnota li l-kritika tal-QEA li l-impenji li kienu ttrasferiti għall-2008 relatati mal-ftehimiet ta' għotjiet marbuta ma' attivitajiet operazzjonali ammontaw għal EUR 18 400 000, u li parti sostanzjali minn dawn l-impenji kienet ibbażata fuq stimuli eċċessivi tal-ispejjeż;
  3. Jagħraf il-fatt, enfasizzat fit-tweġibiet tal-Aġenzija lill-QEA, li fil-każ tal-Aġenzija l-istimi tal-ispejjeż huma partikolarment kumplessi billi l-Aġenzija jkollha tiddependi fuq it-tagħmir li jipprovdulha l-Istati Membri għall-operazzjonijiet tagħha;
  4. Jinnota li l-Aġenzija waqqfet regjistru ċentralizzat ta' tagħmir tekniku (CRATE) dwar materjal mill-Istati Membri li jista' jintuża waqt l-operazzjonijiet; jinnota li l-CRATE huwa marbut ma' metodu komuni tal-kalkolu tal-ispejjeż, li għandu jwassal għal allokkazzjoni aktar effiċjenti tal-mezzi baġitarji;
  5. Huwa mħasseb dwar dak li rriżultat l-QEA, li peress li m'hemmx politika tat-teżor, l-ammont kbir ta' flus li żżomm għandha l-Aġenzija jibqa' mingħajr ma jintuża f'kontijiet bankarji b'imgħax eċċessivament baxx; jinnota li, skont il-kontijiet (il-karta tal-bilanċ) l-Aġenzija kellha EUR 32 600 000 fi flus u l-ekwivalenti tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2007;
  6. Jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li se tipprowa tinnegozja xi kundizzjonijiet mal-bank tagħha u se tara jekk banek oħra joffrux kundizzjonijiet aħjar;
  7. Iħeġġeġ lill-Aġenzija biex taddotta politika tat-teżor u biex tirrapporta dwar x'azzjoni tkun ittieħdet u r-riżultati miksuba fir-rapport ġenerali tagħha għall-2008;

#### **Segwitù tal-eżerċizzju ta' kwittanza tal-2006**

8. Ifakkar li s-sena finanzjarja 2006 kienet l-ewwel sena li fiha l-Aġenzija kienet finanzjarjament awtonoma u suġġetta għall-proċedura ta' kwittanza;
9. Jiddispjaċih li l-QEA, fir-rapport annwali tagħha għall-2007, sabet li kien hemm diversi nuqqasijiet li diġà kienet saħqet fuqhom fir-rapport annwali tagħha tal-2006, b'mod partikolari:
  - livell għoli ta' carry-overs u kanċellazzjonijiet: kważi 70 % tal-appropriazzjonijiet disponibbli fl-2007 ma ntefqux,
  - l-obbligi legali li kienet daħlet għalihom qabel saru l-impenji tal-baġit,
  - proċeduri ta' reklutaġġ li, skont il-QEA, ma kinux jikkonformaw mar-regoli, b'mod partikolari mal-prinċipju tat-trattament ugwali, billi l-għadd minimu ta' snin ta' esperjenza mitluba għal ċerta pożizzjoni kien differenti minn dawk miftiehma bejn l-aġenziji u l-Kummissjoni;
10. Jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija rigward il-livell għoli ta' trasferimenti li sa ċertu punt kien dovut għall-ammont ta' EUR 7 000 000 li kien ingħata mill-Kummissjoni f'Ġunju 2007 għal operazzjonijiet fuq il-baħar li jkunu jeħtieġu d-disponibilità ta' bastimenti u ajruplani mill-Istati Membri u li huma kumplessi u jieħdu ħafna ħin, u għalhekk l-impenji setgħu isiru biss tard fl-2007;
11. Huwa, madankollu, imħasseb dwar il-livell għoli ta' carry-overs osservati mill-QEA u jitlob lill-Aġenzija biex tindirizza din il-problema, li kienet diġà rrimarkata mill-Qorti fir-rapport tagħha tal-2006; jirrimarka li r-riżerva ta' EUR 19 900 000 miljun mill-baġit tal-Aġenzija tal-2007 kienet rilaxxata biss f'Ġunju 2007; jinnota t-tweġibiet tal-Aġenzija f'dan ir-rigward;
12. Jistieden lill-Aġenzija biex tindirizza l-problemi rikorrenti fis-sistema ta' impenji tagħha kif osservati mill-QEA;
13. Jinsab sodisfatt li l-Aġenzija adottat pjan ta' azzjoni fl-2008 sabiex tindirizza n-nuqqasijiet fis-sistema tal-impenji tagħha; jinnota li l-pjan ta' azzjoni jinkludi fost oħrajn l-iffissar ta' skadenzi għall-Istati Membri biex jibagħtu lill-Aġenzija stimuli baġitarji dwar il-kofinanzjament tagħhom sabiex jiġi stabbilit l-ammont finali tal-għotjiet biex ikunu evitati firem ex-post;

14. Jistieden lill-Aġenzija biex tirrapporta r-riżultati miksuba permezz tal-pjan ta' azzjoni fir-rapport ġenerali tagħha għall-2008;
15. Jikkunsidra li hemm rabta bejn il-forma speċifika ta' koperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Istati Membri, ta' kif l-Istati Membri suppost joffru t-tagħmir lill-Aġenzija għall-operazzjonijiet tagħha, u n-nuqqasijiet li enfasizzat il-QEA b'referenza għall-ippjanar tal-baġit, b'mod partikolari l-istimi tal-ispejjeż, u l-implimentazzjoni tal-baġit, b'mod partikolari t-trasferimenti u l-problema tal-firem ex-post;
16. Ifakkar li l-Parlament, fir-risoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tat-18 ta' Diċembru 2008:
  - (a) appella lill-Aġenzija biex tibgħat rapport lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-użu attwali u d-disponibilità reali tal-materjal mill-Istati Membri, fejn tkun enfasizzata kull diffikultà li tkun ġiet esperjenzata,
  - (b) appella lill-Istati Membri, fl-eventwalità ta' disponibilità insuffiċjenti tar-riżorsi li tippersisti, biex jieħdu deċiżjoni malajr biex ibiddlu sostanzjalment id-daqs tal-baġit tal-Aġenzija biex tkun tista' twettaq il-missjoni tagħha u, jekk jista' jkun, jeżaminaw l-aspetti legali tal-kiri u/jew ix-xiri tal-materjal fil-ġejjieni għal dak l-iskop,
  - (c) fakkar li l-Parlament, bħala parti mill-awtorità tal-baġit, diġà żied il-baġit tal-Aġenzija mill-bidu tagħha u jiżgura li l-baġit tal-Aġenzija jiġi implimentat b'mod korrett u jiġi adattat għat-tibdil fil-funzjonijiet tagħha;
17. Jappella lill-Aġenzija biex ittejjeb il-ġestjoni finanzjarja tagħha, b'mod konformi mal-osservazzjonijiet tal-QEA, u jinnota li fit-tweġibiet li tat lill-QEA l-Aġenzija enfasizzat il-forma speċifika tal-koperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Istati Membri, permezz ta' liema l-Aġenzija tiddependi fuq it-tagħmir li jipprovduha l-Istati Membri għall-operazzjonijiet tagħha;
18. Huwa determinat li jissorvelja mill-qrib l-impatt tal-koperazzjoni tal-Aġenzija mal-Istati Membri fuq il-ġestjoni finanzjarja tagħha fil-ġejjieni;
19. Jiddispijaċih li l-Aġenzija kellha timplimenta proċeduri ta' reklutaġġ li ma kinux konformi għal kollox mad-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal biex tiġbed speċjalisti kwalifikati ħafna;
20. Jinnota li, rigward ir-reklutaġġ, l-Aġenzija mhix taċċetta l-kritika tal-QEA li ma rrispettatx il-prinċipju ta' trattament ugwali peress li l-ammont ta' snin minimi ta' esperjenza professjonali rikjesti għal pożizzjoni partikolari kien differenti minn dak miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-aġenziji; jinnota li l-Aġenzija tikkunsidra li l-prattika tagħha tikkonforma mar-regoli, peress li kellha tattira persunal speċjalizzat ħafna taħt kundizzjonijiet diffiċli; josserva li r-Regolamenti tal-Persunal jistipulaw li l-aġenziji Komunitarji jkollhom jaddottaw id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni (GIP) tagħhom bi ftehim mal-Kummissjoni; jinnota li l-Kummissjoni abbozzat xi deċiżjonijiet mudell għall-GIP; jinnota li l-Kummissjoni għadha ma qablitx mal-abbozz tal-GIP li ressqet l-Aġenzija; jappella lill-Aġenzija, f' konformita' mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, biex tirrispetta strettament il-kriterji ta' reklutaġġ fir-Regolamenti tal-Persunal sabiex tiżgura trattament ugwali rigward is-snin ta' esperjenza professjonali meħtieġa għal xi pożizzjoni partikolari;
21. Jistieden lill-Aġenzija biex ittejjeb il-ġestjoni finanzjarja tagħha, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam maż-żieda fil-baġits tagħha tal-2008 u l-2009;
22. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

(<sup>1</sup>) Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/650/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp ġejjieni tal-Aġenzija Frontex u tas-Sistema Ewropea għas-Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(6)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0166/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 7.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 34.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> Testi adottati, (P6\_TA(2008)0633).

<sup>(5)</sup> ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

---

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/651/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jstabilixxi Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0170/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 48.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 122.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jstabilixxi Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0170/2009),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA) ddikjarat li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. billi fit-22 ta' April 2008 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006, u, *inter alia*, innota l-osservazzjoni tal-QEA, fir-rapport annwali tagħha tal-2006 <sup>(6)</sup>, li kważi 45 % tal-impenji li saru matul is-sena kienu ttrasferiti, u li matul it-tieni nofs tal-2006, saru bosta trasferimenti, dovuti primarjament għal stimi impreċiżi ta' hteġa ta' persunal, mingħajr ma ġie infurmat il-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru fil-ħin,
1. Jinnota li l-baġit taċ-Ċentru żdied minn EUR 17 100 000 fl-2006 għal EUR 28 900 000 fl-2007;
  2. Jikkunsidra li ċ-Ċentru huwa istituzzjoni importanti għat-tisħiħ u l-iżvilupp tas-sorveljanza Ewropea tal-mard u għall-evalwazzjoni u l-komunikazzjoni dwar theddid attwali u emerġenti għas-saħħa tal-bniedem mill-mard li jittieħed;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 48.<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 122.<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 126.



3. Jinnota b'sodisfazzjon li fl-2007 iċ-Ċentru kien kapaċi jiżviluppa numru konsiderevoli ta' prodotti u servizzi fl-epidemjoloġija, is-sorveljanza u l-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed, kif ukoll jippubblika varjetà ta' rapporti xjentifiċi;
4. Jinnota li, fl-2006, ir-rata ta' trasferimenti kienet ta' kważi 45 %, u li ma sar l-ebda titjib sinifikanti fl-2007, meta din ir-rata kienet qrib it-43 %, u dan il-fatt juri li iċ-Ċentru kellu diffikultajiet biex jimplimenta l-baġit tiegħu;
5. Jinnota, barra minn hekk, li l-osservazzjoni tal-QEA li l-livell ta' emendi tal-baġit juri nuqqasijiet fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit;
6. Jinsab imħasseb dwar is-sejba tal-QEA li din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipji tal-annwalità u tal-ispeċifikazzjoni;
7. Jinnota l-osservazzjoni tal-QEA li, minkejja li l-programm ta' ħidma taċ-Ċentru għall-2007 kien ibbażat fuq l-attivitajiet, l-emendi għall-baġit ma kienux akkumpanjati minn evalwazzjoni tal-impatt tagħhom fuq il-programm ta' ħidma u l-kisba tal-oġettivi;
8. Jinsab sodisfatt bir-risposta taċ-Ċentru li sa mill-2008, dan kien qed jaġġorna l-programm ta' ħidma tiegħu fil-każ ta' emendi għall-baġit;
9. Jinnota l-kritika tal-QEA dwar l-affidabilità limitata tal-inventarju bbażat fuq spreadsheet;
10. Jinsab sodisfatt li sadanittant iċ-Ċentru implimenta sistema ġdida ta' inventarju tal-assi, li se tintuża għall-għeluq tal-kontijiet tal-2008;
11. Jinsab imħasseb dwar l-osservazzjoni tal-QEA li iċ-Ċentru nefaq EUR 500 000 fuq xogħol ta' rinovazzjoni tal-bini mikri, u li, bħal fl-2006, id-deċiżjoni li jsiru dawn ix-xogħlijiet saret bi ftehim dirett bejn iċ-Ċentru u l-proprietarju mingħajr ma ġiet speċifikata n-natura tax-xogħol, l-iskadenzi u l-kundizzjonijiet tal-ħlas; jinnota li, skont il-QEA, din il-prattika mhix konformi mar-regolament finanzjarju u tmur kontra l-prinċipju tal-ekonomija;
12. Jitlob liċ-Ċentru sabiex b'mod urġenti jaġġusta l-prattiki tiegħu mar-regolament finanzjarju u mal-prinċipju tal-ekonomija, u sabiex jagħti rapport tas-segwitu tal-osservazzjonijiet tal-QEA fir-rapport tiegħu tal-2008 dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja;
13. Jinnota l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' reklutaġġ taċ-Ċentru, iżda jenfasizza li jridu jsiru aktar sforzi biex tintlaħaq il-kwota sħiħa ta' impjegati;

#### **Segwitu għall-eżerċizzji ta' kwittanza preċedenti**

14. Jinnota li, bħal fl-2006, il-QEA sabet punti ta' dgħujfija fl-implimentazzjoni tal-baġit, b'mod partikulari livell għol ta' trasferimenti ta' approprjazzjonijiet;
15. Jitlob liċ-Ċentru biex isegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA, b'mod partikolari rigward l-implimentazzjoni tal-baġit, u biex jirrapporta dwar l-azzjoni meħuda u r-risultati miksuba fir-rapport annwali tiegħu tal-2008;
16. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/652/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jstabilixxi Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0170/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 48.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 122.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/653/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' December 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 15 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-23 ta' December 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0175/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur taċ-Ċentru Ewropew għal Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

(1) ĠU C 278, 31.10.2008, p. 67.

(2) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 164.

(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(4) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1.

(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' December 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0175/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (QEA) ddikjarat li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. billi fit-22 ta' April 2008, il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza, innota *inter alia* mill-programmi ta' ħidma taċ-Ċentru għall-2007 u għall-perjodu 2007-2009, l-għanijiet strateġiċi li ġejjin:
- l-iżvilupp ta' kontroll ex post tat-tranżazzjonijiet finanzjarji;
  - l-iżvilupp ta' kapaċità interna dwar evalwazzjoni tar-riskji u ta' verifika interna;
  - l-iżvilupp ta' mezzi u proċeduri għat-tmexxija ta' riżorsi integrati u l-promozzjoni ta' sinerġiji esterni, partikolarment mal-Aġenzija tas-Sigurtà Marittima Ewropea (EMSA), ibbażata wkoll f'Liżbona;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 67.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 164.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 134.

- l-implimentazzjoni ta' politika aktar strutturata u effettiva għar-riżorsi umani;
  - it-tkomplija b'suċċess tat-trasferiment għall-kwartieri l-ġodda f'Liżbona.
1. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-linja baġitarja għall-operazzjonijiet tal-IT żdiedet b'aktar minn 80 % fil-baġit finali kif adottat f'Ottubru tal-2007 meta mqabbel mal-baġit inizjali għall-2007 adottat f'Diċembru tal-2006;
  2. Jinnota l-ispjegazzjoni taċ-Ċentru li l-bżonnijiet addizzjonali għat-tagħmir tal-IT saru magħrufa biss fit-tielet kwart tal-2007 meta ġiet iffissata l-iskeda biex iċ-Ċentru jiġi ttraferit fil-bini l-ġdid tiegħu u meta ġew stabbiliti l-bżonnijiet tekniċi;
  3. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabet li hemm nuqqas ta' qbil bejn iċ-Ċentru u n-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja tan-Norveġja fil-ħidma taċ-Ċentru, minħabba r-raġuni li hemm differenza fil-formula stipulata fil-ftehim oriġinali ffirmat, li hija applikata miċ-Ċentru u l-ftehim kif ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali, li hija applikata min-Norveġja; jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri osservat illi minħabba l-formoli differenti li qed jintużaw, il-kalkolazzjoni taċ-Ċentru fir-rigward tal-kontribuzzjoni hija madwar EUR 80 000 ogħla mill-kalkolazzjoni tan-Norveġja;
  4. Huwa sodisfatt bl-informazzjoni pprovduta miċ-Ċentru lir-rapporteur, li minn dak iż-żmien intlaħaq kompromess, fejn in-Norveġja għamlet pagament ta' darba ta' EUR 34 230 u aċċettat li jitneħħa l-bilanċ pożittiv eżistenti tal-kontribuzzjoni tagħha liċ-Ċentru li jikkorrispondi għall-ammont li jifdal tad-differenza msemmija hawn fuq mill-eżerċizzju tal-2007; barra minn hekk, fl-2008 se jiġi applikat il-metodu ta' kalkolazzjoni taċ-Ċentru filwaqt li l-metodu ta' kalkolazzjoni tan-Norveġja se jiġi applikat mill-2009 'l quddiem;
  5. Jinnota li d-Direttur taċ-Ċentru ħa l-kariga ta' koordinatur tan-netwerk tal-aġenziji fl-1 ta' Marzu 2008 sat-28 ta' Frar 2009;

#### **Segwitu tal-eżerċizzji preċedenti ta' kwittanza**

6. Jinnota, mir-rapport ta' attività annwali taċ-Ċentru għall-2007, li ċ-Ċentru waqqaf proċeduri u għodda għal kontrolli regolari superviżorji u *ex-post* u kompla jiżviluppa iktar l-immaniġġjar tar-riżorsi umani, b'mod partikulari permezz tat-twaqqif ta' portal għar-riżorsi umani fuq l-intranet tiegħu, li jinkludi informazzjoni dwar il-proċessi u r-regoli applikabbli;
7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li ċ-Ċentru jikkoopera mill-qrib mal-EMSA, li hija bbażata wkoll f'Liżbona, sabiex jaqsmu l-bini ma xulxin u jużaw l-infrastruttura u s-servizzi b'mod konġunt; jinnota li t-trasferiment taċ-Ċentru għall-bini l-ġdid huwa skedat għall-ewwel kwart tal-2009;
8. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

(1) Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/654/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' December 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0175/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

(1) ĠU C 278, 31.10.2008, p. 67.

(2) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 164.

(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(4) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1.

(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/655/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0177/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u li jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 45.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 130.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.



## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0177/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (QEA) ddikjarat li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. billi fit-22 ta' April 2008, il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u li fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza *inter alia* ġibdet l-attenzjoni għall-osservazzjonijiet tal-QEA dwar il-proporzjon għoli ta' carry-overs u kanċellazzjonijiet, in-nuqqas ta' proċedura ta' inventarju xierqa għall-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-kapitalizzazzjoni tal-assi, dokumentazzjoni mhux kompluta ta' proċessi ta' kontroll intern u problemi rigward proċedura ta' akkwist waħda,
1. Jifraħ lill-Ċentru għall-fatt li, b'differenza minn snin preċedenti, irċieva dikjarazzjoni pożittiva ta' assigurazzjoni mill-QEA rigward is-sena finanzjarja 2007, mhux biss fir-rigward tal-kontijiet, imma wkoll fir-rigward tat-tranżazzjonijiet li dawn huma bbażati fuqhom;
  2. Jinnota l-osservazzjoni tal-QEA li l-oġġettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni sikwit ma kinux jistgħu jitkejlu, għalkemm il-programm ta' ħidma taċ-Ċentru għall-2007 kellu lista ta' oġġettivi speċifiċi għal kull attività u ta deskrizzjoni dettaljata tar-riżultati li kellhom jintlaħqu; jaqbel mal-QEA li għalhekk hija diffiċli l-evalwazzjoni tas-suċċessi;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 45.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 130.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 109.

3. Jinnota li ċ-Ċentru qed jaħdem fuq formulazzjoni aktar preċiża ta' objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni, u li introduċa l-ibbaġitjar skont l-attività għas-sena finanzjarja 2008;
4. Jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-QEA li ċ-Ċentru għandu jiddefinixxi objettivi preċiżi u, fl-ipprogrammar tiegħu, jistabbilixxi rabtiet ċari bejn l-obiettivi u r-riżorsi baġitarji meħtieġa għall-kisba tagħhom;
5. Jistenna li ċ-Ċentru jirrapporta dwar l-azzjoni ta' segwitu speċifika li jkun ħa rigward ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA fir-rapport ta' attività tiegħu għall-2008;
6. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/656/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0177/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 45.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 130.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/657/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-twegġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jwaqqaf Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 14 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0178/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 42.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 116.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jwaqqaf Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0178/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (QEA) stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min wieħed joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom huma legali u regolari,
- B. billi fit-22 ta' April 2008 l-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li inter alia takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza,
- innota l-osservazzjoni tal-QEA fir-rapport tagħha tal-2006 li l-bilanċ favorevoli tal-baġit akkumulat għall-2006 kien ta' EUR 16 900 000 u li, fl-2007, iċ-Ċentru kien se jagħti lura EUR 9 300 000 lill-klijenti tiegħu; qabel mal-QEA li akkumulazzjoni ta' bilanċi favorevoli bħal din tissuġġerixxi li l-metodu għall-għoti ta' prezz lit-traduzzjonijiet tiegħu ma kienx preċiż biżżejjed,
  - esprima t-tama li dalwaqt tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għall-pensjoni minn min iħaddem,
1. Jinnota l-osservazzjoni tal-QEA li l-verifika tagħha tal-proċeduri ta' akkwist uriet li l-evalwazzjoni tal-kriterji tal-għoti ma kinitx iddokumentata kif jixraq, peress li ma kienx hemm analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji tal-alternattivi differenti proposti biex ikunu ġġustifikati l-għażliet finali;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 42.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 116.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 118.

2. Jinnota li l-QEA qieset li f'waħda minn kull sitt proċeduri ta' reklutaġġ li ġew ivverifikati t-trasparenza tal-proċedura ma kinitx żgurata, peress li sabet anomaliji fid-dokumentazzjoni ta' waħda minn kull sitt proċeduri li ġew ivverifikati;
3. Jinnota r-rieda taċ-Ċentru li jkompli jsegwi l-problemi misjuba mill-QEA fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist u ta' reklutaġġ u li jadatta l-proċeduri tiegħu kif ikun meħtieġ;
4. Jistenna liċ-Ċentru jirrapporta dwar l-azzjoni ta' segwitu li tkun ittieħdet u dwar ir-riżultati miksuba fir-rapport tal-attività tiegħu tal-2008;

#### **Segwitu għall-eżerċizzji ta' kwittanza preċedenti**

5. Jinnota li, fl-2007, iċ-Ċentru rimborsa EUR 9 300 000 lill-klijenti tiegħu mir-riżultat tal-baġit ittrasferit minn snin finanzjarji preċedenti;
6. Ma jistax jaċċetta l-fatt li, għalkemm din il-kwistjoni kienet enfasizzata fir-riżoluzzjonijiet dwar il-kwittanza għal ħafna snin, soluzzjoni rigward il-konflitt bejn iċ-Ċentru u l-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda s-sehem li min iħaddem għandu jħallas mill-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni għall-persunal għadha ma nstabitx;
7. Jinnota li iċ-Ċentru stabbilixxa riżerva biex ikopri l-eventwalità ta' dan il-ħlas u li għall-2007 din ir-riżerva hija ta' EUR 2 228 928;
8. Jinsisti li l-Kummissjoni u iċ-Ċentru jagħmlu hilitom biex jirrisolvu malajr it-tilwima dwar il-kontribuzzjonijiet għall-pensjoni tal-persunal; jitlob liċ-Ċentru biex jgħarraf lill-awtorità tal-kwittanza bir-riżultat tan-negozjati;
9. Għal osservazzjonijiet oħra li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali jir-referi għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

(<sup>1</sup>) Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/658/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jwaqqaf Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 14 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0178/2009),
1. Jinnota li l-ammonti annwali finali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 42.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 116.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.



**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/659/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari, l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 li jstabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0157/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-Riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 63.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 149.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari, l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0157/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (QEA) ddikjarat li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. billi fit-22 ta' April 2008 l-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza esprima *inter alia* s-sorpriża tiegħu li r-rapport tal-QEA ma għam-mel l-ebda referenza għall-fatt li d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur (annessa mar-rapport annwali tal-attività) kienet saret suġġetta għal riservi rigward l-inċertezza politika f'pajjiżi sħab, il-ġestjoni finanzjarja tal-konvenzjoni Tempus u l-implikazzjonijiet possibbli soċjali, ta' reputazzjoni, legali u finanzjarji tal-ghajjnuna teknika ta' Tempus fil-Fondazzjoni,
1. Jinnota s-sejbiet tal-QEA li fil-baġit ta' emenda, l-ammont tad-dħul assenjat kien iddikjarat b'mod inkorrett; kellu jkun ta' EUR 1 200 000 minflok l-ammont li deher ta' EUR 3 400 000, li inkluda dħul assenjat ittrasferit mis-sena ta' qabel;
  2. Jinnota l-wegħda tal-Fondazzjoni li l-prattiki tagħha fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-baġit tkompli għibhom aktar konformi mar-rekwiżiti regolatorji;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 63.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 149.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 101.

3. Jinnota li, fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (annessa mar-rapport annwali tal-attività), id-Direttur isostni r-riservi li saru s-sena l-oħra rigward l-inċertezza politika f'pajjiżi sħab, il-ġestjoni finanzjarja ta' parti mill-konvenzjoni Tempus u l-implikazzjonijiet possibbli soċjali, ta' reputazzjoni, legali u finanzjarji tar-ripatrijazzjoni tal-ġhajjnuna teknika Tempus mill-Fondazzjoni;
4. Jistieden lill-QEA biex teżamina u tikkummenta dwar ir-riservi tad-Direttur fir-rapport ta' verifika li hierg dalwaqt dwar il-Fondazzjoni;
5. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/660/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari, l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 li jstabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0157/2009),
1. Jinnota li l-ammonti annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 63.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 149.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Network u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/661/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jwaqqaf Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Network u l-Infurmazzjoni <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0158/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni kif ukoll ir-risoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 23.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Network u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jwaqqaf Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0158/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (QEA) ddikjarat li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. peress li fit-22 ta' April 2008 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>,
1. Jinnota li r-Regolament (KE) Nru 1007/2008 <sup>(7)</sup> estenda l-mandat oriġinarju tal-Aġenzija ta' ħames snin, li kellu jiskadi fit-13 ta' Marzu 2009, bi tliet snin oħra sat-13 ta' Marzu 2012;
  2. Jinnota li l-kritika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-implimentazzjoni tal-attivitajiet operattivi kienet ikkonċentrata fl-aħħar kwart tal-2007, b'madwar 40 % tal-impenji u aktar minn 50 % tal-ħlasijiet marbutin mal-attivitajiet operattivi jiġi effettwati f'Novembru u Diċembru 2007;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 23.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 217.

<sup>(7)</sup> ĠU L 293, 31.10.2008, p. 1.

3. Jinnota li, skont il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, dan seħħ minħabba li l-fondi ġew allokat i tard; jinnota l-osservazzjoni ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li għall-aġenziji ż-żgħar b'riżorsi limitati, l-allokazzjoni ta' fondi fl-aħħar tas-sena jipperikola l-implimentazzjoni tal-attivitajiet operattivi;
4. Jinnota li ferba' każijiet, ta' valur totali ta' EUR 121 500, l-appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti ma kinux jikkorrispondu mal-impenji legali;
5. Mhuwiex sodisfatt mit-tweġiba tal-Aġenzija li f'xi każijiet l-appropriazzjonijiet mgħoddija 'l quddiem kienu kkalkulati b'ċerta ammont ta' approssimazzjoni; jistieden lill-Aġenzija tikkonforma mar-Regolament Finanzjarju fir-rigward ta' trasferimenti għas-sena finanzjarja ta' wara;
6. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rigward tal-inventarju, jiġifieri li l-assi fissi kienu ġestiti permezz ta' spreadsheet mingħajr l-ebda garanzija għall-integrità tad-data, filwaqt li ma sar l-ebda inventarju fiżiku eżawrjenti;
7. Jinnota l-ispeġja tal-Aġenzija li minħabba f'għadd limitat ta' oġġetti l-inventarju amministrattiv huwa ġestit bi spreadsheets filwaqt li l-assi fissi huma ġestiti b'softwer tal-kontabilità; jinnota li l-Aġenzija għandha l-ħsieb tapplika l-*Accrual Based Accounting* (ABAC) fir-rigward tal-assi fl-2009;
8. Jinsab imħasseb li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabet punti ta' dgħjufija fil-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti, b'mod partikolari:
  - l-għażla minn qabel tal-offerti li mhix ġustifikata,
  - id-dokumenti ta' evalwazzjoni li ma kinux iffirmati mill-kumitat tal-evalwazzjoni,
  - il-fajls li ma kinux strutturati u kienu inkompleti;
9. Jinnota li l-Aġenzija tagħraf in-nuqqasijiet, u wegħdet miżuri li jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet, l-aktar billi jiġi ingaġġat uffiċjal li għandu esperjenza fl-għoti tal-kuntratti;
10. Jitlob li l-Aġenzija, fir-rapport annwali tal-attivitajiet tagħha tal-2008 tagħmel referenza għall-miżuri meħuda sabiex tirrimedja dawn in-nuqqasijiet fir-rigward tal-għoti tal-kuntratti;
11. Jinnota mir-rapport tal-attività annwali tal-Aġenzija u r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja li hi kienet fost l-ewwel aġenziji li talbu l-appoġġ tal-Kummissjoni biex taqleb is-sistemi IT tal-finanzi tagħha għall-ABAC; jiddispjaċih li l-Kummissjoni, minħabba l-proċess tqil u l-ammont ta' talbiet fl-istess waqt ta' ħafna aġenziji oħrajn, ma kinix f'qagħda li tieħu ħsieb it-talba tal-Aġenzija fi żmien xieraq;
12. Jilqa' l-fatt li t-tħejjiet għall-migrazzjoni għall-ABAC bdew, u li l-Aġenzija qed tippjana li tħejji r-rendikonti finanzjarji tagħha għall-2009 billi tuża l-ABAC;
13. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

(<sup>1</sup>) Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.



**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Network u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/662/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jwaqqaf Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0158/2009),
1. Jinnotta li l-ammonti annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni huma kif annessi mar-rapporti tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 23.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/663/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/JHA tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u li tħassar id-Deċiżjoni 2000/820/JHA <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0160/2009),
1. Jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u sabiex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 51.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 136.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6–0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/JHA tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u li tħassar id-Deċiżjoni 2000/820/JHA <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0160/2009),
- A. billi l-Kulleġġ twaqqaf fl-2001 u nbidel f'korp Komunitarju fit-tifsira tal-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju Ġenerali, li għalih japplika r-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-Aġenziji, b'effett mill-1 ta' Jannar 2006;
- B. Billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2006, ikkwalifikat l-opinjoni tagħha rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi fuq il-bażi li s-sistema tal-akkwist ma kinitx tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju;
- C. billi fit-22 ta' April 2008 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur tal-Kulleġġ rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u fir-riżoluzzjoni tiegħu flimkien mad-deċiżjoni ta' kwittanza, *inter alia*:
- iddispjaci li l-konklużjoni tal-Qorti li fl-2006 l-Kulleġġ ma stabbilixxietx is-sistemi u l-proċeduri meħtieġa li jagħmluha possibbli li jkun jista' jitħejja rapport finanzjarju f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju ta' qafas applikabbli għall-Aġenziji;
  - stieden lill-Kulleġġ biex jadotta regoli implimentattivi dettaljati, inklużi dawk li jiżguraw it-trasparenza tal-proċeduri tal-akkwisti tiegħu, skont ir-Regolament Finanzjarju;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 51.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 136.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 243.

- stieden lill-Kulleġġ sabiex jiżgura mingħajr dewmien, u mhux aktar tard minn Ġunju 2008, li l-ġestjoni finanzjarja tiegħu tosserva b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju;
  - talab lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ;
- D. billi l-QEA, fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet finali tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2007, ikkwalfikat id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha rigward l-affidabilità tal-kontijiet u rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi;
1. Josserva li, għalkemm id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA għall-2006 ma kinitx ikkwalfikata rigward il-kontijiet u kienet ikkwalfikata rigward it-tranżazzjonijiet bażiċi, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-2007 hija kkwalfikata rigward kemm il-kontijiet kif ukoll it-tranżazzjonijiet bażiċi;
  2. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kulleġġ jikkonforma b'mod strett mar-Regolament Finanzjarju u l-leġiżlazzjoni tal-KE dwar l-akkwist pubbliku kif ukoll li jtejjeb l-immaniġġjar finanzjarju tiegħu, billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, għat-tieni sena wara l-oħra, kellha preokkupazzjonijiet simili/identiċi;
  3. Jitlob lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ;
  4. Jinsab imħasseb sew li l-QEA identifikat każijiet fejn l-appropriazzjonijiet intużaw biex jiffinanzjaw l-infiq privat tal-persunal tal-Kulleġġ; jinnota s-sentenza tal-QEA li l-użu privat ta' fondi pubbliċi hu materjali fin-natura tiegħu;
  5. Jenfasizza r-rakkomandazzjoni tal-QEA li għandhom jittieħdu passi biex jiżguraw li jkun hemm ir-rimborż sħiħ ta' dawn il-fondi;
  6. Hu mħasseb bis-sitwazzjoni fejn il-kumitat responsabbli tiegħu rċieva tagħrif mhux sħiħ dwar l-użu privat ta' fondi pubbliċi skopert mill-QEA, bil-fatt li min-naħa tal-Kulleġġ ma ntlaħqitx id-data ta' skadenza ta' Ġunju 2008 stabbilita fir-risoluzzjoni ta' kwittanza tal-2006 biex il-ġestjoni finanzjarja tiegħu tkun konformi mar-Regolament Finanzjarju, kif ukoll ksur regolari ta' regoli finanzjarji bażiċi;
  7. Jinnota li l-Kulleġġ kiser il-prinċipju tal-unità u tal-preċiżjoni tal-baġit billi naqas milli jirreġistra EUR 1 500 000 li rċieva mill-Kummissjoni fl-2007 sabiex jimplementa sew il-MEDA;
  8. Jinsab imħasseb dwar id-dgħufija fil-ġestjoni tal-baġit li skopriet il-QEA; jinnota li ntużaw biss EUR 5 600 000 mill-appropriazzjonijiet tal-impenji filwaqt li EUR 1 700 000 ġew trasferiti għas-sena ta' wara; jinnota li 20 % tal-appropriazzjonijiet li ġew trasferiti mis-snin ta' qabel ġew ikkanċellati;
  9. Jinnota li sa Novembru 2007 l-Kulleġġ kien għad ma kellux sistema ta' kontabilità xierqa għall-impenji u dan ikkawża problemi serji fil-ġestjoni tal-baġit, pereżempju, bil-ħolqien ta' linji baġitarji ġodda ex nihilo;
  10. Jinnota li sistema għall-impenji bbażata fuq il-karti daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2008 u l-ABAC (Accrual Based Accounting) ġiet implimentata f'Ġunju 2008;
  11. Jinnota li l-QEA ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti ċifri dettaljati dwar l-ammonti u t-tipi ta' nfiq rigward l-użu privat ta' fondi pubbliċi mill-persunal tal-Kulleġġ; jinnota li t-tagħrif mogħti mill-Kulleġġ wara talba tal-Parlament kien jikkonċerna l-użu ta' mobajls, l-użu tal-karozzi tal-unità, l-akkwist ta' għamara għall-akkomodazzjoni tal-persunal u servizzi shuttle b'xejn għall-membri tal-persunal lejn l-ajruporti u l-istazzjonijiet tal-ferrovija; jinnota li, skont il-Kulleġġ, l-ammonti u s-sitwazzjoni tal-irkupru huma kif ġej:
    - użu ta' mobajls mill-persunal: GBP 3 405 għall-perjodu April - Diċembru 2007, l-ispejjeż kollha rkuprati,

- użu tal-karozzi tal-unità mill-persunal: GBP 1 157 għall-perjodu Lulju - Diċembru 2007, l-ispejjeż kollha rkuprati; il-karozzi issa nbiegħu,
  - għamara: GBP 6 625 għall-għamara mixtrija fl-2007; l-għamara issa nbiegħet,
  - servizz ta' *shuttle* b'xejn għall-persunal lejn l-ajruporti u l-istazzjonijiet tal-ferrovija: GBP 9 508 l-ispiża identifikata għall-2007; il-proċess ta' rkupru nbeda;
12. Mhuwiex lest jaċċetta li l-Kulleġġ ma jgħaddix taġġir sħiħ, b'mod partikulari billi lanqas biss ikopri s-sena 2007 sħiħa jew l-ammonti tal-bejgħ tal-karozzi tal-unità u l-għamara;
13. Jenfasizza li, bħal fl-2006, minkejja l-fatt li n-nuqqas ta' rappurtaġġ finanzjarju kien ikkritikat fir-rapport annwali tal-QEA u fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2006, il-Kulleġġ għal darb'oħra naqas li jagħmel rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-2007, u dan imur kontra r-Regolament Finanzjarju tiegħu stess;
14. Jinsab imħasseb li, għalkemm dan diġà kien enfasizzat fir-rapport annwali tal-QEA u fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2006, il-Kulleġġ adotta:
- ir-regoli għall-implimentazzjoni tar-regolament finanzjarju biss fi Frar 2008,
  - il-linji gwida interni għall-akkwisti f'Settembru 2008, skont it-tweġibiet tiegħu lill-QEA, u f'Ottubru 2008, skont it-tweġibiet tiegħu lir-rapporteur,
- jiġifieri, aktar minn sentejn wara li sar aġenzija u wara li beda japplika r-regolament finanzjarju;
15. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Kulleġġ adotta r-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju tiegħu fl-2008, li għandu xi derogi mir-regolament finanzjarju ta' qafas, l-aktar mir-regoli dwar il-proċeduri tal-akkwist, mingħajr il-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni;
16. Josserva li, kontra r-regolament finanzjarju tiegħu stess, il-Kulleġġ ma baġhatx rapport lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni għall-2007;

#### **L-investigazzjoni tal-OLAF għadha għaddejjja**

17. Jinnota li l-OLAF fetħet investigazzjoni interna rigward il-Kulleġġ;
18. Jistieden lill-Kulleġġ, u lid-Direttur b'mod partikulari, biex jikkoperaw bis-sħiħ mal-OLAF u biex jagħtu l-assistenza kollha meħtieġa sabiex l-aġenti tal-OLAF ikunu jistgħu jaqdu dmirhom;
19. Jistieden lill-Kulleġġ, lill-OLAF u lill-Kummissjoni biex jinfurmaw lill-awtorità ta' kwittanza bir-riżultati tal-investigazzjoni tal-OLAF bla dewmien hekk kif ikunu disponibbli.
20. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

(1) Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/664/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/JHA tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u li tħassar id-Deċiżjoni 2000/820/JHA <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0160/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u sabiex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President  
Hans-Gert PÖTTERING

Is-Segretarju Ġenerali  
Klaus WELLE

(1) ĠU C 278, 31.10.2008, p. 51.

(2) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 136.

(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(4) ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/665/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS <sup>(1)</sup> għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Awtorità <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6–0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(6)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0164/2009),
1. Jagħti lid-direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

(1) GNSS: Sistema ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita.

(2) ĠU C 278, 31.10.2008, p. 38.

(3) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 107.

(4) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(5) ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.

(6) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.



**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009**

**li tinkludi osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS <sup>(1)</sup> għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Awtorità <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 12 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(6)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0164/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (QEA) ddikjarat li ma ksetgħatx tiffirma opinjoni dwar il-kontijiet tal-Awtorità Superviżorja Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2007 u rrimarkat li l-arkitektura kollha tal-proġett Galileo kienet qed tiġi riveduta fl-2007 u li l-kontijiet tal-Awtorità tħejjew f'ambjent legali fraġli,
- B. billi, fl-istess waqt, il-QEA stqarret li t-tranżazzjonijiet relatati huma legali u regolari,
- C. billi l-Awtorità saret awtonoma fuq livell finanzjarju fl-2006,
- D. billi l-QEA, fir-rapport tagħha dwar il-konijiet annwali tal-Awtorità għall-2006, ħarġet stqarrija pożittiva ta' assigurazzjoni,
- E. billi fit-22 ta' April 2008 l-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur tal-Awtorità Superviżorja Ewropea GNSS fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(7)</sup>,

<sup>(1)</sup> GNSS: Sistema ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita.

<sup>(2)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 38.

<sup>(3)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 107.

<sup>(4)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(7)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 262.

1. Jinnota mir-rapport annwali tal-QEA li l-baġit definittiv tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2007 kien ta' EUR 436 500 000, meta mqabbel ma' EUR 7 000 000 fl-2006; josserva li l-baġit tal-2007 kien prinċipalment iffinanzjat minn sussidji tal-Kummissjoni (sussidju għall-operat ta' EUR 7 600 000 u fondi operattivi ta' EUR 194 500 000), it-trasferimenti mill-Impriża Konġunta Galileo u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi;
2. Jinnota l-osservazzjoni tal-QEA li l-appropriazzjonijiet attwalment disponibbli għall-Awtorità (EUR 210 000 000) kienu sostanzjalment aktar baxxi, minħabba dewmien imġarrba fil-programm Galileo;

#### **Stqarrija ta' assigurazzjoni mhux kompluta rigward il-kontijiet**

3. Jiddispiacih li l-QEA ma kenitx f'pożizzjoni li tiffirma opinjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet annwali tal-Awtorità għall-2007; jinnota l-ispjegazzjoni tal-QEA li l-kontijiet annwali għall-2007 ġew stabbiliti, u l-QEA wettqet il-verifika tagħha, meta l-proġett Galileo u l-irwol tal-Awtorità kienu taħt reviżjoni u l-qafas legali ġdid xorta ma kienx komplut, b'mod partikulari rigward il-ġestjoni tal-fondi tal-proġett u s-sjieda tal-assi tiegħu;
4. Jinnota li, sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 <sup>(1)</sup> daħal fis-seħħ; jinnota li skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni hija l-manijer tal-programmi Galileo u EGNOS <sup>(2)</sup> u l-Komunità hija s-sid tal-assi kollha tanġibbli u intanġibbli, maħluqa jew żviluppata taħt il-programmi;
5. Jinnota li l-Awtorità se tistabilixxi l-kontijiet annwali tagħha għall-2008 taħt il-qafas legali l-ġdid;
6. Jistieden lill-QEA biex, fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għall-2008, tevalwa kemm l-inċertezzi rigward il-kontijiet ġew rimedjati;

#### **Implimentazzjoni tal-baġit**

7. Jinsab imħasseb li l-QEA sabet dawn il-punti tad-dgħjufija fl-implimentazzjoni tal-baġit: livell ta' konsum baxx ta' impenn u appropriazzjonijiet ta' ħlas għal attivitajiet operattivi (63 % għall-impenji u 51 % għall-ħlasijiet); assenza ta' rabta ċara bejn il-programm ta' ħidma tal-Awtorità u l-baġit; trasferimenti la ġġustifikati u lanqas dokumentati; prenotazzjoni tard ripetuta ta' ordnijiet ta' rkupru; preżentazzjoni inkonsistenti tal-implimentazzjoni tal-baġit;
8. Jirrikonoxxi li l-Awtorità wettqet numru kbir ta' trasferimenti minħabba sitwazzjoni baġitarja eċċezzjonali, b'riżerva ta' 50 % fuq il-baġit operattiv;
9. Jistieden lill-Awtorità biex tirrapporta dwar l-azzjoni meħuda wara l-osservazzjonijiet tal-QEA fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit, u dwar ir-riżultati miksuba, fir-rapport tiegħu dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-2008;

#### **Inċertezzi rigward l-assi tal-proġetti Galileo u EGNOS**

10. Josserva l-kritika tal-QEA, fir-rigward tal-assi tal-proġett Galileo, li l-Awtorità ma kenitx kapaċi tippovdi biżżejjed informazzjoni fil-kontijiet tagħha, peress li l-ebda lista tal-assi miżmuma mill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) ma kienet ġiet stabbilita sal-aħħar tal-2007;
11. Jinnota t-tweġiba tal-Awtorità lill-QEA li dawn l-assi kienu kkontrollati mill-ESA, mhux mill-Awtorità, fil-31 ta' Diċembru 2007;
12. Josserva l-kritika tal-QEA, fir-rigward tal-assi tal-proġett EGNOS, li l-ebda inventarju preċiż ta' dawn l-assi ma kien disponibbli u li ma kien hemm ebda indikazzjoni tal-valur tagħhom fil-kontijiet tal-Awtorità;

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

<sup>(2)</sup> Sistema Overlay tan-Navigazzjoni Ġeostazzjonarja Ewropea.

13. Jinnota t-tweġiba tal-Awtorità li l-assi tal-proġett EGNOS fil-31 Diċembru 2007 kienu għadhom taħt il-kontroll tal-ESA; jinnota wkoll mir-risposti tal-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità lill-Parlament li sar progress sostanzjali fl-2008, billi l-investituri EGNOS ftiehm u dwar il-kondizzjonijiet tat-trasferiment tal-assi;
14. Jinnota li, skont ir-Regolament (KE) Nru 683/2008, il-Komunità hija s-sid tal-assi tal-proġetti Galileo u EGNOS; jinnota li l-proċess ta' trasferiment ta' dawn l-assi mill-Awtorità lill-Kummissjoni, li teżerċita l-pussess fisem il-Komunità, beda f'Diċembru 2008;
15. Jistieden lill-Awtorità li tagħmel l-almu tagħha sabiex tiċċara s-sitwazzjoni rigward l-assi tal-proġetti Galileo u EGNOS fil-kontijiet annwali tagħha għall-2008;
16. Jistieden lill-Kummissjoni, li bħalissa qed jiġu trasferiti għaliha l-proġetti Galileo u EGNOS, biex tikkunsidra l-osservazzjonijiet tal-QEA u tiżgura li dawn l-assi huma rreġistrati kif xieraq fil-kontijiet;
17. Jinnota l-osservazzjoni tal-QEA li l-ispejjeż tal-fażi tal-validazzjoni fl-orbita tal-proġett Galileo għandhom jinqasmu ugwalment bejn l-ESA u l-UE, u li, madankollu, l-kontribut tal-UE qabeż dak tal-ESA b'xi EUR 114 000 000; jinnota li, skont l-QEA, dan il-pre-finanzjament kellu jintwera fil-kontijiet tal-Awtorità;
18. Jinnota li l-Awtorità ma qablitx mal-QEA u rikonoxxiet biss pagamenti bil-quddiem ta' EUR 53 200 000;

#### **L-irwol tal-Awtorità fl-istralċ tal-Intrapriża Konġunta Galileo (GJU)**

19. Ifakkar li l-Awtorità ħadet fidejha l-attivitajiet u l-assi kollha mill-Intrapriża Konġunta Galileo (GJU) b'effett mill-1 ta' Jannar 2007;
20. Huwa mħasseb dwar ir-rimarki kritiċi tal-QEA dwar kif ċerti assi ġew trasferiti mill-GJU lill-Awtorità u rreġistrati fil-kontijiet tal-Awtorità;
21. Jinnota li l-Awtorità wiegħbet b'ħafna dettall lill-QEA u ma qablitx ma' ħafna mill-osservazzjonijiet tal-QEA;
22. Huwa tal-fehma li l-istralċ tal-GJU, inkluż l-irwol tal-Awtorità, għandu jiġi eżaminat bir-reqqa mill-awtorità ta' kwittanza, fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifika tal-QEA;
23. Josserva li l-QEA bħalissa qiegħda twestaq verifika tal-ġestjoni tal-iżvilupp Galileo u l-fażi ta' validazzjoni fl-orbita tiegħu; jistieden lill-QEA sabiex tagħmel enfasi partikolari fuq l-akkwist tal-attivitajiet u l-assi tal-GJU mill-Awtorità, u jilqa l-intenzjoni tal-QEA li tippubblika r-riżultati tal-verifika tagħha f'rapport speċjali qabel il-waqfa tas-sajf tal-2009;
24. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/666/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS <sup>(1)</sup> għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Awtorità <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6–0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(6)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0164/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

(1) GNSS: Sistema ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita.

(2) ĠU C 278, 31.10.2008, p. 38.

(3) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 107.

(4) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(5) ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.

(6) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji  
għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/667/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 39 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0165/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 53.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 92.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6–0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 39 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0165/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (QEA) stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min wieħed joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. billi fit-22 ta' April 2008 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li, filwaqt li fl-2006 d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA kienet għet parzjalment ikkwalifikata fir-rigward tat-tranżazzjonijiet bażiċi, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA hija waħda pożittiva għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jinnota li l-Aġenzija kellha EUR 16 645 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mill-baġit tal-2007;
  3. Jinnota li, fit-tweġiba tagħha dwar ir-rapport annwali tal-2006 tal-QEA, l-Aġenzija stmat l-ispejjeż żejda minħabba l-obbligu tagħha li taħdem f'żewġ ibliet differenti - is-sede amministrattiva li tinsab f'Valenciennes filwaqt li l-laqqgħat isiru f'Lille - li jammontaw għal EUR 450 000, li ma jinkludux l-ispejjeż indiretti bħall-ħin tax-xogħol moħli minħabba l-ivvjaġġar jew ix-xogħol amministrattiv żejded;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 53.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 92.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 209.

4. Jiddispjaċih li l-fatt li hemm żewġ sedi jfixkel ix-xogħol tal-Aġenzija u jwassal għal spejjeż żejda għal dawk li jħallu t-taxxa fl-Ewropa; jinnota li fl-abbozz ta' ftehma mal-istat li qed jospita, huwa previst li l-ispejjeż żejda jiġu koperti mill-istat li qed jospita;
5. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Aġenzija ħadet passi wara l-kritika tal-QEA li ma kienx hemm inventarju fiżiku tal-assi fissi u li sar inventarju fiżiku f'Ġunju 2008 u l-assi fissi kollha issa ġew indikati u se jid-dahllu fl-inventarju;
6. Jinnota l-kritika tal-QEA li nstabu difetti f'xi proċeduri tal-għażla u li l-Aġenzija kienet għadha ma ffinalizzatx il-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha;
7. Jistieden lill-Aġenzija biex issegwi l-wegħda tagħha fit-tweġibiet lill-QEA biex tiffinalizza deskrizzjoni sħiħa tal-proċeduri li għandhom ikunu segwiti rigward ir-reklutaġġ fl-ewwel tliet xhur tal-2009;

#### **L-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit**

8. Jinnota li l-QEA, bla ma kkwalifikat id-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni tagħha, ġibdet l-attenzjoni b'mod partikulari għall-osservazzjonijiet tagħha rigward l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit;
9. Jinnota mir-rapport annwali tal-2006 tal-QEA li l-baġit finali tal-aġenzija għall-2007 kien jammonta għal EUR 16 600 000, inkluża riserva ta' EUR 1 900 000; ikompli jinnota li fi tmiem l-2007, kellhom jiġu kkanċellati EUR 3 400 000, inkluża r-riserva, u li, barra minn hekk, EUR 2 700 000 għaddew għas-sena 2008;
10. Hu mħasseb bil-konklużjoni tal-QEA li aktar minn 35 % tal-appropriazzjonijiet finali ma kinux intużaw li, skont il-QEA, wera li l-ipprogrammar u l-proċeduri baġitarji tal-Aġenzija ntaqtu minn nuqqasijiet serji;
11. Jinnota li l-Aġenzija, fit-tweġibiet tagħha lill-QEA, irreferiet għall-fatt li l-baġit tal-2007 tħejja meta kienet għadha kemm saret indipendenti finanzjarjament u ma kellhiex l-esperjenza biex fuqha tibbaża l-istimi, u li l-inċertezza dwar jekk u meta kienet se tiġi rilaxxata r-riserva għamlitha neċessarja li l-attivajiet jiġu pplanati bla ma titqies ir-riserva;
12. Jinsab imħasseb bl-iskoperta tal-QEA li, għalkemm l-implimentazzjoni baġitarja tal-Aġenzija kienet baxxa, l-ammont ta' flus li talbet u rċeviet mingħand il-Kummissjoni kien ħafna akbar mill-flus li attwalment kellha bżonn;
13. Jinnota li l-flus disponibbli għall-Aġenzija fil-bidu tal-2007 kienu madwar EUR 2 300 000 u li, barra minn hekk, talbet u rċeviet EUR 17 000 000 fi flus kontanti mingħand il-Kummissjoni; jinnota li l-ħlasijiet li saru fl-2007 kienu jammontaw għal madwar EUR 12 500 000; jikkonkludi li l-flus li rċeviet kienu jaqbz u l-bżonnijiet attwali ta' flus kontanti b'EUR 6 800 000;
14. Jaqbel mal-konklużjoni tal-QEA li l-previżjonijiet tal-Aġenzija dwar il-flus kontanti ma tħejjewx b'mod rigoruż, li jmur kontra l-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda;
15. Jinnota li d-Direttur Eżekuttiv, fit-tifsira bil-miktub li ta lill-Parlament, irrikonoxxa li l-ammont totali tal-flus mitluba u li rċeviet l-Aġenzija kien aktar minn dak li kienet teħtieġ attwalment, u spjega li dan kien marbut mal-eżekuzzjoni baġitarja baxxa u n-nuqqas ta' esperjenza fl-appoġġ tal-previżjonijiet tal-bżonnijiet tal-flus;
16. Jilqa' d-dikjarazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv li, sadanittant, il-proċedura għall-ġbir tas-sussidji kienet ġiet aġġornata u li l-previżjoni dwar il-bżonn tal-flus tjebet;



17. Jistieden lill-Aġenzija, fuq il-bażi tal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (KE) Nru 2343/2002, li ilu fis-seħħ minn Lulju 2008 u li jobbliga lill-aġenziji jimplimentaw ġestjoni riġoruża fuq il-flus kontanti sabiex ikun żgurat li l-bilanċi tagħhom tal-flus ikunu limitati għal ħtiġijiet li jkunu ġustifikati b'mod xieraq, biex tingħata attenzjoni partikulari għat-titjib fil-ġestjoni tal-flus;

#### **Segwitu għall-eżerċizzju dwar il-kwittanza tal-2006**

18. Ifakkar li s-sena finanzjarja 2006 kienet l-ewwel sena li l-Aġenzija kienet awtonoma finanzjarjament u suġġetta għall-proċedura ta' kwittanza;
19. Ifakkar li għall-2006, id-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni tal-QEA kienet ikkwalifikata minħabba xi punti ta' dgħujfija fil-proċess tas-sejħa għall-offerti, u jiddispijaci li l-QEA reġgħet skopriet difetti fil-proċedura tal-akkwisti fl-2007;
20. Jinnota li l-Aġenzija, fit-tweġibiet tagħha lill-QEA, irrikonoxxiet li għad jeħtieġ li jsir xi titjib u li qiegħda taħdem fuq manwal ta' proċeduri dwar l-akkwisti sabiex il-proċeduri jkunu standardizzati;
21. Jinnota li bħal fl-2006, il-QEA sabet nuqqasijiet riġward l-implimentazzjoni tal-baġit, b'mod partikulari riġward l-għadd kbir ta' trasferimenti tal-appropriazzjonijiet;
22. Jistieden lill-Aġenzija biex tħabrek ħalli tgħolli l-livell tal-implimentazzjoni baġitarja u biex tirrapporta dwar il-miżuri li ttieħdu u r-riżultati miksuba fir-rapport tagħha dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-2008;
23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-Aġenzija żżomm dixxiplina finanzjarja stretta fil-ġejjieni, u li taħdem dejjem fil-limiti tal-baġits miftehma;
24. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/668/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 39 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0165/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 53.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 92.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/669/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6–0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0167/2009),
1. Jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 20.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 57.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l- kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6–0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0167/2009),
  - A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min wieħed joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
  - B. billi fl-22 ta' April 2008, il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza, inter alia:
    - innota li s-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-proċeduri biex ikunu stabbiliti l-baġit u l-pjan tal-istabbiliment ma kinux rigorużi biżżejjed u li dan wassal għal għadd kbir ta' trasferimenti baġitarji, l-ippjanar b'mod mhux adegwat tar-reklutaġġ tal-persunal u l-preżentazzjoni tal-baġit b'mod mhux korrett,
    - innota bi tħassib l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li ttieħdu impenji legali qabel l-impenji baġitarji korrispondenti,
1. Jinnota li l-Aġenzija kellha EUR 48 249 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas mill-baġit tal-2007;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 20.<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 57.<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 192.

2. Jiddispjaċih li, l-istess bħal fl-2006, il-Qorti tal-Awdituri sabet li l-proċeduri tal-Aġenzija biex ikun stab- bilit il-baġit, ma kinux rigorużi biżżejjed;
3. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri osservat li saru 32 trasferiment fl-2007; jinnota l-kritika tal-Qorti tal- Awdituri dwar in-numru għoli ta' trasferimenti;
4. Jinnota r-risposta tal-Aġenzija li t-trasferimenti baqgħu taħt il-limitu minimu ta' 10 % tar-Regolament Finanzjarju;
5. Jinnota wkoll il-kritika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li bejn nofs Ġunju u Diċembru 2007, EUR 25 000 000 f'miżuri kontra t-tniġġis, li kienu awtorizzati mill-Awtorità Baġitarja bħala approprijaz- zjonijiet normali, iddaħħlu bla bżonn bħala dħul allokat;
6. Jinnota r-risposta tal-Aġenzija li fl-20 ta' Marzu 2007 ddeċidiet li tikkwalifika l-fondi għal kontra t-tniġġis bħala dħul allokat, fuq suġġeriment mill-Kummissjoni, u li fil-21 ta' Novembru 2007 ddeċidiet biex ma tittrattax dawn il-fondi bħala tali;
7. Huwa ddiżappuntat li, l-istess bħal fl-2006, il-Qorti tal-Awdituri reġgħet sabet li ttieħdu impenji legali qabel ma ttieħdu l-impenji baġitarji korrispondenti; jistieden lill-Aġenzija biex iżżid l-isforzi tagħha fit- taħriġ u l-komunikazzjoni sabiex tevita din is-sitwazzjoni fil-ġejjieni; jitlob li kull azzjoni li tittieħed f'dan ir-rigward tiġi rrapportata fir-rapport ta' attività annwali tal-Aġenzija għall-2008;
8. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabet punti ta' dgħjufija rigward il-proċeduri ta' reklutaġġ kif ġej:
  - ma kenitx ittieħdet deċiżjoni dwar il-kriterji tal-għażla u l-limitu tal-punti biex wieħed jgħaddi għall- istadju li jmiss fil-kompetizzjoni qabel ma beda l-proċess ta' evalwazzjoni,
  - il-kumitat tal-persunal qatt ma kienx mistieden jipparteċipa fil-proċeduri tar-reklutaġġ;
9. Jinnota r-risposta tal-Aġenzija li ttieħdu miżuri biex il-kriterji tal-għażla u l-limitu tal-punti jiġu ddefiniti fi stadju aktar kmieni;
10. Jistieden lill-Aġenzija biex tiżgura li l-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha jkunu trasparenti u ma jkunux disk- rimatorji, b'mod partikulari billi tiżgura l-parteċipazzjoni tal-kumitat tal-persunal;
11. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Aġenzija qiegħda tikopera mill-qrib maċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi, li huwa bbażat ukoll f'Liżbona, biex jaqsmu l-bini u jużaw l-infrastruttura u s-servizzi b'mod konġunt;
12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-Aġenzija żżomm dixxiplina finanzjarja stretta fil-ġejjieni, u li taħdem dejjem fil-limiti tal-baġits miftiehma;
13. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal- aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

(1) Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/670/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0167/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje L).

Il-President  
Hans-Gert PÖTTERING

Is-Segretarju Ġenerali  
Klaus WELLE

(1) ĠU C 278, 31.10.2008, p. 20.

(2) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 57.

(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(4) ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/671/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni <sup>(4)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 8 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0169/2009),
1. Jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lid-Direttur tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 42.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 306, 7.12.2000, p. 7.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.



**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni <sup>(4)</sup>, u partikularment l-Artikolu 8 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0169/2009),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min wieħed joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. billi fit-22 ta' April 2008 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>;
1. Jinnota b'mod pożittiv li, bħal fir-rigward tas-sena finanzjarja 2006, il-QEA kkunsidrat li l-Aġenzija implimentat il-baġit b'mod sodisfaċenti;
  2. Ifakkar li l-mandat tal-Aġenzija jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2008;
  3. Ra evidenza biżżejjed li l-Aġenzija ma kellhiex biss is-sistemi (loġistika, is-sistemi tal-IT, u oħrajn) biex timplimenta malajr ammonti kbar ta' għajjnuna f'sitwazzjonijiet ta' wara l-konflitt, imma kellha wkoll il-ħila u l-għarfien bil-provi biex tfassal u tagħti assistenza ta' kwalità għolja li ħalliet impatt reali;
  4. Jiddispijaċi dwar il-fatt li l-Kummissjoni ma rrispettatx ir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2005 u 2006 billi talbet biex jitwalu l-attivitajiet tal-Aġenzija, li ntemmu fl-2008, u huwa mħasseb dwar ir-riskju konsegwenzjali li l-UE tista' tiflew ħafna mill-ħila li l-Aġenzija kisbet matul l-aħħar tmien snin;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 42.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 306, 7.12.2000, p. 7.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 150.

**Segwitu għall-eżercizju dwar il-kwittanza tal-2006**

5. Ifakkar li, fir-risoluzzjoni tiegħu dwar il-kwittanza tal-Kummissjoni tal-2006, hu talab lill-Kummissjoni biex iżommu infurmat b'mod regolari dwar it-trasferiment tal-attivitajiet tal-Aġenzija lid-delegazzjonijiet;
6. Jinnota li l-Kummissjoni, fil-paragrafi 201 u 203 tas-segwitu tagħha għall-kwittanza tal-2006, wiegħdet li żżomm lill-Parlament infurmat dwar it-trasferiment tal-attivitajiet tal-Aġenzija lid-delegazzjonijiet u dwar l-istadji differenti tal-għeluq tal-Aġenzija <sup>(1)</sup>;
7. Jinnota l-istqarrija tal-Kummissjoni, fis-segwitu tagħha tal-kwittanza tal-2006, li l-Aġenzija se ttejjem l-attivitajiet operattivi kollha sa tmiem Settembru 2008; li l-Aġenzija ikollha tliet xhur, minn Ottubru sa Diċembru 2008, biex tiffinalizza l-għeluq amministrattiv tagħha; u li fl-2009, "ċellula tal-għeluq" bħala parti mill-Kummissjoni se tiegħu ħsieb l-għeluq tal-attivitajiet amministrattivi li jifdal matul perjodu limitat ta' ftit xhur;
8. Jinnota li l-Kummissjoni bagħtet ġabra ta' noti ta' informazzjoni dwar il-koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni 2007-2008 liċ-Chairperson tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit <sup>(2)</sup>;
9. Jinnota mir-raba' nota ta' informazzjoni tas-7 ta' Ottubru 2008 li l-Kummissjoni se tressaq rapport finali dwar l-għeluq tal-Aġenzija meta jitlestew il-kontijiet finali tal-Aġenzija u ċ-ċellula tal-għeluq tkun temmet ix-xogħol tagħha; jistenna bil-ħerqa dan ir-rapport;

**Riskju potenzjali relatat mat-trasferiment tal-attivitajiet tal-Aġenzija lid-delegazzjonijiet**

10. Jinnota li l-QEA, fir-rapport annwali tagħha għall-2007, identifikat tliet riskji potenzjali dwar it-trasferiment tal-attivitajiet tal-Aġenzija lid-delegazzjonijiet:
  - (a) minħabba l-karattru pluriennali tal-attività tal-Aġenzija, għad hemm approprjazzjonijiet tal-baġit mhux użati ta' EUR 453 000 000 li għandhom ikunu implimentati fis-snin wara l-2008, li hi l-aħħar sena tal-Aġenzija;
  - (b) in-nota ta' gwida maħruġa mill-Kummissjoni fil-11 ta' Ġunju 2008 dwar it-trasferiment tal-fajls ma tkoprix il-punti kollha li hemm fil-karta tal-bilanċ tal-Aġenzija;
  - (c) il-bilanċ żejjed akkumulat ta' EUR 180 000 000 muri fil-karta tal-bilanċ tal-Aġenzija fil-31 ta' Diċembru 2007 se jkollu jittieħed mill-Kummissjoni u jkun ġestit minnha meta jispiċċa l-mandat tal-Aġenzija;
11. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Kumitat kompetenti tal-Parlament dwar:
  - (a) kif l-approprjazzjonijiet mhux użati tal-baġit se jkunu implimentati;
  - (b) jekk kienx konkluż memorandum ta' ftehim li jkopri l-punti kollha fuq il-karta tal-bilanċ tal-Aġenzija bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni, jew kif il-Kummissjoni b'xi mod ieħor assigurat it-tkomplija tat-trasferiment tal-fajls u tal-materji kollha;
  - (c) kif il-bilanċ żejjed akkumulat ta' EUR 180 000 000 li jidher fil-karta tal-bilanċ tal-Aġenzija tal-31 ta' Diċembru 2007 se jkun ġestit mill-Kummissjoni;
12. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, anness mar-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar is-segwitu għall-proċedura ta' kwittanza tal-2006 (SEC(2008) 2579).

<sup>(2)</sup> In-noti jinsabu fuq il-website tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit.

<sup>(3)</sup> Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/672/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni <sup>(4)</sup>, u partikularment l-Artikolu 8 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regola 71, u l-Anness V, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0169/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 42.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 306, 7.12.2000, p. 7.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/673/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u tan-*Network* Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0171/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-*Direttur Eżekuttiv* tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 4.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 64.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċizzjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u tan-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0171/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (QEA) ddikjarat li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. billi nhar it-22 ta' April 2008 il-Parlament ta lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkompanja d-deċizzjoni ta' kwittanza nnota, inter alia, mir-rapport annwali tal-Aġenzija li terz tal-persunal kien ta' nazzjonalità waħda, kif ukoll li l-għan tal-Aġenzija (iddikjarat fir-rapport annwali) li ttejjeb l-ekwilibriju u d-diversità fil-persunal,
1. Jikkunsidra l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-Aġenzija) bħala sors ta' leġiżlazzjoni ambjentali importanti għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE u għat-tfassil ta' politiki; jinnota b'sodisfazzjon li l-EEA kienet kapaċi tikkoordina n-netwerk Ewropew dwar l-informazzjoni u l-osservazzjoni ambjentali u li tgħin lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex itejbu l-għarfien tagħhom dwar dejta u informazzjoni ambjentali;
2. Iħeġġeġ lill-Aġenzija biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżviluppa aktar il-metodi ta' komunikazzjoni tagħha sabiex tattira iktar kopertura mill-midja għas-sejbiet tagħha u b'hekk tikkontribwixxi għad-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet ambjentali importanti, bħall-bidla fil-klima, il-biodiversità u l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 4.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 64.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 159.

3. Jenfasizza l-fatt li l-impatt ta' programmi ambjentali huwa sikwit imxekkel min-nuqqas ta' evalwazzjoni tal-impatti ambjentali ta' programmi u leġislazzjoni oħra tal-Komunità; jemma li l-Aġenzija tista' tipprovdi appoġġ għat-tfassil tal-politika billi tkompli tiżviluppa x-xogħol tagħha fil-qasam tal-evalwazzjoni tal-impatt ambjentali;
4. Jenfasizza l-irwol tal-Aġenzija fl-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE kemm għewwa l-UE u kemm fi Stati Membri prospettivi;
5. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Aġenzija biex tikkumpensal-impatt fuq il-klima mit-titjiriet fir-rigward ta' missjonijiet tal-istaff u parteċipanti tal-Aġenzija fl-attivitatiet tagħha;

#### **Proċeduri ta' ingaġġ**

6. Jinnota li r-riżultati tal-verifika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li skonthom żewġ proċeduri ta' ingaġġ ma ssodisfawx ir-rekwiżiti tat-trasparenza u non-diskriminazzjoni, billi kandidati li ma ssodisfawx il-kriterji tal-għażla xorta tqiesu għal valutazzjoni ulterjuri u l-kriterji għalbiex ikun mistiedna l-aħjar kandidati għall-kollokwju ma għewx dokumentati;
7. Jinnota r-risposta tal-Aġenzija li hija inkludiet dawk il-kandidati li għew l-eqreb lejn il-kriterji ta' selezzjoni sabiex ikun hemm aktar kandidati fil-konkors; iħeġġeġ lill-Aġenzija timxi mal-wegħda tagħha li fil-futur tippubblika mill-għdid post tax-xogħol meta jseħħu sitwazzjonijiet bħal din;
8. Jinnota l-wegħda tal-Aġenzija li tiddokumenta aħjar l-għażla tal-kandidati li jintgħażlu preliminarjament;

#### **Proċeduri ta' Akkwist**

9. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabet żewġ każijiet, b'total approssimattiv ta' EUR 26 000, ta' għoti dirett ta' kuntratt ta' servizzi li ma kkonformawx mar-Regolament Finanzjarju;
10. Jikkunsidra li m' hix sodisfaċenti r-risposta tal-Aġenzija li dawn il-kuntratti ngħataw minħabba l-benefiċċji sinifikanti li tgawdi minnhom l-Aġenzija, u li n-natura waħdanija ta' dawn il-każijiet għet sufficjement dokumentata;
11. Jinnota wkoll li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrapportat każ, b'valur approssimattiv ta' EUR 215 000, ta' kuntratt speċifiku għas-servizzi li ma kienx konformi mat-termini tal-kuntratt ta' qafas, u li jitfa dubju fuq it-trasparenza tal-proċedura;
12. Jinnota r-risposta tal-Aġenzija li dan il-l-każ kien jikkonċerna s-sistemi tal-IT u li l-ordni oriġinarju kien estiż meta saret neċessarji żieda fil-kapaċità ta' ħżin u ta' server; jinnota r-risposta li fil-futur xiri sostanzjali tal-IT isir b'seġha għall-offerti;
13. Jistieden lill-Aġenzija tiżgura li jkun hemm konformità sħiħa mar-regoli tal-akkwist;

#### **Punti ta; Dgħjufija fil-ġestjoni tal-ftehim ta' għotjiet mal-European Topic Centres**

14. Jinnota r-rimarka tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-Aġenzija wettqet biss verifiki limitati fuq il-pagamenti magħmulin lill-European Topic Centres fuq il-bażi tal-ftehimta' għotjiet;
15. Huwa sodisfatt bir-risposta tal-Aġenzija li introduċiet proċeduri ġodda ta' kontroll konformi mal-osservazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, inklużi żjarat ta' verifika u verifiki dettalji oħrajn qabel ma jiġu effettwati l-pagamenti aħħarin; jinnota li l-Aġenzija wettqet erba' żjarat ta' verifika fir-rigward tassusidji 2007;

16. Jinnota s-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-ftehim ta' għotjiet bejn l-Aġenzija u l-European Topic Centres ammontaw għal rata fissa ta' 20 % tal-infiq dirett paragonat mal-infiq indirett (overheads), filwaqt li r-regoli implimentattivi tar-Regolament Finanzjarju jillimita din ir-rata għal 7 %; jinnota li skont dawn ir-regoli, dan il-limitu jista' jinqabeż biss wara deċiżjoni raġunata mill-Aġenzija; jinnota li ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni raġunata bħal din mill-Aġenzija;
17. Jinnota li skont is-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kieku ġiet applikata r-rata ta' 7 %, kieku l-ammont imħallas fl-2007 kien ikun 300 000 EUR anqas;
18. Jinnota li l-Aġenzija tirrikonoxxi li ma ħaditx id-deċiżjoni raġunata neċessarja, imma li kienet ikkunsidrat fit-tul ir-rata tal-overheads qabel ma qablet mal-ftehim, u li r-rata tal-overheads kienet ikkunsidrata esplitament fit-tħejjija tal-termini ta' riferiment;
19. Jinnota l-impenn tal-Aġenzija li tara li tali deċiżjoni raġunata tittieħed mill-Bord tal-Ġestjoni tagħha meta jkun hemm sejħiet futuri rigwardanti l-European Topic Centres, li huma dovuti fl-2009/2010;

#### **Segwitu tal-eżerċizzji preċedenti ta' kwittanza**

20. Ifakkar fit-talba tiegħu, magħmula fir-riżoluzzjoni akkompanjanti d-deċiżjoni ta' kwittanza tas-sena finanzjarja 2005 <sup>(1)</sup>, li l-Aġenzija, qabel l-1 ta' Jannar 2010 u kull ħames snin minn dik id-data 'l quddiem, tibda tikkommissjona valutazzjoni esterna indipendenti tal-kisbiet tagħha fuq il-bażi tar-regolament tagħha tat-twaqqif u l-programm ta' ħidma deċiż mill-Bord tal-Ġestjoni;
21. Jinnota li, skont it-tagħrif mogħti fir-rapport annwali tagħha, l-Aġenzija qed tistenna r-riżultati ta' valutazzjoni esterna indipendenti tal-impatt u l-effettività tal-istrateġija kwinkwennali tagħha 2004-2008;
22. Jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza bir-riżultati tal-valutazzjoni esterna appena dawn ikunu disponibbli;
23. Jiddispjaċih li, skont id-dejta mogħtija mir-rapport annwali tal-Aġenzija, il-qagħda fir-rigward tal-ekwilibriju u d-diversità fil-persunal ma tjobitx b'mod sinifikanti fl-2007, peress li terz mill-persunal għadu ta' nazzjonalità waħda;
24. Jistieden lill-Aġenzija żżid l-isforzi tagħha biex ittejjeb l-ekwilibriju u d-diversità tal-persunal;
25. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkompanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(2)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 187, 15.7.2008, p. 107

<sup>(2)</sup> Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.



**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/674/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u tan-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0171/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent huma hekk kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 4.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 64.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/675/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-twegġibiet tal-Awtorità <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 - C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-htigġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Amnjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0172/2009),
1. Jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 35.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 100.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni ta' kwittanza rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Awtorità <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 - C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0172/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (QEA) stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. billi fl-22 ta' April 2008, il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza, *inter alia*
- jinnota li l-livell baxx ta' nfiq tal-ħlasijiet fl-2006 kien relatat fil-parti l-kbira mal-problemi li sabet l-Awtorità biex issib persunal xjentifiku b'livell għoli ta' ħiliet biex jaħdmu f'Parma; enfasizza li żewġ terzi biss mill-250 impjeg disponibbli skont il-pjan ta' Stabbiliment tal-Awtorità kienu mtlew sal-aħħar tal-2006; jenfasizza li n-nuqqas ta' persunal irriżulta fl-livell aktar baxx ta' nfiq tal-fondi operattivi;
  - jinnota li r-rati ta' ħlas tal-2006 kienu 56 % tal-approprijazzjonijiet għall-infiq amministrattiv u 50 % tal-approprijazzjonijiet għal attivitajiet operattivi; li 20 % tal-approprijazzjonijiet trasferiti mill-2005 ġew kanċellati fl-aħħar tal-2006; u li saru numru kbir ta' trasferimenti, b'konċentrazzjoni għolja tagħhom fl-aħħar tas-sena;

(1) ĠU C 278, 31.10.2008, p. 35.

(2) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 100.

(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(4) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

(6) ĠU L 88, 31.3.2009, p. 184.

1. Jinnota l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri sabet li approprazzjonijiet ta' EUR 8 600 000 ġew trasferiti għall-2008, u EUR 4 800 000 ġew kanċellati; jinnota li dan hu parzjalment dovut għad-dewmien fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni fil-pjan ta' ħidma annwali tal-2007 għall-għotjiet; jinnota li l-appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena preċedenti kienu ta' EUR 7 900 000, li EUR 4 500 000 minnhom kienu għal attivitajiet operattivi; jinnota li aktar minn 25 % tal-appropriazzjonijiet trasferiti għal attivitajiet operattivi kellhom jiġu kanċellati fl-aħħar tas-sena;
2. Jinsab imħasseb dwar il-konklużjoni tal-QEA li din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipju tal-annwalità u turi nuqqasijiet fl-ippogrammar u fl-ibbaġitjar tal-Awtorità;
3. Jinnota r-risposta tal-Awtorità li fl-2008 kienu meħtieġa diversi miżuri għat-titjib tal-immaniġġjar tal-baġit, bħal mudelli (templates), vademecum u appoġġ amministrattiv addizzjonali biex tiġi aċċelerata t-tnedija tas-sejħa għall-għotjiet;
4. Jinnota r-risposta tal-Awtorità rigward l-appropriazzjonijiet trasferiti li r-rata ta' *carry over* (17-18 %) naqset meta mqabbla mal-2006 (22 %); jinnota madankollu mill-kontijiet definittivi li l-ammont reali ta' appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena preċedenti żdied minn EUR 7 900 000 fl-2006 għal EUR 8 600 000 fl-2007;
5. Jitlob lill-Awtorità biex taħdem fuq ir-rimarki tal-QEA u tagħmel aktar sforzi biex ittejjeb u tħaffef l-implimentazzjoni tal-baġit; jagħmel talba li l-miżuri ta' segwitu jiġu speċifikati fir-rapport ta' attività annwali tal-Awtorità għall-2008;
6. Jinnota l-osservazzjoni tal-QEA li l-Awtorità trattat kontribuzzjoni mingħand il-Kummissjoni sabiex tipprepara għas-sħubija tal-Kroazja u t-Turkija bħala sussidju normali, għalkemm din missu ġiet trattata bħala dħul assenjat;
7. Jinnota t-tweġiba tal-Awtorità li sa mill-2008, il-kontribuzzjonijiet speċifiċi kollha ġew reġistrati bħala dħul assenjat;
8. Jinnota s-sejbiet tal-QEA dwar nuqqasijiet fl-immaniġġjar tal-missjonijiet u l-għadd u l-valur kbir ta' eċċezzjonijiet;
9. Jinnota t-tweġiba tal-Awtorità li din is-sitwazzjoni kienet relatata ma' unità speċifika fejn minn dak iż-żmien 'l hawn, ġew implimentati bidliet organizzattivi;
10. Jinnota li l-2007 kienet il-ħames sena operazzjonali għall-Awtorità;
11. Jenfasizza l-irwol tal-Awtorità li tipprovi pariri xjentifiċi indipendenti dwar il-kwistjonijiet kollha li għandhom impatt dirett jew indirett fuq is-sikurezza tal-ikel, inklużi s-saħħa u l-benesseri tal-annimali u l-protezzjoni tal-pjanti, irwol li qiegħed isir dejjem aktar neċessarju fid-dawl tat-tħassib tal-konsumaturi u l-ħtieġa li parir xjentifiku jkun ikkomunikat kif xieraq;

#### **Segwitu għall-eżerċizzji ta' kwittanza preċedenti**

12. Jawgura lill-Awtorità li rnexxielha timla 273 mit-300 post tax-xogħol previsti fl-organigramma tagħha wara li għal ħafna snin, kellha l-problemi biex issib persunal xjentifiku b'livell għoli ta' ħiliet biex jaħdmu f'Parma;
13. Josserva li l-linja speċifika tal-Persunal laħqet il-95 % tar-rata tal-eżekuzzjoni minflok is-97 % prevista; madankollu jinnota li l-Awtorità xorta kellha diffikultà biex tirrekluta persunal b'kapaċità xjentifika ta' livell għoli f'Parma;
14. Jirreferi f'termini ta' persunal għall-istħarriġ dwar l-istaff li sar fit-tmiem l-2007; jinkoraġġixxi lill-maniġment tal-EFSA biex jagħmlu stħarriġ bħal dan fuq bażi regolari u biex jinkorporaw ir-riżultati tiegħ tal-Awtorità u fil-ġestjoni tal-istaff tiegħu u fil-ħidma ta' kuljum;

15. Jinnota madankolli li punti ta' dgħjufija fil-proċeduri ta' reklutaġġ ġew enfasizzati ripetutament fl-eżerċizzji ta' kwittanza preċedenti, kif ukoll koll fir-rapport attwali tal-QEA;
16. Jitlob lill-Awtorità sabiex b'mod urġenti taġġusta l-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha mar-regoli;
17. Jinnota li, bħal feżerċizzji ta' kwittanza preċedenti, l-Awtorità ġiet kritikata mill-QEA li f'diversi każijiet ma kinitx konformi mar-regoli tal-akkwist pubbliku; jitlob lill-Awtorità sabiex tagħti attenzjoni partikulari lill-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku;
18. Jitlob lill-Awtorità sabiex fir-rapport annwali ta' attività tagħha għall-2008, tagħti dettalji tal-passi li ttieħdu bħala rimedju għan-nuqqasijiet fl-oqsma tar-reklutaġġ u tal-akkwist pubbliku;
19. Jinnota li d-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità ħa l-kariga ta' koordinatur tan-netwerk tal-aġenziji fl-1 ta' Marzu 2009;
20. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/676/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-twegġibiet tal-Awtorità <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 - C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Amnjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0172/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u biex jiż-ğura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 35.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 100.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/677/KE)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0173/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-Riżoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-Riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 60.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 156.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.



## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**li tinkludi l-osservazzjonijiet li jiffurmaw parti integrali mid-deċizzjoni dwar il-kwittanza rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0173/2009),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min wieħed joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
- B. billi fit-22 ta' April 2008 il-Parlament ta kwittanza lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>, u fir-riżoluzzjoni li hemm mad-deċizzjoni ta' kwittanza, *inter alia*
- innota l-kritika tal-QEA li, fir-rigward tal-proċeduri ta' reklutaġġ, il-kriterji tas-selezzjoni la ġew deċiżi mill-bordijiet tal-għażla mill-bidunett u lanqas ma ġew definiti b'konformità mal-avviż ta' postijiet vakanti, kif ukoll it-tweġiba tal-Fondazzjoni li l-avviżi kollha ta' postijiet vakanti issa jinkludu indikazzjoni ċara dwar jekk is-suċċess li jinkiseb fit-testijiet ikunx prekondizzjoni għall-ksib ta' suċċess fil-kompetizzjoni;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 60.<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 156.<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 93.

- innota wkoll li fl-2006 l-Fondazzjoni nediet evalwazzjoni ex post tal-programm ta' ħidma 2001-2004, flimkien ma' evalwazzjoni interim ta' aspetti magħżulin tax-xogħol li jsir mill-Fondazzjoni bil-għan li jiġu determinati l-impatt tal-organizzazzjoni, il-valur miżjud u l-effikaċja tagħha;
- talab li jiġi infurmat dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni,

#### **Punti ta' dgħjufija fi proċeduri ta' reklutaġġ**

1. Jiddispaċih li, l-istess bħal fl-2006, il-QEA sabet nuqqasijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ; b'mod partikulari, il-QEA sabet għal darba oħra każ li l-kriterji ta' selezzjoni tiegħu ma kinux definiti b'mod konformi mal-avviż tal-post battal;
2. Jinnota l-osservazzjonijiet l-oħrajn tal-QEA, li la l-applikazzjoni ta' koeffiċjent korrettur għall-kriterji ta' selezzjoni, u lanqas il-punti minimi li jridu jinkisbu ma ġew magħżula mill-bord ta' selezzjoni mill-bidunett;
3. Jinnota li l-QEA tikkunsidra li din is-sitwazzjoni ma' żgurax il-prinċipji ta' reklutaġġ trasparenti u mhux diskriminatorju;
4. Jinnota r-risposta tal-Fondazzjoni li fl-2008 l-proċeduri ta' reklutaġġ ġew adattati sabiex ikun konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA;
5. Jitlob lill-Fondazzjoni sabiex tagħti attenzjoni partikolari lil-legalità tal-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha u biex tispeċifika fir-rapport annwali ta' attività tagħha għall-2008, il-passi li ttieħdu bħala segwitu għall-osservazzjonijiet tal-QEA;

#### **Punti ta' dgħjufija fi proċeduri ta' akkwist**

6. Jinsab imħasseb li fi tliet proċeduri ta' akkwist il-QEA sabet anomaliji bħal:
  - proċedura għall-evalwazzjoni finanzjarja ta' kuntratt li ma kenitx speċifikata b'mod ċar fid-dokumenti tat-tfiġh tal-offerti,
  - kriterji tal-għażla li ma ppermettewx evalwazzjoni kif xieraq tal-kapaċità finanzjarja tal-kandidati;
7. Jinnota t-tħassib tal-QEA li din is-sitwazzjoni heddet il-kwalità tal-proċeduri u kien hemm ir-riskju li tip-pregudika l-għażla finali;
8. Jinnota t-tweġiba tal-Fondazzjoni li fil-futur l-evalwazzjonijiet tal-prezzijiet se jkunu definiti b'mod li jiġu evitati setgħat diskrezzjonarji sa mill-bidu nett u jiġu stipulati kriterji għall-applikazzjoni ta' livelli minimi ta' kapaċità;
9. Jitlob lill-Fondazzjoni sabiex tispeċifika fir-rapport annwali ta' attività tagħha għall-2008, il-passi li ttieħdu bħala segwitu għall-osservazzjonijiet tal-QEA;

#### **L-introduzzjoni tal- Accrual Based Accounting**

10. Huwa sodisfatt mill-fatt li fl-2008 l-Fondazzjoni daħħlet l-ABAC;
11. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-QEA li skont ir-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li l-Fondazzjoni rċeviet mingħand il-Kummissjoni sabiex tipprepara għas-sħubija tal-Kroazja u t-Turkija kellhom jiġu ttrattati bħala dħul allokat;
12. Jinnota t-tweġiba tal-Fondazzjoni li sa mill-2008 il-linji tal-baġit għal dħul allokat ġew imdaħħla skont l-ABAC u li se ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA;
13. Jinnota li l-QEA sabet li EUR 376 611 ta' VAT rekuperabbli fir-rigward tal-2007 kellhom jiġu klejmjati sa tmieni is-sena, sabiex ikunu konformi mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda,

14. Jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Fondazzjoni li l-irkupru tal-VAT kien iddewwem minħabba d-dħul tal-ABAC; jinnota li l-VAT pendenti kienet ġiet irkuprata kollha sa April 2008;

**Segwitu għall-eżerċizzju ta' kwittanza ta' qabel**

15. Jinnota li fl-2006 l-Fondazzjoni nediet evalwazzjoni ex post tal-programm ta' ħidma 2001-2004, flimkien ma' evalwazzjoni interim ta' aspetti magħżulin tax-xogħol li tagħmel il-Fondazzjoni bil-għan li jiġu determinati l-impatt tal-organizzazzjoni, il-valur miżjud u l-effikaċja tagħha;
16. Jinnota mir-rapport ta' attività annwali li fl-2006 id-direzzjoni strateġika tal-Fondazzjoni kienet ġiet riveduta u kienu ġew formulati ħames objettivi;
17. Jinsisti li għandu jiġi infurmat dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni rigward l-impatt tal-Fondazzjoni, il-valur miżjud u l-effettività tagħha f'ħin xieraq għall-eżerċizzju ta' kwittanza għall-2008;
18. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/678/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0173/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għejxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 60.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 156.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/679/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 14 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0174/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-direttur tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll r-risoluzzjoni li tagħmel parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li dawn jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 26.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 50.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 14 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0174/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma affidabbli, u li t-transazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
1. Jinnota li l-Qorti ħarġet stqarrija ta' assigurazzjoni għal kollox pożittiva u m'għamlet l-ebda osservazzjoni;
  2. Jifraħ lill-Aġenzija li tejbet b'mod sinifikanti l-ġestjoni finanzjarja tagħha matul l-aħħar sentejn; jinkoraġġiha tkompli taħdem biex tilħaq l-ogħla standards fl-ippjanar tal-baġit, fl-implimentazzjoni u fil-kontroll;
  3. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(6)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 26.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 50.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/680/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 14 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0174/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 26.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 50.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.



**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/681/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l- kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il- kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jwaqqaf l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 21 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0176/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

## RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

**li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
- wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jwaqqaf l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 21 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0176/2009),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (QEA) ddikjarat li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma ta' min joqgħod fuqhom, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari;
- B. billi fit-22 ta' April 2008 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(6)</sup>;
  1. Jinnota li r-Regolament (KE) Nru 168/2007 stabbilixxa Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, li ħadet post iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC), u estenda l-mandat tagħha b'effett mill-1 ta' Marzu 2007;
  2. Ifakkar li l-Aġenzija għandha taħdem favur is-sinerġiji u tevita l-iddupplikar tal-ħidma bejn istituzzjoni li jkunu attivi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa, kif kien mitlub mir-Riżoluzzjoni tal-Parlament tal-14 ta' Jannar 2009 <sup>(7)</sup>;
  3. Jiddispaċi li l-iskadenza għad-deċiżjoni tal-Parlament dwar il-kwittanza fl-Artikolu 21(10) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 ġiet stabbilita għat-30 ta' April tas-sena N + 2 u ma ġietx armonizzata mal-iskadenza l-għdida tal-15 ta' Mejju tas-sena N + 2 li hemm provdut għaliha fir-regolament emendat (KE, Euratom) Nru 2343/2002 <sup>(8)</sup>;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

<sup>(6)</sup> ĠU L 88, 31.3.2009, p. 142.

<sup>(7)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2009)0019.

<sup>(8)</sup> Regolament emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 652/2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23).

4. Jinnota, mir-rapport tal-Aġenzija dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-2007, li din bdiet tuża l-ABAC (Accrual Based Accounting) f'Awissu tal-2007;
5. Jilqa' l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li, minkejja t-tranżizzjoni mill-EUMC għall-Aġenzija u ż-żieda konsiderevoli fil-baġit (EUR 14 200 000 f'paragun ma' EUR 9 300 000 allokatu għaċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropea għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija fis-sena preċedenti), l-approprijazzjonijiet kważi kollha ġew impenjati (EUR 13 900 000) fl-2007;
6. Jinnota li l-OLAF fetħet investigazzjoni rigward l-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija u lid-Direttur b'mod partikolari biex jikkoperaw bis-sħiħ mal-OLAF; jitlob li l-OLAF, l-Aġenzija u l-Kummissjoni jinfurmaw lill-awtorità tal-kwittanza dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni u miżuri possibbli ta' segwitu mill-aktar fis possibbli;

#### **Punti ta' Dgħjufija fl-implimentazzjoni tal-baġit minħabba t-tranżizzjoni miċ-Ċentru għall-Aġenzija**

7. Jinnota madankollu s-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri li kellu jsir carry-over ta' EUR 7 500 000 għall-estensjoni tal-mandat tal-Aġenzija fl-2007, ħaġa li kkawżat dewmien fl-adozzjoni tal-programm ta' ħidma l-ġdid, il-ħatra tad-Direttur il-ġdid u l-implimentazzjoni tal-attivitàjiet tiegħu;
8. Jinkoraġġixxi lill-Aġenzija biex tirrimedja għad-dewmien u tnaqqas kemm jista' jkun il-kanċellazzjonijiet tal-approprijazzjonijiet li jiġu trasferiti minn sena għal oħra, kif wiegħdet fit-tweġiba tagħha lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tagħti rapport dwar il-progress li sar fir-rapport tagħha dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-2008;
9. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri sabet ukoll li l-Aġenzija, permezz ta' emendi għall-baġits tagħha u diversi trasferimenti, naqqset il-linji baġitarji dwar l-infiq għall-persunal b'EUR 798 000, u b'hekk evitat kanċellazzjonijiet ta' approprijazzjonijiet għall-infiq tal-persunal li ma ntużawx;
10. Jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Aġenzija li l-emendi għall-baġit u t-trasferimenti kienu marbuta mill-qrib mat-tranżizzjoni u, għalhekk, kienu eċċezzjonali;

#### **Punti ta' dgħjufija fil-proċeduri ta' akkwist**

11. Jinnota s-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward ta' proċedura partikolari ta' akkwist li l-metodu ta' evalwazzjoni ppubblikat inaqas b'mod indirett l-importanza relativa tal-kriterju tal-prezz, ħaġa li setgħet qatgħet min potenzjalment xtaq jifta' offerta u ma kenitx konformi mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja solida;
12. Jaċċetta t-tweġiba tal-Aġenzija li, għalkemm il-metodu li użat kien josserva r-Regolament Finanzjarju, din se tintroduċi metodu ġdid ta' evalwazzjoni propost mill-Kummissjoni sabiex tikseb l-aħjar valur għall-flus;

#### **Segwitu tal-eżerċizzji preċedenti ta' kwittanza**

13. Ifakkar li għas-sena finanzjarja 2004, il-Qorti tal-Awdituri ħarġet dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kwalifikata għaċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija minħabba punti ta' dgħjufija fil-proċeduri ta' akkwist, u li għas-snin finanzjarji 2005 u 2006 l-Qorti tal-Awdituri wkoll għamlet osservazzjonijiet kruċjali dwar il-proċeduri ta' akkwist;
14. Jitlob, għalhekk, lill-Aġenzija biex tagħti attenzjoni partikolari lil-legalità tal-proċeduri tagħha ta' akkwist;
15. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE <sup>(1)</sup>.

---

(1) Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/682/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l- kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il- kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jwaqqaf l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 21 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0176/2009),
1. Jinnota li l- kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiż-ğura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L)

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/683/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jwaqqaf Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit ((A6-0179/2009),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni ta' hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 78.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009**

**li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jwaqqaf Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0179/2009),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri ddikjarat li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet bażiċi huma legali u regolari,
1. Jinnota li l-Aġenzija akkwistat indipendenza finanzjarja f'Novembru 2007, u li għalhekk l-eżerċizzju tal-kwittanza 2007 jkopri biss perjodu ta' żmien qasir ħafna;
  2. Jinnota li l-Aġenzija rċeviet dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għal kollox pożittiva mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri; ihegġegħ lill-Aġenzija biex tkompli tftitx kwalità għolja fl-immaniġġjar finanzjarju tagħha;
  3. Jinnota li l-baġit tal-Aġenzija kien EUR 5 000 000 għall-2007, li iżjed minn nofsu kien immaniġġjat mill-Kummissjoni għax l-Aġenzija akkwistat l-indipendenza finanzjarja biss f'it qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja;
  4. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li l-Aġenzija ma kinetx waqqfet proċeduri xierqa sabiex tiddetermina l-fondi miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti, li jwasslu għar-riżultat li mill-inqas EUR 125 000 kienu tressqu 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti mingħajr impenji legali; jinnota li l-Aġenzija hija impenjata li tevita avvenimenti simili fl-2008;
  5. Jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija għall-kritika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-adozzjoni nieqsa tal-istandards tal-kontroll intern li tgħid li l-Bord Amministrattiv tagħha adotta standards tal-kontroll intern f'Marzu 2008;

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 78.<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

6. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri tqis li l-Aġenzija għadha ma ddokumentatx b'mod suffiċjenti l-proċeduri tagħha tal-kontroll intern; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Aġenzija stabbiliet kapaċità ta' verifika interna u rreklutat persunal responsabbli għal aktar żvilupp tas-sistemi tal-kontroll intern fl-2008;
7. Jinnota s-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li d-deskrizzjoni tas-sistema tal-kontijiet ippreparata mill-uffiċjal li jawtorizza għadha trid tiġi vvalidata mill-uffiċjal tal-kontijiet; jitlob li l-Aġenzija tinkludi informazzjoni, jekk il-validazzjoni tkun tlestiet, fir-rapport tagħha dwar l-immaniġġjar baġitarju u finanzjarju tal-2008;
8. Jirreferi għal osservazzjonijiet oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza li huma ta' natura orizzontali għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar l-Immaniġġjar Finanzjarju u l-Kontroll tal-Aġenziji Ewropej <sup>(1)</sup>.

---

(1) Ara paġna 206 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.



**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/684/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jwaqqaf Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0179/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2007;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 278, 31.10.2008, p. 78.

<sup>(2)</sup> ĠU C 311, 5.12.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-23 ta' April 2009****dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji tal-UE**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2008 dwar is-segwitu għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza tal-2006 (COM(2008) 629) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SEC(2008) 2579),
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2008 bl-isem "L-aġenziji Ewropej – Il-mixja '1 quddiem" (COM(2008) 135),
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 Ottubru 2008 dwar strateġija futura għas-soluzzjoni tal-aspetti istituzzjonali tal-Aġenziji Regolatorji <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u partikolarment għall-Artikolu 96 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 5/2008 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "L-aġenziji tal-Unjoni Ewropea: niksba r-riżultati",
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0148/2009),
- A. billi din ir-Riżoluzzjoni fiha, għal kull entità, skont is-sens tal-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, l-osservazzjonijiet orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza bi qbil mal-Artikolu 96 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 u mal-Anness V, Artikolu 3 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,
- B. billi, wara l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni msemmija hawn fuq, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni reġgħu nedew il-proġett ta' definizzjoni ta' qafas komuni għall-aġenziji u waqfu grupp ta' ħidma interistituzzjonali,

**Introduzzjoni**

1. Josserva li fl-2007, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) vverifikat 23 aġenzija deċentralizzata, 3 aġenziji eżekuttivi u l-Aġenzija għall-Provvista tal-Enerġija Euratom, li huwa korp imwaqqaf skont it-Trattat tal-Euratom; jinnota li s-sussidji mill-baġit Komunitarju fl-2007 għall-aġenziji deċentralizzati ammontaw għal EUR 452 000 000; jenfasizza li iktar minn EUR 1 biljun ġew allokati għall-baġits tal-aġenziji permezz ta' dħul ieħor bħad-dħul proprju mid-drittijiet, il-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi tal-EFTA u kontribuzzjonijiet speċjali tal-programmi Komunitarji;
2. Jinnota li n-numru ta' aġenziji suġġetti għal proċedura ta' kwittanza żdied bil-kbir fis-snin riċenti minn tmienja fl-2000 għal 21 aġenzija deċentralizzata flimkien ma' tliet aġenziji eżekuttivi fl-2007, mhux inklużi t-tliet aġenziji li huma vverifikati mill-QEA iżda mhux suġġetti għal kwittanza mill-Parlament;

<sup>(1)</sup> Testi adottati, P6\_TA(2008)0495.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3. Jinnota li għall-aġenziji deċentralizzati, l-awtorità baġitarja awtorizzata 3 487,5 post tax-xogħol fil-pjanijiet ta' twaqqif; jinnota li, skont id-dokumenti pprovduti mill-Qorti tal-Awdituri, ġew okkupati 2 823 post tax-xogħol, flimkien ma' 961,5 postijiet mill-aġenti kuntrattwali jew mill-esperti nazzjonali;
4. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq dwar is-segwitu tad-Deċiżjonijiet ta' Kwittanza għall-2006;
5. Jinnota li l-liġi Komunitarja ma fihix definizzjoni legali ta' aġenzija u jappoġġja d-definizzjoni tal-aġenziji bħala "korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet b'personalità legali" <sup>(1)</sup>; ifakkar fit-tliet kategoriji ta' aġenzija li jaqgħu taħt din id-definizzjoni, fosthom aġenziji deċentralizzati, aġenziji eżekuttivi u entitajiet oħra;
6. Itenni f'dan il-kuntest li t-terminu "aġenziji deċentralizzati" huwa terminu ġenerali għall-aġenziji tradizzjonali; jikkunsidra li t-terminu "aġenzija regolatorja", li qed jintuża dejjem iktar bħala terminu ġeneriku, mhux iktar, peress li mhux l-aġenziji deċentralizzati kollha għandhom kompiti regolatorji;
7. Ifakkar li l-aġenziji deċentralizzati huma mwaqqfa mil-leġiżlatur Ewropew għal bosta raġunijiet, pereżempju l-provvista ta' ċerti servizzi, l-impjegar ta' għarfien espert speċjalizzat, it-tweġiq ta' kompiti regolatorji u ta' monitoraġġ;
8. Jikkunsidra li t-twaqqif tal-baġit ta' korpi deċentralizzati u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-baġit rispettiv huma responsabilità ewlenija tal-Kumitat għall-Baġits;
9. Ihegġegħ lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex, f'għieħ it-trasparenza, tikkunsidra it-tliet kategoriji ta' aġenziji fir-rapport annwali li jmiss;
10. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri osservat titjib fir-rigward tad-dixxiplina finanzjarja meta mqabbla mas-sena finanzjarja 2006, iżda madankollu f'xi aġenziji l-oqsma ta' reklutaġġ u l-għoti ta' kuntratti pubbliċi għad għandhom dgħufijiet li jridu jiġu indirizzati mill-uffiċjali ta' awtorizzazzjoni;
11. Jiddeplora l-fatt li l-QEA sabet għal darb'oħra problemi serji fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli ta' kuntratti pubbliċi u r-Regolamenti tal-Persunal f'bosta aġenziji; mhuwiex lest li jaċċetta li dawn id-dgħufijiet ippersistew għal bosta snin; jikkunsidra li r-reviżjoni tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 mhux se jwarrab dawn il-problemi u li hija meħtieġa bidla ġenerali tal-qafas legali;
12. Jinnota l-istqarrija tal-Kummissjoni li nġhata l-appoġġ kollu meħtieġ lil dawġ l-aġenziji li xtaqu jaqilbu għas-sistema tal-ABAC (Accrual Based Accounting); jinnota li l-aġenziji f'xi każijiet jikkunsidraw l-appoġġ bħala insuffiċjenti;

### Ippjanar u implimentazzjoni tal-baġit

13. Jinnota li din il-kwistjoni li l-aġenziji jagħtu stima oġhla tal-ħtiġijiet finanzjarji tagħhom, għet indirizzata fil-verżjoni riveduta tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, li fiha dispożizzjonijiet li jsaħħu l-obbligu tal-aġenziji li, fit-talbiet tagħhom għal pagament, jagħtu previżjonijiet rigorużi tal-ħtiġijiet finanzjarji reali tagħhom matul is-sena, sabiex tiġi evitata *cash flow* bla bżonn;
14. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra tnaqqis tekniku sabiex jitnaqqas l-eċċess fil-każ ta' rati baxxi ta' implimentazzjoni u rati għoljin persistenti ta' postijiet battala, li wkoll se jwasslu għal tnaqqis tad-dħul assenjat;
15. Jinnota, f'dan il-kuntest, id-diffikultajiet tal-aġenziji deċentralizzati fir-reklutaġġ ta' persunal u esperti bi kwalifiki għoljin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Uffiċju Ewropew ta' Selezzjoni tal-Persunal biex isaħħu l-isforzi ta' appoġġ tagħhom;

<sup>(1)</sup> Ara l-argumenti żviluppati fl-Istudju dwar il-kwittanza tal-Aġenziji mill-Unità ta' Appoġġ għall-Baġit tal-Parlament Ewropew, Diċembru 2006.

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tkompli bl-iskrutinju tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji għall-2008 u l-2009 u sabiex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa għall-proposti tal-baġit tal-aġenziji;
17. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni, li mill-Abbozz Preliminari tal-Baġit (APB) tal-2009, se tieħu kont b'mod sistematiku tal-aħħar eċċessi magħrufa (fil-każ tal-APB 2009, dawk tas-sena n-2) meta tiġi kkalkulata l-kontribuzzjoni Komunitarja; sabiex tittejjeb it-trasparenza u l-effiċjenza, jistieden lill-Kummissjoni biex, bħala regola prinċipali, tipprovi informazzjoni dettaljata dwar il-proċeduri ta' kalkolu u ta' kontabilità ta' kull tip ta' dħul assenjat u disponibbli lill-aġenziji, speċifikament dak li jirriżulta mis-snin ta' qabel l-eċċessi;
18. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tissodisfa t-talbiet tal-awtorità baġitarja u tikkunsidra id-dħul allokati meta tkun qed tfassal il-PDB għall-aġenziji deċentralizzati għall-2009; jikkunsidra li dan, mingħajr dubju, huwa pass lejn żieda fit-trasparenza baġitarja;
19. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-użu attwali tal-istrumenti tad-dħul assenjat għadu jgħorr miegħu riskji għat-trasparenza baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda tal-fondi tal-UE sakemm l-estimi tad-dħul assenjat jibqgħu diffiċli u t-tipi differenti, is-snin ta' oriġini u l-proċeduri li jgħaddu d-dħul assenjat ma jippermettulhomx li jiġu integrati fl-ippjanar u l-ġestjoni tal-baġit b'mod ċar;
20. Jinnota li fl-2007, madwar EUR 550 000 000 tal-fondi għall-programmi Komunitarji ġew awtorizzati minn tliet aġenziji eżekuttivi; minbarra l-appropriazzjonijiet operattivi, EUR 47 000 000 intużaw għal skopijiet amministrattivi, jiġifieri għat-tħaddim tal-aġenzija eżekuttiva rispettiva; jinnota li 119-il aġent temporanju u 279 aġent kuntrattwali kienu operattivi f'dawn l-aġenziji;
21. Itenni l-fatt li l-ammonti meħuda mill-portafolli tal-programm operattiv jintużaw biex jiffinanzjaw operazzjonijiet amministrattivi biss; jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġits biex jissorvelja iktar mill-qrib l-iżviluppi futuri tal-prattika ta' *outsourcing* ta' xogħol amministrattivi tal-Kummissjoni;
22. Jinnota li l-Aġenzija ta' Provvista tal-Euratom taħdem bħala unità amministrattiva tal-Kummissjoni, u dan huwa rifless mill-isem baġitarju u mill-fatt li d-Direttur Ġenerali tagħha huwa membru tal-persunal tal-Kummissjoni;

### **Konformità mar-regolamenti finanzjarji u mar-Regolamenti tal-Persunal**

23. Jinnota li hija problema serja li numru ta' aġenziji huma ripetutament ikkritikati għaliex ma jsegwux ir-regoli bħar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, b'mod partikolari r-regoli tal-għoti tal-kuntratti u r-Regolamenti tal-Persunal; jinnota li r-raġuni prinċipali hija li r-regoli huma aktar imfassla għal istituzzjonijiet akbar u li bosta mill-aġenziji ż-żgħar m'għandhomx il-massa kritika biex ikunu jistgħu jlaħħqu ma' dawn ir-rekwiżiti regolatorji;
24. Jiddispaċiħ li l-Kummissjoni, minkejja talba tal-Parlament fir-risoluzzjonijiet ta' kwittanza tal-2006 dwar l-aġenziji, ma ppreżentatx soluzzjoni rapida u għalhekk jitlob għal darb'oħra lill-Kummissjoni biex issib soluzzjoni malajr sabiex tissaħħaħ l-effikaċja billi tiġbor flimkien il-funzjonijiet amministrattivi ta' aġenziji varji;
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi tagħha ħalli tipprovi l-għajnuna amministrattiva meħtieġa għal aġenziji relattivament żgħar u speċjalment dawk imwaqqfa dan l-aħħar; filwaqt li tikkunsidra l-esperjenzi negattivi mill-passat, jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li toħroġ fl-anqas żmien possibbli linji gwida speċjali għall-aġenziji rigward l-applikazzjoni ta' regoli finanzjarji, fir-rigward tar-reklutaġġ tal-persunal, ix-xiri pubbliku u oħrajn;
26. Se jevalwa b'reqqa, f'dan il-kuntest, l-istudju bl-isem "Opportunità u fattibilità tat-twaqqif ta' servizzi ta' appoġġ komuni għall-aġenziji tal-UE", ordnat mill-Kumitat għall-Baġits u mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

### **Verifika Interna**

27. Jinsab sodisfatt li s-servizz tal-verifika interna tal-Kummissjoni, fir-rapport annwali tiegħu dwar l-attività fl-2007, neħħa r-riżerva tiegħu mis-sena ta' qabel, meta ddikjara li ma kienx f'pożizzjoni li jivverifika lil kull aġenzija operattiva deċentralizzata darba fis-sena minħabba nuqqas ta' riżorsi;

28. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni pragmatika bejn l-awditur intern tal-Kummissjoni u l-awdituri interni u persuni oħra responsabbli mill-verika interna fl-aġenziji;
29. Ifakkar li l-Parlament talab lill-aġenziji, fir-Riżoluzzjonijiet tiegħu ta' kwittanza tal-2006 dwar l-aġenziji, jekk u kif dawn jikkonformaw mal-obbligu tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, biex jibagħtu rapport annwali dwar il-verifiki interni lill-awtorità ta' kwittanza u lill-Kummissjoni; jiddispijaci li, minkejja li 21 aġenzija huma suġġetti għall-proċedura ta' kwittanza tal-2007, il-Parlament irċieva rapporti bħal dawn minn żewġ aġenziji biss (iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali u l-Aġenzija għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni);

#### **Evalwazzjoni tar-rendiment tal-aġenziji**

30. Josserva s-segwitu tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2006 dwar l-aġenziji u li f'Settembru 2008 din iffinalizzat dan li ġej:
  - (a) perspettiva ġenerali tal-evalwazzjoni tal-aġenziji deċentralizzati Ewropej, li tipprovdi lista ta' aġenziji li diġà ġew evalwati u sommarju tar-riżultati ewlenin;
  - (b) dokument dwar il-qagħda u l-ippjanar fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-aġenziji deċentralizzati; u
  - (c) "Meta-studju dwar Aġenziji deċentralizzati: analiżi trasversali tas-sejbiet tal-evalwazzjoni", imħejji minn kuntrattur estern;
31. Jinsab konvint li l-evalwazzjoni tal-aġenziji deċentralizzati mnedija u sorveljata mill-Kummissjoni, u li għandha titlesta sa tmiem l-2009, se tikkontribwixxi fl-evalwazzjoni tan-nuqqasijiet tal-aġenziji; jinsab sodisfatt li l-Kummissjoni waqqfet grupp ta' referenza biex jiġi mniedi dan l-istudju;
32. Ifakkar fl-evalwazzjoni orizzontali tal-Kummissjoni tal-aġenziji deċentralizzati msemmija fil-Komunikazzjoni tagħha ta' hawn fuq, li r-riżultati tagħha għandhom ikunu disponibbli sal-2009-10; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li evalwazzjonijiet ta' aġenziji jsiru aktar trasparenti, kemm għall-aġenziji kif ukoll għall-partijiet interessati;

#### **Proċeduri dixxiplinari**

33. Ifakkar li l-Parlament fir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza tiegħu tal-2006 rigward l-aġenziji, stieden lill-aġenziji biex jikkunsidraw t-twaqqif ta' bord dixxiplinari bejn l-aġenziji; jinnota li sar progress, iżda li fadal id-diffikultajiet, b'mod partikulari minħabba problemi biex jinsab persunal li għandu l-livell adattat biex ikun membru fuq il-bord; jistieden lill-aġenziji biex jinfurmaw lill-awtorità ta' kwittanza jekk il-bord dixxiplinari bejn l-aġenziji jkunx fattibbli jew le u, jekk meħtieġ, jissuġġerixxu soluzzjoni alternattiva;

#### **Ir-Rapport Speċjali Nru 5/2008 tal-QEA**

34. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pubblikazzjoni f'waqtha tar-rapport tal-QEA msemmi hawn fuq, u jħeġġeġ lill-aġenziji deċentralizzati biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fir-rapport kif ukoll jieħdu azzjonijiet konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA;
35. Ifakkar li l-atti bażiċi tal-aġenziji tal-UE għandhom jinkludu definizzjoni ċara tal-ħidmiet u tal-kompetenzi tagħhom u jinkludu enfasi fuq l-approċċ ibbażat fuq ir-riżultati tax-xogħol tal-aġenziji;
36. Jenfasizza li l-aġenziji għandhom ifasslu programmi ta' ħidma pluriennali skont l-istrateġija pluriennali tal-Komunità fis-settur; il-programm relevanti ta' ħidma annwali għandu jstabbilixxi għanijiet ċari, speċifiċi u li jistgħu jitkejlu, li mbagħad għandhom jiffurmaw il-bażi ta' azzjonijiet, riżorsi, approċċi u kalendarji li jiggwarantixxu l-kisba tar-riżultati mistennija; jenfasizza li l-programm ta' ħidma għandu jirrispetta l-limiti tal-baġit tal-aġenzija kif awtorizzat mill-awtorità baġitarja;

37. Jitlob li l-bordijiet ta' ġestjoni tal-Aġenziji tal-UE jiksbu konverġenza massima bejn l-ippjanar tal-ħidma u l-ippjanar tar-riżorsi (finanzjarji u umani) billi jintroduċu baġit u mmaniġġjar ibbażat fuq l-attività (ABB/ABM) u jenfasizza li l-aġenziji huma suġġetti għall-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda u dixxiplina baġitarja;
38. Jinnota li l-ħidma ta' kull aġenzija għandha tkun akkumpanjata b'evalwazzjoni tar-riskju sabiex in-nefqa kif ukoll l-immaniġġjar tar-riżorsi umani jkunu ottimali;
39. Jirrakomanda li l-QEA tkompli l-verifika perijodika tal-rendiment tal-aġenziji, iżda li tiffoka saħansitra aktar fuq l-effiċjenza interna tal-aġenziji u li tevalwa kemm ir-rakkomandazzjonijiet tagħha huma milħuqa;

#### **Djalogu interistituzzjonali dwar qafas komuni għall-aġenziji**

40. Ifakkar fis-suġġeriment li sar fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq, li l-grupp ta' ħidma interistituzzjonali għandu jindirizza, fost affarijiet oħra, il-ħtieġa għal approċċ standard ta' preżentazzjoni tal-attivitajiet tal-aġenziji matul is-sena finanzjarja kkonċernata;
41. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti, meħuda fit-18 ta' Diċembru 2008, biex jinħatru 5 Membri għad-delegazzjoni tal-Parlament għall-grupp ta' ħidma interistituzzjonali dwar l-irwol tal-aġenziji regolatorji;
42. Jikkunsidra ir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq dwar strateġija favur l-implimentazzjoni futura tal-aspetti istituzzjonali tal-Aġenziji Regolatorji bħala mandat għad-delegazzjoni tal-Parlament li qed taħdem fil-grupp ta' ħidma interistituzzjonali;
43. Jinsisti dwar il-bżonn li jiġu stabbiliti standards minimi komuni fir-rigward tat-twaqqif ta' aġenziji deċentralizzati fil-futur;
44. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-aġenziji biex sadanittant jagħmlu disponibbli d-dokumentazzjoni finanzjarja prodotta mill-aġenziji b'mod sħiħ, komparabbli u aġġornata fuq il-websajt komuni mnedija mill-Kummissjoni u mill-aġenziji deċentralizzati fuq l-intranet tal-Kummissjoni;
45. Jistieden lill-grupp ta' ħidma interistituzzjonali, fid-dawl tal-eżerċizzju ta' kwittanza tal-2007, biex jikkunsidra:
  - ir-raġunijiet għall-problemi tal-implimentazzjoni tal-baġit, b'mod partikolari n-nuqqas ta' approċċ minn fuq għal isfel li jikkonċerna l-baġits u l-persunal tal-aġenziji,
  - il-problema, rikorrenti f'ħafna aġenziji, tan-nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' reklutaġġ u tal-għoti tal-kuntratti,
  - il-lezzjonijiet miksuba mill-esperjenza speċifika tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi relatati ma' aġenziji,
  - il-mod kif l-implimentazzjoni ta' politiki minn aġenziji tista' ssir aktar effiċjenti fir-rigward tan-nefqa, pereżempju billi l-funzjonijiet amministrattivi ta' aġenziji varji jiġu miġbura flimkien,
  - il-mod kif il-funzjonijiet u s-servizzi ta' appoġġ differenti tal-Kummissjoni jistgħu jsiru aktar reattivi sabiex jirrispondu aktar malajr għall-bżonnijiet tal-aġenziji;
46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-aġenziji suġġetti għal din il-proċedura ta' kwittanza, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.



2009/638/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima VII – Kumitat tar-Regġuni ..... 85
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima VII – Kumitat tar-Regġuni..... 86

2009/639/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 Taqsima VIII – l-Ombudsman Ewropew ..... 89
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar kwittanza fir-rigward tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima VIII – l-Ombudsman Ewropew..... 90

2009/640/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima IX – Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ..... 93
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima IX - Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data..... 94

2009/641/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza rigward l-implimentazzjoni tal-baġit għas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007 ..... 96
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2007 ..... 98

2009/642/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar l-għeluq tal-kontijiet tas-Seba', it-Tmien u d-Disa' Fondi Ewropej ta' Żvilupp għas-sena finanzjarja 2007 ..... 110

2009/643/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 dwar il-kwittanza b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007 ..... 112
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2007 ..... 113



**PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)**

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(\*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR  
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR  
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali* L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jkktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-*Ġurnal Uffiċjali* (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih il-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-*Ġurnal Uffiċjali*. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Bejgħ u Abbonamenti**

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fil-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-ligġiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Blex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 F-Lussemburgu  
L-LUSSEMBURĠI

MT